

# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 100**
**RANDAN 1999**

Reference

# BULETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 100** **Randan 1999**

## WERREJ

Enċiklika *Fedes et Ratio* .......... 215
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Paċi .......... 296
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Morda .......... 308
Messaġġ tal-Papa għar-Randan .......... 312
Messaġġ tal-Papa liż-Żgħażagħ .......... 315
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Vokazzjonijiet .......... 322
Digriet *Incarnationis Mysterium* .......... 328
Kundizzjonijiet għar-rebħ ta' l-Indulġenza tal-Ġublew .......... 342
Il-ħsara u l-imwiet bid-droga .......... 345
Digrieti tal-Konferenza Episkopali .......... 346
Messaġġi ta' l-Arċisqof .......... 348
Ċirkularijiet tal-Kurja .......... 371
Komunikati ta' l-Uffiċċju Stampa .......... 379
Nomini ġodda .......... 392
Eżempju ta' Omelija .......... 393

Issettjat u stampat: Media Centre, Blata l-Bajda, 1998

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 100** **Randan 1999**

# Enċiklika
# FIDES ET RATIO
# tal-Papa Ġwanni Pawlu II

### Ir-relazzjoni li għandu jkun hemm bejn il-Fidi u r-Raġuni

Il-fidi u r-raġuni qishom iż-żewġ gwienaħ li bihom l-ispirtu tal-bniedem jogħla biex jikkomptempla l-verità. Hu Alla nnifsu li nissel fil-qalb tal-bniedem ix-xewqa għall-għarfien tal-verità u fl-aħħar mill-aħħar għall-għarfien ta' Alla wkoll biex huwa u jagħraf 'l Alla jħobbu u jasal ukoll għall-verità sħiħa tiegħu nnifsu (ara Eż 33, 18; Salm 27/26, 8-9; 63/62, 2-3; Ġw 14, 8; 1 Ġw 3, 2).

## Daħla

## "AGĦRAF LILEK INNIFSEK"

1. Kemm fil-lvant u kemm fil-punent tad-dinja nistgħu nintebħu b'mixja li tul il-mijiet tas-snin wasslet lill-bniedem biex pass pass jiltaqa' mal-verità u jagħrafha. Din il-mixja seħħet – u ma setax ikun mod ieħor – fi ħdan il-kuxjenza ta' kull bniedem: aktar ma l-bniedem għaraf lid-dinja madwaru, aktar għaraf lilu nnifsu fin-natura waħda tiegħu, waqt li dejjem aktar beda jistaqsi lilu nnifsu x'inhu l-ħolqien u x'inhu hu fih innifsu. Dan għaliex kull ma nsiru nafu, isir parti minn ħajjitna stess. It-twissija *Gnothi seauton* (għaraf lilek innifsek) minquxa fuq il-blata tal-portiku tat-tempju ta' Delfi hi xhieda tal-verità fondamentali li trid tiġi milqugħa mill-bniedem bħala l-ewwel regola, jekk irid jintgħażel mill-bqija tal-ħlejjaq bħala "bniedem", jiġifieri bħala "dak li jagħraf lilu nnifsu".

Ħarsa sinċiera lejn il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi juru b'mod l-aktar ċar li f'ħafna naħiet tad-dinja, bil-kulturi differenti tagħhom, insibu dejjem fl-

istess żmien dawk il-mistoqsijiet fondamentali dwar il-ħajja tal-bniedem; *Jien min jien? Minn fejn ġej? Fejn sejjer? Għax hawn id-deni fid-dinja? X'se nsibu wara din il-ħajja?* Dawn il-mistoqsijiet insibuhom fil-Kotba Mqaddsa ta' Israel, u nsibuhom wkoll fil-kitbiet *Vega* u f'dawk *Avesta;* huma wkoll fil-kitbiet tal-Konfuċju u ta' Lao-Tze l-istess kif insibuhom fix-xandir ta' Tirthankara u ta' l-istess Budda; jidhru wkoll fil-kantiċi ta' Omeru, fit-traġedji ta' Ewripide u ta' Sofokle, kif ukoll fit-trattati filosofiċi ta' Platone u ta' Aristotele. Dawn il-mistoqsijiet kollha joħorġu minn dik il-ħerqa li dejjem kellu l-bniedem li jkun jaf x'inhu fih innifsu: mit-tweġib li jingħata lil dawn il-mistoqsijiet tiddependi x'direzzjoni tieħu l-ħajja tal-bniedem.

2. Il-Knisja m'hijiex barranija u lanqas ma tista' tkun, għal dan l-istħarriġ. Minn meta, permezz tal-misteru ta' l-Għid, kisbet bħala don l-ogħla verità dwar il-ħajja tal-bniedem, il-Knisja bdiet il-mixja tagħha mit-triqat kollha tad-dinja tħabbar 'l Kristu bħala "t-triq, il-verità u l-ħajja" (ara Ġw 14, 6). Fost il-qadi kollha li l-Knisja tista' toffri lill-bnedmin, żgur tagħraf li hu dmir proprju tagħha *id-djakonija tal-verità.*[1] Dan id-dmir min-naħa juri li l-komunità ta' dawk li jemmnu għandha sehem fil-ħidma tal-bnedmin kollha ħa jiksbu l-verità;[2] min-naħa l-oħra il-komunità ta' dawk li jemmnu hi fid-dmir li tħabbar il-veritajiet ċerti li kisbet, fl-għarfien ukoll li kull verità li tinkiseb hi pass 'il quddiem lejn dik il-verità sħiħa li għad tidhrilna fl-aħħar rivelazzjoni ta' Alla: "Bħal issa naraw bħallikieku f'mera, mċajpar; imma mbagħad naraw wiċċ imb'wiċċ. Issa nagħraf biċċa: imbagħad nagħraf kif jien magħruf issa" (1 Kor 13, 12).

3. Ħafna huma l-mezzi li għandu l-bniedem biex jimxi 'l quddiem fl-għarfien tal-verità u hekk itejjeb il-qagħda tiegħu bħala bniedem ħa tkun dejjem tixraqlu aktar. Fost dawn il-mezzi hemm il-*filosofija* li tgħin direttament kif għandha ssir il-mistoqsija dwar it-tifsir tal-ħajja u kif tfassal it-tweġiba għaliha. Għalhekk titqies bħala waħda mill-ħidmiet l-aktar nobbli tal-bniedem. Il-kelma *filosofija* hi kelma griega u tfisser "imħabba għall-għerf". Il-filosofija bdiet u ġiet 'il quddiem meta l-bniedem beda jistaqsi lilu nnifsu minn fejn ġejjin il-ħlejjaq u fejn sejrin. Il-filosofija, b'ħafna suriet u b'ħafna manjieri turi li x-xewqa għall-verità hi parti mill-istess natura tal-bniedem. Hi proprjetà imnissla fir-raġuni tal-bniedem

1. Fl-enċiklika *Redemptor hominis* kont ktibt: "Aħna msehbin fil-missjoni tal-profeta Ġesù u minħabba din il-missjoni miegħu aħna qed naqdu l-verità divina fil-Knisja. Din ir-responsabbiltà dwar il-verità tfisser wkoll li wieħed irid iħobbha u jifhimha dejjem aħjar, ħa jġibha dejjem aktar qrib tiegħu u ta' l-oħrajn bil-qawwa kollha tagħha għas-salvazzjoni, bid-dija kollha tagħha, fl-għoli u s-sempliċità kollha tagħha (n. 19).
2. *Gaudium et spes,* 16.

għaliex kull ħaġa hi dik li hi, ukoll jekk it-tweġiba li ftit ftit tingħata skond il-ħafna kulturi tal-bniedem, dejjem iuri kif dawn b'xi mod huma komplementari għal xulxin.

Il-filosofija kellha qawwa liema bħalha fit-tfassil u l-progress tal-kultura fid-dinja tal-punent, iżda dan ma għandux inessina kemm influwenzat ukoll il-fehma dwar il-ħajja tal-bniedem li nsibu fid-dinja tal-lvant. Kull poplu għandu l-għerf oriġinali proprju tiegħu li hu veru teżor ta' kultura, u jfittex li jfisser lilu nnifsu b'suriet li mbagħad jsiru tassew filosofiċi. Kemm hu veru dan jidher ukoll mill-fatt li s-sura fondamentali ta' l-għerf filosofiku, ukoll fi żminijietna, nistgħu narawha f'dak li jitolbu l-liġijiet nazjonali u internazzjonali li bihom hi regolata l-ħajja soċjali.

4. Hu x'inhu, irridu niftakru li f'kelma waħda jista' jkun hemm moħbija ħafna tifsiriet. Għalhekk meħtieġa kjarifikazzjoni mill-bidu. Il-bniedem imxennaq li jkun jaf l-aħħar verità dwar il-ħajja, ifittex li jikseb dak it-tagħrif universali li jgħinu jifhem aħjar lilu nnifsu u jimxi dejjem aktar 'il quddiem fil-perfezzjoni tiegħu nnifsu. Dan it-tagħrif joħroġ minn dak l-*istgħaġib* li tqanqal fih il-kontemplazzjoni tal-ħolqien: il-bniedem jistgħaġeb jara lilu nnifsu mdaħħal f'nofs il-ħlejjaq kollha, flimkien ma' bnedmin oħra bħalu, u li jaqsmu l-istess xorti miegħu. Minn hawn tibda l-mixja li twasslu biex isib dejjem aktar oqsma ġodda ta' għerf. Jekk il-bniedem ma jistgħaġibx, jispiċċa biex jaqa' f'sura ta' ħajja dejjem l-istess u bil-mod il-mod jitlef il-ħila li jgħix ħajja verament personali.

Il-kapaċità li taħseb, li hi proprja ta' l-intellett tal-bniedem, twassal, permezz tal-filosofija, biex il-bniedem jfassal għalih sura eżatta kif jaħseb, loġikament koerenti f'dak li jgħid u ordnat fi ħsibijietu, u hekk ikun sistematiku f'dak li jgħid. B'dan il-mod, fil-ħafna suriet ta' kulturi u fi żminijiet differenti inkisbu riżultati li wasslu għal sistemi tajbin ta' ħsieb. Iżda storikament ġara li dan wassal lil xi wħud biex sistema waħda ta' filosofija iqisuha bħala l-filosofija kollha. Jidher li f'każijiet bħal dan, ikun hemm sura ta' "suppervja filosofika" li tipprova tqis li d-dehra imperfetta li qed tara, bħallikieku għandha tifsira universali. Fil-fatt kull sistema filosofiku, waqt li għandu jkun rispettat fis-sħuħija kollha tiegħu, mingħajr ebda strumentalizzazzjoni, għandu jagħti l-ewwel post lill-*ħsieb* filosofiku fih innifsu għax minnu jrid jibda u lilu jrid jaqdi kif jixraq.

B'dan il-mod, għalkemm jinbidlu ż-żminijiet u jikber it-tagħrif, għandna nammettu li hemm qalba ta' fehmiet filosofiċi li għandna dejjem insibuhom fl-istorja tal-ħsieb tal-bniedem. Bħala eżempju biżżejjed naħsbu fuq il-prinċipju ta' non-kontradizzjoni, ta' finalità, ta' kawżalità u wkoll il-fehma tal-persuna bħala suġġett ħieles u intelliġenti, bil-ħila li jagħraf lil Alla,

il-verità u t-tjieba, u nistgħu naħsbu ukoll fuq xi normi morali fundamentali li tista' tgħid huma aċċettati minn kulħadd. Dawn l-argumenti u oħrajn juru li, 'l hemm minn kull skola ta' ħsieb, tinsab ġabra ta' tagħrif li fih nistgħu naraw sura ta' patrimonju spiritwali ta' l-umanità. Qisu li għandna quddiemna xi *filosofija impliċita* li l-prinċipji tagħha kull bniedem iħoss li għandu, għalkemm magħrufin biss b'mod ġeneriku u mhux bil-ħsieb. Għax dan it-tagħrif, tista' tgħid jaċċettah kulħadd, jista' jservi bħala il-post fejn jistgħu jiltaqgħu ma' xulxin l-ħafna skejjel filosofiċi. Meta r-raġuni tagħraf sewwa u tfisser dawn il-prinċipji universali primarji dwar l-eżistenza tista' toħroġ konklużjonijiet li jkunu koerenti kemm fl-ordni loġiku u kemm fl-ordni deontoloġiku u tkun tista' għalhekk titqies bħala raġuni retta, kif kienu jsejħulha l-antiku *orthos logos*.

5. Il-Knisja min-naħa tagħha, ma tistax ma tqiesx is-siwi kbir ta' l-impenn tar-raġuni biex jinkisbu dawk l-għaniet li permezz tagħhom il-ħajja tal-bniedem issa issir aktar tixraqlu. Fil-filosofija tinsab it-triq li twassal għall-għarfien tal-veritajiet ewlenin dwar l-eżistenza tal-bniedem. Fl-istess waqt il-Knisja tqies il-filosofija bħala mezz mill-aktar meħtieġ biex il-fidi tiftiehem aktar fil-fond u biex twassal il-verità ta' l-Evanġelju lil dawk li għadhom ma jafuhiex.

Għalhekk wara inizjattivi bħal dawn li ħadu l-Papiet ta' qabli, jien ukoll xtaqt naħseb ftit fuq din il-ħidma speċjali tar-raġuni tal-bniedem. Wassalni għal dan l-aktar il-fatt li naf sewwa li f'dawn l-aħħar żminijiet ir-riċerka għall-veritajiet l-aktar għoljin deher li ddallam xi ftit. Żgur li l-filosofija ta' llum jistħoqqilha kull tifħir għaliex ħsibijietha huma dwar il-bniedem innifsu.

Minn dan il-bidu, ir-raġuni tal-bniedem, bil-ħafna mistoqsijiet tagħha, dejjem aktar żviluppat ix-xewqa tagħha ħa tkun taf aktar, u aktar fil-fond. Hekk inbnew sistemi aktar komplessi ta' duttrina li taw riżultati f'kull qasam ta' l-għerf u għenu għall-progress tal-kultura u ta' l-istorja. L-antropoloġija, il-loġika, ix-xjenzi naturali, l-istorja, il-lingwistika; anzi, b'mod jew ieħor ġie mħaddan l-għerf kollu tal-bniedem. Iżda ir-riżultati li nkisbu ma għandhomx iwasslu biex ma jtqiesx il-fatt li r-raġuni, medhija minn naħa tagħha biss fir-riċerka dwar il-bniedem, nsiet li l-bniedem hu dejjem imsejjaħ biex ifittex il-verità li hi ħafna 'l fuq minnu. Meta jonqos l-interess f'din il-verità, kull bniedem isir vittma tal-kapriċċi tiegħu, u l-qagħda tiegħu bħala persuna tispiċċa biex titqies skond kriterji prammatiċi mibnijin biss fuq dak li tagħti l-esperjenza, skond il-fehma żbaljata li t-teknoloġija għandha taħseb fuq kollox. Jiġri mbagħad, li r-raġuni aktar milli turi l-ħerqa tagħha għall-verità, imtaqqla bil-piż ta' tant tagħrif, tingħalaq fiha nfisha u minn jum għall-ieħor titlef il-ħila

li togħla 'l fuq u tissogra biex tasal tagħraf il-verità ta' l-eżistenza. Il-filosofija l-aktar reċenti, ma baqgħetx tistħarreġ l-eżistenza, u fittxet biss li tkun taf il-bniedem. B'hekk ftit użat il-fakoltà mogħtija lill-bniedem biex jagħraf il-verità, u ppreferit tistħarreġ il-kapaċitajiet limitati u kondizzjonati tiegħu.

Minn hawn ħarġu ħafna suriet differenti ta' anjostiċiżmu u ta' relattiviżmu u wasslu biex ir-riċerka filosofika tintilef u taqa' fil-qagħda mhux soda tax-xettiċiżmu universali. Dan l-aħħar ukoll xterdu għadd ta' duttrini li waslu biex inaqsu s-siwi ukoll ta' dawk il-veritajiet li l-bniedem dejjem qies li żgur kisibhom. Il-pluraliżmu leġittimu illum ċeda quddiem pluraliżmu ieħor xejn ċert, bażat fuq prinċipju li l-opinjonijiet kollha għandhom l-istess valur: dan juri kemm hi mxerrda l-fehma li qed tidher spiss 'l hawn u 'l hemm li wieħed ma jistax jafda fil-verità. Dan in-nuqqas ta' fiduċja fil-verità insibuh f'ċerti fehemiet dwar il-ħajja li ġejjin mil-lvant; dawn jiċħdu n-natura proprja tal-verità, għax jaħsbu li l-verità turi ruħha bl-istess mod f'duttrini diversi wkoll jekk kontra xulxin u jikkontradixxu 'l xulxin. F'qagħda bħal din, kollox isir opinjoni. Qed jidher qisu moviment ta' tibdil dejjem sejjer: min-naħa r-riċerka filosofika ġa rnexxilha tidħol fit-triq li twassalha qrib il-ħajja tal-bniedem u s-suriet espressivi kollha tagħha; min-naħa l-oħra, din ir-riċerka filosofika qed tippretendi li tfisser problemi eżistenzjali, ermenewtiċi u lingwistiċi li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni fondamentali dwar il-ħajja tal-bniedem u l-eżistenza tiegħu u dwar Alla. Hu għalhekk li fil-bniedem ta' żmienna, deher, u mhux biss fost xi filosofi, nuqqas ta' fiduċja fil-kapaċità bla qjies tal-bniedem għal għerf. B'mistħija mhux f'lokha, illum wieħed jikkuntenta li jkun jaf parti mill-verità u għal xi żmien, u ma jħabrikx aktar jistaqsi fuqhiex mibnija, x'inhu t-tifsir finali tal-ħajja f'kull bniedem personali u soċjali. Milli jidher ma hemmx aktar tama li l-filosofija se tagħti tweġib għal dawn il-mistoqsijiet hekk fondamentali.

6. Il-Knisja b'dik l-awtorità li tiġiha mill-fatt li lilha ġiet fdata r-Rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, tixtieq tinsisti fuq il-ħtieġa tar-riflessjoni dwar il-verità. Għalhekk iddeċidejt nagħmel appell lilkom, ħuti meqjuma fl-episkopat, li magħkom għandi d-dmir li "nuri l-verità kollha" (2 Kor 4, 2), u napella wkoll lit-teologi li huma fid-dmir jistħarrġu l-aspetti diversi tal-verità, u lill-bnedmin kollha wkoll li qed ifittxu l-verità, u dan qed nagħmlu biex flimkien naħsbu dwar it-triq li għandha twassalna għall-għerf veru, biex kull min għandu għal qalbu l-imħabba għall-verità, jaqbad it-triq it-tajba li twasslu biex jiksibha u fiha jsib l-hena spiritwali u mistrieħ għat-taħbit tiegħu.

Inħossni mbuttat biex nagħmel dan l-aktar minħabba l-kliem tal-Konċilju Vatikan II li jgħid għall-Isqfijiet li huma "xhieda tal-verità divina u kattolika".[3] Lilna l-Isqfijiet ġie mogħti d-dmir li nagħtu xhieda għall-verità u dan id-dmir ma nistgħux inħalluh mingħajr ma nonqsu fil-ministeru li aċċettajna. Aħna u nwettqu il-verità tal-Fidi, nistgħu nagħtu lin-nies ta' żmienna fiduċja sħiħa fil-kapaċitajiet tagħhom li jagħarfu l-verità u nisfidaw l-istess filosofija biex terġa' tikseb u tiżviluppa id-dinjità kollha tagħha.

Raġuni oħra li tqanqalni biex infisser dawn il-ħsibijiet hu dak li ktibt fl-enċiklika *Veritatis splendor* meta għedt li xi "veritajiet fondamentali tad-duttrina kattolika jissugraw li jiġu mgħawwġin u miċħuda minħabba ċ-ċirkostanzi ta' żminijietna".[4] B'din l-enċiklika rrid inkompli nimmedita aktar fuq dan, biex nara x'inhi l-*verità* fiha nfisha u x'inhu l-*pedament* tagħha fejn tidħol il-*fidi*. Ma nistgħux niċħdu li dan iż-żmien tagħna hekk mgħaġġel u hekk kompless, jista' jħalli l-aktar liż-żgħażagħ, li tagħhom hu ż-żmien li ġej u minnhom jiddependi, li jħossu ruħhom neqsin minn ċerti prinċipji fondamentali li lejhom jistgħu jirrikorru ħa jkollhom tweġiba għall-mistoqsijiet tagħhom. Il-ħtieġa ta' xi pedament sod, li fuqu timbena l-ħajja ta' kull bniedem u tas-soċjetà kollha qed tinħass b'qawwa dejjem akbar, l-aktar meta jkun meħtieġ jitqiesu ċerti fehmiet li jagħtu importanza li ma għandux ikollu dak li jgħaddi u jintemm, waqt li jiċħdu li hemm xi kapaċità li jinkiseb il-veru sens tal-ħajja. Jiġri għalhekk li ħafna qed iwasslu ħajjithom f'xifer ta' rdum mingħajr ma jafu fejn sejrin. Xi kull tant jiġri wkoll lil dawk li huma fid-dmir jfissru ħsibijiethom f'sura ta' kultura, ma jħabirkux biex jfittxu l-verità għax iridu jirnexxu minnufih, minflok bis-sabar u t-taħbit jistħarrġu dak li jagħmel il-ħajja ta' min jgħixha. Il-filosofija għalhekk trid terġa tikseb il-vokazzjoni tagħha tal-bidu li hi d-dmir għoli li għandha li ssawwar il-ħsieb tal-bniedem u l-kultura tiegħu, billi bla heda tħeġġeġ lill-bniedem biex ifittex il-verità. Minħabba f'dan mhux biss ħassejt il-ħtieġa, imma wkoll id-dmir morali li nitkellem fuq din il-materja, biex il-ġens kollu tal-bnedmin huwa u riesaq lejn l-għatba tat-tielet elf sena nisranija, jagħraf aħjar il-kapaċitajiet li għandu u b'ħeġġa ġdida jwettaq il-pjan tas-salvazzjoni li hu mdaħħal ġrajjietu.

3. *Lumen gentium*, 25.
4. *Veritatis splendor*, 4.

# L-ewwel Kap

# IR-RIVELAZZJONI TA' L-GĦERF TA' ALLA

## Ġesù jirrivela l-Missier

7. F'kull riflessjoni tal-Knisja dejjem hemm l-għarfien li lilha ġiet fdata it-tħabbira ta' messaġġ ġej minn Alla nnifsu (ara 2 Kor 4, 1-2). Dan l-għerf hekk għoli li l-Knisja twassal lill-bniedem mhux ġej minn xi riflessjonijiet tagħha stess, imma mill-Kelma ta' Alla li tilqa' bil-Fidi (ara 1 Tes 2, 12). Fil-bidu tal-ħajja tagħna ta' Fidi hemm laqgħa, ma hemmx oħra bħalha, li turi fid-dawl kollu tagħha l-misteru li kien moħbi tul iż-żminijiet kollha (ara 1 Kor 2, 7; Rum 16, 25-26) u li issa ġie rivelat. "Alla fit-tjieba u l-għerf tiegħu, għoġbu juri lilu nnifsu u jgħarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu" (ara Ef 1,9) li biha l-bnedmin bi Kristu, il-Verb magħmul bniedem, fl-Ispirtu s-Santu, ikollhom dħul għand il-Missier u jkunu mseħbin fl-istess natura ta' Alla.[5] Dan hu xejn aktar minn don li ħareġ mingħand Alla u wasal għand il-bnedmin biex ikollhom is-salvazzjoni. Alla bħala għajn ta' mħabba jixtieq ikun magħruf, u l-għarfien li l-bniedem ikollu ta' Alla iwassal għall-perfezzjoni kull tagħrif li l-bniedem jista' jikseb dwar it-tifsir ta' ħajtu.

8. Jekk inqisu t-tagħlim li l-Kostituzzjoni *Dei Filius* tal-Konċilju Vatikan I, u nqisu wkoll il-prinċipji proposti fil-Konċilju ta' Trento, għandna insibuhom tista' tgħid kelma b'kelma fid-digriet *Dei Verbum* tal-Konċilju Vatikan II, li kompla jmexxi 'l quddiem il-mixja ta' mijiet ta' snin fl-*għarfien tal-Fidi,* huwa u jirrifletti fuq ir-Rivelazzjoni fid-dawl ta' dak li jgħidu l-Kotba Mqaddsa u dak li jgħidu l-Missirijiet kollha tal-Knisja. Fil-Konċilju Vatikan I l-Isqfijiet li ħadu sehem insistew fuq il-karattru soprannaturali tar-Rivelazzjoni ta' Alla. Il-kritika razzjonalista, li f'dak iż-żmien kienet kontra l-Fidi minħabba fehmiet qarrieqa mxerrda ma' kullimkien, kienet tiċħad kull tagħrif li ma jkunx inkiseb bil-qawwa tal-kapaċità naturali tar-raġuni. Dan wassal lill-Konċilju biex itenni bil-qawwa kollha li, barra l-għarfien kollu li jinkiseb mir-raġuni umana, li bil-kapaċità tagħha stess tista' tasal għall-għarfien tal-Ħallieq, hemm għarfien ieħor li hu proprju tal-Fidi. Dan l-għarfien hu mibni fuq il-verità li Alla jirrivela lilu nnifsu: verità li hi żgura fuq li żgura għax Alla la jqarraq u lanqas jitqarraq.[6]

5. *Dei Verbum,* 2.
6. *Dei Filius,* III.

9. Il-Konċilju Vatikan I għallem li l-verità li tinkiseb permezz tar-riflessjoni filosofika m'hijiex l-istess ħaga bħall-verità li tinkiseb mir-Rivelazzjoni, għalkemm dawn it-tnejn ma jeskludux lil xulxin u la waħda u lanqas l-oħra ma huma żejda. "Hemm żewġ suriet kif jinkiseb it-tagħrif li jingħażlu minn xulxin mhux biss skond il-prinċipju li fuqhom jimxu, imma wkoll għax l-oġġett tagħhom mhux l-istess; jekk niġu għall-prinċipju, f'sura waħda naslu għall-verità bil-kapaċità tar-raġuni naturali, waqt li fl-oħra nagħrfu l-verità b'Fidi divina; dwar l-oġġett imbagħad barra dak li nistgħu nifhmu bir-raġuni naturali tagħna, hemm wkoll dawk il-misteri moħbijin f'Alla li ma nistgħux inkunu nafuhom jekk Alla ma jirrivelahomx lilna."[7] Il-fidi li timbena fuq ix-xhieda ta' Alla u għandha l-għajnuna tal-grazzja soprannaturali hi ta' ordni ieħor, differenti minn dak ta' l-għarfien li tagħti l-filosofija. Dan l-għarfien filosofiku jimbena b'dak li jgħidulna s-sensi tagħna u l-esperjenza u jiġi 'l quddiem biss bid-dawl ta' l-intellett tagħna. Il-filosofija u x-xjenzi posthom hu fl-ordni naturali tar-raġuni, waqt li l-Fidi imdawwla u mmexxija mill-Ispirtu s-Santu tagħraf li fit-tħabbira tas-salvazzjoni hemm "il-milja tal-grazzja u l-verità" (ara Ġw 1, 14), li Alla ried jirrivela fil-ġrajja tal-bniedem b'mod definittiv permezz ta' Ġesù Kristu Ibnu (ara 1 Ġw 5, 9; Ġw 5, 31-32).

10. Fil-Konċilju Vatikan II l-Isqfijiet huma u jikkontemplaw 'l Kristu bħala Rivelatur, fissru x'kienet in-natura tar-Rivelazzjoni salvifika ta' Alla fl-istorja, u fissruha b'dan il-kliem: "F'din ir-Rivelazzjoni, Alla li ma jidhirx (ara Kol 1, 15; 1 Tim 1, 17), fil-kobor ta' l-imħabba tiegħu għall-bnedmin, ikellimhom bħala ħbieb (ara Es 33, 11; Ġw 15, 14-15), u joqgħod jitħaddet magħhom (ara Bar 3, 38), biex jistedinhom jissieħbu miegħu u jilqagħhom għandu. Dan il-pjan ta' Rivelazzjoni iseħħ permezz ta' ġesti u ta' kliem, marbutin ma' xulxin intimament hekk li l-għeġubijiet li Alla għamel fil-ġrajja tas-salvazzjoni juru u jsaħħu t-tagħlim u r-realtà mfissra bil-kliem, għax il-kliem iħabbar il-fatti u jdawwal il-misteru moħbi fihom. Permezz ta' din ir-Rivelazzjoni il-verità l-aktar għolja dwar Alla u s-salvazjoni tal-bniedem tiddi għalina fi Kristu, li hu fl-istess waqt medjatur u l-milja tar-rivelazzjoni kollha kemm hi.[8]

11. Ir-Rivelazzjoni ta' Alla daħlet fiż-żmien u fil-ġrajja tal-bniedem. Anzi l-inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu seħħet "fil-milja taż-żmien" (Gal 4, 4). Elfejn sena wara li seħħet din il-ġrajja, inħoss li għandi mill-ġdid intenni bil-qawwa kollha li: "Iż-żmien fil-Fidi nisranija għandu importanza mill-

7. *Ibid.* 4; *Gaudium et spes*, 59.
8. *Dei Verbun*, 2.

aqwa".[9] Fiż-żmien ħareġ għad-dawl il-ħolqien kollu u fiż-żmien l-opra tas-salvazzjoni, imma l-aqwa ħaġa li ħarġet fiż-żmien kien il-fatt li, bl-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla, aħna qed ngħixu u minn issa stess qed ingawdu l-milja taż-żmien li għad irid jiġi (ara Lhud 1, 2).

Il-verità li Alla ried jafda lill-bniedem dwaru u dwar ħajtu daħlet fiż-żmien u fil-ġrajja tal-bniedem: tħabbret darba għal dejjem fil-misteru ta' Ġesù ta' Nazzaret. Dan tgħidu bi kliem tassew milqut il-kostituzzjoni *Dei Verbum*: "Wara li Alla ħafna drabi u b'ħafna manjieri tkellem permezz tal-profeti, 'issa dan l-aħħar żmien huwa kellimna permezz ta' Ibnu stess' (Lhud 1, 1-2). Bagħat lil Ibnu, jiġifieri il-Verb etern li jdawwal 'il bnedmin kollha, biex jgħammar fost il-bnedmin u jirrivelalhom l-ħajja intima ta' Alla (ara Ġw 1, 1-18). Ġesù Kristu, ... il-Verb magħmul bniedem, 'bniedem mibgħut fost il-bnedmin' jitkellem 'il-Kelma ta' Alla' (Ġw 3, 34) u jtemm l-opra tas-salvazzjoni li l-Missier fdalu (ara Ġw 3, 36; 17, 4). Għalhekk hu, li min jara lilu jara l-Missier (ara Ġw 14,9), itemm u jwassal għas-sħuħija kollha tagħha r-Rivelazzjoni bil-preżenza u l-manifestazzjoni tiegħu, bil-kliem u l-għemil, bis-sinjali u l-mirakli, u l-aktar bil-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet u fl-aħħar bil-missjoni ta' l-Ispirtu tal-verità."[10]

Għall-poplu ta' Alla, l-istorja hi il-mixja li jrid jimxiha sat-tmiem tagħha biex il-verità rivelata turi milja ta' kull ma għandha fiha bil-ħidma dejjem sejra ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Ġw 16, 13). Dan tgħallmu l-kostituzzjoni *Dei Verbum* meta tgħid "Il-Knisja tul iż-żminijiet bla heda tersaq lejn il-milja tal-verità divina sakemm il-kelma ta' Alla sseħħ għal kollox fiha."[11]

12. L-istorja ssir il-post fejn nistgħu naraw x'għamel Alla għall-bniedem. Alla jersaq lejna f'dawk l-affarijiet li nafuhom sewwa u nistgħu naraw malajr humiex veri jew le, għaliex huma parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum, u mingħajrhom bilkemm inkunu nistgħu nifhmu lil xulxin.

L-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla twassalna biex naraw fis-sħuħija kollha tagħha is-sintesi tal-veritajiet ta' dejjem li moħħ il-bniedem bil-ħila tiegħu biss qatt ma jasal jaħsibhom. Dak li hu ta' dejjem jidħol fiż-żmien. Dak li hu kollox jinħeba f'biċċa, Alla jieħu wiċċ ta' bniedem. Il-verità mwassla bir-Rivelazzjoni ta' Kristu, ma għadhiex aktar magħluqa f'post wieħed u f'kultura waħda, imma hi miftuħa għal kull raġel u kull mara li jrid iħaddanha bħala kliem li jagħti tifsir siwi lill-ħajja. U issa fi Kristu

9. *Tertio Millenio Adveniente*, 10 Novembru 1994, 10.
10. n. 4.
11. n. 8.

kulħadd għandu dħul għal għand il-Missier; bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet Kristu ta bħala don il-ħajja ta' dejjem li Adam kien warrab minnu (ara Rum 5, 12-15). Permezz tar-Rivelazzjoni l-bniedem għandu l-verità sħiħa dwar ħajtu u dwar id-destin ta' l-istorja. "Hu biss fil-misteru tal-Verb magħmul bniedem li l-misteru tal-bniedem verament jiddi" tgħidilna l-Kostituzzjoni *Gaudium et Spes.*[12] Il-ħajja tal-bniedem, jekk ma narawhiex f'dan id-dawl, hi enigma li ma hemmx soluzzjoni għaliha. Fejn se jsib il-bniedem tweġib għall-ħafna mistoqsijiet li tassew iħassbuh, bħalma huma l-mistoqsijiet dwar in-niket, dwar it-tbatija ta' min hu bla ħtija, dwar il-mewt, jekk mhux fid-dawl li jiddi mill -misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien mill-imwiet ta' Kristu?

## Ir-raġuni quddiem il-misteru

13. Ma għandna qatt ninsew li r-Rivelazzjoni hi mimlija misteri. Veru li tul ħajtu kollha Ġesù wriena wiċċ il-Missier għax ġie biex jirrivelalna l-ħwejjeġ moħbija ta' Alla,[13] iżda l-għarfien li għandna ta' wiċċ il-Missier hu dejjem għarfien nieqes, ukoll minħabba l-limitazzjonijiet tagħna dwar dak li nistgħu nafu. Il-Fidi biss tgħinna nidħlu fil-qofol tal-misteru b'mod li nistgħu jkollna għarfien aktar koerenti tiegħu.

Il-Konċilju jgħallem li għandna nuru "l-ubbudjenza tal-Fidi" lil Alla li jirrivela lilu nnifsu lilna.[14] F'din l-affermazzjoni, ta' ftit kliem imma b'tifsir mill-aktar għoli, hemm dikjarazzjoni tal-verità fondamentali tal-fidi nisranija. L-ewwelnett jingħad li l-Fidi hija att ta' obbedjenza lil Alla. Dan jitlob li Alla jingħaraf fid-divinità tiegħu, fit-traxxendenza u fil-libertà suprema tiegħu. Alla li jgħarraf lilu nnifsu bl-awtorità tat-traxxendenza sħiħa tiegħu, juri wkoll li għandu jitwemmen kull ma hu jogħġbu jirrivela. Il-bniedem bil-Fidi tiegħu *jilqa' u jaċċetta* din ix-xhieda ta' Alla. Dan ifisser li hu jagħraf b'mod għal kollox sħiħ il-verità ta' kull ma jiġi rivelat għaliex hu Alla nnifsu li jagħti garanzija ta' dan. Din il-verità, li tingħata lill-bniedem, għalkemm ma jistax jippretendiha, għandha postha f'kontest ta' relazzjonijiet interpersonali, timbotta bir-raġuni biex tinfetaħ għaliha u tilqa' t-tifsir għoli tagħha. Minħabba f'dan, il-fatt li bih nafdaw ruħna lil Alla, il-Knisja dejjem qisitu bħala mument ta' għażla fondamentali li timpenja l-persuna kollha kemm hi tal-bniedem. L-intellett u r-rieda juru n-natura spiritwali tagħhom kollha kemm hi biex il-bniedem ikun jista'

12. n. 22.
13. *Dei Verbum,* 4.
14. *Ibid.* 5.

jaġixxi b'mod li jgħix il-libertà proprja tiegħu fil-milja kollha tagħha.[15] Fil-fidi għalhekk mhux biss hemm il-libertà imma hi meħtieġa. Hi l-Fidi li tagħti lil kull bniedem il-kapaċità li jgħix il-libertà tiegħu mill-aħjar li jista'. Fi kliem ieħor, il-libertà ma sseħħx meta jsiru għażliet kontra Alla. Kif jista' jkun hemm vera libertà jekk ma jkunx hemm ir-rieda għall-ftuħ lejn Dak li jwassal il-bniedem biex ikun jaf sewwa lilu nnifsu? Il-bniedem, meta jemmen, ikun jagħmel att li jkun ta' l-aqwa tifsir f'ħajtu; b'hekk il-libertà tikseb il-verità ċerta tagħha u tagħżel li tgħix fiha.

Fl-għajnuna lir-raġuni li tipprova tifhem il-misteru, hemm ukoll is-sinjali li tagħtihomlna r-Rivelazzjoni stess. Jgħinuha biex tfittex il-verità aktar fil-fond għax jgħinu l-moħħ jistħarreġ minnu nnifsu wkoll fil-qalba tal-misteru. Hu x'inhu, dawn is-sinjali jista' min-naħa jagħtu qawwa aqwa lir-raġuni għax jgħinuha tistħarreġ fil-qalba tal-misteru bil-mezzi tagħha stess, li tagħhom hi bir-raġun kollu għajjura, u min-naħa l-oħra jimbuttawha biex qisha tmur 'l hemm min-natura tagħhom ta' sinjali biex tagħraf it-tifsir aktar għoli li hemm fihom. Fihom tinsab moħbija verità li l-moħħ irid ifittex u minnha ma tistax titbiegħed mingħajr ma teqred l-istess sinjali mogħtijin lilha.

B'xi mod mela qed nerġgħu lura lejn in-natura *sagramentali* tar-Rivelazzjoni, u b'mod partikulari lejn is-sinjal ewkaristiku, li fih hemm rabta li ma tinħall qatt bejn il-verità u s-sinjal tagħha, u f'din ir-rabta nistgħu naraw kemm hu għoli dan il-misteru: fl-Ewkaristija jinsab preżenti u ħaj Ġesù Kristu nnifsu, u qiegħed jaħdem permezz ta' l-Ispirtu tiegħu; iżda kif ifisser sewwa San Tumas: "Dak li ma tarax jew tifhem, it-twemmin isaħħu u jwettqu, fuq kull ordni tan-natura. Taħt xbihat fejn aħna nilmħu mhux il-ħajja, imma s-sinjali, jinħbew ħwejjeġ hekk għeżież."[16] U l-filosofu Blaise Pascal jikteb: "Kif Kristu għex mhux magħruf fost il-bnedmin, hekk tibqa' il-verità tiegħu, bla ebda għażla fost tant fehmiet komuni. Hekk tibqa' l-Ewkaristija fost il-ħobż komuni."[17]

Fl-aħħar mill-aħħar, dak li tgħidilna l-Fidi ma jħassarx il-misteru; jagħmlu aktar evidenti, u juriħ bħala element essenzjali fil-ħajja tal-bniedem: Kristu l-Mulej "huwa u jirrivela l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu, juri lill-bniedem il-bniedem innifsu u jirrivelalu l-

15. L-ewwel Konċilju Vatikan jgħallem li l-ubbidjenza tal-fidi titlob l-impenn ta' l-intellett u tar-rieda. Għax il-bnedmin jiddependu għal kollox minn Alla bħala l-Ħallieq u s-Sid tagħhom, u r-raġuni maħluqa hi soġġetta għal kollox għall-verità mhux maħluqa, aħna obbligati nuru permezz tal-fidi, sottomissjoni sħiħa ta' l-intellett u tar-rieda lill Alla, (Konċ. Vat. I, *Dei Filius*, III).
16. Sekwenza tas-solennità ta' *Corpus*.
17. *Pensèes*, 789.

vokazzjoni għolja tiegħu"[18] li hi dik li jkun misieħeb fil-ħajja ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni.[19]

14. It-tagħlim taż-żewġ koncilji Vatikani jiftaħ dehra tassew ġdida għall-filosofija. Ir-Rivelazzjoni daħħlet fil-ġrajja tal-bniedem mument li l-bniedem ma jistax jgħaddi mingħajru, jekk irid jasal biex jifhem il-misteru tal-ħajja tiegħu; min-naħa l-oħra it-tagħrif ta' dan il-mument għandu relazzjoni dejjem sejra mal-misteru ta' Alla, li l-moħħ tal-bniedem qatt ma jista' jasal biex jifhmu kollu kemm hu, iżda jista' jarah u jħaddnu bil-fidi. Fi ħdan dawn iż-żewġ mumenti, ir-raġuni tal-bniedem għandha wesgħa biżżejjed fejn tista' timraħ u tifhem, għax ma hemm xejn li jxekkilha ħlief in-natura limitata tagħha quddiem il-misteru infinit ta' Alla.

Ir-Rivelazzjoni ddaħħal fil-ġrajja tagħna verità universali u aħħarija, li tqanqal moħħ il-bniedem biex ma jieqaf qatt jaħseb; anzi timbuttah biex dejjem aktar ikabbar l-għerf tiegħu sakemm jifhem sa fejn jista' jasal bil-ħila tiegħu, mingħajr ma jħalli xejn mhux magħruf. Biex jgħinna f'dawn ir-riflessjonijiet tagħna fuq din il-ħaġa, għandna wieħed mill-aqwa ġenji li miegħu niltaqgħu fil-ġrajja tal-bniedem, u li lilu jsibuh kemm il-filosofija u kemm it-toloġija, San Anselmu. Dan l-Arċisqof ta' Canterbury fil-*Proslogion* hekk jikteb: "Jiena u naħseb fuq din il-problema spiss u bl-impenn kollu, xi drabi stħajilt li ġa kont ksibt dak li kont infittex, iżda xi drabi dan kien jaħrabli għalkollox minn ħsibijieti u fl-aħħar qtajt qalbi u ridt nieqaf infittex ħaġa li kienet impossibbli li nsibha. Iżda meta ridt nwarrab minni għal kollox dan il-ħsieb, biex, minħabba l-impenn tiegħi fih, nkun nista' naħseb fuq problemi oħra li fuqhom stajt nimxi ħafna 'l quddiem, dan il-problema, irrid jew ma rridx, dejjem aktar kompla jimpenjani ... Miskin jien, wieħed mill-ħafna wlied imsejknin ta' Eva, 'il bogħod minn Alla. Xi bdejt nagħmel? Xi rnexxili nagħmel? X'fittixt? Xi ksibt? Xi ttamajt? Xi xtaqt? ... Mela, Mulej, m'intix biss dak li aqwa minnek ma jistax jinħaseb, anzi int aqwa minn kull ma jista' jinħaseb. Jekk m'intix hekk, wieħed jista' jaħseb f'xi hadd aqwa minnek, iżda dan ma jistax ikun."[20]

15. Il-verità tar-Rivelazzjoni nisranija li niltaqgħu magħha f'Ġesù ta' Nazaret, tħalli kull bniedem jara fiha il-"misteru" ta' ħajtu. Bħala verità għolja, hija u tħares l-awtonomija tal-ħlejjaq u l-libertà tagħhom, timpenjahom biex ikunu miftuħin għal dak li hu traxxendenti. Din is-

18. *Gaudium et spes,* 22.
19. *Dei Verbum,* 2.
20. *Proslogion, proemium,* u n. 1 u 15.

soluzzjoni bejn il-verità u l-libertà tidher sħiħa u tiftiehem b'mod sew ħafna fi kliem il-Mulej: "Tagħarfu l-verità u l-verità teħliskom" (Ġw 8, 32).

Ir-Rivelazzjoni nisranija qisha kewkba li turi t-triq lill-bniedem huwa u miexi 'l quddiem, fost il-ħafna tiġrib ta' ħsibijiet fuqu nnifsu u d-dieqa ta' loġika teknokratika. Hi l-aħħar possibbiltà mogħtija minn Alla lill-bniedem biex jagħraf il-milja kollha tiegħu u hi prova ta' l-imħabba, li bdiet mill-ħolqien. Il-bniedem li jrid jagħraf l-verità, jekk kapaċi jmur 'l hemm minnu innifsu u mill-fehmiet u x-xewqat kollha tiegħu, jista' jikseb relazzjoni vera ma' ħajtu jekk jaqbad it-triq tal-verità. Dwar din il-qagħda jiswa ħafna kliem id-Dewteronomju: "Din il-liġi li qiegħed nagħtik illum m'hijiex tqila għalik u anqas 'l bogħod minnek. M'hijiex fis-sema biex inti tgħid: Min se jitlagħlna fis-sema jġibhielna u jsemmagħhielna u nagħmluha? U anqas ma hi 'l hemm mill-ibħra u jġiebhielna u jsemmagħielna u nagħmluha? Imma din il-ħaġa hi qribek sewwa u f'fommok u f'moħħok, biex tagħmilha" (Dewt 30, 11-14). Dan il-kliem hu l-eku ta' kliem il-filosofu u teologu kbir u qaddis, Santu Wistin: "Toħroġx barra. Idħol fik innifsek. Il-verità tgħammar fil-bniedem ta' ġewwa."[21]

Minn dawn il-fehmiet niġu għall-ewwel konklużjoni; il-verità li nsiru nafu permezz tar-Rivelazzjoni m'hijiex il-frott misjur jew il-konkluzjoni ta' argument maħdum mir-raġuni tal-bniedem. Għall-kuntrarju tidher bħal don, li minnu nnifsu joħloq ħsieb u jfittex li jiġi milqugħ bħala sinjal ta' mħabba. Din il-verità rivelata tinsab fi ġrajjietna bħala għarfien minn qabel – antiċipazzjoni – tad-dehra definittiva ta' Alla fl-aħħar taż-żmien, dehra riservata għal dawk li jemmnu fih jew qed ifittxuh b'qalb sinċiera. Mela l-għan aħħari tal-ħajja ta' kull bniedem hu suġġett kemm tal-filosofija u kemm tat-teloloġija. It-tnejn, għalkemm b'mezzi diversi, juru "t-triq tal-ħajja" (ara Salm 16/15, 11) li, kif tgħidilna l-fidi, twassal fl-aħħar għall-hena bla tmiem fil-kontemplazzjoni ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni.

21. *De vera religione*, XXXIX, 72.

# It-tieni Kap

# EMMEN BIEX TIFHEM

## L-Għerf jaf kollox u kollox jifhem (ara Għerf 9, 11)

16. L-Iskrittura permezz ta' indikazzjonijiet tassew ċari, turi liema rabta hemm bejn l-għarfien li tagħti l-Fidi u l-għarfien li jiġi mir-raġuni. Dan l-aktar li juruh huma l-Kotba ta' l-Għerf. Dak li jolqot l-għajnejn fil-qari ta' dawn it-testi ta' l-Iskrittura, meta jinqraw bla ebda preġudizzju, huwa l-fatt li f'dawn it-testi ma nsibux biss il-Fidi ta' Iżrael, imma wkoll it-teżori ta' kulturi u ċiviltajiet li ilhom li ntemmu. Qisu skond pjan speċjali, l-ilħna ta' l-Eġittu u tal-Mesopotamja jerġgħu jsemmu leħenhom, u ċerti proprjetajiet tal-kulturi tal-Lvant ta' żmien il-qedem jerġgħu jieħdu l-ħajja fil-paġni ta' dawn il-kotba ta' l-Għerf, mimlijin b'għarfien ta' fehmiet tassew għoljin. Mhux b'kumbinazzjoni li l-kittieb mqaddes, huwa u juri min hu bniedem għaref, jgħid li hu dak li jħobb u jfittex il-verità: "Mbierek il-bniedem li ħsiebu fl-għerf, u jitkellem bil-għaqal. B'moħħu jifli triqatu u jikkunsidra l-ħwejjeġ mistura tiegħu. Joħroġ warajh bħal kaċċatur u joqgħodlu għassa fi triqatu. Jittawwal ġewwa mit-twieqi tiegħu, u jissemmagħlu mal-bwiebin tiegħu. Imur joqgħod ħdejn id-dar tiegħu, u jsammar il-kunjard mal-ħajt tiegħu. Maġenbu jtella' t-tinda tiegħu, u jgħammar fejn isib it-tajjeb. Iqiegħed lil uliedu għall-kenn tiegħu, u jgħammar taħt il-friegħi tiegħu. Taħtu jistkenn mis-sħana, u jmur joqgħod fil-glorja tiegħu" (Sir 14, 20-27).

Għall kittieb ispirat, kif qed naraw, ix-xewqa għall-għerf hi karatteristika tal-bnedmin kollha. L-intelliġenza twassal lil kull bniedem, jemmen jew ma jemminx, biex "jixrob mil-bir fond" (Prov 20, 5) ta' l-għerf. Żgur li Israel tal-qedem ma waslitx għall-għarfien tad-dinja u tal-fenomeni tagħha minn tħassib dwar x'inhi n-natura tal-ħlejjaq, kif għamlu l-filosofi Griegi jew l-għorrief Eġizzjani. Wisq anqas it-twajjeb Iżraelita ħaseb x'inhu l-għerf kif jaħsbu fid-dinja ta' llum, li għandha minn fejn dejjem aktar tfittex għax hemm ħafna taqsimiet ta' l-għerf. Iżda minkejja dan, id-dinja ta' l-Iskrittura wkoll wasslet il-kontribut oriġinali tagħha fil-baħar tassew wiesgħa ta' l-għerf kollu.

Dak li hu speċjali fit-testi bibliċi hi l-konvinzjoni li hemm rabta liema bħalha u dejjem sejra bejn dak li jingħaraf permezz tar-raġuni u dak li jingħaraf pemezz tal-Fidi. Id-dinja u kull ma jiġri fiha, u l-istorja u l-ġrajjiet tal-popli kollha huma fatti li jridu jiġu notati, analizzati u ġudikati permezz tar-raġuni, iżda l-Fidi ma tistax tiġi mwarrba minn dan il-proċess. Il-Fidi ma tindaħalx biex iddgħajjef l-awtonomija tar-raġuni jew tnaqqas l-

estensjoni tal-ħidma tagħha, imma biss biex turi lill-bniedem li fil-ġrajjiet kollha hemm Alla ta' Iżrael li jidher u juri l-ħidma tiegħu. Ma jistax jiġri għalhekk li d-dinja bil-ġrajjiet kollha tagħha tiftiehem sewwa jekk jonqos it-twemmin f'Alla li qed jaħdem fid-dinja u fi ġrajjietha.

Il-Fidi tqawwi l-għajn tar-ruħ biex il-moħħ jasal biex jintebaħ bil-preżenza tal-Provvidenza ta' Alla hija u taħdem fil-ġrajjiet tad-dinja. Ifisser ħafna dan il-kliem tal-Ktieb tal-Proverbi: "Il-bniedem jaħseb u jfassal triqtu, imma l-Mulej imexxih minnha" (Prov. 16, 9). Dan ifisser li l-bniedem, imdawwal mir-raġuni tiegħu jaf isib triqtu, iħaffef fiha u jasal sa l-aħħar tagħha bla tfixkil, jekk ifittixha bis-sinċerità kollha fid-dawl tal-Fidi. Għalhekk ir-raġuni u l-Fidi ma jistgħux jinfirdu minn xulxin biex il-bniedem ikun jista' jifhem b'mod xieraq lilu nnifsu, id-dinja, u lil Alla.

17. Għalhekk m'hemmx għalfejn ikun hemm pika bejn ir-raġuni u l-Fidi: waħda tinsab fl-oħra, u kull waħda minnhom għandha l-qasam proprju tagħha biex turi dak li hi. Hawn ukoll imexxina l-Ktieb tal-Proverbi meta jħabbar: "Hu ġieħ għal Alla li l-ħaġa jaħbiha, imma ġieħ għas-slaten li jikxfuha" (Prov 25, 2). Alla u l-bniedem fid-dinja proprja tagħhom jinsabu f'relazzjoni waħda bejniethom. Il-bidu ta' kull ħaġa hu minn Alla u fih tinsab il-milja tal-misteru: u dan hu glorja tiegħu; il-bniedem imbagħad hu fid-dmir li jfittex il-verità bir-raġuni tiegħu, u dan hu l-għemil nobbli tiegħu. Ma' dan il-mużajk is-Salmista jżid biċċa oħra meta jitlob: "Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, o Alla; Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom. Li kelli ngħoddom huma aktar mir-ramel; x'ħin nasal fl-aħħar, nkun għadni fil-bidu miegħek" (Salm 139/138, 17-18). Ix-xewqa għall-għerf hi hekk kbira u taħdem b'qawwa hekk kbira li l-ispirtu tal-bniedem, għalkemm jaf sewwa sa fejn jista' jasal, għandu ħerqa kbira li jikseb dak il-għana li hu ħafna 'l fuq minnu għax jintebaħ li f'dan il-għana hemm it-tweġib li jissodisfah għal kull kwistjoni li għalissa ma hemmx soluzzjoni għaliha.

18. Mela nistgħu ngħidu li Iżrael bir-riflessjonijiet tiegħu, għaraf bir-raġuni kif jaqbad it-triq li twassal għall-misteru. Permezz tar-Rivelazzjoni ta' Alla, Iżrael sata' jersaq lejn dak l-għoli li fittex jikseb mingħajr ma rnexxilu bir-raġuni tiegħu biss. Minn din is-sura aktar perfetta ta' għarfien il-poplu magħżul ta' Alla fehem li r-raġuni kien jeħtiġilha tħares xi normi ewlenin li bihom turi aħjar x'inhi n-natura proprja tagħha. L-ewwel norma hi li r-raġuni trid tħaddan din il-verità li l-bniedem għandu mixja quddiemu li jrid jimxiha b'mod li qatt ma jieqaf; it-tieni norma tiġi mill-għarfien li wieħed ma jistax jaqbad din it-triq b'kburija liema bħalha, għax jaħseb li kollox hu frott tal-ħila tiegħu biss; it-tielet norma hi "il-biża' ta' Alla" li tiegħu r-raġuni trid tagħraf it-traxxendenza liema bħalha u fl-

istess waqt tagħraf l-imħabba tiegħu provvidenzjali fit-tmexxija ta' kollox.

Meta l-bniedem jitbiegħed minn dawn in-normi jissogra li jfalli u jispiċċa mal-"boloh". Skond l-Iskrittura f'din il-bluha hemm theddida għall-ħajja. L-iblah jittqarraq bih innifsu jaħseb li jaf ħafna, iżda ma għandux il-ħila jikkonċentra fuq dak li hu tassew meħtieġ. Għalhekk la jista' jaħseb sewwa (ara Prov 1, 7) u lanqas jkun f'qagħda xierqa miegħu nnifsu u mad-dinja madwaru. Meta mbagħad jasal biex jgħid "M'hemmx Alla" (ara Salm 14/13, 1) juri b'mod tassew ċar li ma jaf xejn u kemm hu 'l bogħod mill-verità sħiħa dwar il-ħlejjaq, dwar il-bidu u d-destin tagħhom.

19. Passi importanti ħafna li jitfgħu dawl tajjeb fuq dan l-argument nsibuhom fil-Ktieb ta' l-Għerf. L-awtur ispirat ta' dan il-ktieb jitkellem dwar Alla li jirrivela lilu nnifsu permezz ta' l-istess ħolqien. Għan-nies tal-qedem l-istudju tax-xjenzi naturali fil-qofol tiegħu kien meqjus parti mill-filosofija. Wara li dan il-ktieb jgħid li l-bniedem bis-saħħa ta' l-intellett tiegħu "jista' jsir jaf kif inhi l-istruttura tad-dinja u l-qawwa ta' l-elementi, id-dawriet tas-snin u l-post tal-kwiekeb, l-għamla tal-bhejjem u l-imġiba ta' l-annimali" (Għerf 7, 17, 19-20), f'kelma waħda juri l-ħila li jaf jitkellem bħal filosofu u jagħmel pass aktar importanti 'l quddiem. Il-kittieb jieħu ħsieb tal-filosofija griega (u, milli jidher, għaliha hawn qiegħed jagħmel riferenza) biex itenni li proprju meta qed jirraġuna dwar in-natura, jista' jogħla lejn Alla l-Ħallieq: "għax fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq jagħraf, bħal f'xi xbieħa, Dak li għamilhom" (Għerf 13, 5). Mela l-ewwel stadju tar-Rivelazzjoni divina hu "il-ktieb tassew ta' l-għaġeb tan-natura", li l-bniedem meta jaqrah bir-raġuni tiegħu jista' jasal biex jagħraf lil Alla bħal l-Ħallieq ta' kollox. U jekk il-bniedem bir-raġuni tiegħu ma jasalx biex jagħraf lil Alla bħala ħallieq dan ma jfissirx li hu nieqes mill-mezzi għal dan il-għan, imma aktar għax ir-rieda ħielsa tiegħu hi mfixkla minn dnubiet.

20. Fid-dawl ta' dan, nistgħu naraw x'tiswa r-raġuni, mingħajr ma nesaġeraw ħilitha. Kull ma tista' tikseb ir-raġuni jista' jkun veru, iżda jkun jista' jikseb it-tifsir sħiħ tiegħu jekk jitqies f'mod aktar wiesgħa, jiġifieri fid-dawl tal-fidi. "Il-ħajja tal-bniedem imexxiha l-Mulej u kif jista' l-bniedem jifhem triqtu?" (Prov 20.14). Fit-Testment il-Qadim il-fidi tagħti ħelsien lir-raġuni għax tħalliha tilħaq sewwa dak li tixtieq tkun taf, u tarah fl-ordni veru tiegħu fejn kull ħaġa tikseb it-tifsir veru tagħha. Fi ftit kliem, il-bniedem jikseb il-verità bir-raġuni tiegħu għaliex imdawwal mill-Fidi jara t-tifsir l-aktar għoli ta' kull ħaġa u fuq kollox it-tifsir ta' l-eżistenza tiegħu stess. Sewwa mela jagħmel il-kittieb ispirat meta jqiegħed l-bidu ta' l-għerf fil-biża' ta' Alla: "Il-biża' tal-Mulej, hu l-bidu ta' l-għerf" (Prov 1, 7; ara Sir 1, 14).

## **Ikseb l-għerf, ikollok id-dehen** (Prov 4, 5)

21. Għan-nies tat-Testment il-Qadim it-tagħrif ma kienx jiġi biss minn stħarriġ tal-bniedem, tad-dinja u ta' l-istorja, imma kien hemm ukoll rabta liema bħalha mal-fidi u mar-Rivelazzjoni. Dawn kienu l-isfidi li l-poplu magħżul ta' Alla sab quddiemu ħa jwieġeb għalihom. Il-bniedem tal-Bibbja, huwa u jqis l-qagħda tiegħu, għaraf li ma setax jifhem lilu nnifsu jekk mhux f'relazzjoni miegħu nnifsu, u mal-poplu, mad-dinja u ma' Alla nnifsu. Dan il-ftuħ għall-misteru, li wasallu permezz tar-Rivelazzjoni, kien fl-aħħar mill-aħħar il-bidu ta' dak it-tagħrif veru, li wassal lir-raġuni tiegħu timraħ f'wesgħat infiniti u hekk tkun tista' tifhem b'mezzi li qatt ma kienet tobsorhom. Il-ħerqa għall-verità, fil-kittieb ispirat, ma kinitx nieqsa minn dak it-taħbit li jiġi mill-fatt li r-raġuni tal-bniedem hi limitata. Dan narawh, biex insemmi eżempju, fil-kliem li bih min kiteb il-Ktieb tal-Proverbi ifisser it-taħbit li jrid jgħaddi minnu min irid jagħraf il-ħsieb moħbi ta' Alla (ara Prov 30, 1-6). Iżda min jemmen, għalkemm jegħja, ma jċedix. Dik il-qawwa, li biha jista' jkompli l-mixja tiegħu lejn il-verità, tiġi miċ-ċertezza li Alla ħalqu biex ifittex u jistħarreġ (ara Koh 1, 13), u li dmiru hu li ma jħalli xejn mingħajr ma jippruvah, minkejja li hu dejjem mhedded minn ħafna dubbji. Imwettaq minn Alla ikompli miexi 'l quddiem u kullimkien ifittex kull ma hu sabiħ, tajjeb u veru.

22. L-ewwel kap ta' l-ittra ta' San Pawl lir-Rumani tgħinna naraw aħjar kemm hu għoli l-ħsieb tal-kotba ta' l-Għerf. L-Appostlu bi kliem popolari jiżviluppa argument filosofiku u jagħti xhieda għall-verità għolja ħafna jiġifieri li permezz tal-ħlejjaq nistgħu naslu naraw 'l Alla "bl-għajnejn tar-ruħ". Alla permezz tal-ħlejjaq ried li r-raġuni tal-bniedem tasal biex tintebaħ bil-"qawwa" u "divinità" tagħha. (ara Rum 1, 20). B'hekk lir-raġuni tal-bniedem qed tingħata setgħa li milli jidher tmur 'l hemm mil-limiti naturali tagħha. It-tagħrif m'huwiex limitat biss għat-tagħrif li jinkiseb permezz tas-sensi għax tista' titħarreġ b'mod kritiku dak it-tagħrif li jinkiseb bis-sensi, iżda tista' wkoll targumenta dwar it-tagħrif li jagħtu s-sensi u tasal għal dak li minnu għandha l-bidu tagħha kull ħaġa. Nistgħu mela ngħidu, b'termini filosofiċi, li dak li jgħid San Pawl hu xhieda tal-ħila metafisika tal-bniedem.

Skond San Pawl, l-ewwel ħsieb fil-ħolqien kien li r-raġuni jkollha l-kapaċità li togħla faċilment 'il fuq mit-tagħrif biss li jiġi mis-sensi u hekk issib x'inhu l-bidu ta' kollox: il-Ħallieq. Id-diżubbidjenza tal-bniedem, li ried juża l-libertà sħiħa u assoluta tiegħu u jeħodha kontra min ħalqu, waslet għat-tnaqqis tal-ħila tal-bniedem li jersaq u jdur lejn Alla.

B'mod tassew ħaj il-Ktieb tal-Ġenesi jiddeskrivi din il-qagħda tal-

bniedem meta jgħid li Alla qiegħed il-bniedem f'nofs il-ġenna ta' l-Għeden fejn f'nofsha kien hemm is-siġra tat-tagħrif it-tajjeb u l-ħażin (ara Ġen 2, 17). Is-simboliżmu hu ċar biżżejjed: il-bniedem ma setgħax jagħżel minn rajħ bejn x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, imma kien jeħtieġlu jirrkorri għand bidu aktar għoli minnu. L-għama tas-suppervja hekk qarraq il-proġenituri tagħna li ħasbu li ma kien hemm ħadd aqwa minnhom u għalhekk bir-raġun kollu setgħu jwarrbu kull għerf li sata' jiġihom minn Alla. Il-bnedmin kollha ta' kull żmien sabu ruħhom maqbudin f'din id-diżubbidjenza tal-bidu li għamlet gerħa fir-raġuni tal-bniedem hekk, li fixklet il-mixi 'l quddiem tal-bniedem lejn il-verità sħiħa. Il-kapaċità tar-raġuni biex tagħraf il-verità iddallmet biċ-ċaħda ta' Dak li hu l-għajn u l-bidu tal-verità. Hu San Pawl ukoll li juri kemm saru "fiergħa" l-ħsibijiet tal-bnedmin minħabba d-dnub, u r-raġunar tagħhom sar mgħawweġ u miġbud lejn il-qerq (ara Rum 1, 21-22). L-għajn tar-ruħ ma setatx tara aktar b'mod ċar; bil-ftit il-ftit ir-raġuni saret ilsiera tagħħ a nfisha. Il-miġja ta' Kristu fid-dinja kienet is-salvazzjoni għax fdiet ir-raġuni mid-dgħufija tagħha u nħelset minn kull xkiel li bih itjassret.

23. Hu għalhekk li r-relazzjoni tan-nisrani mal-filosofija titlob li jkun hemm dixxerniment dejjem sejjer. Dan jidher ċar fit-Testment il-Ġdid, l-aktar fl-ittri ta' San Pawl: "l-għerf ta' din id-dinja" hu kontra l-għerf ta' Alla rivelat minn Kristu Ġesù. Is-superjorità ta' l-għerf rivelat iħarbat il-mod kif soltu naħsbu għax b'dan il-mod m'aħniex kapaċi nfissru l-għerf fil-milja kollha tiegħu.

Il-bidu ta' l-ewwel ittra lill-Korintin turi dan b'mod tassew radikali. L-Iben ta' Alla msallab hu fatt storiku li kull sforz tal-moħħ tal-bniedem biex minnu jagħti tifsira sħiħa ta' l-eżistenza b'argumenti umani biss, jiġi fix-xejn. Il-qofol ta' l-isfida lill-filosofija kollha hi l-mewt ta' Kristu fuq is-salib. Hu hawn jispiċċa fix-xejn kull sforz biex tfisser skond il-loġika tal-bniedem il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni. "Fejn hu l-għaref? fejn hu l-iskriba? fejn hu l-filosofu ta' din id-dinja? Forsi Alla ma bellaħx l-għerf tad-dinja?" itenni minnufih bil-qawwa kollha l-appostlu (1 Kor 1, 20). L-għerf biss tal-għorrief tad-dinja mhux biżżejjed issa biex wieħed jifhem dak li Alla ried jagħmel; hu meħtieġ pass deċisiv 'il quddiem lejn xi ħaġa ġdida għal kollox: "Alla għażel in-nies boloh għad-dinja, biex iħawwad l-għorrief ... għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn biex iġib fix-xejn dawk li huma xi ħaġa" (1 Kor 1, 27.28). L-għerf tal-bniedem ma riedx jara fid-dgħufija tiegħu dak li jurih il-qawwa kollha tiegħu, iżda San Pawl ma joqgħodx jaħsibha biex jgħid: "Meta jien dgħajjef, inkun qawwi" (2 Kor 12, 10). Il-bniedem mhux kapaċi jaħseb kif il-mewt tista' tkun għajn ta' ħajja u mħabba, iżda Alla biex juri l-misteru tal-pjan tiegħu

ħa sseħħ is-salvazzjoni għażel dak li r-raġuni tal-bniedem tqies "bluha" u "skandlu". San Pawl juża l-kliem tal-filosofi ta' żmienu biex jilħaq il-qofol tat-tagħlim tiegħu li jfissru b'paradoss: "Alla għażel dak li ma hu xejn biex iġib fix-xejn dawk li huma xi ħaġa" (1 Kor 1, 28). Biex ifisser in-natura ta' l-imħabba li Alla wera minn rajh fuq is-salib ta' Kristu, San Pawl ma ħasibhiex darbtejn biex juża l-lingwaġġ l-aktar radikali tal-filosofi fi kliemhom dwar Alla. Ir-raġuni tal-bniedem ma tistax iġġib fix-xejn il-misteru ta' mħabba li juri s-salib; waqt li s-salib jista' jagħti lir-raġuni tal-bniedem it-tweġiba li fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem qed jistenna. San Pawl iqies il-Kelma ta' l-Għerf u mhux l-għerf tal-kelma bħala regola kemm tal-verità u kemm tas-salvazzjoni.

L-għerf tas-salib imur 'l hemm mil-limiti ta' kull kultura li trid ixxekklu, u tinsisti fuq ftuħ għan-natura universali tal-verità li jħaddan. Xi sfida din għar-raġuni tagħna! x'siwi se tikseb jekk toqgħod għal dan il-għerf! Il-filosofija li minn rajha tista' tagħraf id-direzzjoni traxxendentali dejjem sejra tal-bniedem lejn il-verità, bl-għajnuna tal-fidi, tista' wkoll tilqa' l-"bluha" tas-salib bħala ġudizzju kritiku fuq dawk li jaħsbu bit-tort li għandhom il-verità; waqt li fil-fatt qed ixekkluha bil-ħsibijiet dojoq tal-filosofija tagħhom. Ir-relazzjoni bejn il-fidi u l-filosofija tista' titfarrak għax tegħreq hija u taħbat mal-blata ta' Kristu msallab u rxoxt, iżda hi wkoll il-blata li minnha jitilqu l-ibħra bla limiti tal-verità. M'hijiex biss il-fruntiera bejn il-fidi u l-filosofija, imma hi fuq kollox il-post fejn jiltaqgħu flimkien.

# It-tielet Kap

# NIFHEM BIEX NEMMEN

## It-triq għar-riċerka tal-verità

24. San Luqa l-Evanġelista fl-Atti ta' l-Appostli jgħid li San Pawl wasal Ateni tul il-ħafna vjaġġi missjunarji tiegħu. Dik il-belt, ċentru tal-filosofi, kienet mimlija bix-xbihat ta' ħafna allat. Ħin bla waqt laqtu artal li kienlu ta' okkażżjoni biex jagħti bidu għal dak li fuqu kien qed jibni l-"kerigma" tiegħu: "Rġiel ta' Ateni, qiegħed nara li intom f'kollox nies mill-aktar reliġjużi. Jien u għaddej u nħares lejn ix-xbihat qaddisa tal-qima tagħkom sibu ukoll artal b'din il-kitba fuqu: 'Lil Alla mhux magħruf'. Għalhekk, dak li intom tqimuh bla ma tafuh, nħabbarhulkom jien" (Atti 17, 22-23).

Beda minn dan biex jitkellem fuq Alla bħala Ħallieq, fuq Dak li hu fuq kollox u li jagħti l-ħajja lil kollox. Imbagħad kompla: "Minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha, u qasmilhom bil-qjies iż-żminijiet u t-truf ta' l-art fejn għandhom jgħammru; u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħossuh b'idejhom u jsibuh; u tassew, hu m'huwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna," (Atti 17, 26-27).

L-Appostlu ħareġ għad-dawl dik il-verità li l-Knisja dejjem għożżietha; fil-fond tal-qalb tal-bniedem hemm miżrugħa x-xewqa u n-nostalġija ta' Alla. Dan tfakkru bil-qawwa kollha l-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-Passjoni tal-Mulej meta l-Knisja tistedinna nitolbu għal dawk li ma jemmnux: "O Alla ta' dejjem li tista' kollox, inti ħlaqt il-bnedmin kollha biex dejjem jixtiquk u jfittxuk sa ma jsibuk u jistrieħu fik ..."[22] Hemm mela triq li l-bniedem jista' jagħżel biex jimxi minnha u jista' jimxi minnha għax ir-raġuni tiegħu għandha l-ħila tmur 'l hemm u 'l fuq minn dak li jgħaddi u taqbad it-triq lejn dak li hu infinit.

Fi żminijiet differenti u b'diversi manjeri l-bniedem għaraf ifisser din x-xewqa intima tiegħu. Il-letteratura, il-mużika, il-pittura, l-iskultura, l-arkitettura u kull għemil ieħor li hu l-frott tal-ħsieb tal-bniedem, huma mezzi li juru din il-ħerqa tal-bniedem għar-riċerka. Il-filosofija għamlet tagħha din il-ħerqa tal-bniedem u bil-mezzi tagħha u bil-metodi xjentifiċi proprju tagħha fissret din ix-xewqa universali tal-bniedem.

25. "Il-bnedmin kollha jridu jkunu jafu",[23] u jridu jkunu jafu l-verità. Il-

22. Missal Ruman
23. Aristotele, Metafisika, I, 1

ħajja tagħna ta' kuljum turi kemm kull wieħed minna jħabrek biex, barra dak li jisma', irid ikun jaf kif tkun il-ħaġa. Il-bniedem biss, f'din id-dinja li naraw, mhux biss għandu l-ħila li jkun jaf, imma wkoll il-ħila li jaf li jkun qed jaf u għalhekk ifittex li jkun jaf x'inhi l-verità vera ta' dak li jkun qed jara. Ħadd ma jista' jibqa' indifferenti quddiem il-verità ta' dak li jsir jaf. Il-bniedem kull ħaġa li jsib m'hijiex vera iwarrabha minnu; iżda jekk isib li hi vera jħoss ruħu sodisfatt.

Dan għallem Santu Wistin meta kiteb: "Naf ħafna bnedmin li jridu jqarrqu, imma ħadd minnhom ma jrid ikun imqarraq".[24] Il-bniedem ikun laħaq il-kobor sħiħ tal-personalità tiegħu meta bil-ħila tiegħu jasal biex, jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin u hekk ikun jista' jiġġudika r-realtà oġġettiva tal-ħaġa. Hu għalhekk li ssir kull riċerka, l-aktar fil-qasam tax-xjenzi, li f'dawn l-aħħar żminijiet kisbu tant suċċess, u ġiebu 'l quddiem il-progress veru tas-soċjetà kollha tal-bnedmin.

L-istess importanza għandha r-riċerka fil-qasam teoretiku, bħalma għandha fil-qasam prattiku, jiġifieri r-riċerka għall-verità dwar il-ġid li jrid isir. Il-persuna tal-bniedem, hija u taġixxi b'mod etikament tajjeb, b'rieda ħielsa u sewwa tidħol fit-triq tal-hena li twassal għall-perfezzjoni. Din hi wkoll kwistjoni ta' verità. Dan wettaqtu b'dak li għedt fl-enċiklika *Veritatis splendor*: "Bla libertà m'hemmx moralità ... għalkemm kull bniedem għandu d-dritt li jkun rispettat fit-tfittix tiegħu għall-verità, qabel jiġi d-dmir normali li wieħed ifittex il-verità u jħaddanha meta isibha".[25]

Il-valuri biex jintgħażlu u jinkisbu jeħtieġ li jkunu veri, għaliex il-valuri veri biss iwasslu l-bniedem biex jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu, skond in-natura proprja tiegħu. Il-bniedem isib il-verità ta' dawn il-valuri mhux billi jingħalaq fih innifsu, imma billi jkun miftuħ biex jilqagħhom ukoll f'suriet li huma 'l fuq min-natura tiegħu. Din hi kondizzjoni meħtiega biex wieħed ikun dak li hu u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala persuna.

26. Għall-ewwel il-verità titqiegħed quddiem il-bniedem f'sura ta' mistoqsija. *Hemm xi tifsir fil-ħajja? Fejn sejra?* Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, l-eżistenza personali tidher qiesha bla bażi, bla ebda tifsir. Wieħed ma għandux għalfejn jirrikorri għand filosofi li jxandru fehmiet assurdi u bla sèns, jew joħroġ b'dawk il-mistoqsijiet li nsibu fil-Ktieb ta' Ġob, biex juri li qed jiddubita dwar it-tifsir tal-ħajja. L-esperjenza kuljum *tat-tbatija*, tiegħu jew ta' l-oħrajn, il-ħafna fatti li r-raġuni tal-bniedem ma tafx tfissirhom, huma biżżejjed biex juruna li ma nistgħux nevitaw il-problema

24. *Confessiones* X, 23, 33
25. *Veritatis splendor*, n. 34

drammatika tat-tifsir tal-ħajja.[26] Ma' dan irridu nżidu li l-ewwel verità, ċerta fuq li ċerta, dwar l-eżistenza tagħna, barra l-verità li aħna qed neżistu, hemm il-verità li għandna mmutu. Magħrufa din il-verità li, rridu jew ma rridux, għandha tħawwadna, inħossu li għandna nfittxu tweġiba sħiħa għaliha. Kulħadd jixtieq – anzi hu fid-dmir – li jkun jaf il-verità dwar it-tmiem tiegħu. Irid ikun jaf jekk il-mewt hijiex it-tmiem ta' kollox jew li hemm xi ħaġa wara l-mewt; jistax wieħed jittama jew le f'ħajja oħra. Mhux ta' xejn li l-filosofija ħadet l-orjentament tagħha mill-mewt ta' Sokrate, orjentament li għadu l-istess illum wara elfejn sena. U hijiex kumbinazzjoni li l-filosofi, quddiem il-mewt, jittrattaw u jerġgħu jittrattaw din il-problema flimkien ma' dik tal-ħajja u ta' l-immortalità.

27. Ħadd ma jista' jaħrab dawn il-mistoqsijiet, la l-filosofu u lanqas il-bniedem komuni. Mit-tweġib li jingħata, jiddependi x'pass nistgħu nagħmlu 'l quddiem: nistgħux iva jew le xi darba naslu għall-verità universali u assoluta. Kull verità minnha nfisha għalkemm m'hijiex sħiħa jekk hi tassew verità, tidher bħala verità universali u assoluta. Dak li hu veru hu dejjem veru għal kulħadd u dejjem. Iżda barra din l-universalità, il-bniedem ifittex xi ħaġa assoluta li tista' tagħtih tweġiba u tifsira dwar dak li qed jistħarreġ: xi esseri li fuqu kollox iżomm. Fi kliem ieħor, il-bniedem qed ifittex tifsira definittiva, valur suprem li 'l fuq minnu ma jistgħux isiru mistoqsijiet jew tiżdiedlu xi ħaġa oħra aktar milli għandu. L-opinjonijiet jistgħu jidhru sbieħ, iżda mhux se jikkonvinċu u jissodisfaw. Irid jasal mument għal kulħadd, iridu jew ma jridux, li fih il-bniedem irid jorbot l-eżistenza tiegħu ma' verità assoluta li tiżgurah u tbiegħed minnu kull dubbju.

28. Il-filosofi tul iż-żminijiet ħadu ħsieb ifittxu u jfissru verità bħal din, u hekk taw bidu għall-skejjel u sistemi ta' ħsieb. Iżda barra s-sistemi filosofiċi hemm sistemi oħra li bihom il-bniedem fisser il-"filosofija" tiegħu; huma l-konvinzjonijiet u l-esperjenzi individwali, it-tradizzjonijiet tal-familji u tal-kulturi, jew mixjiet eżistenzjali taħt il-gwida ta' xi mgħallem. F'dawn il-manifestazzjonijiet dak li jibqa' dejjem hi x-xewqa tal-verità u tal-valuri assoluti tagħha.

## Uċuħ differenti tal-verità tal-bniedem

Ir-riċerka tal-verità – u dan irridu dejjem ngħiduh – mhux dejjem tidher hekk ċara u xierqa. Il-limiti naturali tar-raġuni u l-inkonsistenza tal-bniedem spiss dallmu u għawġu r-riċerka tal-bniedem. Jista' jiġri wkoll

26. Ara *Salvifici doloris* (11 ta' Frar 1984), 427. Ara *Nostra aetate*, n. 2

li interessi oħra ta' suriet differenti jistgħu jegħelbu l-verità. Jista' jiġri wkoll li l-bniedem jevita l-verità malli jibda jintebaħ biha għax jibża' minn dak li tista' titolbu. Minkejja dan, ukoll meta l-bniedem jkun qiegħed jaħrab minnha, il-verità tibqa' tinfluwenza l-eżistenza tiegħu. Il-bniedem qatt ma jista' jibni ħajtu fuq id-dubbju, l-inċertezza u l-gideb: din is-sura ta' ħajja tkun dejjem mhedda mill-biża' u l-qtigħ il-qalb. Għalhekk nistgħu nqisu lill-bniedem *bħala dak li qed ifittex il-verità.*

29. Ma jistax ikun li titqies bla siwi u fiergħa riċerka li għandu għeruq fil-fond fin-natura tal-bniedem. L-istess kapaċità għat-tfittix tal-verità u għall-mistoqsijiet dwarha, fiha nfisha hi ġa l-ewwel tweġiba. Il-bniedem ma jibqax ifittex dak li ma jkun jaf xejn fuqu, u lanqas se jfittex dak li jaf li żgur mhu se jiksbu qatt. Biss it-tama li jasal għal xi tweġiba, twasslu biex jagħmel l-ewwel pass. Hekk jigri regolarment fir-riċerka xjentifika: meta xjenzjat jintebaħ b'xi fenomenu, ifittex tifsira loġika u possibbli tal-fenomenu li jkun, u mill-bidu ikollu t-tama li se jsib it-tweġiba għalih u ma jaqtax qalbu jekk ma jirnexxix. Ma jaħsibx li kien bla siwi dak li bih intebaħ fil-bidu, minħabba li ma laħaqx l-għan li ried: ħaġa waħda jkun jista' jgħid: li kien għad ma rnexxilux isib tweġiba.

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għar-riċerka għall-verità dwar l-aħħar destin tal-bniedem: l-għatx għall-verità. L-għatx tal-verità għandu għeruq fil-fond fil-qalb tal-bniedem, tant li jekk iħoss il-ħtieġa li ma jagħtix kas tagħha, ikun qed jhedded l-eżistenza tiegħu stess. Biżżejjed jistħarreġ il-ħajja ta' kuljum, biex fl-aħħar mill-aħħar jara kif kull wieħed minna hu mħasseb fih innifsu dwar xi mistoqsijiet li jagħmel lilu nnifsu u li tagħhom għandu fl-ispirtu tiegħu almenu xi ħjiel ta' tweġiba għalihom. Huwa tweġib li aħna żguri mill-verità tiegħu, għax sostenzjalment dan it-tweġib mhux differenti mit-tweġib li ħafna oħrajn waslu għalih. Veru li mhux kull verità li tinkiseb għandha l-istess valur, iżda t-tweġib li jinkiseb kollu kemm hu juri l-kapaċità tal-bniedem biex jasal għall-verità.

30. Jaqbel issa li naraw fuq fuq dawn il-ħafna suriet ta' verità. Wisq aktar fil-għadd huma l-veritajiet li jinkisbu mill-esperjenza u jitwettqu b'esperimenti; huma veritajiet dwar il-ħajja ta' kuljum u tar-riċerka xjentifika. Ta' grad ieħor huma l-veritajiet filosofiċi li l-bniedem jikseb bil-kapaċità spekulativa tiegħu. Imbagħad hemm il-veritajiet reliġjużi li l-għeruq tagħhom b'xi mod jinsab ukoll fil-filosofija. Dawn insibuhom fit-tweġib li r-reliġjonijiet, kull waħda skond it-tradizzjonijiet propriji tagħha, jagħtu għall-mistoqsijiet dwar id-destin tal-bniedem.[27]

27. Ara *Nostra aetate,* 2

Dwar il-veritajiet filosofiċi rridu ngħidu li m'humiex limitati biss għat-tagħlim, xi kull tant fieragħ, ta' xi filosofu professjonista. Kull bniedem, kif għedna, hu b'xi mod filosofu, u għandu dehra sħiħa u tweġiba għall-mistoqsija dwar x'inhi ħajtu; fid-dawl ta' dan ifisser ħajtu u jirregola l-imġiba tiegħu. Hu hawn li rridu nistaqsu x'rabta hemm bejn il-veritajiet filosofiċi reliġjużi u l-verità rivelata minn Ġesù Kristu. Iżda qabel inwieġeb għal dan, irridu inqisu aħjar x'tgħidilna aktar il-filosofija.

31. Il-bniedem ġie maħluq mhux biex jgħix ħajtu waħdu. Jitwieled u jikber fi ħdan il-familja, u aktar tard bil-ħidma tiegħu jidħol jagħmel parti mis-soċjetà. Sa minn twelidu isib ruħu mdaħħal f'ħafna tradizzjonijiet li mhux biss jagħtuh l-ilsien u l-kultura imma wkoll ħafna veritajiet li jemmen instintivament. Iżda huwa u jikber u jsir bniedem magħmul iħoss li jista' jibda jiddubita dwar dawn il-veritajiet u jibda jistħarriġhom b'mod kritiku fi ħsibijietu. Iżda dan ma jfissirx li mbagħad dawn il-veritajiet jerġgħu "jinkisbu" jew mill-esperjenza tiegħu jew permezz ta' raġunar aktar fil-fond. Madankollu fil-ħajja tal-bniedem huma ħafna aktar il-veritajiet li jemmen sempliċiment milli l-veritajiet li kiseb bir-raġunar personali tiegħu. Min jista' illum iqis kritikament il-ħafna skoperti xjentifiċi li fuqhom hi bbażata l-ħajja ta' llum? Kif wieħed minn rajh jista' jgħarbel l-għadd ta' aħbarijiet li kuljum jiġu minn kull naħa tad-dinja li nilqgħuhom u ġeneralment inqisuhom veri? Min se jerġa' jagħmel l-esperjenzi li saru fl-imgħoddi u jerġa' jaħseb dawk il-ħsibijiet li taw tant teżori ta' għerf u ta' sentimenti reliġjużi lis-soċjetà kollha tal-bnedmin? Fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem li ifittex il-verità, huwa wkoll *bniedem li jgħix jafda lill-oħrajn ukoll.*

32. Kull bniedem, meta jemmen, ikun jafda fil-ħsibijiet li oħrajn ikunu kisbu. F'din il-ħaġa rridu nammettu li hemm tensjoni li tfisser ħafna: min-naħa għandna tagħrif li jinkiseb mingħand ħaddieħor għax nafdawh u hekk jidher bħala sura ta' tagħrif imperfett, li bil-mod il-mod jista' jiġi perfezzjonat mill-evidenza personali; min-naħa l-oħra il-fiduċja f'ħaddieħor spiss tidher aktar tiswa mill-evidenza personali għaliex titlob relazzjoni bejn persuni u ġġib 'il quddiem mhux biss il-kapaċità tal-ħsieb ta' dak li jkun, imma wkoll iġġib il-kapaċità radikali li tafda f'ħaddieħor u tidħol miegħu f'relazzjonijiet aktar ta' siwi u aktar intimi.

Tajjeb ngħid il-veritajiet li nfittxu f'dawn ir-relazzjonijiet inter-personali li għandhom x'jaqsmu ma' l-ordni tal-fatti u mal-filosofija huma aktar veritajiet dwar persuna, jiġifieri min hi u x'inhi fiha infisha. Il-perfezzjoni tal-bniedem ma tinsabx biss fil-kapaċità li għandu ħa jikseb il-verità astratta, imma wkoll fil-kapaċità li jagħti lilu nnifsu lill-oħrajn b'fiduċja u b'imġiba kollha ħeġġa. F'din il-fiduċja li biha l-bniedem jagħraf jagħti

lilu nnifsu lill-bniedem ieħor, hemm ċertezza sħiħa u sigurtà. Fl-istess waqt it-tagħrif li wieħed jikseb għax jafda f'ħaddieħor ma jistax ma jkunx marbut mal-verità. Il-bniedem, meta jemmen, ikun qed jafda lilu nnifsu lill-verità li l-ieħor qed jurih.

Kemm hemm eżempji biex nuri dak li qed ngħid! Ħsiebi l-ewwel li jmur hu lejn ix-xhieda tal-martri. Il-martri hu xhud li m'hemmx ieħor bħalu tal-verità dwar l-eżistenza. Jaf sewwa li quddiem Kristu Ġesù sab il-verità dwar ħajtu u ħadd ma jista' jċaħdu minn din iċ-ċertezza. La t-tbatija u lanqas il-mewt kiefra ma tista' tifirdu mill-verità li sab meta ltaqa' ma' Kristu. Hu għalhekk li x-xhieda tal-martri llum ukoll toħloq ammirazzjoni: issib min japprovaha, min irid jisma' biha, u tittieħed bħala eżempju. Għalhekk kliemhom joħloq fiduċja; fihom tidher dik ix-xhieda ta' mħabba li ma għandhiex bżonn ta' ħafna argumenti biex tipperswadina, għax titkellem dwar dak li kull wieħed minna jagħraf fil-fond tiegħu nnifsu, dik il-verità li ilu żmien ifittex. Fl-aħħar mill-aħħar il-martri iqajjem fina fiduċja kbira, għax jurina dak li qed inħossu fina stess u jurina dak li kieku nixtiequ nuru kieku kellna l-ħila.

33. Issa nistgħu naraw kif jiġu flimkien l-aspetti kollha tal-problema. Il-bniedem min-natura tiegħu stess ifittex il-verità. Din ir-riċerka ma twassalx biss li tinkiseb xi parti ta' verità, jew il-verità tal-fatti jew il-verità xjentifika; il-bniedem ma jfittixx biss il-veru ġid ta' kull deċiżjoni li jieħu. Ir-riċerka tiegħu hi dwar il-verità aktar għolja li tista' ddawwallu t-tifsir tal-ħajja; hi riċerka li tista' tirnexxi biss fl-assolut.[28] Bil-kapaċitajiet ta' moħħu l-bniedem jista' jiltaqa' ma' din is-sura ta' verità u jagħrafha. Għaliex din il-verità hi vitali u essenzjali għall-eżistenza tiegħu, tinkiseb mhux biss

28. Din hi materja li ili nistudja u tkellimt fuqha bosta drabi: "X'inhu l-bniedem u x'inhu s-siwi tiegħu? X'hemm tajjeb fih u x'hemm ħażin?" (Sirak 18, 8) ... dawn huma mistoqsijiet fil-qalb ta' kull bniedem, kif il-poeti ta' kull żmien u ta' kull poplu tennew kemm-il darba qishom il-leħen profetiku ta' l-umanità, *il-mistoqsija serja* li tagħmel il-bniedem dak li hu. Huma mistoqsijiet li juru l-ħerqa ħa tinsab fit-tweġiba għalfejn l-eżistenza, f'kull mument, fil-mumenti l-aktar importanti u deċisivi tal-ħajja kif ukoll fil-mumenti l-aktar komuni. Dawn il-mistoqsijiet juru kemm hi raġjonevoli l-eżistenza tal-bniedem, għax jistiednu l-intelliġenza u r-rieda tal-bnedmin biex ifittxu b'mod ħieles soluzzjoni li turihom it-tifsira sħiħa tal-ħajja. Dan l-istħarriġ għalhekk hu l-ogħla espressjoni tan-natura umana, hekk li t-tweġiba għalihom turi l-għoli ta' l-impenn tal-bniedem ma' l-eżistenza tiegħu. B'mod partikulari meta jiġi mistħarreġ *l-għaliex ta' kull ħaġa* f'armonija sħiħa ma' l-istħarriġ dwar id-destin, ir-raġuni tal-bniedem tilħaq il-qofol tagħha u tinfetaħ għall-influwenza reliġjuża. Din hi l-ogħla espresjoni tal-persuna umana għax hi l-quċċata tan-natura tiegħu. Toħroġ mill-ħerqa għolja għall-verità tal-bniedem u hi l-bażi ta' l-istħarriġ ħieles u personali tal-bniedem għal dak li hu divin (Udjenza Ġenerali, 19 ta' Ottubru 1982, 1-2).

permezz tar-raġuni, imma wkoll billi jintelaq bil-fiduċja kollha f'idejn dawk li jistgħu jiggarantulu ċ-ċertezza u l-awtentiċità tal-verità. Il-kapaċità u l-għażla li tafda f'ħaddieħor il-ħajja tiegħek huma skond l-antropoloġija għemil tal-bniedem li jfisser u jgħid ħafna.

Irridu niftakru wkoll li r-raġuni fir-riċerka tagħna irid ikollna l-għajnuna ta' djalogu kollu fiduċja u ta' ħbiberija vera. In-nuqqas ta' fiduċja u s-suspetti li xi kull tant juru ruħhom fir-riċerka spekulattiva, iwasslu biex tintesa d-duttrina tal-filosofi tal-qedem li kienu jqisu l-ħbiberija bħala l-ambjent l-aktar adatt għall-riċerka filosofika.

Minn dak li għedt sa issa, naraw li l-bniedem miexi fit-triq tar-riċerka, f'mixja li umanament ma tistax tieqaf: hija riċerka tal-verità u riċerka ta' persuna li wieħed jista' jafda fiha. F'dan tiġi tgħinna l-fidi nisranija li turina kif nilħqu dan il-għan li qed infittxu. Wara l-ewwel pass li nagħmlu meta nibdew nemmnu, il-fidi nisranija ddaħħal il-bniedem fl-ordni tal-grazzja biex ikun jista' jissieħeb fil-misteru ta' Kristu, li joffrilu tagħrif veru u koerenti fuq Alla wieħed fit-Tliet Persuni. Hekk fi Kristu Ġesù, li hu l-Verità fih innifsu, il-fidi tara l-aħħar sejħa tal-bniedem, sejħa biex jista' jseħħ dak li qed jixtieq u joħlom bih.

34. Din il-verità li Alla rrivelalna fi Kristu Ġesù ma tmurx kontra l-veritajiet li jinkisbu permezz tal-filosofija. Ir-rivelazzjoni u l-filosofija, t-tnejn wasslu għall-milja tal-verità. Ir-raġuni umana fondamentalment titlob li l-verità tkun waħda, kif hu mfisser mill-prinċipju ta' non-kontradizzjoni. Ir-Rivelazzjoni taċċertana li l-verità hi waħda, għax turina li Alla l-Ħallieq hu wkoll Alla tal-ġrajja tas-salvazzjoni. Hu l-istess Alla li ħalaq u hu garanti li l-ordni naturali ta' kollox jista' jingħaraf u jiftiehem mir-raġuni: fuq dan jafdaw ix-xjenzjati,[29] u hu dak ukoll li jidher bħal Missier Sidna Ġesù Kristu. Din il-verità waħda, naturali u rivelata tinsab b'mod ħaj u personali fi Kristu, kif ifakkarna l-Appostlu: "Il-verità li hi f'Ġesù" (Ef 4, 21, ara Gal 1, 15-20). Hu l-*Verb ta' dejjem,* li fih kollox ġie maħluq,

29. Galileo qal ċar u tond li ż-żewġ veritajiet, tal-fidi u tax-xjenza, ma jistgħux ikunu kontra xulxin. "L-Iskrittura u d-dinja naturali joħorġu l-istess mill-Verb ta' Alla, l-ewwel hi dettata mill-Ispirtu s-Santu l-oħra bħala esekutur fidil ta' l-ordnijiet ta' Alla", kiteb fl-ittra tiegħu lill-P. Benedetto Caselli fil-21 ta' Diċembru 1613. Il-Konċilju Vatikan II jgħid l-istess ħaġa u juża l-istess kliem fit-tagħlim tiegħu. "Ir-riċerka metodika fl-oqsma kollha ta' l-għerf, jekk tħares in-normi morali ma tkunx tassew kontra l-fidi; ir-realtà tad-dinja u dik tal-fidi ġejjin mill-istess Alla" (*Gaudium et spes,* 36). Galileo ħass il-preżenza tal-Ħallieq fir-riċerka xjentifika tiegħu, il-preżenza tal-Ħallieq li qanqlu fil-fond ta' l-ispirtu tiegħu, imbuttah, antiċipalu u għenu fl-intwizzjonijiet tiegħu" (Ġwann Pawlu II, Diskors lill-akkademija Pontifiċja tax-Xjenzi, 10 ta' Novembru 1979.

u fl-istess waqt hu l-*Verb magħmul bniedem,* li fil-persuna sħiħa tiegħu[30] jirrivela l-Missier (ara Ġw 14, 18). Dak kollu li r-raġuni umana ma tafx (ara Atti 17, 28) u tipprova tistħarreġ, tista' ssibu biss fi Kristu għax fih ġiet rivelata "il-milja tal-verità" (ara Ġw 1, 14-16) lil kull kreatura li fih u bih inħalqet u għalhekk fih qiegħda żżomm (Kol 1, 17).

35. Fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jeħtieġ issa neżaminaw ir-relazzjoni li hemm bejn il-verità rivelata u l-filosofija. Din ir-relazzjoni titlob żewġ osservazzjonijiet fis-sens li l-verità li toħroġ mir-Rivelazzjoni hi wkoll verità li trid tiftiehem ukoll fid-dawl tar-raġuni tal-bniedem. Hu biss dan il-fatt li jippermettilna infissru eżatt ir-relazzjoni bejn il-verità rivelata u t-tagħrif filosofiku. Irridu għalhekk l-ewwel inqisu r-relazzjonijiet li kien hemm tul il-mijiet tas-snin bejn il-fidi u l-filosofija u hekk inkunu nistgħu noħorġu ċerti prinċipji li ninqdew bihom bħala riferenzi aħna u nippruvaw insibu r-relazzjoni li hemm bejn dawn iż-żewġ ordnijiet ta' l-għarfien.

30. Ara *Dei Verbum,* 4.

# Ir-raba' Kap

# IR-RELAZZJONI BEJN FIDI U RAĠUNI

## Mumenti importanti fil-laqgħa tal-fidi mar-raġuni

36. Kif juru l-Atti ta' l-Appostli, it-tħabbira nisranija sa mill-bidu ġiet f'kuntatt mal-filosofija ta' dak iż-żmien. L-istess ktieb isemmi d-diskusjoni li kellu San Pawl f'Ateni "ma' xi filosofi Epikurej u Stojċi" (17, 18). L-eseġesi tad-diskors fl-Arjopagu turi kemm kien hemm riferenzi għall-fehmiet popolari, ħafna minnhom ħerġin mill-istojċiżmu. Dan ma ġarax kumbinazzjoni. L-ewwel insara, jekk riedu li l-pagani jifhmuhom sewwa, fit-tħabbir tagħhom ma setgħux isemmu biss "lil Mosè u l-profeti" lil dawk li kienu jisimhuhom; kellhom ukoll isemmu l-għarfien naturali ta' Alla u leħen il-kuxjenza morali ta' kull bniedem (ara Rum 1, 19-21; 2, 14-15; Atti 14, 16-17). Iżda għaliex dan l-għarfien naturali ta' Alla fir-reliġjon tal-pagani waqa' fl-idolatrija (ara Rum 1, 21-32). San Pawl għaraf li aħjar jorbot ix-xandir tiegħu mal-ħsieb tal-filosofi li sa mill-bidu kienu kontra l-ħrejjef u l-kulti misteriċi u kellhom fehmiet ta' rispett mill-aqwa għat-traxxendenza tad-divinità.

Ħsieb ewlieni tal-filosofi klassiċi kien dak li jsaffu l-fehma tal-bniedem dwar Alla minn kull sura mitoloġika. Hu magħruf minn kulħadd li r-reliġjon griega wkoll, l-istess bħal ħafna reliġjonijiet kosmiċi, kienet tħaddan il-politeiżmu u waslet biex tagħmel allat kull ħaġa u kull ġrajja naturali. L-isforz tal-bniedem biex ikun jaf x'kien il-bidu ta' l-allat u għalhekk ukoll il-bidu fihom ta' l-univers, ġie l-ewwel imfisser fil-poeżija. Fiha sa llum għandha l-ewwel xhieda ta' riċerka tal-bniedem dwar il-bidu ta' l-allat. Dmir missirijiet il-filosofija kien dak li juru rabta bejn ir-raġuni u r-reliġjon. Huma żviluppaw dak li bih intebħu u fissruh fi prinċipji universali, ma aċċettawx aktar il-ħrejjef ta' l-antiki, imma riedu li t-twemmin tagħhom fid-divinità jkun mibni fuq ir-raġuni. U hekk beda l-mixi 'l quddiem, twarrbu it-tradizzjonijiet partikulari antiki, u beda żvilupp jaqbel ma' dak li titlob ir-raġuni universali. L-għan ta' dan l-iżvilupp kien għarfien kritiku ta' dak li kien jitwemmen. L-ewwel valur li nkiseb f'din il-mixja kien il-fehma tad-divinità. Is-superstizzjonijiet ġew magħrufa bħala dak li verament kienu, u r-reliġjon, almenu xi ftit, ġiet imsoffija bil-kelma tar-raġuni. Fuq il-bażi ta' dan, Missirijiet il-Knisja bdew diskussjoni mal-filosofi antiki li tat kotra ta' frott, għax fetħet it-triq għat-tħabbira u l-għarfien ta' Alla fi Kristu Ġesù.

37. Jiena u nfakkar il-moviment li bih l-insara resqu lejn il-filosofija, inħoss li għandi nfakkar b'liema attenzjoni l-insara kienu jħarsu lejn aspetti oħra tal-kultura pagana bħal ma kienet, biex insemmi eżempju, id-duttrina "njostika". Il-filosofija bħala għerf fil-prattika hi skola tal-ħajja. Kienet ħaġa faċli tħallat il-filosofija bħala għerf fil-prattika ta' l-iskola tal-ħajja, ma' għerf ta' natura superjuri, misterjuża, riservata għal ftit magħżulin. Żgur San Pawl ħaseb f'dawn l-ispekulazzjonijiet misterjużi meta lill-Kolossin wissiehom: "Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu" (Kol 2, 8). Kemm jgħodd għal żmienna dan il-kliem ta' l-Appostlu, jekk napplikawh għal dawk il-ħafna suriet ta' duttrina, li llum ukoll huma mxerrdin fost xi nsara, għaliex neqsin minn sens kritku. Kittieba oħra ta' l-ewwel mitt sena fosthom San Irinew u Tertulljan mxew fuq il-passi ta' San Pawl u malajr wissew dwar fehmiet kulturali li riedu jissottomettu lill-verità tar-Rivelazzjoni għal tifsir filosofiku.

38. Il-laqgħa tal-Kristjaneżmu mal-filosofija ma kienetx minnufih u lanqas ħafifa. L-ewwel insara kienu jqisu l-użu tal-filosofija u l-attendenza fl-iskejjel filosofiċi aktar ta' tfixkil milli ta' ġid. L-ewwel dmir u l-aktar urġenti li kellhom kien it-tħabbira ta' Kristu rxoxt, tħabbira li kellha ssir direttament lil kull bniedem, biex jasal għall-konversjoni u jitlob il-magħmudija. Iżda dan ma jfissirx li ma kellhomx ikunu jafu x'inhi l-fidi u x'inhuma r-raġunijiet għaliha. Proprju l-kuntrarju. Għalhekk il-kritika ta' Ċelsu li jakkuża lill-insara bħala nies "injoranti u bla edukazzjoni" kienet inġusta u bla bażi.[31] Ir-raġuni tan-nuqqas ta' nteress fil-filosofija fil-bidu, irridu nfittxuha band'oħra. Fil-fatt, l-Evanġelju kien qed jagħti tweġiba sodisfaċenti għall-mistoqsija dwar is-sens tal-ħajja, li sa dak iż-żmien kienet għadha bla tweġiba ... tant li bdew jaħsbu li ma kienx hemm għalfejn aktar jistaqsu lill-filosofi dwar is-sens tal-ħajja: il-mistoqsija kien għadda żmienha u ma kenitx meħtieġa aktar.

Dan illum jidher aktar ċar jekk inqisu l-kontribut mogħti mill-Kristjaneżmu biex kulħadd ikollu d-dritt jikseb il-verità. Il-Kristjaneżmu ġarraf il-ħitan li kienu jifirdu minn xulxin razez, qagħdiet soċjali, nisa u rġiel, u mill-bidu ħabbar li l-bnedmin kienu kollha ndaqs quddiem Alla. L-ewwel konsegwenza ta' dan il-ħsieb ġiet tapplikata għall-verità. Twarbet għal kollox il-fehma ta' l-antiki li tgħid li l-verità kienet biss privileġġ ta' dawk li għandhom post għoli fis-soċjetà. Għaliex l-akkwist tal-verità hu

31. Origene, *Contra Celsum*, 3, 55.

ġid li jwassal għand Alla, hi ħaġa ċara li din it-triq għandha tkun miftuħa għal kulħadd. Hemm ħafna triqat li jwasslu għall-verità, iżda għax il-verità nisranija għandha qawwa għas-salvazzjoni, minn kull waħda minn dawk it-triqat jista' jgħaddi l-bniedem basta iwasslu għad-destin tiegħu, jiġifieri għar-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu.

Bħala wieħed mill-pijunieri li riedu jġibu 'l quddiem rabta posittiva mal-filosofija, għalkemm bi spirtu ta' dixxerniment għaqli, kien hemm San Ġustinu, li għalkemm wera stima kbira għall-filosofija griega, ukoll wara li kkonverta, bil-qawwa kollha stqarr b'mod l-aktar ċar li fil-Kristjaneżmu biss hemm "filosofija waħdanija ċerta li tagħti frott".[32] Hekk ukoll Klement ta' Lixandra sejjaħ l-Evanġelju "filosofija vera",[33] u fisser il-filosofija, l-istess bħal liġi ta' Mosè, bħala fit-triq li twassal għall-fidi nisranija,[34] u bħala tħejjija għall-Evanġelju.[35] Għaliex "il-filosofija hi ħerqana għal dak il-għerf li jagħti tjieba lir-ruħ u lill-kliem u jwassal għas-safa fil-ħajja, għandha dispożizzjoni tajba biex tikseb l-għerf u tagħmel kull ma tista' biex tiksbu. Fostna nsejħu filosofi dawk li jħobbu l-għerf, li joħloq u jgħallem kollox, jiġifieri l-għarfien ta' Bin Alla."[36] L-ewwel għan tal-filosofija griega skond Klement ta' Lixandra m'huwiex dak li ttejjeb u ssaħħaħ il-verità nisranija; l-għan ewlieni tagħha hu aktar dak li tiddefendi l-Fidi; "Id-duttrina tal-Feddej, għax hi qawwa ta' Alla u għerf ta' Alla hi perfetta u ma teħtieġ ebda għajnuna. Il-filosofija griega bil-kotribut ma tagħmilx il-verità aktar vera iżda tagħmel bla saħħa l-argumenti tas-sofisti u żżarma it-theddid qarrieqi kontra l-verità: bir-raġun kollu titqies bħala ħajt tajjeb li jħares id-dielja."[37]

39. Fl-istorja ta' dan il-proċess, nistgħu naraw kif użaw b'mod kritiku il-fehmiet filosofiċi l-għorrief insara. Fost dawn l-ewwel għorrief, żgur kellu tifsir kbir Origene. Kontra l-attakki tal-filosofu Ċelsu, Origene bl-argumenti u t-tweġib tiegħu għamel użu tal-filosofija Platonika. Huwa u juża mhux ftit elementi tal-filosofija ta' Platone, Origene beda jfassal l-ewwel sura ta' teoloġija nisranija. Il-kelma "teoloġija", flimkien mal-fehma li t-teoloġija hi diskors fuq Alla skond ir-raġuni, minn dak iż-żmien kellha rabta mal-bidu grieg tagħha. Skond Aristotele, biex insemmi eżempju, l-isem ta' teoloġija kien dak ta' l-aktar parti nobbli u tal-quċċata

32. *Dialogus cum Tryphone Iudaeo,* 8, 1.
33. *Stromata,* 1, 18. 90, 1.
34. Ara *ibid.* 1, 16, 80, 5.
35. Ara *ibid.* 1, 5, 28, 1.
36. *Ibid.* VI, 7, 35, 1-2.
37. *Ibid.* 1, 20, 100, 1.

tal-ħsieb filosofiku. Iżda bir-Rivelazzjoni nisranija dak li qabel kien jfisser duttrina ġenerika dwar in-natura ta' l-allat, kiseb tifsir għal kollox ġdid: għax sar ir-riflessjoni ta' min jemmen biex ifisser id-duttrina vera dwar Alla. Din il-fehma nisranija ġdida kienet tuża il-filosofija, iżda fl-istess waqt kienet qed tintgħażel sewwa minnha. L-istorja uritha kif l-istess ħsieb Platoniku meta ttieħet għat-teoloġija ra tibdil sostanzjali, l-aktar dwar ħsibijiet fuq l-immortalità tar-ruħ, id-divinizzazzjoni tal-bniedem u l-bidu tad-deni.

40. F'dan il-proċess, li bil-mod il-mod, wassal il-filosofija Platonika u Neoplatonika għall-Kristjaneżmu, kellhom sehem kbir il-Missirijiet tal-Kappadoċja, Djonisju, magħruf bħala l-Areopagita, u l-aktar Santu Wistin. Id-Duttur kbir tal-punent, iddjaloga ma' ħafna skejjel filosofiċi, iżda kollha ma għoġbuhx. Meta mbagħad Santu Wistin għaraf il-verità nisranija ġietu l-qawwa meħtieġa għall-konverżjoni radikali tiegħu, li għaliha l-filosofi, li kien ilu jaf, ma rnexxilhomx iwassluh. Hu stess jgħid għaliex: "Minn dak iż-żmien bdejt inxaqleb iżjed lejn it-tagħlim kattoliku għax ħassejtu aktar meqjus u bla qerq, u ordnat għat-twemmin ta' veritajiet li ma jagħtix provi tagħhom, sew jekk nistgħu nagħtu provi tagħhom, għallinqas xi wħud minnhom, u sew jekk le. Iżda l-Manikej bla ebda għaqal kienu jwegħdu l-għerf u jiddieħku bil-Fidi, biex imbagħad iġagħlu 'l min jemmen f'ħafna ħrejjef tassew taċ-ċajt li huma qatt ma seħħilhom jippruvaw."[38]

Għalkemm kien juri preferenza għall-filosofi platoniċi kien iċanfarhom għaliex kienu jafu x'kien l-għan li riedu jilħqu iżda ma kinux jafu t-triq li twassalhom għalih, jiġifieri l-Verb magħmul bniedem.[39] L-isqof ta' Ippona rnexxielu jikteb l-ewwel sintesi tal-ħsieb filosofiku u teoloġiku fejn indaħal ukoll il-ħsieb kollu grieg u latin. Fih ukoll din l-għaqda ta' l-għerf, mibni fuq il-ħsieb bibliku, twettqet u ssaħħet bi ħsieb spekulattiv tassew għoli. Is-sintesi li għamel Santu Wistn għall-mijiet ta' snin tqieset bħala l-ogħla sura ta' spekulazzjoni filosofika u teoloġika tad-dinja tal-punent. Imqawwi mill-ġrajjiet ta' ħajtu u mwettaq mill-ispirtu tal-qdusija, Santu Wistin sata' wkoll fil-kitba tiegħu jitkellem fuq ħafna agrumenti li mill-esperjenza tiegħu stess setgħu jagħtu bidu għall-iżviluppi f'ħafna oqsma tal-filosofija fil-ġejjieni.

41. Kienu ħafna s-suriet li bihom Missirijiet il-Knisja tal-lvant u tal-punent resqu lejn l-iskejjjel filosofiċi. Dan ma jfissirx li qiesu t-tħabbira ta'

38. S. Wistin, *Confessiones*, VI, 5, 7.
39. Ara *ibid.* VII, 9, 13-14.

l-Evanġelju l-istess bħas-sistemi filosofiċi li kienu jħaddnu. Il-mistoqsija ta' Tertulljan: "X'għandhom flimkien Ateni u Ġerusalemm? L-Akkademja u l-Knisja?"[40] turi b'liema spirtu kritiku sa mill-bidu l-kittieba nsara qisu r-relazzjoni bejn il-fidi u l-filosofija, huma u jqisu fl-istess waqt kemm is-siwi u kemm il-limiti ta' din ir-relazzjoni. Ma kinux neqsin mill-għaqal. Għaliex kienu jgħixu l-fidi b'intensità liema bħalha, kienu jafu li setgħu jilħqu l-ogħla grad ta' l-ispekulazzjoni. Għalhekk m'hijiex ħaġa sewwa tqies il-ħidma tagħhom biss bħala ħidma biex idaħħlu l-veritajiet tal-fidi f'kategoriji filosofiċi. Anzi għamlu wisq aktar minn hekk. Irnexxilhom joħorġu fil-beraħ dak kollu li kien għadu impliċitu u preliminari fil-ħsieb tal-filosofi tal-qedem.[41] Huma kellhom, kif għedt, id-dmir li juru kif l-moħħ, ħieles minn kull xkiel estern, sata joħroġ mill-isqaqijiet tal-mitoloġija u jinfetaħ b'mod aktar adatt għal dak li hu traxxendenti. Ir-raġuni, safja u ġusta, setgħet titla lejn gradi aktar għoljin ta' riflessjoni u toħloq pedament għall-għarfien ta' l-esseri, ta' dak li hu traxxendenti, ta' dak li hu assolut.

Hawn naraw l-oriġinalità li ħolqu Missirijiet il-Knisja. Aċċettaw lir-raġuni miftuħa fil-milja kollha tagħha għal dak li hu assolut u daħħlu fiha l-għana kollu tar-Rivelazzjoni. Il-laqgħa saret mhux biss fil-livell tal-kulturi li minnhom waħda forsi ssaħħret mill-oħra, imma seħħet ukoll fil-fond ta' l-ispirtu tal-bniedem f'laqgħa tal-kreatura mal-Ħallieq. Ir-raġuni marret mingħajr ma ntebħet 'l hemm mill-għan li kellha min-natura tagħha, u setgħet tilħaq l-ogħla ġid u l-ogħla verità fil-persuna tal-Verb magħmul bniedem. Fejn jidħlu l-filosofiji, Missirijiet il-Knisja ma beżgħux jagħarfu kemm id-differenzi u kemm il-qbil ta' dawn il-filosofiji mar-Rivelazzjoni. L-għarfien ta' dan il-qbil ma waslithomx biex ma jarax id-differenzi wkoll.

42. Fit-teoloġija skolastika il-ħidma tar-raġuni mħarrġa fil-filosofija saret aktar magħrufa permezz tat-tifsir li ta San Anselmu dwar x'inhu l-*intellectus fidei*. Skond l-Arċisqof qaddis ta' Canterbury il-primat tal-fidi ma għandux imur kontra ir-riċerka li hi proprju tar-raġuni. Dan għax ir-raġuni m'hijiex imsejħa biex tagħti ġudizzju fuq xi materja tal-fidi: dan ma tistax tagħmlu għaliex m'hijiex qiegħda għalhekk. Il-ħidma tar-raġuni hi aktar dik li tagħti tifsir u ssib għaliex il-bnedmin kollha jaslu għal xi sura ta' għarfien tat-tagħlim tal-Fidi. San Anselmu jinsisti li l-intellett hu

40. *De praesriptione haereticorum*, VII, 9.

41. Kong. għall-edukazzjoni kattolika, instruzzjoni dwar l-istudju ta' Missirijiet il-Knisja fis-Seminarji (10 Novembru 1989), 25.

fid-dmir jistħarreġ kull ma jħobb; aktar ma jħobb, aktar jixtieq jaf. Min jgħix għall-verità jinġibed lejn sura ta' għarfien li jkebbsu dejjem aktar b'imħabba għal dak li jsir jaf, għalkemm ikollu jammetti li ma għamilx kull ma xtaq jagħmel: "Biex narak, ġejt maħluq, iżda għad ma għamiltx dak li għalih ġejt maħluq."[42] Ix-xewqa għall-verità mela timbotta lir-raġuni biex timxi aktar 'il quddiem, anzi r-raġuni tintrebaħ mill-għarfien tal-ħila li għandha, li hi dejjem aqwa minn dak li tikseb. Iżda issa u f'dan il-waqt ir-raġuni tista' tara sa fejn se tasal il-mixja tagħha: "Jien jidhirli li min jistħarreġ xi verità li ma tistax tiftiehem ikun biżżejjed għalih jekk bir-raġuni tiegħu jasal biex jagħraf b'xi mod x'inhi ... għalkemm ma jifhimhiex ... Iżda x'hemm hekk ma jiftihemx, hekk ineffabbli daqs dak li hu 'l fuq minn kull ħaġa? Għalhekk jekk dak li sa issa ntqal fuq dan l-Esseri suprem skond ir-raġuni, għalkemm l-intellett ma jistax jifhmu u jfissru bil-kliem, dan ma jfissirx li hi bla ebda bażi ċ-ċertezza tiegħu. Jekk ir-riflessjoni tar-raġuni, li saret qabel, għarfet li ma jista' qatt jiftiehem il-mod kif il-għerf suprem jaf x'għamel, min jista' jasal biex ifisser kif dan l-għerf suprem jagħraf lilu nnifsu u li bniedem ma jaf xejn fuqu u bil-kemm jista' jaf xi ħaġa żgħira?[43]

Hekk mill-ġdid titwettaq l-armonija fondamentali li hemm bejn dak li jingħaraf bil-filosofija u dak li jingħaraf bil-fidi: il-fidi titlob li l-oġġett tagħha jiftiehem bl-għajnuna tar-raġuni: ir-raġuni, hija u tilħaq il-qofol tar-riċerka tagħha, trid tammetti li ma tistax tgħaddi mingħajr dak li tagħtiha l-fidi.

## L-oriġinalità tal-fehmiet ta' San Tumas ta' Aquino tibqa' dejjem

43. Hemm riservat post speċjali għal San Tumas b'din il-mixja twila, mhux biss minħabba dak li hemm fit-tagħlim tiegħu, imma wkoll minħabba d-djalogu li għaraf jagħmel mat-tagħlim Għarbi u Lhudi ta' żmienu. F'dak iż-żmien li fih l-istudjużi nsara kienu qed jiskopru t-teżori tal-filosofija antika, u l-aktar tal-filosofija ta' Aristotele, San Tumas kiseb mertu kbir meta wera l-armonija li hemm bejn ir-raġuni u l-Fidi. Id-dawl, kemm tal-Fidi u kemm tar-raġuni, ġejjin mingħand Alla, jargumenta San Tumas, mela ma jistgħux ikunu kontra xulxin.[44]

42. San Anselmu *Proslogion*, 1.
43. *Monologion*, 64.
44. Ara *Summa contra Gentiles*, I, VII.

San Tumas b'mod l-aktar radikali għaraf li n-natura, l-oġġett proprju tal-filosofija, tista' tgħin biex wieħed jifhem ir-Rivelazzjoni ta' Alla. Il-fidi għalhekk ma tibżax mir-raġuni imma tfittixha u tafda fiha. Kif il-grazzja tibni fuq in-natura u twassalha għall-perfezzjoni,[45] hekk il-fidi ssostni r-raġuni u twassalha għall-perfezzjoni. Ir-raġuni, imdawwla mill-fidi, teħles mid-dgħufija u l-limiti tagħha, li ġejjin mid-diżubbidjenza tad-dnub, issib il-qawwa meħtiega biex togħla lejn l-għarfien tal-Misteru ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni. Waqt li bil-qawwa kollha San Tumas wera n-natura soprannaturali tal-fidi, ma nesiex il-valur tar-raġuni, anzi għaraf jinżel fil-fond u jfisser u wera sa fejn jasal l-għerf li twassal għalih ir-raġuni. Il-fidi b'xi mod hi "eżerċizzju ta' ħsieb"; ir-raġuni tal-bniedem ma titwarrabx, ma tiddgħajjifx, meta taċċetta l-veritajiet tal-fidi; iżda dawn il-veritajiet naslu għalihom permezz ta' għażla ħielsa u konxja.[46]

Minħabba f'hekk, bir-raġun kollu, San Tumas tqies mill-Knisja mgħallem tal-ħsieb u eżempju ta' kif għandha tiġi żviluppata t-teoloġija. F'dan jgħinna dak li kiteb il-Papa ta' qabli, u serv ta' Alla Pawlu VI, fl-okkażżjoni tas-seba' mitt sena tal-mewt ta' San Tumas: bla dubju ta' xejn kbar f'San Tumas kienu l-kuraġġ li kellu tal-verità u l-mod ħieles kif iddiskuta problemi ġodda, l-onestà intellettwali li waslitu biex ma jħallix it-tagħlim nisrani jitniġġes la minn filosofija profana u lanqas minn ċaħdiet u preġudizzji ġejjin *minnha*. Għalhekk fl-istorja tat-tagħlim nisrani, ismu jingħadd ma' pijonieri li ħejjew it-triq ġdida għall-filosofija u għall-kultura iniversali. Imżejjen kif kien bi ħsieb mill-aktar fin u bi ħsieb ta' profeta, il-qofol u kważi l-għerq tas-soluzzjoni tal-problema bejn ir-raġuni u l-fidi, kienet dik li għaraf jgħaqqad is-*sekularità* tad-dinja mar-radikalità ta' l-Evanġelju, mingħajr ma wassal għaċ-ċaħda, kontra n-natura, tad-dinja u tal-valur tagħha, mingħajr ma tbiegħed mill-prinċipji ewlenin ta' l-ordni soprannaturali, li ma jistgħu qatt jiġu mwarrbin.

44. Fost il-fehmiet ewlenin li bihom intebaħ San Tumas hemm dik dwar il-missjoni li jagħmel l-Ispirtu s-Santu meta jwasssal għall-għerf ix-xjenza tal-bniedem. Mill-ewwel paġni tas-*Summa Theologiae*,[47] San Tumas ried juri l-primat ta' dak l-għerf li hu don ta' l-Ispirtu s-Santu u li jwassal għall-għarfien tal-veritajiet divini. It-teoloġija tiegħu tgħinna nifhmu s-sura speċjali ta' l-għerf fir-rabta mal-fidi u ma' l-għarfien ta' Alla. L-għerf dan

45. Ara *Summa Theologiae*, I, i, 8 ad *2um: cum enim gratia non tollit naturam sed perficiat.*
46. Ara Diskors tal-Papa Ġwann Pawlu II lil dawk li ħadu sehem fid-IX Kungress Tomistiku Internazzjonali (29 Settembru, 1990).
47. Itra appostolika *Lumen Ecclesiae* (20 Novembru, 1974), 8

jafu naturalment, jissopponi il-fidi u jasal biex jfassal ġudizzju veru, bażat fuq il-verità ta' l-istess fidi: ... l-għerf bħala don mhux l-istess bħall-għerf li jinkiseb bil-ħila tal-ħsieb. Dan jinkiseb bit-tħabrik tal-bniedem, dak jiġi minn fuq kif jgħid San Ġakbu (3, 15). Hekk ukoll jintgħażel mill-fidi, għax il-fidi taċċetta il-verità ta' Alla kif inhi fiha nfisha, iżda l-ġudizzju li hu skond il-verità ta' Alla hu don ta' l-għerf.[48]

Iżda l-primat ta' dan l-għerf ma jwassalx lil San Tumas biex jinsa żewġ suriet oħra komplementari ta' l-għerf ... l-għerf filosofiku ibbażat fuq il-ħila ta' l-intellett li tistħarreġ ir-realtà minkejja l-limiti tagħha; u l-għerf teoloġiku bażat fuq ir-rivelazzjoni li jistħareġ il-veritajiet tal-fidi u jasal sal-misteru ta' Alla.

Konvint kif kien li "kull verità, tingħad minn min tingħad, tiġi mill-Ispirtu s-Santu",[49] San Tumas ma kellux preferenzi quddiem il-verità. Fittixha kull fejn sata' jsibha, u wera sewwa l-universalità tagħha. Il-Maġisteru tal-Knisja għaraf fih u stima l-ħerqa tiegħu għall-verità; il-ħsieb tiegħu, għax qatt ma tbiegħed mill-verità universali, oġġettiva u traxxendenti, laħaq qċaċet "li l-intelliġenza tal-bniedem qatt ma kinet taħseb li kellha l-ħila tilħaq".[50] Bir-raġun kollu mela jista' jissejjaħ "appostlu tal-verità",[51] għaliex fittex il-verità mingħajr qatt ma ddubita fiha, għaraf jara t-tifsir oġġettiv tagħha, u l-filosofija tiegħu ma kinitx il-filosofija "ta' dak li jidher", imma l-filosofija ta' "dak li hu".[52]

## It-traġedja tal-firda bejn fidi u raġuni

45. Mal-bidu ta' l-universitajiet it-teoloġija iltaqgħet b'mod aktar dirett ma' suriet oħra ta' riċerka u ta' għerf xjentifiku. San Albertu l-Kbir u San Tumas, għalkemm kienu tal-fehma li hemm rabta organika bejn il-fidi u t-teoloġija, kienu l-ewwel li għarfu li l-filosofija u x-xjenzi jeħtieġu l-awtonomija tagħhom, biex ikunu jistgħu jagħmlu riċerka xierqa fl-oqsma proprji tagħhom. Iżda qrib it-tmiem taż-Żminijiet tan-Nofs l-għażla bejn dawn iż-żewġ suriet ta' għerf tant kibret li saret oppożizzjoni. Minħabba r-razzjonaliżmu esaġerat ta' xi għorrief, l-oppożizzjoni saret aktar radikali

48. Ara *ibid.* I, 1, 16: *Praeterea, haec doctrina per studium acquiritur. Sapientia autem per infusionem habetur, unde inter septem dona Sancti Spiritus connumeratur.*
49. *Ibid.* II. II, 45, 1 ad 3; ara wkoll II.II, 45, 2.
50. *Ibid.* I, 11, 109 1 ad 1 fejn ifakkar frasi ta' l-*Ambrosiater* f'1 Kor 12, 1.
51. Ljun XIII, enċikl. *Aeterni patris* (4 Awissu 1879).
52. Pawlu VI, Ittra app. *Lumen Ecclesiae,* (20 Novembru 1974), 8.

u nibtet filosofija mifruda mill-veritajiet tal-fidi u indipendenti għal kollox minnha. Fost il-ħafna konsegwenzi ta' din il-firda, kien hemm ukoll nuqqas ta' fiduċja kbira dejjem tiżdied fl-istess raġuni tal-bniedem. Xi wħud, bi spirtu ta' xettiċiżmu u ta' anjostiċiżmu bdew juru nuqqas ta' fiduċja f'kollox, waqt li xi wħud jiċċentraw ħsiebhom aktar fuq il-fidi u oħrajn waslu biex jiċħdu l-istess raġuni.

Fi ftit kliem, dak li għallmu Missirijiet il-Knisja u l-għorrief taż-Żminijiet tan-Nofs, kisbu għaqda kemm fit-teorija u kemm fil-prattika u ħolqu tagħrif kapaċi jilħaq l-ogħla gradi ta' l-ispekulazzjoni, ġie meqrud mis-sistemi fejn it-tagħrif miksub mir-raġuni tqies mifrud mill-fidi u ħa postha.

46. Dawk il-fehmiet radikali l-aktar importanti huma magħrufin sewwa u jidhru sewwa l-aktar fl-istorja tal-punent. M'aħniex nesaġeraw jekk ngħidu li f'dawn l-aħħar żminijiet partikularment mill-ħsieb filosofiku dejjem aktar bil-mod il-mod infirdet ir-Rivelazzjoni nisranija u sa kemm waslet biex tkun apertament kuntrarja għaliha. Dan laħaq il-qofol tiegħu fis-seklu qabel dan. Xi wħud minn dawk li ħaddnu l-"idealiżmu" b'ħafna manjeri ppruvaw jibdlu l-fidi u l-elementi kollha tagħha u wkoll il-misteri tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu mil-imwiet billi tawhom strutturi djalettiċi li r-raġuni tifhimhom weħedha. Kontra dan il-ħsieb ħargu ħafna suriet ta' umaniżmu atehu, mfissra b'termini filosofiċi, li qiesu l-fidi bħala tfixkil għall-ħsieb u ta' ħsara għall-iżvilupp sħiħ tar-raġuni. Ma beżgħux jidhru bħala reliġjonijiet ġodda, bħala bażi ta' proġetti, li fuq livell politiku u soċjali, taw bidu għal sistemi totalitarji li kienu diżastru għall-umanità.

Fir-riċerka xjentifika iddominat mentalità pożitivistika li mhux biss twarbet minn kull tifsira nisranija tad-dinja, imma wkoll, u l-aktar, ħalliet taqa' kull referenza għall-metafisika u l-morali. Għalhekk ġara li xi xjenzjati, neqsin minn mentalità etika, waqgħu fil-periklu li ma jħallux aktar fiċ-ċentru ta' riċerka tagħhom il-persuna u l-ħajja kollha tagħha. Anzi xi wħud minnhom, għax għarfu l-progress kollu li sar fit-teknoloġija, dehru mhux biss jaċċettaw il-loġika tas-suq, imma waslu biex jaraw xi setgħa divina fin-natura u fil-bniedem innifsu.

Bħala konsegwenza ta' din il-kriżi tar-razzjonaliżmu, żdiet in-*nikiliżmu.* Bħala filosofija tax-xejn kellha l-ħila li tħajjar in-nies ta' żmienna. Dawna jaħsbu li r-riċerka hi għan fiha innifisa, bla ebda tama li xi darba tista' tasal biex tikseb il-verità. Fil-fehma tan-nikilisti l-eżistenza m'hijiex ħief ġabra ta' sentimenti u ta' esperjenzi fejn l-aktar affarijiet importanti huma dawk li jgħaddu u jintemmu. Minn nikiliżmu ħarġet il-fehma li ebda mpenn ma jista' qatt ikun definittiv għax kollox hu biss għal xi żmien u malajr jispiċċa fix-xejn.

47. Imbagħad ma għandniex ninsew li fil-kultura filosofika ta' llum saret bidla. Il-filosofija m'għadhiex dak li kienet, ma għadhiex għerf u tagħrif universali, imma bil-mod il-mod saret waħda mill-ħafna oqsma ta' tagħrif tal-bniedem; anzi, għal xi wħud, minħabba xi raġunijiet, hi meqjusa li għandha ħidma għal kollox sekondarja. Intant żdiedu dejjem aktar suriet oħra ta' razzjonaliżmu li komplew jagħtu importanza mill-inqas lill-filosofija. Flok riċerka dwar il-verità, dwar l-għan finali tal-bniedem u s-sens tal-ħajja, is-suriet ta' dan ir-razzjonaliżmu fittxew – jew ħasbu li jistgħu jfittxu "raġunijiet strumentali" li jkunu ta' siwi għat-tkabbir tal-pjaċir u s-setgħa.

Kemm hi perikoluża din it-triq urejtu fl-ewwel enċiklika tiegħi meta ktibt: "Il-bniedem ta' żmienna jidher mhedded minn dak li jagħmel, jiġifieri mill-frott ta' għemilu, u aktar u aktar mill-ħidma ta' moħħu u mill-ġibdiet tar-rieda tiegħu. Din il-ħidma kollha malajr u spiss, mingħajr qatt ma wieħed kien jobsor, tagħti u ġġib "aljenazzjoni" fis-sens li mhux biss tittieħed mingħand min għamilha, imma aktarx iddur kontra tiegħu, almenu fil-konsegwenzi indiretti ta' l-effetti tagħha. Hi kontra tiegħu jew tista' tiġi mdawwra kontra tiegħu. Din tidher li hi l-parti ewlenija tat-traġedja tal-ħajja tal-bniedem ta' llum fid-dimensjoni l-aktar wiesgħa u universali tagħha. Il-bniedem għalhekk jgħix fil-biża'. Jibda minn dak li qed jipproduċi, – mhux minn kollox jew minn ħafna minnu, imma minn parti minnu, minn dak li għandu fih sehem speċjali tal-ġenju u l-inizjattiva tiegħu. Dan tista' ddur kontrih."[53]

Xi filosofi, minħabba dawn it-tibdil fil-fehmiet, ma baqgħux ifittxu x'inhi l-verità iżda biss fittxew li jiksbu ċertezza oġġettiva u siwi fil-prattika tar-realtà. Ġara li b'hekk iddalmet id-dinjità vera tar-raġuni għax ma għandhiex aktar is-setgħa li tagħraf il-verità u tilħaq dak li hu l-assolut.

48. Dak li l-aktar jidher f'din l-istorja qasira tal-filosofija hi firda dejjem akbar bejn il-Fidi u r-raġuni. Veru li, għal min irid iqis sewwa l-ħaġa, fil-ħsieb filosofiku ta' dawk li għenu biex ibegħdu dejjem aktar il-Fidi u r-raġuni minn xulxin, ta' kull tant tiltaqa' ma' ħsibijiet jiswew ħafna li setgħu jwasslu għal ksib tal-verità kieku fittxew u żviluppaw xi ħsibijiet tagħhom b'fehma u b'qalb sinċiera. Dawn il-ħsibijiet jistgħu jinsabu, biex insemmi xi eżempji, fl-analisi penetranti ta' dak li wieħed jara jew għandu l-esperjenza tiegħu, ta' dak li jimmaġina u ta' dak li jħoss fih bla ma jaf x'inhu, tal-personalità u s-suġġettività proprja, tal-libertà u l-valuri, fiż-

53. Enċikl. *Redemptor hominis* (4 Marzu, 1979), 15.

żmien u l-istorja. Il-problema tal-mewt ukoll tista' timpenja xi filosofu b'serjetà kbira, biex jagħraf fih innifsu it-tifsir veru ta' ħajtu. Iżda dan ma jfissirx li r-rabta bejn il-fidi u r-raġuni ma teħtieġx li tkun studjata sewwa, għax il-fidi u r-raġuni mingħajr xulxin huma mfaqqra u mdgħajfa. Ir-raġuni mċaħda minn dak li toffri r-Rivelazzjoni taqbad triq mgħawwġa li twassalha għall-periklu li ma tarax x'inhu l-għan finali tagħha. Il-fidi, mingħajr ir-raġuni, tfittex tagħti importanza lis-sentimenti, l-esperjenzi u tista' ma tibqax fehma universali. Hu żball taħseb li l-fidi, quddiem raġuni dgħajfa, tiswa aktar; għall-kuntrarju ssib ruħha f'periklu kbir li ssir mitoloġija u superstizzjoni. Hekk ukoll ir-raġuni bl-ebda rabta ma' fidi soda, ma tasalx biex tara dak li hu ġdid u radikali.

Hu għalhekk qed nagħmel dan l-appell qawwi u insistenti u li mhux barra minn żmienu – biex il-fidi u l-filosofija jerġgħu jsibu dik l-għaqda sħiħa li tkun taqbel man-natura tagħhom, mingħajr ma thedded l-awtonomija tal-waħda u ta' l-oħra. Il-*parrhesia* tal-fidi trid taqbel mal-qawwa tar-raġuni.

# Il-ħames Kap

# L-INDĦIL TAL-MAĠISTERU FI KWISTJONIJIET FILOSOFIĊI

## Id-dexxerniment għaqli tal-Maġisteru bħala servizz lejn il-verità

49. Il-Knisja m'għandiex il-filosofija proprja tagħha lanqas tagħżel xi sistema filosofika bi preferenza għal sistemi oħrajn.[54] Ir-raġuni ta' din il-politika tinsab fil-fatt li l-filosofija, ukoll fir-relazzjoni tagħha mat-teoloġija, taħdem skond il-prinċipji u r-regolamenti tagħha; mod ieħor, ma jkunx hemm garanzija li se tfittex il-verità u tiksibha bil-ħidma tar-raġuni. Tkun biss ta' għajnuna żgħira filosofija li ma taqdix il-ħidma tagħha immexxija mir-raġuni skond il-prinċipji u l-metodi tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar l-għerq ta' l-awtonomija li tgawdi l-filosofija tinsab fil-fatt li r-raġuni min-natura tagħha stess tfittex il-verità u biex tiksibha għandha l-mezzi kollha meħtieġa. Il-filosofija hija u tagħraf dak li hi fiha nfisha ma tistax ma tagħrafx u ma taċċettax dak li titlob fiha nnfisha l-verità rivelata.

Iżda l-istorja turi t-tgħawiġ u l-iżbalji li, l-aktar f'dawn l-aħħar żminijiet, li fihom sabet ruħha il-filosofija aktar minn darba. La hi l-ħila u lanqas hu d-dmir tal-Maġisteru li jindaħal biex jimla l-vojt li jħallu n-nuqqasijiet ta' xi filosofiji. Għall-kuntrarju, il-Maġisteru irid jopponi bid-dieher u bil-qawwa kollha xi fehmiet filosofiċi dubbji li jkunu ta' theddida għar-Rivelazzjoni, għax iwasslu biex tiftiehem ħażin jew għax jixxandru fehmiet qarrieqa u foloz, li jagħtu bidu għal żbalji serji u hekk iħawwdu is-sempliċità tal-poplu ta' Alla u s-sinċerità tal-fidi tiegħu.

50. Il-Maġisteru tal-Knisja jista', u hu fid-dmir jagħti, ġudizzju kritiku mdawwal mil-fidi, dwar fehmiet u opinjonijiet filosofiċi bl-awtorità kollha, meta jkunu kontra tagħlim nisrani.[55] Il-Maġisteru l-ewwelnett hu fid-dmir li jiġġudika liema prinċipji u konsegwenzi filosofiċi huma kontra l-verità rivelata, u wkoll x'teħtieġ il-filosofija mid-dawl tal-fidi. Barra dan, il-għerf filosofiku żviluppa ruħu f'ħafna skejjel ta' ħsieb. Dawn il-ħafna skejjel jimponu fuq il-Maġisteru id-dmir li jagħti ġudizzju responsabbli dwar

54. *Humani generis* (12 Awissu, 1950).
55. Ara Konċ. Vat. I *Pastor aeternus* u Konċ. Vat. II *Lumen gentium* 25c.

jekk il-prinċipji fondamentali ta' dawn l-iskejjel jaqblux jew le ma' dak li titlob il-Kelma ta' Alla u t-teoloġija.

Il-Knisja hi fid-dmir li turi dak li f'xi sistema filosofika ma jkunx jaqbel mal-fidi. Ħafna opinjonijiet filosofiċi, bħalma huma l-fehmiet dwar Alla, il-bniedem, il-libertà tiegħu, l-imġiba morali tiegħu, iġiegħelu l-Knisja tindaħal meta jolqtu l-verità rivelata li l-Knisja hi fid-dmir li tħares. Meta nagħmlu dan id-dixxerniment aħna l-isqfijiet rridu nkunu "xhieda tal-verità", aħna u naqdu servizz umli u sod, li kull filosofija għandha tapprezza, għax hu servizz favur ir-"recta ratio" jiġifieri r-raġuni li b'mod xieraq taħseb fuq dak li hu veru.

51. Dan il-ġudizzju m'għandux l-ewwelnett jiftiehem b'mod negattiv, bħallikieku l-Maġisteru ried inaqqas jew iwarrab xi medjazzjoni. Anzi l-eżortazzjonijiet tal-Maġisteru jrid l-ewwelnett iħajru, jġibu 'l quddiem u jħeġġu fir-riċerka filosofika. Fl-aħħar mill-aħħar l-istess filosofi huma l-ewwel nies li jħossu l-ħtieġa li jiġu kritikati biex jikkoreġu xi żbalji tagħhom, u jwessgħu l-limiti dojoq iżżejjed li fihom żviluppa l-ħsieb filosofiku tagħhom. L-aktar ħaġa importanti hi li l-verità hi waħda, għalkemm il-formulazzjoni tagħha hi skond l-istorja ta' żmien li tkun, u wkoll għaliex hi l-frott ta' raġuni mdgħajfa u midruba mid-dnub. Għalhekk ebda sura storika tal-filosofija tista' leġittimament tippretendi li tħaddan il-verità kollha kemm hi, u lanqas tista' qatt tfisser għal kollox il-bniedem, id-dinja, u r-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla.

F'dawn iż-żminijiet tagħna, qed jiżdiedu s-sistemi, il-metodi, l-opinjonijiet u t-teżijiet filosofiċi spiss komplikati bil-ħafna partikularitajiet tagħhom, aktar u aktar hu meħtieġ ġudizzju kritiku imdawwal mill-fidi. Hu ġudizzju mhux ħafif, għax meta ġa hi ħaġa tqila tagħraf sa fejn tasal ir-raġuni minnha nfisha u bil-fakultajiet kollha tagħha, barra mil-limitazzjonijiet naturali u storiċi, dejjem aktar jidher diffiċli il-ġudizzju dwar kull fehma filosofika, fuq dak li fid-dawl tal-fidi tidher ta' siwi u ta' ġid b'kotra ta' frott, iżda li mingħajr id-dawl tal-fidi ma tkunx ħlief qerq u perikoluża. Il-Knisja taf li fi Kristu hemm moħbija t-teżori ta' l-għerf u tad-dehen (ara Kol 2, 3) għalhekk tindaħal biex ir-riċerka filosofika timxi 'l quddiem u ma talaqx it-triq li twassal għall-għarfien tal-misteru.

52. Mhux biss fiż-żminijiet qrib lejna li l-Maġisteru tal-Knisja wera l-fehma tiegħu dwar xi tagħlim filosofiku. Biex insemmi xi eżempji, biżżejjed infakkar xi dikjarazzjonijiet li saru tul iż-żminijiet dwar il-fehmiet ta' dawk li kienu jsostnu li r-ruħ kienet teżisti qabel il-ħolqien tal-ġisem,[56]

56. Ara *Synodus Constantinopolitanus.*

dwar il-ħafna suriet qarrieqa ta' idolatrija u ta' superstizzjonijiet esoteriċi li jsibu posthom fi spekulazzjonijiet astroloġiċi[57] u lanqas ma rridu ninsew id-dikjarazzjonijiet aktar sistematiċi kontra l-averroiżmu latin li jmur kontra l-fidi nisranija.[58]

Jekk il-kelma tal-Maġisteru nstemgħet aktar ta' spiss fis-seklu ta' qabel dan, dan ġara għax f'dak iż-żmien mhux ftit kattoliċi deherilhom li dmirhom kien li jopponu bil-filosofija tagħhom il-fehmiet tal-filosofi moderni. Il-Maġisteru tal-Knisja kellu għalhekk jgħasses biex dan it-tagħlim filosofiku wkoll ma jiżloqx f'xi suriet qarrieqi u negattivi. Hu għalhekk li ġew ċċensurati l-*fideiżmu*[59] u t-*tradizzjonaliżmu radikali*[60] għax ma kinux jafdaw fil-kapaċitajiet naturali tar-raġuni; għalhekk ġew ċensurati r-*razzjonaliżmu*[61] u l-*ontoloġiżmu*[62], għaliex taw lir-raġuni fakultajiet li jistgħu jingħarfu biss fid-dawl tal-fidi. It-tajjeb li ħareġ minn din id-diskussjoni nsibuh miġbur fil-Kostituzzjoni dommatika *Dei Filius* li għall-ewwel darba f'Konċilju ekumeniku, dak tal-Vatikan I, fisser bis-solennità kollha x'relazzjoni hemm bejn il-fidi u r-raġuni. it-tagħlim li hemm f'dan id-dokument sewa ta' ġid kbir għal ħafna filosofi nsara, u għadu sa llum ta' siwi mill-aqwa għal riflessjoni nisranija, ġusta u korretta f'dan il-qasam.

53. Il-Maġisteru aktar milli tkellem fuq xi liġi filosofika waħda, tkellem fuq il-ħtieġa ta' tagħrif skond ir-raġuni u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar tkellem fuq il-ħtieġa tal-filosofija għall-għarfien tal-fidi. Il-Konċilju Vatikan I semma' u wettaq bis-solennità kollha it-tagħlim li b'mod ordinarju l-Maġisteru pontifiċju dejjem ta lill-insara, u wera b'mod ċar sewwa kemm ma humiex mifrudin minn xulxin, imma jaqblu sewwa bejniethom l-għarfien naturali ta' Alla u r-Revelazzjoni, ir-raġuni u l-fidi. Il-Konċilju beda mill-prinċipju fondamentali, li r-Rivelazzjoni wkoll tissopponih, li l-eżistenza ta' Alla tista' tingħaraf naturalment bħala l-bidu u t-tmiem ta' kollox[63] u temm kliemu b'dik id-dikjarazzjoni solenni li ġa semmejt:

57. Ara *Concilium Toletanum* I; *Concilium Bracarense* I: Papa Sistu V, bulla *Caeli et terra Creator* (5 Jannar 1586); Papa Urbanu VIII *Inscrutabilis iudiciorum* (1 April 1631).
58. Konċ. ta' Vienna, digriet *Fidei catolicae*; Konċ. Lateran V, bulla *Apostolici regiminis*.
59. Ara *Theses a Ludovico Eugenio Bautain iussu sui Episcopi subscriptae* (8 Settembru 1850); *Theses a Ludovico Eugenio Bautain ex mandato S. Congr. Episcoporum et Regiosorum subcriptae* (26 April 1840).
60. Ara S. Kongr. ta' l-Indiċi, digriet *Theses contra Traditionalismi Augustini Bonnett* (11 Ġunju 1850).
61. Ara Papa Piju IX brevi *Eximium tuam* (15 Ġunju 1857) breve *Gravissimas inter* (11 Diċembru 1862).
62. S. Kong. Sant'Uffiċċju, digriet *Errores ontologistarum* (18 Settembru 1861).
63. Ara Konċ. Vat. I *Dei Filius* II.

"Tnejn huma l-għejun ta' l-għerf, u jingħażlu minn xulxin mhux biss mill-bidu tagħhom imma wkoll mill-oġġett tagħhom."[64] Kontra kull sura ta' razzjonaliżmu kien meħtieġ li jingħad illi l-misteri tal-fidi jridu jingħażlu minn dak li ssib fil-filosofija, għax il-fidi tiġi qabel il-filosofija u hi 'l fuq minnha. Iżda min-naħa l-oħra, kontra l-ħajriet tal-fideiżmu, kien meħtieġ li jingħad bil-qawwa kollha li l-verità hi waħda għalhekk jiswa wkoll il-kontribut li tista' tagħti r-raġuni u fil-fatt tagħti lill-fidi. "Għalkemm il-fidi hi 'l fuq mir-raġuni, qatt ma jista' jkun hemm firda vera bejn il-fidi u r-raġuni għaliex hu l-istess Alla li jirrivela l-misteru li tħabbar il-fidi u niżel fl-ispirtu tal-bniedem bid-dawl lir-raġuni. Alla ma jistax jiċħad lilu nnifsu u lanqas qatt jwassal biex verità tkun kontra l-verità.[65]

54. Fis-seklu tagħna wkoll, il-Maġisteru qanqal din il-kwistjoni u wissa kontra l-ħajriet tar-razzjonaliżmu. Fid-dawl ta' dan irridu nqisu l-ħidma ta' San Piju X li ntebaħ li pedament tal-moderniżmu kienu dawk il-fehmiet filosofiċi tal-fenomeniżmu ta' l-anjostiċiżmu, u ta' l-immanentiżmu.[66] Lanqas irridu ninsew il-piż u l-importanza taċ-ċaħda tal-kattoliċiżmu mill-filosofija marxista u mill-komuniżmu bla Alla.[67]

Piju XII aktar tard samma' leħnu fl-enċiklika *Humani generis* biex iwissi kontra fehmiet żbaljati, marbutin ma' l-evoluzzjoniżmu, ma' l-eżistenzjaliżmu u ma l-istoriċiżmu. Dan il-Papa għamilha ħaġa ċara li dawn il-fehmiet ma tfasslux u ma xxandrux mit-teoloġi, iżda nibtu "barra l-merħla ta' Kristu",[68] imma żied ukoll li dawn l-iżbalji ma hawnx biżżejjed li jiġu mwarrbin, iżda għandhom jiġu kritikati bil-għaqal kollu. "Mhuwiex permess għall-filosofi u għat-teoloġi kottoliċi, li għandhom id-dmir iħarsu l-verità divina u umana u jnissluha fi qlub il-bnedmin, li ma jagħtux każ u ma jqisux dawn l-opinjonijiet li ftit jew wisq jitbegħdu minn dak li hu veru. Anzi jeħtieġ li jkunu jafu sewwa dawn l-opinjonijiet kemm għax ma titfejjaqx marda li ma tkunx magħrufa sewwa, u kemm għax xi verità xi drabi tinsab moħbija f'dawn il-fehmiet foloz. U fl-aħħarnett ukoll għax dawn l-opinjonijiet iwasslu biex xi veritajiet filosofiċi u teoloġiċi jiġu mistħarġa aktar fil-fond u b'aktar ħerqa."[69]

Fl-aħħarnett l-istess Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi hija u taqdi

64. *Ibid.* IV; imsemmi f'*Gaudium et spes* (Konċ. Vat. II, 5).
65. Konċ. Vat. I *Dei Filus* IV.
66. Ara enċikl. *Pascendi dominici gregis* (8 Settembru 1907).
67. Ara Piju XI enċikl. *Divini Redemptoris* (19 Marzu 1937).
68. Enċikl. *Humani generis* (12 Awissu 1950).
69. *Ibid.*

d-dmir proprju tagħha f'isem il-Maġisteru universali tal-Papa,[70] ħasset il-ħtieġa li twissi dwar il-perikli li fih jinsabu dawk li jħaddnu t-teoloġija tal-liberazzjoni meta jaċċettaw u meta ma jqisux prattikament fehmiet u metodi meħudin mill-marxiżmu.[71]

Fl-imgħoddi l-Maġisteru f'okkażjonijiet u f'suriet differenti ta ġudizzju kritiku fuq problemi filosofiċi. Dak li għamlu l-Papiet ta' qabli kien kontribut ta' siwi kbir li qatt ma għandu jintesa.

55. Jekk inqisu l-qagħda ta' llum, naraw li qed jerġgħu jidhru l-kwistjonijiet ta' l-imgħoddi iżda taħt suriet ġodda. M'humiex kwistjonijiet li llum jinteressaw biss xi individwi jew xi gruppi, imma huma fehmiet li qed jinxterdu sewwa fost in-nies, hekk li b'xi mod saru l-fehmiet ta' kulħadd. Bħala eżempju nsemmi n-nuqqas ta' fiduċja radikali fir-raġuni li qed jidher dan l-aħħar fl-iżviluppi ta' ħafna riċerka filosofika. Minħabba f'dan, minn ħafna naħiet qed tinstema l-għajta li "l-metafika mietet": din m'hijiex ħlief ix-xewqa li l-filosofija tikkuntenta ruħha biss bi kwistjonijiet inqas importanti, kwistjonijiet dwar it-tifsir tal-fatti jew riċerka dwar oqsma limitati mill-mod kif jaħseb il-bniedem u kif dan isir.

Fit-teoloġija wkoll qed jerġgħu jidhru xi opinjonijiet ta' l-imgħoddi. Biex insemmi xi eżempji, f'xi skejjel teoloġiċi ta' żmienna qed jerġa jidher ċertu razzjonaliżmu, l-aktar meta xi opinjonijiet filosofiċi jitqiesu tajbin biex jirregolaw ir-riċerka teoloġika. Dan jiġri l-aktar meta t-teologu, nieqes mill-filosofija, mingħajr għaqal ta' xejn jaċċetta fehmiet li saru llum parti mill-kultura u mid-diskorsi ta' kulħadd, iżda mingħajr ma għandhom ebda bażi fir-raġuni.[72]

70. Ara Kost. app. *Pastor bonus* (28 Ġunju 1988); Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi, *Instructio de ecclesiali theologi vocatione, Donum veritatis* (24 Mejju 1990).

71. Ara Instr. *de quibusdam aspectibus theologiae "liberationis", Libertatis numtius* (6 Awissu 1984).

72. Il-Konċ. Vatikan I bi kliem ċar u bl-awtorità kollha kkundanna dan l-iżball. Dwar din il-fidi... il-Knisja Kattolika tistqarr li hi virtù soprannaturali li permezz tagħha, b'ispirazzjoni mis-sema u bl-għajnuna tal-grazzja, aħna nemmnu li huwa veru dak li ġie rivelat minn Alla, mhux għax naraw il-verità intrinsika tiegħu bid-dawl naturali tar-raġuni, imma minħabba l-awtorità ta' Alla nnifsu, li jirrivelahom u li la jitqarraq u lanqas jista' jqarraq, *Dei Filius,* III u kan. 23 u 2. Min-naħa l-oħra l-Konċilju tenna li r-raġuni qatt ma tista' tidħol fil-fond (ta' dawn il-misteri) bħalma tista' tidħol fil-fond tal-veritajiet li huma l-oġġett proprju tagħha; (ibid IV). Imbagħad ħarġet konklużjoni prattika: "L-insara mhux biss ma għandhomx id-dritt jiddefendu bħala konklużjonijiet xjentifiċi leġittimi dawk li huma kuntrarji għad-duttrina tal-fidi, speċjalment jekk ikkundannati mill-Knisja, imma huma strettament obbligati jqisuhom bħala żbalji li ma għandhomx ħlief sura qarrieqa ta' verità" (*ibid.* IV).

Lanqas huma neqsin tendenzi perikolużi favur il-fideiżmu, li ma jgħarfux l-qawwa tar-raġuni u tal-filosofija għall-għarfien tal-fidi, u wkoll għat-twemmin f'Alla. Sinjal imxerred sewwa ta' dan il-fidelbiżmu hu l-Biliċiżmu li jqies il-qari tal-Bibbja u t-tifsir tagħha l-uniku kriterju tal-verità. B'dan il-mod, il-Kelma ta' Alla qed tiġi identifikata biss ma'l-Iskrittura, u għalhekk mhux meħtieġ it-tagħlim tal-Knisja, imwettaq mill-Konċilju Vatikan II. Wara li bil-Kostituzzjoni *Dei Verbum* fakkar li l-Kelma ta' Alla tinsab fl-Istrittura u fit-Tradizzjoni,[73] bil-qawwa kollha tenna "It-Tradizzjoni Mqaddsa u l-Iskrittura huma l-kelma waħda u qaddisa ta' Alla fdata lill-Knisja. Il-poplu nisrani kollu, ħaġa waħda mar-ragħajja tiegħu, iħaddan din il-Kelma ta' Alla u jżomm sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (ara Atti 2, 42).[74] Mela l-Knisja ma tagħmilx biss referenza għall-Iskrittura. "In-norma ewlenija tal-fidi tagħha"[75] tinsab fl-għaqda li l-Ispirtu s-Santu ried bejn it-Tradizzjoni, l-Iskrittura u l-Maġisteru tal-Knisja hekk li qatt ma jistgħu jinfirdu minn xulxin.[76]

Lanqas ma nistgħu ma nqisux sewwa l-periklu li jinsab fil-fehma li l-verità ta' l-Iskrittura tista' tinkiseb biss minn metodu wieħed, u ma tagħtix każ ta' eseġesi aktar wiesgħa li flimkien mal-Knisja kollha tħallik tasal għall-għarfien sħiħ tat-test bibliku. Dawk kollha li huma dedikati għall-istudju ta' l-Iskrittura għandhom iqisu li kull tifsir metodoloġiku hu bażat fuq xi opinjoni filosofika, u din il-bażi trid tiġi eżaminata sewwa qabel tiġi applikata għall-Kotba Imqaddsa.

Nistgħu niltaqgħu wkoll ma' suriet oħra ta' fideiżmu moħbi, bħal meta ma tiġix apprezzata it-teoloġija spekulativa u l-filosofija klassika hi disprezzata: bil-fehmiet tat-teoloġija spekulativa u tal-filosofija klassika saru l-formulazzjonijiet teoloġiċi. Piju XII kien wissa dwar din it-traskuraġni tat-tradizzjoni filosofika u dan it-twarrib tat-terminoloġija tradizzjonali.[77]

56. Fi ftit kliem, qed jidhru ħafna sinjali ta' sfiduċja f'dikjarazzjonijiet ġenerali u assoluti l-aktar min-naħa ta' dawk li jaħsbu illi l-verità tinkiseb l-aktar mill-kunsens u mhux mill-qbil bejn il-ħsieb u r-realtà oġġettiva. Veru li wieħed jista' jifhem li f'dinja li għandha ħafna oqsma speċjalizzati, malajr tista' tara kemm hu diffiċli tikseb u tammetti t-tifsir sħiħ u finali tal-ħajja, tifsir li tradizzjonalment hu l-iskop tal-filosofija. Iżda bid-dawl

73. Ara n. 9.10.
74. *Ibid.* n. 1075. Ib.
75. *Ibid.* 21.
76 Ara *ibid.* 10.
77. Ara enċikl. *Humani generis* (12 Awissu 1950).

tal-fidi li fi Kristu Ġesù tara dan it-tifsir sħiħ u finali tal-ħajja, ma nistax ma nħeġġiġx il-ħafna filosofi, insara u m'humiex, biex jafdaw fil-qawwa tar-raġuni umana, u ma jillimitawx ruħhom għal għaniet li ftit għandhom importanza fil-filosofija tagħhom. F'dan il-millennju li wasal biex jintemm, l-istorja tixhdilna li din hi t-triq li minnha jeħtiġilna ngħaddu: ix-xewqa li tinkiseb il-verità finali u x-xewqa tar-riċerka ma jintilfux meta jingħaqdu flimkien biex bil-kuraġġ kollu jfittxu triqat ġodda. Hi l-fidi li tqanqal lir-raġuni biex ma tingħalaqx fiha nfisha imma bil-kuraġġ kollu tfittex dak li hu sabiħ, tajjeb u veru. Hekk il-fidi ssir avukata sinċiera u żgura tar-raġuni.

## L-interess tal-Knisja fil-filosofija

57. Il-Maġisteru ma jurix biss l-iżbalji ta' xi teoriji filosofiċi. Bl-istess ħsieb itenni liema huma l-prinċipji ewlenin meħtieġa biex ikun hemm tiġdid ġenwin fil-ħsieb filosofiku, billi juri liema triqat iridu jwasslu għal dan il-għan. F'din il-ħaġa l-Papa Ljun XIII fl-enċiklika *Aeterni patris* għamel pass 'il quddiem storikament importanti ħafna għall-ħajja tal-Knisja. Din l-enċiklika baqgħet sa llum l-unika dokument pontifiċju ta' importanza kbira dedikat kollu kemm hu għall-filosofija. Dan il-Papa ta' ġieħ liema bħalu, tenna u żviluppa t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan I dwar ir-relazzjoni bejn fidi u raġuni u wera l-importanza kbira li għandu l-ħsieb filosofiku biex jgħin l-fidi u t-teoloġija. Aktar minn mitt sena wara ħafna minn dak kollu li qalet l-enċiklika ma tilifx l-importanza tiegħu kemm prattikament u kemm pedagoġikament u l-aktar dak li qalet dwar is-siwi ma' ħemmx ieħor daqsu tat-teoloġija ta' San Tumas. It-tagħlim tad-Duttur Anġeliku San Tumas, ġie mill-ġdid imtenni mill-Papa Ljun XIII bħala l-aħjar triq biex tinkiseb mill-ġdid il-prattika ta' filosofija taqbel ma' dak li titlob il-fidi. Meta San Tumas "għamel għażla bejn it-teoloġija u l-filosofija, il-fidi u r-raġuni," kiteb il-Papa – "għaqqadhom flimkien b'rabta ta' ħbiberija għal xulxin huwa u jagħraf l-għan speċifiku, id-dritt u d-dinjità speċifika tal-waħda u ta' l-oħra."[79]

58. Kulħadd jaf bis-suċċess li kisbet din l-inizjativa tal-Papa. L-istudju fit-tagħlim ta' San Tumas u ta' għadd ta' filosofi skolastiċi ħa ħajja ġdida. L-istudji storiċi mxew ħafna 'l quddiem u għalhekk ġie magħruf mill-ġdid

78. Ara enċikl. *Aeterni patris* (4 Awissu 1879).
79. *Ibid.* 109.

l-għana tal-filosofi taż-Żminijiet tan-Nofs, li dak iż-żmien kienu kważi ntesa għal kollox, u twaqqfu skejjel tomistiċi ġodda. Bl-użu tal-metodoloġija storika, żdied sewwa l-għarfien ta' l-opri ta' San Tumas u bla għadd kienu l-istudjużi li bil-kuraġġ kollu daħħlu t-tradizzjoni tomistika fid-diskussjonijiet teoloġiċi u filosofiċi ta' dak iż-żmien. L-aqwa teoloġi kattoliċi ta' dan iż-żmien, li bil-fehmiet u l-istudji tagħhom kienu ta' għajnuna kbira għall-Konċilju Vatikan II, huma wlied dan it-tiġdid tal-filosofija tomistika. Il-Knisja, fi tmiem is-seklu XX, setgħet tagħmel użu jiswa ħafna mit-tagħlim ta' kotra kbira ta' filosofi, li gew formati l-iskola tad-Duttur Anġeliku.

59. It-tiġdid tomistiku u neo-tomistiku ma kienx waħdu sinjal tal-bidu mill-ġdid tal-ħsieb filosofiku fil-kultura ta' sura nisranija. Qabel u flimkien ma' l-inizjativa tal-Papa Ljun XIII, kien hemm mhux ftit filosofi kattoliċi, bl-użu ta' suriet ġodda ta' ħsieb filosofiku, bl-użu ta' metodoloġija proprja, ippubblikaw opri filosofiċi awtorevoli u ta' siwi li jibqa'. Kien hawn min ħoloq sintesi hekk għolja ta' ħsieb li setat tħabbatha sewwa ma' l-aqwa sistemi ta' l-idealiżmu; oħrajn ħejjew il-pedamenti epistemoloġiċi għall konsiderazzjoni tal-fidi fid-dawl ta' għarfien mġedded tal-kuxjenza morali; oħrajn ħolqu filosofija li, waqt li stħarrġu dak li jseħħ ġewwa l-bniedem fih innifsu fetħu l-bieb għal dak li hu traxxendenti; u oħrajn fl-aħħarnett ippruvaw jgħaqdu dak li titlob il-fidi mad-dawl li jagħti metodu fenomeloġiku. Mela minn ħafna prospetti ħarġu suriet ta' riċerka filosofika li fttxew iżommu ħajja t-tradizzjoni kbira tal-ħsieb nisrani f'għaqda flimkien tal-fidi u r-raġuni.

60. Il-Konċilju Vatikan II min-naħa tiegħu juri tagħlim filosofiku ta' għana kbir b'kotra ta' frott. Ma nistax ninsa li fil-kontest ta' din l-enċiklika hemm il-kapitlu kollu tal-Kostituzzjoni *Gaudium et spes* li hu qisu l-antropoloġija biblika kollha fil-qosor u għajn li minnha tista' tieħu ħafna ispirazzjoni fil-filosofija. Dawn il-paġni jitkellmu fuq il-valur tal-persuna, maħluqa xbieha ta' Alla, fuq id-dinjità tagħha u fuq is-superjorità tagħha fuq il-ħlejjaq l-oħra u juru l-kapaċità traxxendenti tar-raġuni.[80] Il-*Gaudium et spes* titkellem ukoll fuq il-fenomenu ta' l-ateiżmu u turi x'inhuma l-iżbalji filosofiċi tiegħu u minn fejn ġejjin, l-aktar dwar id-dinjità u l-libertà tal-persuna umana.[81] Żgur għandhom tifsir filosofiku mill-aqwa dawk il-paġni li ċċitajt fl-ewwel enċiklika tiegħi *Redemptor hominis* u li għalihom

80. Ara n. 14-15.
81. Ara *ibid.* 20-21.

dejjem għamilt referenza fit-tagħlim tiegħi: "Fil-fatt il-misteru tal-bniedem jiddawwal biss bil-misteru tal-Verb inkarnat. Adam, l-ewwel bniedem kien ix-xbieha ta' dak li kellu jiġi: Ġesù Kristu, Kristu hu l-Adam il-Ġdid huwa u jirrivela l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu, juri lill-bniedem x'inhu l-bniedem kollu kemm hu fih innifsu u jurih ukoll f'dawl sħiħ x'inhi s-sejħa għolja tiegħu."[82]

Il-Konċilju tkellem ukoll dwar il-filosofija li kellhom jitgħallmu l-kandidati għas-saċerdozju; hija rakkommandazzjoni tgħodd għal kollha kemm hi l-edukazzjoni nisranija. Il-Konċilju jgħid: Il-filosofija trid tiġi l-ewwelnett mgħallma lill-istudenti biex ikollhom fehma soda u koerenti ta' x'inhu l-bniedem, x'inhi d-dinja u min hu Alla; mibnija fuq il-pedament ta' wirt filosofiku li jiswa għal dejjem, waqt li jitqiesu wkoll il-fehmiet filosofiċi ta' llum.[83]

Dawn id-direttivi ġew imwettqin u speċifikati kemm-il darba minn dokumenti oħra tal-Maġisteru biex tingħata formazzjoni filosofika soda l-aktar lil dawk li qed iħejju ruħhom għall-istudju tat-teoloġija. Jien stess spiss urejt kemm hi importanti din il-formazzjoni filosofika għal dawk li, fil-ħidma pastorali tagħhom iridu xi darba jiltaqgħu mat-tamiet tad-dinja ta' llum u jifhmu l-għaliex ta' ċerta mġiba, biex ikunu jistgħu jagħtu tweġiba xierqa.

61. Ħassejt il-ħtieġa kemm-il darba li nitkellem dwar din il-kwistjoni, biex intenni wkoll is-siwi tal-fehmiet ta' San Tumas u ninsisti fuq l-istudju tat-tagħlim tiegħu; dan ġa għamiltu għax mhux dejjem ġew imħarsa d-direttivi tal-Maġisteru b'dik is-serjetà kollha li xtaqt. F'ħafna skejjel kattoliċi, wara li ntemm il-Konċilju Vatikan II, stajt nara sura ta' faqar għax naqsilhom mhux biss is-sens ta' l-importanza tal-filosofija skolastika, imma wkoll ta' l-importanza ta' l-istudju tal-filosofija. Ma nistax ma ngħidx kemm jiddispjaċini u kemm nistgħaġeb nara nuqqas ta' interess fl-istudju tal-filosofija f'għadd mhux żgħir ta' teologi.

82. *Ibid.* 22; enċikl. *Redemptor hominis,* 8 (4 Marzu 1979).

83. Digriet *Optatam totius,* 15.

84. Ara kost. app. *Sapientia christiana,* (15 April 1979), art. 79-80; eżort. post-sinodali *Pastores dabo vobis,* (25 Marzu 1992), 52; Ara wkoll il-ħafna osservazzjonijiet fuq il-filosofija ta' San Tumas: diskors lill-parteċipanti għat-VIII Kungress Tomistiku (13 Settembru) Diskors lill-Università Pontifiċja Angelicum (17 Novembru 1979); Diskors lill-parteċipanti għall-Kungress internazzjonali tas-Soċjetà San Tumas dwar id-duttrina fuq ir-ruħ f'San Tumas (14 Jannar 1986); Ara wkoll Kong. għall-Edukazzjoni Kattolika, *Ratio fundamentalis institutionis sacerdotalis* (6 Jannar 1970), 70-76; digriet *Sacra Thologia,* (20 Jannar 1972)

Hemm ħafna raġunijiet għal dan in-nuqqas ta' interess. L-ewwel kawża hi n-nuqqas ta' fiduċja fir-raġuni, imxerrda sewwa fost il-filosofi ta' żmienna, għax ġiet abbandunata ir-riċerka metafisika fuq il-kwistjonijiet dwar l-aħħar tal-bniedem, biex jispeċjalizzaw f'kwistjonijiet aktar dettaljati u ristretti, u xi kultant formali biss. Ma' dan trid iżżid il-fehma żbaljata li hemm l-aktar dwar "ix-xjenzi umani". Spiss il-Konċilju Vatikan II wera l-importanza tas-siwi tar-riċerka għall-għarfien aktar fil-fond tal-misteru tal-bniedem.[85] U jekk it-teologi qed jiġu mistiedna ikunu jafu x-xjenzi umani u jużahom sewwa fir-riċerka tagħhom dan ma jfissirx li impliċitament huma awtorizzati li jħallu fil-ġenb il-filosofija u jdaħħlu xi ħaġa oħra fil-formazzjoni pastorali u fit-tħejjija għall-fidi (*Preparatio fidei*). Ma għandhiex tintesa wkoll il-problema ta' l-inkulturazzjoni tal-fidi, problema li qed tieħu ħajja mill-ġdid. Il-ħajja tal-knejjes għadhom jibdew b'mod partikulari uriet, flimkien ma suriet għoljin ta' ħsieb, il-preżenza ta' ħafna eżempji ta' għerf popolari: dan hu tassew wirt ta' kultura u tradizzjoni. Iżda l-istudju ta' dawn id-drawwiet tradizzjonali jrid jimxi pass pass mar-riċerka filosofika. Din twassal biex joħorġu fid-dieher aspetti posittivi ta' għerf popolari u joħolqu rabta soda u meħtieġa max-xandir ta' l-Evanġelju.[86]

62. Nixtieq intenni li l-istudju tal-filosofija hu fondamentali għall-istruttura ta' l-istudji teoloġiċi u għall-formazzjoni ta' kandidat għas-saċerdozju. M'huwiex bla ħsieb li l-istudju tat-teoloġija jkollu qablu żmien li fih isir it-tagħlim tal-filosofija. Din id-deċiżjoni, imwettqa mill-Konċilju Lateran V[87] ittieħdet mill-esperjenza li għandha l-għeruq tagħha fiż-Żminijiet tan-Nofs meta ngħarfet sewwa l-importanza tar-rabta bejn il-filosofija u t-teoloġija. Din is-sistema ta' studju influwenza, għen u żviluppa, għalkemm, indirettament, l-iżvilupp ta' filosofija moderna. Eżempju ta' dan li jfisser ħafna jagħtihulna id-*Disputationes metaphysicae* ta' Francesco Suarez li daħlu wkoll fl-universitajiet luterani tal-Ġermanja. Dan il-metodu li ġie mwarrab fil-formazzjoni tas-saċerdoti u fir-riċerka teoloġika, ġieb ħsara kbira. Eżempju mill-aqwa ta' dan hu n-nuqqas fil-ħsieb u fil-kultura ta' llum li wasslu biex ikun hemm ċaħda ta' kull djalogu jew biex jiġi milqugħ addoċċ kull sistema filosofika.

Nittama ħafna li dawn id-diffikultajiet jintrebħu minn formazzjoni filosofika għaqlija u formazzjoni teoloġika, li qatt ma għandhom jonqsu fil-Knisja.

85. Ara *Gaudium et spes,* 57, 62.
86. *Ibid.* 44.
87. Konċ. Lateran V, bulla Apostolici *Regimini sollicitudo,* sessio VIII.

63. Minħabba dawn ir-raġunijiet deherli li hi ħaġa urġenti nuri permezz ta' din l-enċiklika l-importanza ta' l-interess kbir tal-Knisja fil-filosofija, – anzi fir-rabta kbira li torbot flimkien it-tagħlim teoloġiku u r-riċerka filosofika tal-verità. Minn hawn jiġi d-dmir tal-Maġisteru li jistħarreġ u jġib 'il quddiem ħsieb filosofiku li ma jkunx kontra l-fidi. Dmir tiegħi hu li ngħid liema huma l-prinċipji u l-kriterji li jidhirli huma meħtieġa biex mill-ġdid ikun hemm relazzjoni effikaċi u sinċiera bejn il-filosofija u t-teoloġija. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u ta' dawn il-kriterji wieħed ikun jista' jara aħjar jekk hemmx ir-rabta, li t-teoloġija għandha jkollha mal-ħafna fehmiet u sistemi filosofiċi li qed tagħti d-dinja llum.

# Is-sitt Kap

# L-INFLUWENZA FUQ XULXIN TAL-FILOSOFIJA U T-TEOLOĠIJA

## L-għerf li jagħti l-fidi u dak li titlob ir-raġuni filosofika

64. Il-Kelma ta' Alla tingħad lil kull bniedem ta' kull żmien u ta' kull imkien; kull bniedem min-natura tiegħu hu filosofu. It-teoloġija għax hi elaborazzjoni xjentifika għall-għarfien ta' din il-Kelma ta' Alla, fid-dawl tal-fidi, kemm minħabba xi proċedimenti tagħha u kemm minħabba d-dmir speċifiku tagħha, ma tistax ma jkollhiex relazzjoni mas-sistemi filosofiċi li nibtu tul iż-żminijiet. Mingħajr ma nindika xi sistemi teoloġiċi partikulari, għax dan mhux dmir tal-Maġisteru, irrid għall-kuntrarju infakkar xi dmirijiet proprji tat-teoloġija li minħabba n-natura tal-Kelma rivelata jitolbu l-ħsieb tal-filosofija.

65. It-teoloġija bħala xjenza tal-fidi hi mibnija fuq żewġ prinċipji metodoloġiċi: l-*auditus fidei* (is-smigħ tal-fidi) u l-*intellectus fidei* (it-tagħrif tal-fidi). Bl-ewwel prinċipju, bis-smigħ tal-fidi, it-teoloġija tagħmel tagħha dak li ġie rivelat kif tfisser tul iż-żmien mit-Tradizzjoni, mill-Iskrittura u mill-Maġisteru ħaj tal-Knisja.[88] It-tieni prinċipju, l-għarfien tal-fidi, hu t-tweġiba permezz ta' riflessjoni spekulattiva għal dak li l-ħsieb ikun naturalment qed jitlob.

Il-filosofija tagħti l-għajnuna speċifika tagħha lit-teoloġija biex ikun hemm smigħ xieraq tal-fidi u dan iseħħ filwaqt li jsir istudju tal-mod kif jinkiseb it-tagħrif u kif isseħħ komunikazzjoni personali u b'mod speċjali bl-istudju tal-ħafna suriet u ħidmiet ta' lingwaġġ. L-istess kontribut tagħti l-filosofija biex tifhiehem it-tradizzjoni tal-Knisja u d-dikjarazzjonijiet tal-Maġisteru u wkoll l-opinjonijiet ta' l-għorrief kbar fit-teoloġija, li ġeneralment jesprimu ruħhom permezz ta' fehmiet u suriet ta' ħsieb li jittieħdu minn xi tradizzjoni filosofika. Hawn it-teologu hu mitlub mhux biss li jfisser il-ħsibijiet u l-kliem użati mill-Knisja hija u taħseb u tiżviluppa it-tagħlim tagħha, imma wkoll li jkun jaf sewwa u fil-fond is-sistemi filosofiċi li wassluh ħa jagħmel użu minn ħsibijiet u fehmiet li bihom jagħti tifsir korrett u konsistenti.

88. Ara *Dei Verbum*, 10.

66. Dwar l-għarfien tal-fidi għandna naraw l-ewwelnett li l-verità divina, "nwassla lilna mill-Iskrittura u mfissra sewwa mit-tagħlim tal-Knisja"[89] fiha nfisha għandha l-qawwa li tiftiehem u taqbel loġikament ma' dak li jiġi propost bħala għerf awtentiku. L-għarfien tal-fidi jagħmel tidher din il-verità mhux biss billi jagħraf l-istruttura loġika u intelliġenti tal-propożizzjonijiet li bihom tħabbar il-Knisja, imma wkoll u l-aktar billi juru it-tifsir salvifiku li dawn il-propożizzjonijiet għandhom għall-individwu u għall-ġens kollu tal-bnedmin. Permezz ta' dawn il-propożizzjonijiet meħudin kollha flimkien, min jemmen jasal biex ikun jaf l-istorja tas-salvazzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fil-persuna ta' Kristu u l-misteru ta' l-Għid tiegħu. Dak li jaċċetta din il-fidi ikun qed jieħu sehem hu stess f'dan il-misteru.

It-*teoloġija dommatika* min-naħa tagħha trid tkun tista' tfisser is-sens universali tal-misteru ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni u tal-pjan tas-salvazzjoni, kemm f'sura ta' ġrajja u wisq aktar f'sura ta' argumenti. Fi kliem ieħor dan irid isir permezz ta' fehmiet imfassla b'mod kritiku u li jistgħu jitwasslu lil kulħadd. Mingħajr l-għajnuna tal-filosofija, ma jistgħux jiġu mfissra kwistjonijiet teoloġiċi biex insemmi eżempju, dwar xi kliem għandu jintuża meta jsir diskors dwar Alla, meta jsir diskors fuq ir-relazzjonijiet tal-Persuni fil-misteru tat-Trinità, meta tissemma' l-ħidma ta' Alla fil-ħolqien tad-dinja, meta jiġu studjati ir-relazzjonijiet bejn il-bniedem u Alla, meta tiġi diskussa l-identità ta' Kristu bħala Alla veru u bniedem veru. Dan mhux inqas veru dwar dawk il-problemi tat-teoloġija morali meta rridu nużaw termini bħal liġi morali, kuxjenza, libertà, responsabbiltà personali, u ħtija, li huma mfissra f'livell ta' etika filosofika.

Jeħtieġ għalhekk li r-raġuni tan-nisrani jkollha konoxxenza naturali, konsistenti u vera tal-ħlejjaq – jiġifieri d-dinja u l-bniedem innifsu – li huma wkoll oġġett tar-Rivelazzjoni. Wisq aktar imbagħad in-nisrani għandu jkollu l-ħila jfisser din il-konoxxenza permezz ta' fehmiet u argumenti. It-teoloġija dommatika spekulativa għalhekk tissopponi u tħaddan filosofija ta' bniedem tad-dinja, u, b'mod aktar radikali, ta' l-"esseri" li bħala bażi tiegħu għandu l-verità oġġettiva.

67. It-*Teoloġija fondamentali* bil-karattru proprju tagħha li tiġġustifika l-fidi (ara 1 Piet 3, 15) għandha bħala dmir turi x'inhu u ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn fidi u riflessjoni filosofika. Il-Konċilju Vatikan I, huwa u

89. San Tumas, *Summa Theologiae* II-II, 5, 3 ad 2.

jfakkar it-tagħlim ta' San Pawl (ara Rum 1, 19-20), qal li hemm veritajiet naturali, u għalhekk jistgħu jkunu magħrufa permezz tal-filosofija; b'għarfien ta' dawn il-veritajiet hu meħtieġ biex tiġi aċċettata r-Rivelazzjoni ta' Alla. Fl-istudju tar-Rivelazzjoni u tal-kredibilità tagħna, kif ukoll l-att tal-fidi li jiġi mit-tweġib għaliha, it-teoloġija fondamentali trid turi kif bid-dawl tat-tagħrif li tagħti l-fidi, joħorġu ċerti veritajiet li r-raġuni ġa saret taf bihom bir-riċerka awtonoma tagħha, bil-ħila tagħha biss. Ir-Rivelazzjoni mbagħad tagħti lil dawn il-veritajiet it-tifsir sħiħ tagħhom u tmexxihom lejn l-għana tal-misteru rivelat li fih isibu l-għan finali tagħhom. Inqisu bħala eżempju l-għarfien naturali ta' Alla, il-possibbiltà li nagħżlu bejn ir-rivelazzjoni divina minn fenomeni oħra, jew l-għarfien tal-kredibilità tagħha, il-kapaċità tal-kelma tal-bniedem ħa tfisser b'mod veru u mill-aħjar dawk il-veritajiet ukoll li huma 'l fuq mill-esperjenzi kollha tal-bniedem. Permezz ta' dawn il-veritajiet il-moħħ tal-bniedem jasal biex jammetti l-eżistenza ta' triq li tassew tħejji għall-fidi. Minn dawn il-veritajiet kollha, il-moħħ tal-bniedem jasal biex jaċċetta r-Rivelazzjoni mingħajr ma bl-ebda mod ma jikkomprometti l-prinċipji u l-awtonomija tiegħu.[90]

Bl-istess mod it-teoloġija fondamentali trid turi xi qbil hemm bejn il-fidi u l-ħtieġa li din tkun tista' tiġi mfissra permezz tar-raġuni, b'mod li taċċettaha bil-libertà kollha. Hekk il-fidi tkun tista' turi "lir-raġuni t-triq it-tajba fir-riċerka vera għall-verità. Għalkemm il-fidi, li hi don ta' Alla, mhijiex bażata fuq ir-raġuni, żgur ma tistax tgħaddi mingħajrha. Fl-istess waqt hi ħaġa ċara li r-raġuni teħtieġ li tkun imsaħħa mill-fidi biex issib orizzonti ġodda li bil-ħila tagħha biss qatt ma tista' ssibhom."[91]

68. It-*teoloġija morali* forsi teħtieġ aktar l-għajnuna tal-filosofija. Fil-Patt il-Ġdid, il-ħajja tal-bniedem m'għandhiex ir-restrizzjonijiet li kellha fil-Patt il-Qadim. Il-ħajja fl-Ispirtu twassal lill-bniedem, li jemmen, dak il-ħelsien u dik ir-responsabbiltà li huma 'l fuq mil-Liġi. Iżda l-Evanġelju u l-kitba ta' l-Appostli ixandru kemm prinċipji generali ta' mġiba nisranija u kemm tagħlim u preċetti speċifiċi. Biex dawn ikunu jistgħu jiġu applikati għaċ-ċirkostanzi partikulari tal-ħajja individwali u komunitarja n-nisrani

90. "Il-bidu meħtieġ tat-teoloġija fondamentali hu t-tfittxija ta' dawk il-kondizzjonijiet li fihom il-bniedem minn rajh jibda jagħmel mistoqsijiet fondamentali bħal: x'inhi l-ħajja, għalfejn ngħixuha, x'hemm wara l-mewt: għalhekk illum ukoll il-fidi tista' turi t-triq lir-raġuni fit-tfittix sinċier tagħha għall-verità" (Ittra tal-Papa Ġwanni Pawlu II lil dawk li ħadu sehem fil-Kungress Internazzjonali tat-Teoloġija fondamentali fl-125 anniversarju tad-*Dei Filius* (30 Settembru 1995).

91. *Ibid.*

s-setgħa tar-raġuni tiegħu. Fi kliem ieħor, dan ifisser li it-teoloġija morali titlob dehra filosofika ċara tan-natura umana u tas-soċjetà kif ukoll tal-prinċipji ġenerali li jirregolaw deċiżjonijiet etiċi.

69. Wieħed jista' forsi llum jgħid li t-teologu jafda inqas fil-filosofija milli fl-għajnuna ta' suriet oħra ta' għerf fuq il-bniedem, bħalma huma l-istorja u l-aktar x-xjenzi umani li f'dawn l-aħħar żminijiet urew progress tassew ta' l-għaġeb. Oħrajn aktar attenti għar-rabta li għandu jkun hemm bejn fidi u kultura, isostnu li t-teoloġija għandha tħares aktar lejn l-għerf li jinsab fit-tradizzjonijiet tal-popli milli f'dak li tagħti l-filosofija, li ġejja mill-Greċja u miċ-ċentru ta' l-Ewropa. Oħrajn imbagħad, imħeġġin minn fehma żbaljata ta' pluraliżmu fil-kultura, jiċħdu qisu ma hu xejn is-siwi universali tal-wirt filosofiku tal-Knisja.

Dawn il-pretensjonijiet li ġa jinsabu fit-tagħlim tal-Konċilju,[92] hemm fihom parti mill-verità. Dejjem tgħin kull riferenza għax-xjenzi, għax hekk ikun hemm għarfien aħjar tal-materja li qed tiġi studjata, iżda dan ma ifissirx li titwarrab riflessjoni tipikament filosofika u kritika dwar dak li hu universali. Anzi din ir-riflessjoni hi meħtieġa ħa jkun hemm bdil li jagħti frott bejn il-kulturi. Dak li fuqu rrid ninsisti hu d-dmir li wieħed ma jieqafx biss f'dak li hu partikulari u konkret biex ma jitwarrabx id-dmir ewlieni li tintwera l-universalità tal-fidi. Lanqas għandu jintesa li l-kontribut speċifiku tar-riċerka filosofika jgħinna nagħarfu, kemm fil-fehmiet differenti tal-ħajja u kemm il-kulturi "mhux dak li jaħsbu n-nies, imma dak li hu l-verità oġġettiva."[93] M'humiex il-ħafna opinjonijiet tan-nies imma verità biss li tista' tgħin lit-teoloġija.

70. Hi meħtieġa riflessjoni speċifika fuq ir-relazzjoni kemm tal-filosofija u kemm tat-teoloġija mal-kulturi minħabba l-problemi li jistgħu jinqalgħu, għalkemm din ir-riflessjoni ma tkunx għal kollox sħiħa u biżżejjed. Il-Knisja sa mill-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju iltaqgħet mal-kulturi u ġiet wiċċ imb'wiċċ magħhom. L-ordni mogħti minn Kristu lid-dixxipli tiegħu li jmorru kullimkien "sat-truf kollha ta' l-art" (Atti 1, 8), biex tixxandar il-Verità li hu ħabbar, sa mill-bidu ried li l-komunità nisranija tkun f'qagħda li turi l-universalità tat-tħabbira tagħha u l-ħafna tfixkil li ġieha mill-ħafna kulturi li magħhom iltaqgħet. Silta mill-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin tgħin ħafna biex nifhmu kif l-ewwel komunitajiet insara għarfu jiffaċċjaw din il-problema. L-Appostlu jikteb: "Imma issa fi Kristu Ġesù, intom li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta'

92. *Gaudium et spes,* 15; *Ad gentes,* 33.
93. San Tumas, *De caelo,* I, 22.

intom li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu, hu s-sliem tagħna, hu li minn tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna" (Ef 2, 13-14).

B'dan il-kliem quddiem għajnejna, bil-ħsieb tagħna mmorru għall-bidla li seħħet fil-ġnus meta waslu għall-fidi. Bl-għana tas-salvazzjoni li ġieb Kristu, iġġarrfu l-ħitan li kienu jifirdu l-kulturi minn xulxin. Il-wegħda ta' Alla fi Kristu, issa saret don universali, mhux aktar limitata għall-poplu wieħed, għall-ilsien u d-drawwiet tiegħu, imma issa saret wirt għall-popli kollha u minnu kulħadd jista' jieħu bla ebda xkiel, bil-libertà kollha. Il-bnedmin kollha, minn ħafna naħiet, u b'kull tradizzjoni, huma msejħin fi Kristu għall-għaqda fil-familja ta' wlied Alla. Hu Kristu li jwassal biex żewġ popli jkunu poplu "wieħed". Dawk li kienu " 'l bogħod", issa huma "fil-qrib" bil-qawwa tal-"ħaġa ġdida" li ġieb il-misteru ta' l-Għid. Ġesù ġarraf il-ħitan tal-firda, u jġib l-għaqda permezz ta' tisħib oriġinali u għoli fil-misteru tiegħu. Din l-għaqda hija hekk kbira li l-Knisja flimkien ma' San Páwl tista' tgħid: "Għalhekk ma għadkomx barranin u għorba imma intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla" (Ef 2, 19).

B'din id-dikjarazzjoni hekk sempliċi qed tiġi mfissra verità tassew kbira: il-laqgħa tal-fidi ma' kulturi differenti fil-fatt ġiebed ħaġa ġdida. Il-kulturi, meta għandhom għeruq fil-fond fin-natura umana, jagħtu xhieda ta' dak il-ftuħ lejn l-universalità u t-traxxendenza li huma proprju tal-bniedem. Juru triqat diversi lejn il-verità, li huma żgur ta' siwi kbir għall-bniedem, għax jagħtuh valuri li dejjem aktar jagħmlu tixraqlu bħala bniedem l-eżistenza tiegħu.[94] U mela dawn il-kulturi jfakkru l-valuri ta' tradizzjonijiet antiki, juru impliċitament imma realment ukoll il-manifestazzjoni ta' Alla fin-natura, kif rajna aktar 'il fuq meta kkunsidrajna l-kotba ta' l-Għerf u t-tagħlim ta' San Pawl.

71. Il-kulturi, għax għandhom rabta liema bħalha mal-bnedmin u ma' ġrajjiethom, juru l-istess dinamiżmu li turi tul iż-żminijiet l-esperjenza tal-bniedem. Jitqies għalhekk it-tibdil u l-progress li jseħħ permezz tal-laqgħat li l-bnedmin iġibu 'l quddiem bejniethom u tat-tagħrif li jagħtu 'l xulxin dwar is-suriet proprji tal-ħajja tagħhom. Il-kulturi jissaħħu permezz tal-komunikazzjoni ta' valuri, u l-qawwa vitali tagħhom tissaħħaħ daqskemm ikunu lesti jilqgħu u jagħmlu tagħhom esperjenzi ġodda. Kif se nfissru din id-dinamiżmu? Kull poplu hu parti minn kultura, minnha jiddependi u hu wkoll ifassalha. Hu fl-istess waqt iben u missier tal-

94. Ara *Gaudium et spes*, 53-59.

kultura li fiha jgħix u hu mdaħħal. Fl-aspetti kollha tal-ħajja tiegħu għandu xi ħaġa tiegħu li tagħżlu fost il-ħlejjaq: dan hu l-ftuħ li qatt ma jonqos lejn il-misteru u x-xewqa li dejjem irid ikun jaf, u qatt ma tonqsu. Għalhekk kull kultura għandha fiha nfisha u turi ġibda lejn it-tmiem. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kultura għandha fiha l-ħila li tilqa' r-Rivelazzjoni ta' Alla.

L-istess mod, li bih l-insara jgħixu l-fidi tagħhom, hi mlibbsa l-kultura ta' l-ambjent ta' madwaru, u min-naħa tagħha twassal biex ftit ftit tfassallu l-karattru tiegħu. L-insara ta' kull kultura jħabbru l-verità dwar Alla li qatt ma tinbidel u hi dejjem l-istess; hi l-verità li Alla nnifsu rrivela fl-istorja u l-kultura ta' poplu wieħed. Tul iż-żminijiet isseħħ il-ġrajja li tagħha kienu xhieda l-pellegrini li kienu Ġerusalemm nhar Għid il-Ħamsin. Meta semgħu l-Appostli jitkellmu, bdew jistaqsu lil xulxin: "Dawn li qegħdin jitkellmu m'humiex ilkoll mill-Galilija? mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu b'ilsien twelidu? Parti, Medi u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mill-Lhudija, minn Kapadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, minn Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li ġew minn Ruma, kemm Lhud u proseliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla" (Atti 2, 7-11). L-Evanġelju mħabbar f'kulturi diversi, għalkemm irid jiġi milqugħ bil-fidi, jħalli lil kull min jilqgħu jgħożż il-kultura tiegħu. Dan ma joħloqx firdiet, għax il-poplu ta' l-imgħammdin jingħaraf minn dik l-universalità li tilqa' kull kultura u tgħin fil-progress ta' dak li hu impliċitu fiha ħalli jidher kollu kemm hu fis-sbuħija kollha tiegħu fid-dawl tal-Verità.

Għalhekk ebda kultura ma tista' titqies bħala kriterju għal xi ġudizzju u wisq u wisq inqas bħala kriterju finali dwar il-verità tar-Rivelazzjoni ta' Alla. L-Evanġelju m'huwiex kontra ebda kultura bħallikieku jrid jeħdilha l-għana proprju tagħha u jġiegħelha taċċetta suriet barranin għaliha li ma jaqblux magħha. Għal kuntrarju, it-tħabbira li n-nisrani irid iwassal lid-dinja u lill-kulturi hi sura vera ta' ħelsien minn kull taqlib li ġab id-dnub u fl-istess waqt sejħa għall-verità sħiħa. B'dan il-mod il-kulturi ma jitneżżew minn xejn li hu tagħhom, imma jitħeġġu biex jinfetħu għall-verità ta' l-Evanġelju biex jitqanqlu għall-progress dejjem akbar.

72. Għalkemm ix-xandir ta' l-evanġelju iltaqa' l-ewwel mal-filosofija griega, dan ma jfissirx li nagħlqu triqat oħra. Illum, issa li l-Evanġelju qed jiltaqa' ma' kulturi li magħhom fl-imgħoddi ma kienx hemm kuntatt, qed jidhru ħidmiet oħra ta' inkulturazzjoni, u dan ifisser li żmienna għandu quddiemu problemi bħal dawk li kellha l-Knisja fl-ewwel żminijiet.

Ħsibijieti minn rajhom imorru fl-artijiet tal-lvant hekk għonja

b'reliġjonijiet u tradizzjonijiet reliġjużi antika ħafna. Fost dawn l-artijiet, l-Indja għandha post speċjali. Heġġa spiritwali tassew kbira tmexxi l-ħsieb indjan lejn it-tfittxija ta' esperjenza li teħles lir-ruħ mill-ixkiel taż-żmien u ta' l-ispazju biex hekk tkun tista' tikseb ġid assolut. Dan il-proċess għall-kisba tal-ħelsien joħloq ambjent ta' sistemi metafisiċi tassew kbar.

B'mod partikulari, id-dmir ta' l-insara fl-Indja llum hu li minn dan il-wirt hekk għani jieħdu dawk l-elementi li jkunu jaqblu mal-fidi tagħhom, biex hekk il-ħsieb nisrani jistgħana. F'din il-ħidma ta' dixxerniment, ispirata mid-dikjarazzjoni *Nostra aetate* tal-Konċilju, għandhom jitqiesu sewwa ċerti kriterji. L-ewwel kriterju hu dak ta' l-universalità ta' l-ispirtu uman, li għandu dejjem l-istess ħtiġijiet fondamentali, ikunu kemm ikunu diversi l-kulturi. It-tieni kriterju, li joħroġ mill-ewwel wieħed, hu dan: il-Knisja meta tersaq lejn kultura li qatt ma għarfet qabel, ma tistax twarrab dak li kisbet mill-inkulturazzjoni tagħha fid-dinja tal-ħsieb grieg-ruman. Kieku kellha twarrab dan il-wirt, il-Knisja tkun qiegħda tiċħad il-pjan provvidenzjali ta' Alla, li jmexxi l-Knisja tiegħu mill-mogħdijiet taż-żmien u ta' l-istorja. Dan il-kriterju, jiswa għal kull żmien fil-Knisja, ukoll għall-Knisja tal-ġejjieni, li għad tqies ruħha stagħniet mill-ġid kollu li ġieha mir-relazzjonijiet tagħha ta' llum mal-kulturi tal-lvant u f'dan il-wirt tara sinjali ġodda għal djalogu li jirnexxi mal-kulturi ġodda li għad jinbtu fil-mixi 'l quddiem ta' l-umanità. It-tielet kriterju jitlob li wieħed ma jaħsibx li l-ħarsien leġittimu ta' l-oriġinalità u s-singularità tal-ħsieb indjan hu l-istess ħaġa bħal dik il-fehma li trid illi tradizzjoni kulturali partikulari għandha tibqa' magħluqa fiha nfisha, f'oppożizzjoni sħiħa kontra tradizzjonijiet oħra – għax dan hu kontra n-natura stess ta' l-ispirtu uman. Dak li għedt hawn dwar l-Indja jgħodd ukoll għall-wirt tal-kulturi kbar taċ-Ċina, tal-Ġappun u ta' pajjiżi oħra ta' l-Asja, u wkoll għall-għana tal-kulturi tradizzjonali ta' l-Afrika, li ġeneralment jitwasslu l-aktar bil-fomm.

73. Fid-dawl ta' dan kollu, ir-relazzjoni lejn it-teoloġija u l-filosofija nistgħu nqisuha bħal ċirku. Il-bidu u l-għajn tat-teoloġija hi dejjem il-Kelma ta' Alla, li ġiet rivelata fil-ġrajja tal-bniedem, waqt li l-għan finali tagħha hu li din il-kelma tiftiehem dejjem aktar minn żmien għall-ieħor. Issa, la l-Kelma ta' Alla hi verità (ara Ġw 17, 17) biex tiftiehem aħjar żgur tgħin ir-riċerka tal-bniedem għall-verità permezz tal-filosofija, żviluppat skond il-prinċipji proprja tagħha. M'hijiex biss kwistjoni ta' diskors teoloġiku bi kliem u fehmiet ta' sura filosofika; iżda l-fatt importanti li min jemmen qed juża l-ħila tiegħu biex jfittex il-verità huwa u jibda mill-Kelma ta' Alla u l-għarfien aktar fil-fond tagħha, qed tingħatalu tmexxija u qed jiġi mwissi wkoll biex ma jaqbadx triqat li jbegħduh mill-verità rivelata u fl-aħħarnett jitbiegħed ukoll għal kollox mill-verità fiha nfisha.

Hekk, ir-raġuni titqanqal biex tfittex triqat ġodda li minn rajha qatt ma kienet tissopponi li se tgħaddi minnhom. Din ir-relazzjoni f'ċirku mal-kelma ta' Alla, twassal il filosofija tistagħna, għax ir-raġuni tiskopra orizzonti ġodda li qatt ma kienet tobsor bihom.

74. Is-siwi ta' din ir-relazzjoni hu mwettaq mill-esperjenza tat-teologi nsara kbar li kienu wkoll filosofi magħrufin sewwa, u ħallewlna kitbiet ta' valur spekulattiv mill-aktar għoli hekk li nistgħu ngħodduhom ma' l-għalliema kbar tal-filosofija antika. Dan veru kemm għall-Missirijiet il-Knisja, – fosthom ta' min isemmi almenu lil San Girgor Nażjanżenu u lil Santu Wistin – u kemm għad-Dutturi taż-Żminijiet tan-nofs, fosthom it-tliet irjus kbar San Anselmu, San Bonaventura u San Tumas. Narawha wkoll din ir-relazzjoni ta' siwi kbir bejn il-filosofija u l-Kelma ta' Alla fir-riċerka qalbiena ta' mgħallmin aktar qrib tagħna li fosthom nieħu pjaċir insemmi għall-Punent, lil John Henry Newman, lil Antonio Rosmini, lil Jacques Maritain, lil Etienne Gilson u lil Edith Stein u għal-Lvant l-għorrief magħrufin bħal Vladimir S. Soloviev, Pavela, Florensky, Peter Chaadaev, u Vladimir N. Lossky. Hemm ismijiet oħra li nista' nsemmi iżda dan ma jfissirx li jien u nsemmihom qed naċċetta l-aspetti kollha tal-ħsieb tagħhom, imma qed insemmihom biex nagħti eżempji jfissru ħafna tal-proċess ta' riċerka filosofika li stgħaniet bil-kontribut ta' dak li tagħti l-fidi. Ħaġa żgura hi l-attenzjoni mogħtija lill-mixja spiritwali ta' dawn l-għorrief tista' biss tagħti qawwa akbar lill-ħerqa għat-tfittixx tal-verità u għall-isforzi biex il-frott ta' din ir-riċerka jkun għall-qadi ta' l-umanità. Nittama li issa u fil-ġejjieni jibqa' jkun hemm dawk li jkomplu din it-tradizzjoni kbira teoloġika u filosofika għall-ġid kemm tal-Knisja u kemm tal-ġens kollu tal-bnedmin.

## Qagħdiet filosofiċi diversi

75. Minn dak li naraw minn din il-ħarsa fuq fuq lejn l-istorja tar-relazzjonijiet bejn il-fidi u l-filosofija, irridu nagħmlu għażla bejn il-ħafna qagħdiet tal-filosofija f'relazzjoni mat-teoloġija. L-ewwel nett hemm filosofija li hi *għal kollox indipendenti mir-Rivelazzjoni evanġelika:* din kienet il-qagħda tal-filosofija meta bdiet tiżviluppa fl-istorja qabel it-twelid tal-Feddej tad-Dinja u wara f'dawk in-naħiet fejn l-Evanġelju kien għad ma tħabbarx. Hawn naraw il-ħerqa valida tal-filosofija li jkollha l-*awtonomija* tagħha bir-regolamenti proprji tagħha u bl-użu biss tas-setgħat tar-raġuni. Għalkemm imxekkla sewwa minħabba d-dgħufija naturali tar-raġuni fil-bniedem, l-aspirazzjonijiet tagħha għandhom jiġi

mgħejjuna u msaħħin. Dan għaliex bħala riċerka għall-verità fl-ordni naturali l-ħidma tal-filosofija hi dejjem miftuħa – almenu b'mod impliċitu – għal dak li hu soprannaturali.

Barra dan, l-awtonomija xierqa tal-ħsieb għandha tkun rispettata wkoll meta d-diskussjoni teoloġika tagħmel użu minn kunċetti u argumenti filosofiċi. Anzi, meta wieħed jfassal l-argumenti tiegħu skond kriterji raġjonevoli stretti jkun qed jiggarantixxi li r-riżultati li jinkisbu jkunu tajbin kullimkien. Dan iwettaq ukoll il-prinċipju li l-grazzja ma teqridx in-natura imma tipperfezzjonaha: l-aċċettazzjoni tal-fidi, li timpenja kemm l-intellett u kemm ir-rieda, ma teqridx imma tipperfezzjona r-rieda ħielsa ta' kull min jemmen, li fil-fond ta' qalbu jilqa' dak li ġie rivelat.

Din il-qagħda leġittima hi żgur 'l bogħod ħafna minn dik it-teorija li tissejjaħ filosofija "separata", ta' xi filosofi moderni. Din it-teorija mhux biss titlob awtonomija għall-filosofija li hi ħaġa tajba, imma tqis ukoll li huma biżżejjed għaliha l-ħsibijiet tagħha u ma teħtieġx oħrajn u dan mhux sewwa. Hija u tiċħad il-verità li toffrilha r-Rivelazzjoni, din il-filosofija hi ta' dannu għaliha nfisha għax qed tagħlaq għaliha stess it-triq għall-ksib ta' għarfien aktar fil-fond tal-verità.

76. Qagħda oħra tal-filosofija hi dik magħrufa bħal *filosofija nisranija.* Fiha nfisha l-espressjoni hija tajba, iżda ma għandhiex tiftiehem ħażin: l-espressjoni ma tridx tgħid li hemm xi filosofija uffiċjali tal-Knisja, għax il-fidi m'hijiex xi filosofija. L-espressjoni aktar trid tfisser sura nisranija ta' kif tagħmel ħidma filosofika, spekulazzjoni filosofika maħsuba f'għaqda ħajja mal-fidi. L-espressjoni għalhekk ma tridx tfisser biss filosofija żviluppata minn filosofi nsara, li jħabirku fir-riċerki tagħhom bla ma jmorru kontra l-fidi. L-espressjoni filosofija nisranija tħaddan ukoll dawk l-iżviluppi importanti tal-ħsieb filosofiku li ma kinux iseħħu kieku ma kienx hemm direttament jew indirettament il-kontribut tal-fidi nisranija.

Il-filosofija nisranija għandha żewġ aspetti. Aspett soġġettiv fis-sens li l-fidi ssaffi ir-raġuni. Bħala virtù teologali l-fidi teħles lir-raġuni mill-preżunzjoni li hi t-tentazzjoni proprja tal-filosofu. San Pawl, Missirijiet il-Knisja, u, aktar qrib żmienna filosofi bħal Pascal u Kierkegaard ċanfru din il-preżunzjoni. Il-filosofu li jkun umli, ikollu wkoll il-kuraġġ li jgħarbel problemi, diffiċli ħafna biex tħollhom, jekk ma jarax dak li toffrilu r-Rivelazzjoni – insemmi eżempju: il-problema tad-deni u tal-mard, tat-tbatija, in-natura personali ta' Alla u t-tifsir tal-ħajja jew, b'mod aktar dirett, il-mistoqsija radikali metafisika: "Għaliex hemm xi ħaġa?"

It-tieni aspett tal-filosofija nisranija hu oġġettiv jiġifieri dwar dak li hu l-materja tagħha. Ir-Rivelazzjoni tipproponi ċerti veritajiet li forsi ir-

raġuni minn rajha qatt ma kienet issibhom, għalkemm fihom infushom, ir-raġuni tista' tifhimhom. Fost dawn il-veritajiet hemm il-fehma dwar Alla persuna, ħieles u ħallieq tad-dinja, verità hekk importanti għall-iżvilupp tal-ħsieb filosofiku, speċjalment dwar il-filosofija ta' l-esseri. Hemm ukoll il-fatt veru tad-dnub, kif jidher fid-dawl tal-fidi, li jgħin biex titfassal formulazzjoni filosofiku xieraq tal-problema tad-deni u tal-ħażen. In-nozzjoni tal-persuna bħala esseri spiritwali hu kontribut speċifiku ieħor tal-fidi: il-proklamazzjoni nisranija tad-dinjità tal-bniedem, ta' l-egwaljanza u l-libertà tiegħu, żgur influwenzaw sewwa l-ħsieb filosofiku ta' llum. Fi żmien aktar qrib tagħna, seħħ il-fatt storiku li hu l-qofol tar-Rivelazzjoni nisranija u hu importanti wkoll għall-filosofija. Mhux kumbinazzjoni li dan il-fatt sar il-pern għal filosofija ta' l-istorja li tqis lilha nfisha bħala kapitlu ġdid fit-tfittixx tal-verità mill-bniedem.

Fost l-elementi oġġettivi tal-filosofija nisranija nistgħu nsemmu wkoll il-ħtieġa li naraw kemm huma raġjonevoli ċerti veritajiet li nsibu fl-Iskrittura, bħalma huma l-vokazzjoni soprannaturali tal-bniedem u l-istess dnub tan-nisel. Dawn huma problemi li jisfidaw lir-raġuni biex tammetti li hemm xi ħaġa vera u raġjonevoli ħafna 'l hemm mil-limiti li normalment tinsab magħluqa fihom. Dawn il-problemi fil-fatt iżidu l-oqsma li r-raġuni tista' tikkonsidra.

Il-filosofi, huma u jistħarrġu dawn il-problemi, ma jsirux teologi, għax mhux qegħdin ifittxu u jfissru il-veritajiet tal-fidi mir-Rivelazzjoni. Komplew jaħdmu fil-qasam tagħhom u bil-metodi tagħhom, kollha kemm huma bażati fuq il-ħidma tar-raġuni, iżda fir-riċerka tagħhom fittxew aspetti ġodda tal-verità. Nistgħu ngħidu li parti kbira tal-filosofija moderna u ta' żmienna ma kinitx teżisti kieku ma kienx hemm l-istimolu tal-Kelma ta' Alla. Din il-konklużjoni tibqa' dejjem importanti minkejja l-fatt, jdejqek ħafna, li ħafna filosofi fl-aħħar mijiet ta' snin abbandunaw l-ortodossija nisranija.

77. Il-filosofija turi qagħda oħra meta *t-teoloġija stess timpenjaha*. It-teoloġija dejjem kienet teħtieġ u għadha teħtieġ il-kontribut tal-filosofija. It-Teoloġija, bħala kritika raġjonevoli fid-dawl tal-fidi, tissopponi u titlob li fir-riċerki kollha tagħha ikollha l-għajnuna ta' raġuni imħarrġa u mħejjija biex taħseb u tiddiskuti. Barra dan, it-teoloġija trid tissieħeb mal-filosofija fid-djalogu biex turi li dak li tgħid, jiftiehem u huwa veru universalment. Mhux kumbinazzjoni li għal dan il-għan Missirijiet il-Knisja u t-teologi taż-żmien tan-nofs addottaw filosofiji mhux insara. Dan il-fatt storiku juri is-siwi ta' l-*awtonomija* tal-filosofija, li tibqa' bla mittiefsa meta t-teoloġija titlobha s-sehem tagħha; iżda dan il-fatt juri wkoll il-bidliet kbar li l-filosofija trid tagħmel.

Kien proprju imħabba dan il-kontribut nobbli u indispensabbli, li l-filosofija; sa minn żmien Missirijiet il-Knisja, ġiet imsejħa l-qaddejja tat-teoloġija (*ancilla theologiae*). Dan it-titolu ma jridx ifisser li l-filosofija hi mjassra mit-teoloġija jew li għandha biss tagħti servizz ta' qadi lit-teoloġija. Għall-kuntrarju, il-frażi ġiet użata fis-sens li Aristotele sejjaħ lix-xjenzi sperimentali "ancillae" – qaddejja – tal-*prima philosophia*. Din l-espressjoni li llum ma tantx tista' tintuża minħabba l-prinċipju ta' l-awtonomija li semmejna, tul l-istorja serviet biex turi l-ħtieġa tar-rabta bejn dawn iż-żewġ xjenzi u li mhux possibbli ebda firda bejniethom.

Kieku t-teologi kellhom jirrifjutaw l-għajnuna tal-filosofija, kienu jissugraw jagħmlu mingħajr ma jridu ħidma filosofika u kienu jingħalqu fi strutturi ta' ħsieb li ftit kienu jgħinuhom ħa jifhmu l-fidi. U jekk il-filosofi, min-naħa tagħhom, iwarrbu għal kollox it-teoloġija, kien ikollhom jippruvaw jifhmu bil-ħila tagħhom biss dak li tgħid il-fidi, kif ġara lil xi wħud mill-filosofi ta' llum. B'mod jew ieħor, ikunu mhedda li jinqerdu l-prinċipji fondamentali ta' l-awtonomija li kull xjenza trid li tkun garantita lilha.

Meta l-filosofija tieħu din il-qagħda, bħat-teoloġija, tiġi taħt l-awtorità tal-Maġisteru u tal-ġudizzju tiegħu, minħabba l-implikazzjonijiet li għandha ħalli tiftiehem ir-Rivelazzjoni, kif ġa għedt. Il-veritajiet tal-fidi jitolbu ċertu rispett li l-filosofija trid tħares meta timpenja lit-teoloġija.

78. Fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet għandu jidher ċar għaliex il-Maġisteru tenna ta' spiss il-merti tal-ħsieb ta' San Tumas u għażlu bħala mexxej u mudell għall-istudji teoloġiċi. Dan ma sarx biex jiġu milqugħin flok oħrajn fehmiet kollha kemm huma filosofiċi jew biex jiġu aċċettati xi teżijiet partikulari. Il-fehma tal-Maġisteru dejjem kienet u għadha dik li turi kemm il-ħsieb ta' San Tumas hu mudell mill-aħjar għal dawk kollha li qed ifittxu l-verità. Fil-ħsieb tiegħu, dak li titlob ir-raġuni u dik li hi l-qawwa tal-fidi sabu l-ogħla sintesi li qatt waslet għaliha l-moħħ tal-bniedem, għaliex San Tumas bil-ħsieb tiegħu għaraf iħares ir-radikalità tar-Rivelazzjoni mingħajr ma jnaqqas xejn mill-mixja tal-filosofija.

79. Jiena u nuri b'mod aktar ċar dak li l-Maġisteru għallem qabel, f'dan l-aħħar kap irrid nuri xi ħtiġiet li t-teoloġija – u b'mod aktar fondamentali l-istess Kelma ta' Alla – illum qed titlob mill-ħsieb filosofiku u lill-filosofiji ta' llum. Kif ġa għedt il-filosofija għandha r-regolamenti tagħha li trid tħares u timxi skond il-prinċipji tagħha, iżda il-verità ma tistax tkun ħlief waħda. Ir-Rivelazzjoni qatt ma tista' tbaxxi la dak li tiskopri l-filosofija u lanqas l-awtonomija leġittima tar-raġuni. Iżda r-raġuni hija u tagħraf li m'hijiex xi valur assolut u esklusiv, qatt ma għandha titlef jew twarrab

il-ħila tagħha li tistaqsi jew tiġi mistoqsija. Il-verità rivelata bis-saħħa taddija li tiġiha mingħand Dak li hu, tagħti l-milja tad-dawl u għalhekk tista' ddawwal it-triq tar-riċerka filosofika. Fi ftit kliem, fir-Rivelazzjoni nisranija, il-ħsieb filosofiku u l-ħsieb teoloġiku jiltaqgħu ma' xulxin u jiġu wiċċ mb'wiċċ fir-relazzjoni ta' bejniethom. Nittama għalhekk li l-filosofi u t-teologi iħallu tmexxihom biss l-awtorità tal-verità biex ikun hemm filosofija li tkun taqbel mal-kelma ta' Alla. Din il-filoșofija tkun il-post fejn il-fidi nisranija u l-kulturi umani jiltaqgħu flimkien f'mument li fih dawk li jemmnu jkunu aktar konvinti li l-fidi tikber u tkun aktar vera meta tingħaqat mal-ħsieb u ma twarrbux. Hawn ukoll huma Missirijiet il-Knisja li jgħallmuna dan: "Temmen m'huwiex ħaġ'oħra ħlief taħseb int u taċċetta ... Kull min jemmen u jaħseb, waqt li jemmen u jaħseb jkun jemmen huwa u jaħseb ... għaliex il-fidi jekk ma taħsibx fuqha ma hija xejn."[95] U wkoll: "Jekk ma taċċettax, ma hemmx fidi ... għax jekk ma taċċettax, xejn ma jitwemmen."[96]

95. S. Wistin, *De praedewtinatione sanctorum*, 2, 5.
96. S. Wistin, *De fide, spe et caritate*, 7.

# Is-seba' Kap

# ĦTIĠIJIET U DMIRIJIET GĦALL-LUM

## Il-ħtiġijiet tal-Kelma ta' Alla li ma jistgħux jitwarrbu

80. Fl-Iskrittura nsibu elementi, kemm impliċiti u kemm espliċiti, li jgħinu biex tinkiseb dehra b'aspett filosofiku qawwi ħafna tal-bniedem u tad-dinja. L-insara ftit ftit intebħu li fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa hemm għana liema bħalu. Minn dawn il-kotba joħroġ li dak kollu li tiegħu għandna l-esperjenza la hu assolut, u la hu minn dejjem mhux maħluq u lanqas tnissel minnu nnifsu. Alla biss hu waħdu l-Assolut. Mill-paġni tal-Bibbja toħroġ ukoll dehra tal-bniedem bħal xbieha (*image*) ta' Alla u għanda fiha sinjali ċari ta' l-essenza u tal-libertà tiegħu kif ukoll ta' l-immortalità ta' l-ispirtu tiegħu. Għaliex id-dinja m'hijiex biżżejjed għaliha nfisha, kull illużjoni ta' awtonomija li tiċħad illi l-ħlejjaq kollha minn-natura tagħhom stess jiddependu minn Alla u għalhekk ukoll il-bniedem, twassal għall-qagħdiet drammatiċi li jħarbtu l-armonija ta' kull riċerka mir-raġuni u jeqirdu t-tifsir tal-ħajja tal-bniedem.

Il-problema tad-deni morali, li hija l-problema l-aktar traġika, tissemma fil-Bibbja fejn ingħad li dan id-deni m'hux ġej minn xi difett tan-natura imma aktarx hu ġerħa ġejja mill-użu ħażin tal-libertà li jagħmel il-bniedem. Il-kelma ta' Alla mbagħad fl-aħħar tqanqal il-kwistjoni tat-tifsir tal-ħajja u tagħti t-tweġiba tagħha hija u turi lil bniedem Kristu Ġesù, l-Iben Alla magħmul bniedem, li jwassal in-natura tal-bniedem għall-milja sħiħa tagħha. Aspetti oħra ta' din il-problema joħorġu mill-qari tal-Kotba Mqaddsa, iżda dak li jidher tassew ċar hu ċ-ċaħda ta' kull sura ta' relattiviżmu, materjaliżmu u panteiżmu.

Il-konvinzjoni fondamentali ta' din il-"filosofija" li tinsab fil-Bibbja hi li l-ħajja tal-bniedem u l-istess dinja jfissru xi ħaġa u huma resqin lejn it-tmiem tagħhom li sseħħ fi Kristu Ġesù. Il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni jibqa' dejjem iċ-ċentru li lejh irridu nħarsu biex nifhmu l-misteru tal-ħajja tal-bniedem: tad-dinja maħluqa, ta' Alla nnifsu. F'dan il-misteru l-isfidi għall-filosofija, joħorġu fil-beraħ għaliex ir-raġuni li msejħa biex tagħmel tagħha l-loġika ħa ġġarraf il-ħitan li fihom tissogra li tingħalaq. Hekk biss it-tifsir ta' l-eżistenza tal-bniedem jilħaq l-għan tiegħu. Fil-fatt, l-essenza intima ta' Alla u tal-bniedem tkun tista' tiftiehem fil-Verb magħmul bniedem. Fil-misteru tal-Verb magħmul bniedem, in-natura divina u n-natura umana,

97. Ara Konc. ta' Kalċedonja, *Symbolum. Definitio.*

bl-awtonomija proprja tagħhom, jibqgħu bla mittiefsa u flimkien juru rabta waħdanija li torbot flimkien iż-żewġ naturi bla ebda taħlit u taħwid bejniethom.

81. Jeħtieġ ninnotaw li fost l-elementi li l-aktar ifissru fil-qagħda tagħna tal-lum hemm "il-kriżi tat-tifsir". Il-fehmiet, li huma spiss ta' natura xjentifika, dwar il-ħajja u d-dinja tant żdidu li qed jagħtuna ħafna rqaqat ta' tagħrif u dan iwassal biex jagħmel aktar diffiċli għalina u xi kull tant jitlob ħafna taħbit għal xejn, biex niksbu s-sens u t-tifsir ta' xi ħaġa. Anzi – u dan hu aktar traġiku – f'din il-konfużjoni ta' ħafna dati u ta' ħafna tagħrif li fiha kuljum qed ngħixu u qishom jidhru xi tifsila ta' l-istess esistenza, ħafna qed jistaqsu jaqbilx aktar illum tistħarreġ is-sens ta' xi ħaġa. L-għadd ta' opinjonijiet li dwarhom isiru d-diskussjonijiet biex tingħata xi tweġiba, u wkoll il-ħafna suriet tal-kontemplazzjoni u ta' l-interpretazzjoni tad-dinja u tal-ħajja tal-bniedem ma jwasslux ħlief isaħħu dan id-dubju radikali li faċli twassal għax-xettiċiżmu u għall-indifferenza jew ukoll għal ħafna suriet ta' nikiliżmu.

Minħabba f'dan jiġri li l-ispirtu tal-bniedem jikseb sura ta' ambigwità fil-mod kif jaħseb u jasal biex dejjem aktar jingħalaq fih innifsu u jwarrab kull sura ta' traxxendenza. Dik il-filosofija li ma tagħmilx mistoqsijiet dwar it-tifsir tal-ħajja tal-bniedem tkun qed tersaq lejn il-periklu li tillimita l-ħidma kollha tar-raġuni għall-ħidma strumentali biss, mingħajr ebda ħerqa għall-riċerka tal-verità.

Il-filosofija biex tkun taqbel mal-Kelma ta' Alla trid l-ewwelnett issib mill-ġdid id-*dimensjoni sapjenzjali* tagħha jiġifieri tfittex it-tifsir finali u sħiħ tal-ħajja. Dan l-ewwel impenn, jekk nifhmuh sewwa, iqanqal lill-filosofija biex tfittex li tkun taqbel man-natura tagħha stess. Meta tkun tagħmel dan, ma tkunx biss fattur deċisiv u kritiku li juri l-limiti u l-fundament tal-ħafna oqsma tat-tagħrif xjentifiku, imma tkun ukoll il-fattur finali ta' l-għerf u l-ħidmiet tal-bniedem kollhom kemm huma, u tmexxihom lejn l-għan u t-tifsir definittiv tagħhom. Din id-dimensjoni sapjenzjali li hi llum hekk meħtieġa għaliex kibret ħafna s-setgħa teknika tal-bniedem u dan jitlob għarfien aktar ċar u mġedded ta' l-ogħla ġid. Meta dawn il-mezzi tekniċi ma jfittxux l-għan finali tal-bniedem, imma jibqgħu limitati għal dak li jkun jaqbel fil-mument, malajr jidbiddlu f'mezzi kiefra anzi jistgħu jinbidlu f'mezzi ta' qerda tal-ġens tal-bniedem.[98]

82. Din il-ħidma ta' għerf ma tistax issir minn filosofija li ma tkunx hi

98. Ara enċikl. *Redemptor hominis* (4 Marzu, 1979) 15.

stess għerf awtentiku u veru, jiġifieri għerf li ma jfittixx biss aspetti partikulari u relattivi tar-realtà sew jekk ikunu funzjonali u sew jekk ikunu formali jew utili, imma jfittex ukoll il-verità sħiħa u definittiva tar-realtà, jiġifieri l-essenza proprja ta' dak li jingħaraf. Din hi esiġenza oħra: l-istħarriġ tal-kapaċità tal-bniedem biex jasal għall-*għarfien tal-verità*, fiha nfisha permezz ta' l-*adequatio rei et intellectus* kif kienu jgħidu l-għorrief ta' l-iskolatika[99]. Din l-esiġenza, proprja tal-fidi, ġiet imtennija espliċitament mill-Konċilju Vatikan li "l-intelliġenza ma tillimitax ruħha biss għall-istħarriġ tal-fenomeni, imma tista' tikseb ukoll l-għarfien ta' realtà li tiftiehem, u tkun ċerta minn dan l-għarfien, ukoll jekk, minħabba d-dnub, tkun xi ftit imdallma u dgħajfa"[100].

Filosofija li radikalment hi biss limitata għall-fenomeni u hi biss relattiva tidher li m'hijiex tajba biex tgħin ħalli jingħaraf il-fond ta' l-għana li jinsab fil-kelma ta' Alla. L-Iskrittura dejjem tissupponi li l-bniedem, ukoll jekk ħati ta' wiċċ b'ieħor, u tal-gideb, hu kapaċi jasal jagħraf il-verità ċara u sempliċi. Fil-Kotba Mqaddsa, u l-aktar fit-Testment il-Ġdid, hemm ħafna passi u dikjarazzjonijiet ta' natura ontoloġika. Il-kittieba spirati riedu fil-fatt jagħmlu dikjarazzjonijiet veri jiġifieri dikjarazzjonijiet li juru l-verità oġġettiva fiha nfisha. Ma nistgħux ngħidu li t-tradizzjoni kattolika żbaljat meta fehmet xi passi minn San Ġwann u minn San Pawl bħala dikjarazzjonijiet dwar l-essenza ta' Kristu, min hu tassew Kristu. It-teoloġija meta tfittex li tifhem u tfisser dawn id-dikjarazzjonijiet, teħtieġ għalhekk l-għajnuna tal-filosofija li ma tiċħadx il-kapaċità ta' għarfien oġġettivament veru, għalkemm dan l-għarfien jista' jkun dejjem aħjar. Dan jgħodd ukoll għal kull ġudizzju tal-kuxjenza morali li l-Iskrittura tissupponi li jkun oġġettivament veru.[101]

83. Dawn iż-żewġ esiġenzi jitolbu esiġenza oħra: hi meħtieġa filosofija ta' natura verament *metafisika*, jiġifieri kapaċi li tmur 'l hemm minn dak li jgħaddi, biex tilħaq, fir-riċerka tagħha tal-verità, dak li hu b'xi mod assolut, finali, fondamentali. Din hi esiġenza ta' l-għerf, kemm sapjenzjali u kemm analitiku, u b'mod partikulari hi esiġenza proprja tal-ġid morali, li bħala fondament tiegħu għandu l-ogħla ġid, Alla nnifsu. Ma rridx nitkellem hawn fuq il-metafisika bħala xi skola speċifika, jew bħala xi sistema storika partikulari. Nixtieq biss ngħid li r-realtà u l-verità huma 'l fuq minn dak li hu fatti u esperjenza biss, u rrid ninsisti li l-bniedem għandu l-ħila li jagħraf din id-dimensjoni traxxendenti u metafisika b'mod

99. San Tumas, *Summa Theolkogiae* I, 16, 1 San Bonaventura *Coll. in Hex.* 3, 8. 11.
100. *Gaudium et spes*, 15.
101. Ara enċikl. *Veritatis splendor* (6 Awissu 1993), 57-61.

veru u żgur, għalkemm b'mod mhux perfett u analoġiku. B'dan is-sens, il-metafisika ma tidhirx bħala alternattiva għall-antropoloġija, għax hi proprju il-metafsika li tagħti pedament għall-fehma tad-dinjità tal-persuna minħabba l-kondizzjoni spiritwali tagħha. Il-persuna, b'mod partikulari, hi l-qasam privileġġjat fejn issir il-laqgħa ma' l-eżistenza u għalhekk ukoll mar-riflessjoni metafisika.

Kull fejn il-bniedem jiltaqa' ma' xi sejħa lejn l-assolut u lejn dak li hu traxxendenti, hemm isib il-ftuħ lejn id-dimensjoni metafisika tar-realtà: fil-verità, fil-ġmiel, fil-valuri morali, fil-persuna ta' l-ieħor, fl-istess esistenza, f'Alla. Sfida kbira li qed tistenniena fi tmiem dan il-millennju hi dik li nagħmlu pass 'il quddiem, meħtieġ u urġenti, biex minn dak li hu *fenomenu* naslu għal *dak li hu fondamentali*. Ma nistgħux nieqfu biss fl-esperjenza, u kull meta din turina x'hemm ġewwa l-bniedem u x'inhi l-ispiritwalità tiegħu, jeħtieġ li r-riflessjoni spekulattiva tilħaq il-qalba tal-ħajja spiritwali u l-pedament li fuqu tistrieh. Ħsieb filosofiku li ma jrid ebda ftuħ metafisiku bilfors ikun radikalment mhux kapaċi jgħin fl-għarfien tar-Rivelazzjoni.

Il-kelma ta' Alla spiss issemmi dak li jmur 'l hemm mill-esperjenza u wkoll l-istess ħsieb tal-bniedem; iżda dan il-"misteru" ma jistax jiġi rivelat u lanqas ma tista' t-teoloġija tagħmlu jiftiehem,[102] kieku l-għarfien tal-bniedem kien biss limitat għad-dinja li tingħaraf mill-esperjenza tas-sensi. Il-metafisika, għalhekk tinsab qisha f'qagħda li tista' tidħol biex tgħin ir-riċerka teoloġika. Teoloġija mċaħda mill-metafisika, ma tistax tmur 'l hemm mill-analisi ta' l-esperjenza reliġjuża, u lanqas tista tħalli l-*intellectus fidei* jfisser il mod koerenti tal-valur universali traxxendenti tal-verità rivelata.

Jekk qed ninsisti ħafna fuq l-element metafisiku dan qed nagħmlu għaliex jiena żgur li din hi t-triq meħtieġa biex tingħeleb il-qagħda ta' kriżi li qed taħkem ħafna setturi kbar tal-filosofija u hekk jiġu korretti xi suriet ta' mġiba żbaljata, li jinabu mxerrdin fis-soċjetà tagħna.

84. L-importanza tal-metafisika tidher aktar evidenti meta nqisu l-iżvilupp fl-ermenewtika, u fl-analiżi tal-lingwaġġ. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji jistgħu jkunu jiswew ħafna biex tiftiehem il-fidi, għaliex juru kif il-bniedem jaħseb u jitkellem u x'sens għandu l-lingwaġġ tiegħu. Iżda xi wħud minn dawk qed jistudjaw dawn ix-xjenzi, fir-riċerki tagħhom, ifittxu biss ħa jaraw kif il-bniedem jifhem u kif jgħid x'inhi r-realtà mingħajr ma jmur aktar fil-fond u jfittex ir-raġuni għaliex il-bniedem hu

102. (Konċ. Vat. I) Ara *Dei Fikius* IV.

kapaċi jasal għall-għarfien ta' l-essenza ta' din ir-realtà. Kif jista' wieħed ma jarax f'din l-imġiba konferma tal-kriżi ta' llum fil-fiduċja dwar il-kapaċità tar-raġuni? Meta mbagħad, minħabba fehmiet żbaljati mħaddnin minn qabel, dawn it-teżijiet jaslu biex idallmu d-duttrina tal-fidi jew jiċħdu l-valur universali tagħha, dawn mhux biss ibaxxu r-raġuni imma jaslu biex jeskludu lilhom infushom. Dan għax il-fidi b'mod l-aktar ċar tissopponi li l-lingwaġġ tal-bniedem kapaċi jfisser b'mod universali r-realtà divina u traxxendenti, ukoll jekk biss analoġikament, iżda ma tiftiehemx inqas.[103] Kieku ma kienx hekk, il-Kelma ta' Alla, li hi dejjem kelma divina b'lingwaġġ uman, ma kienx ikollha ħila li tgħid l-iċken ħaġa fuq Alla. L-interpretazzjoni ta' din il-Kelma ta' Alla, ma tistax tkun biss interpretazzjoni waħda wara l-oħra, mingħajr qatt ma jkun hemm affermazzjoni sempliċiment vera. Kieku kien mod ieħor, ma kienx ikun hemm rivelazzjoni ta' Alla, imma biss l-espressjoni ta' fehmiet umani dwar Alla u dwar kif inqisu kif hu jaħseb fuqna.

85. Naf sewwa li dawn il-ħtiġijiet, mitlubin lill-filosofija mill-Kelma ta' Alla, jistgħu jidhru iebsin għal dawk kollha li llum huma dedikati għar-riċerka filosofika. Hu għalhekk li qed nagħmel tiegħi, dak li l-Papiet minn xi żmien 'l hawn, ma waqfu qatt jgħallmu u li tenna l-Konċilju Vatikan II, biex nesprimi l-konvinzjoni tiegħi li l-bniedem jista' jasal biex ikollu dehra unitarja u organika ta' l-għerf. Din hi waħda mill-ħidmiet li għaliha jrid jidħol il-ħsieb nisrani tul il-millennju l-ġdid. It-tqassim ta' l-għerf f'ħafna sezzjonijiet jwassal biex wieħed ma jersaqx lejn il-verità b'mod sħiħ, u dan iġib ħafna tqassim fit-tifsir tagħha, b'mod li l-bniedem ta' llum ma jasalx biex ikollu dehra sħiħa ta' l-unità tal-verità fiha nfisha. Kif ma jistaxdanmajħassibx il-Knisja? Dan id-dmir dwar l-għerf lir-ragħajja ta' l-erwieħ jiġihom mill-istess Evanġelju u huma jħossu li ma jistgħux jibqgħu lura milli jaqdu dan id-dmir tagħhom.

Jien inħoss li dawk kollha li llum jridu jwieġbu bħala filosofi għal dak li titlob il-Kelma ta' Alla lill-ħsieb tal-bniedem, jridu jfasslu kliemhom skond din-ħtieġa u hekk ikomplu dik it-tradizzjoni kbira li, tibda mill-antiki, tgħaddi minn Missirijiet il-Knisja u mill-għorrief ta' l-iskolastika biex tasal tħaddan kull ma nkiseb fondamentalment mill-ħsieb modern u ta' llum. Il-filosofu, jekk jagħraf jidħol f'din it-tradizzjoni u jkun ispirat minnha ma jonqosx li juri fedeltà sħiħa lejn dak li titlob l-awtonomija tal-ħsieb filosofiku.

Ifisser ħafna, kif hi l-qagħda llum, li xi filosofi qed iħabirku biex

103. Ara Konċ. Lateranense IV *De errore abbatis Ioachim,* II.

tagħrif xieraq. Ir-riferenza għat-tradizzjoni m'hijiex biss xi tifkira ta' l-imgħoddi, imma hi aktar l-għarfien ta' wirt kulturali li hu proprju tal-ġens kollu tal-bnedmin. Anzi nistgħu ngħidu li aħna nagħmlu parti minn din it-tradizzjoni u nistgħu għalhekk nagħmlu li rridu minnha. Hu proprju meta nfittxu l-għeruq tat-tradizzjoni, li jista' llum ikollna ħsieb oriġinali, ġdid u jħares lejn il-ġejjieni. Dan jgħodd ukoll għat-teoloġija: mhux biss għandha t-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja bħala l-għan oriġinali tagħha,[104] imma wkoll, proprju minħabba f'hekk tista' tikseb mill-ġdid kemm it-tradizzjoni teoloġika għolja taż-żminijiet l-imgħoddija, u wkoll dik it-tradizzjoni li tibqa' għal dejjem ta' filosofija li għarfet, bl-għerf għoli tagħha, tmur 'l hemm mill-limiti ta' l-ispazju u taż-żmien.

86. Bl-insistenza fuq il-ħtieġa li jkun hemm relazzjoni mill-qrib dejjem sejra tar-riflessjoni filosofika ta' llum ma' riflessjoni tat-tradizzjoni nisranija, jinżammu 'l bogħod mil-periklu moħbi f'xi suriet ta' ħsieb, mxerrdin ħafna. Għalkemm fil-qosor, nħoss li għandi ngħid xi ħaġa biex nuri l-iżbalji li fihom dawn is-suriet bex nuri x'periklu huma għall-ħidma filosofika.

L-ewwel sura ta' ħsieb hi dik magħrufa bl-isem ta' *ekkletiżmu*, kelma li tfisser il-qagħda ta' dak li fir-riċerka, fit-tagħlim u fid-diskussjonijiet tiegħu, fid-diskussjonijiet teoloġiċi wkoll, imdorri jieħu fehmiet minn ħafna skejjel ta' filosofija, mingħajr ma jqis jekk jaqblux ma' xulxin jew jekk hemmx xi rabta bejniethom, u mingħajr lanqas iqis l-ambjent storiku li fih żviluppaw. B'dan il-mod isib ruħu f'qagħda li ma jkunx jista' jara dik il-parti tal-verità li jkun hemm f'xi ħsieb u ma jagħrafx iwarrab dak li f'dan il-ħsieb ikun żbaljat jew mhux adatt. Sura esaġerata ta' eklettiżmu narawha fl-użu retoriku ħażin, tal-kelmiet filosofiċi li xi kull tant isir minn xi teologu. L-ekkletiżmu ma jgħinx biex tinkiseb il-verità u ma tħejjiex ir-raġuni – filosofika u teoloġika – biex tiddiskuti bis-serjetà u b'mod xjentifiku. Studju serju fil-fond tad-duttrina filosofika tal-lingwaġġ proprju tagħha, il-kontest li fih nibtet, jgħinu ħafna biex jintrebaħ il-periklu ta' l-eklettiżmu, u jagħtiha post xieraq fid-diskussjonijiet teoloġiċi.

87. L-eklettiżmu hu żball fil-metodu, iżda jista' jkun hemm moħbi fih il-fehmiet proprji ta' l-*istoriċiżmu*. Biex tiftiehem sewwa xi duttrina ta' l-imgħoddi, jeħtieġ li din titqies fil-kuntest storiku u kulturali li fih żviluppat. Issa t-teżi fondamentali ta' l-istoriċiżmu hi li l-verità ta' xi filosofija tiddependi fil-fatt li tkun adatta għall-perjodu determinat taż-żmien u għall-ħidma storika determinata. B'dan il-mod almenu impliċitament,

104. Ara *Dei Verbum*, 24; *Optatam totius*, 16.

ikun qed jingħad li l-veru mhux validu għal dejjem. Dak li kien veru f'xi żmien, jgħid min hu storiċista, jista' ma jkunx veru f'xi żmien ieħor. L-istorja tal-ħsieb, għalhekk issir għalih xejn inqas minn riżorsa arkeoloġika li minnha jieħu dak li jrid biex juri x'kienu qagħdiet ta' l-imgħoddi li ġew superati u ma għandhom ebda tifsira għaż-żmien ta' llum. Iżda għall-kuntrarju, rridu nqisu li, ukoll jekk il-formulazjoni tal-verità hi marbuta b'xi mod ma' xi żmien u ma' xi kultura, il-verità jew l-iżball jistgħu dejjem jingħarfu u għalhekk jistgħu jitqiesu sewwa, minkejja d-distanzi ta' żmien u ta' l-imkien.

Fir-riflessjoni teoloġika, l-istoriċiżmu aktarx juri ruħu f'sura ta' *moderniżmu*. Bil-ħsieb tajjeb li d-diskors teoloġiku ikun jiswa għall-mument ta' issa, u jiftiehem mill-bniedem ta' llum, jintużaw biss dikjarazzjonijiet u diskorsi filosofiċi ta' llum, mingħajr ma ssirilhom kritika fid-dawl tat-tradizzjoni. Din is-sura ta' moderniżmu, għax iqis dak li hu attwali u ta' issa flok il-verità, ma tissodisfax dak li titlob il-verità, u li t-teoloġija hi msejħa biex twieġeb għalih.

88. Periklu ieħor li rridu nqisu hu x-*xjentiżmu*. Dan il-ħsieb filosofiku ma jaċċettax bħala validi suriet ta' għerf li huma differenti minn dawk tax-xjenzi posittivi, u jqis sempliċiment bħala immaġinazzjoni kemm l-għerf reliġjuż u teoloġiku u kemm l-għerf etiku u estetiku. Fl-imgħoddi dan il-ħsieb kien imħaddan mil-pożittiviżmu u min-neopossittiviżmu li kienu jqisu bla ebda tifsir kull dikjarazzjoni ta' karattru metafisiku. Il-kritika epistemoloġika wriet kemm kienu fiergħa dawn il-fehmiet, u għalhekk deħru mill-ġdid taħt il-libsa tax-xjentiżmu, li jqis il-valuri biss bħala frott ta' l-emozzjonijiet u jwarrabhom fil-ġenb biex jagħti post biss lill-fatti. Ix-xjenza qisha għalhekk qed tħejji ruħha biex taħkem fuq l-aspetti kollha ta' l-eżistenza tal-bniedem, permezz tal-progress teknoloġiku. Is-suċċessi kbar tar-riċerka xjentifika u tat-teknoloġija ta' żmienna għenu ħafna fit-tixrid ta' mentalità xjentista, li tidher illum li hi bla limiti, għax daħlet fil-kulturi kollha u ġiebet ħafna tibdiliet radikali.

Irridu ngħidu wkoll li x-xjentiżmu iqis bħala bla raġuni u immaġinarja l-mistoqsija dwar is-sens tal-ħajja. Mhux inqas ta' dispjaċir il-mod kif ix-xjentiżmu jersaq lejn il-problemi kbar tal-filosofija li, meta ma jiċħadhomx, janalizzahom skond analoġiji superfiċjali, bla ebda bażi fir-raġuni. Dan ifaqqar ir-riflessjoni tal-bniedem li tiġi mċaħħda minn dawk il-problemi fondamentali lil-bniedem bħala *animal rationale* (esseri ħaj li jirraġuna) sa mill-bidu taż-żmien dejjem stħarreġ. Minħabba li kull ġudizzju kritiku skond prinċipji ta' l-etika mwarrab f'qagħda bħal din, il-mentalità xjentista rnexxilha twassal lil ħafna biex jaċċettaw li dak li teknikament jista' jsir hu għalhekk minnu nnifsu moralment aċċettabbli.

89. M'huwiex inqas ta' periklu, il-*pragmatiżmu,* li hu l-mod kif jaħseb min li fl-għażliet tiegħu jwarrab kull riflessjoni teoretika jew kull valutazzjoni skond il-prinċipji ta' l-etika. Il-konsegwenzi fil-prattika ta' dan il-mod ta' ħsieb huma bla għadd. B'mod partikulari, qed tinxtered fehma ta' demokrazija bla ebda riferenza għall-valuri li ma jidbiddlu qatt u għalhekk tiġi aċċettata kull imġiba li jkollha vot tal-maġġoranza parlamentari.[105] Il-konsegwenzi ta' qagħda bħal din huma ċari biżżejjed: l-ogħla valuri morali tal-bniedem waħda wara l-oħra qed jiġu deċiżi mill-votazzjoni ta' l-organi istituzzjonali. Barra dan hi l-istess antropoloġija li qed tiġi nfluwenzata sewwa minn riflessjoni uni-dimensjonali tal-bniedem, jiġifieri mir-riflessjoni fuq il-bniedem qed jitwarrbu l-problemi etiċi kbar u l-analiżi eżistenzjali tat-tbatija u tas-sagrifiċċju, tal-ħajja u tal-mewt.

90. Il-fehmiet li semmejt sa issa, kollha jwasslu għall-fehma aktar ġenerali, li milli jidher qed tagħti llum struttura lil ħafna filosofiji li ma jaċċettawx aktar xi tfisser li "tkun" (fl-esseri tiegħu). Ħsiebi qed imur għal-fehma niħilista li tiċħad kull fundament u għall-bniedem twarrab kull verità oġġettiva. *In-nikiliżmu* qabel stess ma hu kontra dak li titlob u li hu proprju tal-Kelma ta' Alla, jiċħad l-umanità tal-bniedem u ta' l-identità proprja tiegħu. Dan għax ma nistgħux ma niftakrux li meta wieħed jinsa li hu "dak li hu" bilfors jitlef ukoll kull kuntatt tal-verità oġġettiva u għalhekk ukoll kull pedament li fuqu timbena d-dinjità tiegħu ta' *bniedem.* U hekk niġu għall-possibbiltà li jitħassru minn wiċċ il-bniedem dawk is-sinjali li juruh bħala xbieha ta' Alla, u hekk jasal pass pass jew għar-rieda qerrieda tas-setgħa jew għad-disprament tas-solitudni. Jekk tneħħi l-verità mill-bniedem, tkun fiergħa r-rieda li tagħmlu ħieles. Il-verità u l-libertà jew jimxu 'l quddiem flimkien jew jinqerdu flimkien għal kollox.[106]

91. Jiena u nikkummenta fuq il-fehmiet tal-ħsieb li għadni kemm semmejt, ma kontx bi ħsiebni nagħti dehra sħiħa tal-qagħda tal-filosofija llum: fl-aħħar mill-aħħar mhux faċli tagħti dehra waħdanija ta' din il-qagħda. Iżda

105. Ara *Evangelium vitae* (25 Marzu 1995), 69
106. Hekk kont ktibt ukoll fl-ewwel enċiklika tiegħi b'kumment għall-espressjoni ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann "Tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom" (Gw 8, 32). Dawn il-kelmiet fihom esiġenza fondamentali u twissija fl-istess waqt, l-esiġenza ta' relazzjoni onesta mal-verità, bħala kondizzjoni ta' libertà vera; twissija wkoll, biex tiġi evitata kull sura ta' libertà taparsi, superfiċjali u unilaterali, kull libertà li ma tidħolx fil-verità kollha fuq il-bniedem u fuq id-dinja. Illum ukoll, wara elfejn sena, Kristu jidhrilna bħala Dak li jwassal lill-bniedem il-libertà mibnija fuq il-verità, bħala Dak li jeħles lil bniedem minn kull ma jillimitah, inaqsu u kważi ikissirlu l-għeruq ta' din il-libertà f'ruħu, f'qalbu, fil-kuxjenza tiegħu. Enċikl. *Redemptor hominis,* (4 Marzu 1979), 12.

aħħar mill-aħħar mhux faċli tagħti dehra waħdanija ta' din il-qagħda. Iżda nixtieq ninsisti li l-wirt tat-tagħrif u ta' l-għerf fil-fatt stagħna f'ħafna oqsma; basta ssemmi l-loġika, il-filosofija tal-lingwaġġ, l-epistemoloġija, il-filosofija tan-natura, l-antropoloġija, l-analiżi fil-fond tad-dimensjoni affettiva ta' l-għerf u l-mod eżistenzjali ta' l-analiżi tal-libertà. Min-naħa l-oħra, l-prinċipju ta' l-immanenza, li hu fil-qofol tar-razzjonaliżmu, misseklu li għadda, qajjem reazzjoni biex jerġgħu jiġu diskussi radikalment ċerti problemi li kienu jitqiesu mhux aktar diskutibbli. Hekk nibtu movimenti razzjonalisti u l-kritika uriet ċar kemm kienet bla bażi ta' xejn il-fehma tas-setgħa assoluta tar-raġuni.

Żmienna hu magħruf minn xi studjużi bħala ż-żmien post-modern. Din il-kelma hi użata spiss f'ambjenti 'l bogħod ħafna minn xulxin, u tfisser il-bidu flimkien ta' għadd ta' fatturi ġodda, li, kemm fit-tixrid u kemm fil-qawwa tagħhom urew kapaċità li jġibu tibdil li jfisser ħafna u li jibqa'. Il-kelma għalhekk għall-ewwel ġiet użata għal fenomeni ta' sura estetika, soċjali, teknoloġika. Aktar tard intużat ukoll fil-qasam filosofiku għalkemm b'ċerta ambigwità għaliex dak li ssejjaħ "post-modern" xi drabi kien posittiv u xi drabi negattiv; ukoll għax ma hemmx qbil meta tintemm u tibda epoka oħra ta' żmien. Ħaġa żgur hi ċerta: is-suriet ta' ħsieb li jissejħu post-moderni jisthoqqilhom attenzjoni xierqa. Skond xi wħud minnhom iż-żmien ta' ċertezza spiċċa għal kollox darba għal dejjem; u l-bniedem irid issa jidra jgħix f'qagħda bla sens, f'qagħda fejn kollox hu provviżorju u jmur mar-riħ. Ħafna kittieba, bil-kritika qerrieda tagħhom ta' kull ċertezza, bla ebda għażla, jaslu biex jiċħdu wkoll iċ-ċertezza tal-fidi.

Dan in-nikiliżmu hu b'xi mod imwettaq mill-esperjenza kiefra tal-ħażen fi żmienna. Quddiem it-traġedja ta' din l-esperjenza l-ottimiżmu razzjonalista li kien jara il-progress rebbieħ tar-raġuni, għajn ta' hena u ta' ħelsien, ma setax iżomm aktar, tant li waħda mill-aqwa theddid fi tmiem dan is-seklu hi t-tentazzjoni għad-disprament.

Iżda għad fadal ċerta mentalità posittiva li għada tħaddan il-ħolma li, minħabba rebħiet xjentifiċi u tekniċi, il-bniedem, qisu xi alla, jista' waħdu jilħaq u jiżgura setgħa sħiħa fuq id-destin tiegħu.

## Dmir it-teoloġija llum

92. Fl-għarfien tar-Rivelazzjoni, t-teoloġija f'kull żmien ta' l-istorja kellha dejjem tilqa' dak li titlob kull kultura biex twasslilhom il-veritajiet tal-fidi b'mod ċar u evidenti. Illum ukoll it-teoloġija għandha żewġ ħidmiet x'tagħmel. Min-naħa trid tiżvilupa l-inpenn li l-Konċilju Vatikan II fdalha

fi żmienu: tiġdid fil-metodi biex ikun hemm servizz aqwa ta' evanġelizzazzjoni. Kif jista' wieħed jinsa l-kliem tal-Papa Ġwanni XXIII fil-ftuħ tal-Konċilju? Dak inhar qal: "Jeħtieġ li aħna u nilqgħu t-tama ħajja ta' dawk kollha li sinċerament iħobbu r-reliġjon nisranija kattolika, appostolika inħabirku biex dejjem aktar tkun magħrufa sewwa fil-fond, u l-ispirti jkunu mgħallmin u formati b'mod sħiħ; hu meħtieġ li din id-duttrina żgura u li ma tinbidel qatt, tkun rispettata bil-fedeltà kollha, studjata fil-fond u ppreżentata bil-mod li jaqbel mal-ħtiġijiet ta' żmienna".[107]

Min-naħa l-oħra, t-teoloġija trid titfa ħarsitha fuq il-verità ta' l-aħħar li ġiet fdata lilha mir-Rivelazzjoni, u ma tieqafx biss f'nofs triq. Jaqbel lit-teologu jekk jaħseb li l-ħidma tiegħu twieġeb għad-"dinamiżmu li jinsab fl-istess fidi" u li l-għan proprju tar-riċerka tagħha hu "il-Verità, Alla l-ħaj u l-pjan tiegħu ta' salvazzjoni rrivelat lilna f'Ġesù Kristu".[108] Dan id-dmir li hu l-ewwel dmir tat-teoloġija, jimpenja wkoll lill-filosofija. Dan għaliex il-ħafna problemi li hemm illum jitolbu ħidma tagħhom flimkien biex il-verità tingħaraf u titħabbar ukoll jekk din il-ħidma ssir b'metodi differenti. Il-verità, li hi Kristu, timponi fuq kulħadd awtorità universali li tmexxi, timbotta u tkabbar (ara Ef 4, 15) kemm it-teoloġija u kemm il-filosofija.

Jekk temmen li tista' tagħraf verità li hi valida dejjem u kullimkien u int ma tkunx mħajjar għan-nuqqas ta' tollerenza; imma għall-kuntrarju, tkun qed turi l-kondizzjoni meħtieġa biex ikun hemm djalogu sinċier u veru bejn persuna u oħra. Hekk biss jistgħu jingħelbu l-firdiet u jseħħ mixi 'l quddiem flimkien lejn il-verità sħiħa, mit-triqat li jafhom biss l-Ispirtu ta' Kristu Rxoxt.[109] Nixtieq għalhekk, minħabba d-dmirijiet tat-teoloġija llum, nuri x'sura għandu jkolla s-sejħa għall-għaqda fil-fatti.

107. Diskors fil-ftuħ tal-Konċilju, 11 ta' Ottubru, 1962.

108. Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi, fuq il-vokazzjoni ekklesjali tat-teologu, *Donum veritatis* (24 Mejju, 1990), 7-8.

109. Fl-enċiklika *Dominum et vivificantem* jiena u nikkomenta fuq Ġw 16, 12-13, ktibt "Ġesù wera d-Difensur, l-Ispirtu tal-verità, bħala dak "li jgħallem u jfakkar kollox" bħala dak "li jixhed" u issa juriħ bħala dak "li jwassal għall-verità kollha". Il-kliem "iwssalkom għall-verità kollha" b'riferenza għal dak li l-Appostli "ma jifilħux għalih" hu l-ewwelnett marbut mal-passjoni u s-salib li bihom Kristu xejjen lilu nnifsu, ħaġa li kienet għadha trid isseħħ meta Kristu qal dan il-kliem. Aktar tard imbagħad deher aktar ċar il-kliem "iwassalkom għall-verità kollha" ma kienx marbut biss ma' l-iskandlu tas-salib imma wkoll ma' dak kollu li għamel Kristu "għamel u għallem". Għaliex tassew il misteru ta' Kristu kollu kemm hu, jitlob il-fidi, għaliex din twassal lill-bniedem fir-"realtà" tal-misteru li ġie rivelat. Mela l-kliem "inwassalkom għall-verità kollha" iseħħ bil-fidi u fil-fidi, dan jagħmlu l-Ispirtu s-Santu li hu l-frott tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-bniedem. F'din il-ħaġa l-Ispirtu s-Santu hu l-aqwa mgħallem tal-bniedem, hu dawl għall-ispirtu tal-bniedem" (*Redemptor hominis*, 6).

93. L-għan fondamentali tat-teoloġija llum hu dak li *tagħti tifsir tar-Rivelazzjoni u tad-duttrina tal-fidi.* Il-qofol għalhekk tar-riflessjoni teoloġika llum hu l-kontemplazzjoni tal-misteru stess ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni; nersqu lejn dan il-misteru aħna u nikkontemplaw il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla: jiġifieri li l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, biex isofri l-passjoni u jmut, misteru li ntemm "fil-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet", it-tlugħ tiegħu fil-lemin tal-Missier, minn fejn bagħat l-Ispirtu tal-verità biex iwaqqaf u jagħti ħajja lill-Knisja tiegħu. Fid-dawl ta' dan, naraw li l-impenn ewlieni tat-teoloġija hu l-għarfien tal-*kenosis* ta' Alla, li hi dejjem misteru kbir għall-moħħ tal-bniedem, li ma jistax jammetti li t-tbatija u l-mewt jistgħu ikunu xhieda ta' mħabba, li tingħata mingħajr ma tintalab tpattija għaliha. Fid-dawl ta' dan hi meħtieġa malajr u fil-fond analiżi attenti tat-testi; l-ewwel tat-testi ta' Iskrittura, imbagħad tat-testi li fihom hi mxandra t-tradizzjoni ħajja tal-Knisja. Dwar dan illum qed naraw xi problemi, ġodda biss f'xi parti minnhom, u soluzzjoni xierqa tagħhom ma tistax tinsab mingħajr l-għajnuna tal-filosofija.

94. L-ewwel problema hu dwar ir-relazzjoni bejn it-tifsir u l-verità. Dak li hu veru għal kull test, hu veru wkoll għat-testi li t-teologu jrid jagħraf u jfisser. Issa dan it-tifsir juri li hija l-Kelma ta' Alla, li Alla nnifsu qed iwassal permezz tat-test imqaddes. Bil-lingwaġġ tal-bniedem, jinstema' l-lingwaġġ ta' Alla li jwassal il-verità proprja tiegħu "b'tjieba" tassew ta' l-għaġeb skond il-loġika ta' l-inkarnazzjoni.[110] Għalhekk meta jiġi biex ifisser it-testi tar-Rivelazzjoni, it-teologu jrid jistaqsi lilu nnifsu x'inhi l-verità għolja u vera li dawn it-testi jridu jwasslu, minkejja d-dgħufija tal-lingwaġġ.

Meta niġu biex infissru t-testi ta' l-iskrittura, speċjalment t-testi ta' l-Evanġelju, ma għandiex naħsbu li l-verità tagħhom hija biss dwar narrazzjoni ta' fatti storiċi jew dikjarazzjoni ta' xi ġrajjiet kienu x'kienu – din biss il-fehma tal-posittiviżmu storiċista.[111] Dawn it-testi, għall-kuntrarju, qed iħabbru fatti li l-verità tagħhom tmur aktar 'l hemm mis-sempliċi fatt storiku: it-tifsir tagħhom jinsab *fl*-istorja u *għall*-istorja tas-salvazzjoni. Din il-verità tidher b'mod tassew ċar fil-qari dejjem sejjer tul iż-żminijiet ta' dawn it-testi mill-Knisja, waqt li jinżamm bla mittiefes it-tifsir oriġinali tagħhom. Importanti ħafna għalhekk li l-filosofija wkoll teżamina sewwa din ir-relazzjoni bejn il-fatt u t-tifsir tiegħu, għax hi relazzjoni li tagħti s-sens speċifiku lill-istorja.

110. Ara *Dei Verbum,* 13.

111. Ara Pont. Kummissjoni Biblika, Istruzzjoni dwar il-verità "Storja. ta' l-Evanġelji", (2 ta' April, 1964).

95. Il-Kelma ta' Alla m'hijiex għal xi poplu wieħed jew għal xi żmien wieħed. Dan jgħodd ukoll għad-dikjarazzjonijiet dommatiċi li, għalkemm xi drabi juru s-sinjali tal-kultura taż-żmien li fih saru, ixandru verità soda u definittiva. Hemm għalhekk il-problema kif se tqabbel l-aspett assolut u universali tal-verità mal-formuli li bihom imfissra l-verità, formuli influwenzati mill-ambjent storiku u kulturali tagħha li ma tistax teħles minnu. Kif ġa għedt it-teżijiet ta' l-istoriċiżmu ma jistax wieħed jiddefendihom, iżda l-użu ta' ermenewtika, miftuħa għall-metafisika, tista' twassal għall-verità mfissra b'formoli influwenzati mill-ambjent u l-kultura taż-żmien li kif saru, għax il-verità tista' tmur 'l hemm minn dak li seta' jinfluwenza l-formulazzjoni tagħha.

Il-bniedem, bil-lingwaġġ storiku u limitat tiegħu jista' jesprimi veritajiet li huma 'l fuq minn dak li hu lingwaġġ. Dan għax il-verità ma tistax tiġi limitata miż-żmien u mill-kultura; il-verità tingħaraf fl-istorja imma hi 'il fuq mill-istess storja.

96. Din l-osservazzjoni tgħin biex tinsab soluzzjoni għall-problemi oħra: x'siwi għandu dejjem il-kliem li jfissru l-fehmiet u l-ħsieb f'definizzjonijiet konċiljari. Il-Papa ta' qabli Piju XII, fl-enċiklika *Hunani geberis* ġa tkellem fuq din il-problema.[112]

M'hijiex ħaġa ħafifa taħseb fuq din il-problema, għax trid tqies bis-serjetà kollha it-tifsir li l-kliem jieħu f'kulturi u fi żminijiet diversi. Iżda l-istorja tal-ħsieb tal-bniedem turi sewwa li, minkejja t-tibdil kollu u l-varjetà tal-kulturi, ċerti ideat fondamentali jibqgħu jżommu l-valur universali tat-tifsir tagħhom u għalhekk iżommu bla mittiefsa l-verità li

112. "Hi ħaġa ċara li l-Knisja ma tistax tkun marbuta ma' xi sistema filosofiku jkun li jkun; iżda l-fehmiet u l-espressjonijiet li bi qbil bejn kulħadd tfasslu tul il-mijiet tas-snin minn għorrief kattoliċi biex jaslu ħa jagħrfu u jifhmu b'xi mod id-domma żgur m'humiex mibnijin fuq pedament hekk dgħajjef. Iżda huma mwettqin minn prinċipji u fehmiet li ħarġu mill-għarfien tal-ħolqien; u biex waslu għal dawn il-konklużjonijiet il-verità rivelata bħala kewkba, dawwlet, permezz tal-Knisja, il-moħħ tal-bniedem. Għalhekk m'hemmx għalfejn nistgħaġbu li jekk xi waħda minn dawn il-fehmiet mhux biss ġiet użata mill-Konċilji Ekumeniċi, iżda wkoll ġiet approvata b'mod li m'hux' permess li titwarrab." Enċikl. *Humani generis* (12 Awissu, 1950); ara Kumm. Teoloġika Internazzjonali, *Interpretationis problema* (Ott. 1989).

113. L-istess tifsir tal-formuli dommatiċi jibqa' dejjem veru u koerenti fil-Knisja, ukoll meta jiġi ċċarat aħjar u miftiehem aktar. L-insara għalhekk għandhom iwarrbu dik il-fehma li tgħid li l-formuli dommatiċi (jew xi wħud minnhom) ma jistgħux jagħtu il-verità b'mod determinat, iżda biss approssimattiv u għalhekk b'xi mod igħawġuha u jbidluha. S. Kong. għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni fuq għall-ħarsien tad-duttrina dwar il-Knisja, *Mysterium fidei* (24 ta' Ġunju, 1973), 5.

jfissru.[113] Kieku ma kienx hekk, la l-filosofija u la x-xjenzi ma jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin, u lanqas jistgħu jiġu milqugħin minn kulturi oħra diversi minn dawk il-kulturi li fihom ġew maħsuba u żviluppati. Mela hemm problema ta' interpretazzjoni, li iżda tista' tinħall; il-valur ta' ħafna fehmiet fir-realtà ma jeskludix li spiss it-tifsir tagħhom ma jkunx perfett. Ir-riflessjoni filosofika tista' tgħin ħafna f'dan il-qasam. Għalhekk hu ta' min jixtiequ ħafna impenn partikulari għal studju fil fond tar-relazzjoni bejn lingwaġġ li bih jiġi mfisser il-ħsieb u l-verità, kif ukoll il-proposta kif din ir-relazzjoni tiftiehem sewwa.

97. Dmir importanti tat-teoloġija hu t-tifsir ta' l-għejun tal-verità, iżda impenn aqwa u aktar delikat u esiġenti hu *l-għarfien il-verità rivelata* jew it-tifsir ta' l-*intellectus fidei.* Kif ġa għedt l-*intellectus fidei* jitlob l-għajnuna tal-filsosofija ta' l-esseri, ta' dak li hu, għax hekk it-teoloġija dommatika tkun tista' taqdi sewwa l-ħidma tagħha. Il-pragmatiżmu dommatiku ta' l-bidu ta' dan is-seklu li jqis il-veritajiet tal-fidi biss bħala regolamenti ta' mġiba, ġa gie rifjutat u mwarrab,[114] iżda minkejja dan jibqa' dejjem iħajjar biex dawn il-veritajiet jitqiesu biss bħala funzjonali. Meta dan, ma jkunx hemm ħlief skema mhux adatt, nieqes u superfiċjali bla ebda qawwa spekulativa adatta. Biex insemmi eżempju, il-Kristoloġija li tibda biss "minn isfel" kif qed jingħad illum, jew l-ekklesjoloġija żviluppata biss kif tisviluppa soċjetà ċivili, diffiċli teħles mil-periklu tat-tnaqqis ta' din il-qawwa spekulattiva.

Jekk l-*intellectus fidei* irid iħaddan l-għana kollu tat-tradizzjoni teoloġika irid jitlob l-għajnuna tal-filosofija ta' l-esseri, ta' dak li hu. Din imbagħad trid tkun kapaċi tqis il-problema ta' l-esseri, ta' dak li hu, skond ma' titlob u tagħraf it-tradizzjoni filosofika kollha, ukoll dik ta' dan iż-żmien, mingħajr ma toqgħod ittenni bla sens formoli antikwati li ma jiswew xejn. Il-filosofija ta' l-esseri, ta' dak li hu, fid-dawl tat-tradizzjoni metafisika nisranija, hi filosofija dinamika li tara l-verità fl-istrutturi ontoloġiċi, kawżali u komunikattivi tagħha. Issib il-qawwa tagħha u l-impenn li tibqa' dejjem għax bażata fuq l-istess fatt ta' dak li hu u dan jippermetti ftuħ sħiħ li jħaddan ir-realtà kollha kemm hi, u jogħla 'l fuq mil-limiti kollha u jasal għand dak li jtemm kollox.[115] Fit-teoloġija, li tirċievi l-prinċipji tagħha mir-Rivelazzjoni, bħala għajn ġdida ta' tagħrif, din il-prospettiva titwettaq mir-relazzjoni intima li hemm bejn il-fidi u r-raġunar metafisiku.

114. Ara Kong. Sant' Uffiċċju, digriet *Lamentabili* (3 Lulju, 1907), 26.
115. Papa Ġwann Pawlu II, Diskors fl-"Angelicum" (17 Novembru, 1979), 6.

98. Konsiderazzjonijiet oħra bħal dawn jistgħu jsiru wkoll b'riferenza għat-teoloġija morali. Hu meħtieġ ukoll li l-filosofija ħa tiftiehem il-fidi f'relazzjoni mal-ħajja u l-ħidma ta' min jemmen. Quddiem l-isfidi li hemm illum fl-oqsma soċjali, ekonomiċi, politiċi u xjentifiċi, il-kuxjenza etika tal-bniedem tinsab imħawda. Fl-enċiklika *Veritatis Splendor* għedt li ħafna problemi ta' llum fid-dinja ġejjin minn "kriżi dwar il-verità meta tintilef il-fehma ta' verità universali ta' dak li hu tajjeb, verità li l-bniedem jista' jagħraf bil-ħila tiegħu; bilfors trid tinbidel ukoll il-fehma dwar il-kuxjenza: Il-kuxjenza llum ma titqiesx aktar skond ma hi n-natura oriġinali tagħha, jiġifieri att ta' l-intelliġenza tal-persuna. Iżda għal kuntrarju qed jiġri li qed jingħata lill-kuxjenza ta' kull individwu l-privileġġ li jiffissa, bla ma ħadd jindaħallu, regoli dwar it-tajjeb u l-ħażin u dwar l-imġiba tajba jew ħażina. Din il-fehma taqbel ħafna ma etika individwalista – skond din l-etika l-individwu għandu quddiemu biss il-verità tiegħu li ma tkunx l-istess bħal verità ta' l-oħrajn.[116]

Fl-enċiklika kollha kemm hi wrejt b'mod ċar ħafna d-dmir fondamentali tal-verità fil-qasam tal-morali. Din il-verità, dwar l-għadd kbir tal-problemi morali aktar urġenti, titlob mit-teoloġija morali riflessjoni xierqa biex turi li l-għeruq tagħha huwa fil-Kelma ta' Alla. Biex taqdi din il-missjoni, it-teoloġija morali trid titlob l-għajnuna ta' l-etika filosofika, li tfittex il-verità ta' dak li hu tajjeb; etika għalhekk li m'hijiex la soġġettiva u lanqas utilitarja. L-etika li hi meħtieġa, titlob u tissupponi antropoloġija filosfika u metafisika ta' dak li hu t-tajjeb. Bl-għajnuna ta' din il-viżjoni organika, li bilfors hi marbuta mal-qdusija nisranija u mat-tħaddim tal-virtujiet umani u soprannaturali, it-teoloġija morali tkun tista' tqis il-ħafna problemi li huma proprji tagħha, bħalma huma l-problemi tal-paċi, tal-ġustizzja soċjali, tal-familja, tal-ħarsien tal-ħajja, u ta' l-ambjent naturali, b'mod aktar adatt u effikaċi.

99. Il-ħidma teoloġika tal-Knisja hi l-ewwelnett għall-qadi tat-tħabbira tal-fidi u tal-katekeżi.[117] It-tħabbira jew il-kerigma, tistieden għall-konverżjoni, hija u twassal il-verità ta' Kristu, li tilħaq il-qofol sħiħ tagħha fil-misteru ta' l-Għid: dan għax fi Kristu biss wieħed jista' jsib il-milja tal-verità li salva (ara Atti 4, 12; 1 Tim 4, 2-6).

Min dan wieħed jifhem tajjeb għaliex barra t-teoloġija għandha importanza kbira wkoll il-*katekeżi*: din għandha implikazzjonijiet filosofiċi

116. n. 32.
117. Ara Eżort. ap. *Catechesi tradendae* (16 Ottubru, 1979) 30; Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi Istr. dwar il-vokazzjoni ekklesjali tat-teologu, *Donum veritatis* (24 Mejju 1990), 7.

li jridu jiġu studjati aktar fil-fond fid-dawl tal-fidi. It-tagħlim mogħti mill-katekesi hu għall-formazzjoni tal-persuna. Il-katekeżi, li hi wkoll tagħlim mogħti bil-kliem, trid twassal id-duttrina tal-Knisja fis-sbuħija kollha tagħha[118] hija u turi x'rabta għandha mal-ħajja ta' dawk li jemmnu.[119] Hekk isseħħ rabta singulari bejn it-tagħlim u l-ħajja, rabta li ma jista' qatt tinkiseb b'mod ieħor. Dak li jitwassal mill-katekeżi m'huwiex xi ġabra ta' ħsibijiet ta' verità, imma hu l-misteru ta' Alla l-ħaj.[120]

Ir-riflessjoni filosofika tista' tgħin ħafna biex tidher ċara r-relazzjoni bejn verità u ħajja, bejn fatt u verità duttrinali, u fuq kollox ir-relazzjoni bejn verità traxxendenti u lingwaġġ li jiftiehem mill-bniedem.[121] L-influwenza fuq xulxin tax-xjenzi teoloġiċi u r-riżultati li nkisbu minn ħafna skejjel filosofiċi jistgħu għalhekk juru kotra ta' frott fix-xandir tal-fidi u fehma aktar fil-fond tagħha.

118. Eżort. ap. *Catechesi tradendae* (16 Ottubru, 1979), 30.
119. *Ibid.* n. 22.
120. *Ibid.* n. 7
121. *Ibid., 59.*

# GĦELUQ

100. Wara aktar minn mitt sena mill-pubblikazzjoni ta' l-enċiklika *Aeterni Patris* tal-Papa Ljun XIII, li semmejt kemm-il darba f'din l-enċiklika tiegħi, deherli li kien dmir tiegħi nitkellem mill-ġdid u b'mod aktar sistematiku fuq ir-relazzjoni bejn fidi u filosofija. Hi ċara ħafna l-importanza tal-ħsieb filosofiku fl-iżvilupp tal-kulturi kif inhi ċara wkoll l-influwenza li għandu fuq l-imġiba personali u soċjali. Hi influwenza qawwija, ukoll fit-teoloġija u fil-ħafna oqsma tagħha, għalkemm wieħed mhux dejjem jintebaħ biha, b'mod espliċitu. Għalhekk deherli li kienet ħaġa sewwa u meħtieġa li nuri s-siwi tal-filosofija għall-għarfien tal-fidi u l-limiti tagħha meta tinsa jew tiċħad il-verità tar-Rivelazzjoni. Il-Knisja hi kollha kemm hi konvinta li l-fidi u r-raġuni "jgħinu lil xulxin"[122] u jinfluwenzaw lil xulxin kemm b'ġudizzji ta' kritika u ta' tisfija u kemm bi tħeġġiġ ħa timxi 'l quddiem ir-riċerka u għarfien aktar fil-fond.

101. Jekk inħarsu lejn l-istorja tal-ħsieb tal-bniedem, speċjalment fil-punent, malajr naraw x'għana ta' ġid ħareġ għall-progress ta' l-umanità meta l-filosofija u t-teoloġija ltaqgħu u biddlu bejniethom dak li kisbu. It-teoloġija, li rċeviet bħala don apertura u oriġinalità biex setat issir xjenza tal-fidi, żgur qanqlet lir-raġuni biex tibqa' dejjem miftuħa għal dak it-tiġdid radikali li ġabet ir-Rivelazzjoni ta' Alla. Hu dan żgur kien vantaġġ kbir għall-filosofija, li rat jinfetħu għaliha orizzonti ġodda dwar tifsir aktar għoli li r-raġuni hi msejħa tagħraf aktar fil-fond.

Hu proprju fid-dawl ta' dan il-ħsieb li, kif ġa għedt, it-teoloġija għandha d-dmir li jkollha mill-ġdid relazzjoni sinċiera mal-filosofija, hekk ukoll hu d-dmir tiegħi li ngħid li jaqbel ukoll lil-filosofija ikollha mill-ġdid relazzjoni mat-teoloġija u dan għall-ġid u l-progress tal-ħsieb tal-bniedem. Fit-teoloġija, mhux se ssib ir-riflessjoni ta' xi individwu wieħed, li għalkemm għolja u għanja, hi dejjem limitata għall-ħsieb u l-fehmiet ta' wieħed waħdu, imma se ssib l-għana ta' riflessjoni komuni. It-teoloġija, fil-fatt, fir-riċerka tal-verità mill-istess natura tagħha, hi mmarkata min-nota ta' l-ekklesjalità,[123] u mit-tradizzjoni tal-Poplu ta' Alla, bil-ħafna suriet ta' tagħrif u ta' kulturi li tħaddan fl-għaqda ta' fidi waħda.

122. Konċ. Vatikan I, Kost. domm. *Dei Filius*, IV.

123. Ħadd ma jista' jqies it-teoloġija bħallikieku kienet sempliċi ġabra ta' fehmiet personali, iżda kulħadd għandu jifhem li jibqa' marbut sewwa ma' dik il-missjoni tat-tagħlim tal-verità, li tagħha hi responsabbli l-Knisja. Ġwann Pawlu II, enċikl. *Redemptor hominis* (4 Marzu, 1979), 19.

102. Il-Knisja, hija u tinsisti fuq l-importanza u d-dimensjoni tal-ħsieb filosofiku, iġġib 'il quddiem kemm il-ħarsien tad-dinjità tal-bniedem u kemm it-tħabbira tal-messaġġ evanġeliku. Għal dawn il-ħidmiet illum m'hemmx tħejjija aktar urġenti minn din: li twassal lill-bniedem biex jagħraf il-ħila tiegħu ħa jkun jaf dak li hu veru[124] u għall-ħerqa tiegħu li jkollu tifsira finali u definittiva ta' l-eżistenza. Quddiem dawn il-ħtiġijiet hekk fondamentali, li Alla nissel fin-natura umana, jidher dejjem aktar ċar it-tifsir tal-Kelma ta' Alla, tifsir li jaqbel mal-bniedem u jagħmlu bniedem. Bl-għajnuna ta' filosofija, li hi wkoll għerf tassew, il-bniedem tal-lum jasal biex jintebaħ li hu jkun aktar bniedem meta huwa u jafda lilu nnifsu lill-Evanġelju, jinfetaħ għal Kristu.

103. Barra dan, il-filsofija qisha mera li tirrifletti l-kultura tal-popli. Filosofija, li twieġeb għall-isfidi tal-ħtiġijiet tat-teoloġija, hija u timxi 'l quddiem fi qbil mal-fidi, tagħmel parti minn dik "l-evanġelizzazzjoni tal-kultura" li Pawlu VI wera bħala wieħed mill-għaniet fondamentali ta' l-evanġelizzazzjoni.[125] Waqt li ma nieqaf qatt inħeġġeġ għall-evanġelizzazzjoni ġdida, nappella lill-filosofi biex jidħlu aktar fil-fond tad-dimensjoni ta' dak li hu veru, tajjeb u sabiħ, li lejhom tressaqna il-kelma ta' Alla. Dan hu aktar urġenti, jekk inqisu l-isfidi li l-millennju l-ġdid jidher li se jġib miegħu; b'mod partikulari dawn jolqtu dawk il-pajjiżi u dawk il-kulturi ta' tradizzjoni nisranija antika ħafna. L-attenzjoni għal filosofija għandha għalhekk titqies ukoll bħala kontribut fondamentali u oriġinali għall-qadi ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida.

104. Il-ħsieb filosofiku hu spiss il-post waħdu, fejn jista' jseħħ ftehim u djalogu ma dawk li ma jħaddnux il-fidi tagħna. Il-moviment filosofiku ta' żmienna jitlob l-impenn attent u kompetenti ta' filosofi li jemmnu, kapaċi jagħarfu li qed jittamaw, huma miftuħin għalih u qed jiddiskutu dan il-waqt storiku. Il-filosofu nisrani, huwa u jiddiskuti fid-dawl tar-raġuni u skond ir-regoli tagħha, immexxi dejjem minn dik l-intelliġenza ogħla li tagħtih il-Kelma ta' Alla, jista' jiżviluppa riflessjoni li tiftiehem u tinħass ukoll minn min għadu ma għarafx il-verità sħiħa li turina r-Rivelazzjoni ta' Alla. Okkażjoni bħal din fejn jista' jkun hemm ftehim u djalogu, illum hu wisq aktar importanti għax il-problemi li hemm huma aktar urġenti għall-umanità – biżżejjed insemmu il-problema ekoloġiku, il-problema tal-paċi, u tal-ħajja flimkien ta' razez u kulturi diversi – jistgħu jinħallu fid-

124. Ara *Dignitatis humanae*, 1-3.
125. Ara eżort. ap. *Evangelii nuntiandi* (8 ta' Diċembru, 1975), 26.

dawl ta' kollaborazzjoni ċara u onesta ta' l-insara ma' fidili ta' reliġjonijiet oħra u ma' dawk kollha li għalkemm ma jħaddnu ebda reliġjon, għandhom għal qalbhom it-tiġdid ta' l-umanità. Dan qalu l-Konċilju Vatikan II, "minnaħa tagħna, ix-xewqa li jkun hemm djalogu, imqanqal biss mill-imħabba għall-verità u hu mmexxi bil-għaqal kollu, ma jwarrab lil ħadd: la lil dawk li jqimu l-ogħla valuri tal-bniedem, għalkemm ma jafux minn min ġejjin, u lanqas dawk li huma kontra l-Knisja u jippersegwitawha b'ħafna modi."[126] Filosofija li fiha tiddi wkoll xi farka mill-verità ta' Kristu, it-tweġiba finali definittiva tal-problemi tal-bniedem,[127] tkun għajnuna mill-aqwa għall-etika vera u universali, li l-umanità tant teħtieġ.

105. Jiena u nagħlaq din l-enċikklika il-ħsieb tiegħi, l-ewwelnett hu għat-teoloġi biex inħeġġiġhom juru attenzjoni speċjali għall-implikazzjonijiet filsofiċi tal-Kelma ta' Alla, u jirriflettu b'mod li toħroġ sewwa fil-ħidma tagħhom l-qawwa spekulattiva u prattika tax-xjenza teoloġika. Nixtieq inroddilhom ħajr għas-servizz li jagħtu lill-Knisja. Ir-rabta intima bejn l-għerf teoloġiku u l-għerf filosofiku hu wieħed mill-aqwa teżori tat-tradizzjoni nisranija hija u tistudja fil-fond il-verità rivelata. Għalhekk inħeġġiġhom biex jerġgħu jiksbu u jagħtu xhieda mill-aħjar li jistgħu għad-dimensjoni metafisika tal-verità biex jibdew djalogu kritiku u esiġenti mal-ħsieb filosofiku ta' żmienna u mat-tradizzjoni filosofika, fl-aspetti kollha tagħha wkoll, taqbel jew ma taqbilx mal-kelma ta' Alla. Ħa jiftakru dejjem it-teoloġi il-kliem li jgħid mgħallem kbir tal-ħsieb u ta' l-ispiritwalità, San Bonaventura fl-*Itinerarium mentis in Deum* fejn jistieden il-qarrej jqis li "mhux biżżejjed il-qari mingħajr sogħba, l-għarfien mingħajr id-devozzjoni, ir-riċerka mingħajr il-ħeġġa ta' l-istagħġib, l-għaqal mingħajr il-ħila li tintelaq għall-ferħ, il-ħidma miftuma mir-reliġjożità, l-għerf mifrud mill-imħabba, l-intelliġenza mingħajr umiltà, riflessjoni mingħajr l-għerf ispirat minn Alla."[128]

Ħsiebi jmur ukoll lejn dawk li *huma responsabbli tal-formazzjoni tas-saċerdoti,* kemm akkademika u kemm pastorali biex inħeġġiġhom jieħdu ħsieb b'attenzjoni speċjali t-tħejjija filosofika ta' dawk li jridu jħabbru l-Evanġelju lill-bniedem ta' llum u wisq aktar ta' dawk li jridu jiddedikaw ruħhom għar-riċerka u biex jgħallmu t-teoloġija. Ħa jħabirku biex jaqdu il-ħidma tagħhom fid-dawl ta' dak li jgħid il-Konċilja Vatikan II[129] u d-direttivi li ħarġu wara: dawn iridu dmir urġenti li ma jistax jiġi bl-ebda

126. *Gaudium et spes,* 92.
127. Ara *ibid.* 10.
128. *Prologus,* 4.
129. Ara *Optatam totius,* 15.

direttivi li ħarġu wara: dawn iridu dmir urġenti li ma jistax jiġi bl-ebda mod injorat, minn dawk kollha li ġew imsejħin biex jagħtu sehemhom ħa titwassal tħabbira vera u għolja tal-verità tal-fidi. M'għandhiex titwarrab ir-responsabbiltà serja tat-tħejjija adatta minn qabel ta' dawk kollha imsejħin biex jgħallmu l-filosofija fis-seminarji u l-fakoltajiet ekklesjastiċi.[130] Dan it-tagħlim jitlob li jkun hemm tħejjija xjentifika minn qabel li b'mod sistematiku jitwassal il-wirt kbir tat-tradizzjoni nisranija u għażla bil-għaqal quddiem il-ħtiġijiet ta' issa tal-Knisja u tad-dinja.

106. Nappella wkoll lill-filosofi u lil dawk li jgħallmu l-filosofija li jiksbu mill-ġdid, fid-dawl ta' tradizzjoni dejjem valida, dik id-dimensjoni ta' l-għerf awtentiku ta' verità, metafisika wkoll li hi proprja tal-ħsieb filosofiku. Ħa jagħtu widen għal dak li qed titlobhom il-Kelma ta' Alla, u jkollhom il-ħila li jwieġbu għaliha bir-raġuni u l-argumenti tagħhom. Ħa jkunu dejjem ħerqana għall-verità u attenti għall-ġid li jinsab f'dak li hu veru. B'dan il-mod ikunu jistgħu ixandru etika vera, tant meħtieġa mill-umanità llum. Il-Knisja tħares b'simpatija u b'attenzjoni lejn ir-riċerki tagħhom, u għalhekk jistgħu jkunu żguri li mir-rispett li għandha l-Knisja għall-awtonomija ġusta tax-xjenza tagħhom. B'mod speċjali rrid inħeġġeġ lil dawk li jemmnu u qed jaħdmu fil-qasam tal-filosofija biex idawwlu fil-ħafna oqsma ta' l-attività tal-bniedem, bit-tħaddim tar-raġuni li dejjem aktar tkun żgura u qawwija għax imwettqa mill-fidi.

Fl-aħħarnett ma nistax ma ngħidx kelma wkoll lix-xjenzjati li bir-riċerki tagħhom qed iżidu l-għarfien tal-univers kollu kemm hu fih innifsu, u tal-varjetà tassew ta' l-għaġeb tal-ħlejjaq ħajjin u m'humiex li jagħmlu parti mill-univers bl-istrutturi komplessi tagħhom atomiċi u molekulari. Il-progress li sar mix-xjenza, b'mod speċjali f'dan is-seklu, li dejjem aktar qed jgħaġġibna. Jiena u nuri l-apprezzament u l-inkoraġġament tiegħi lill dawn il-qalbiena tar-riċerka xjentifika li lilhom taf l-umanità il-progress ta' llum, iħeġġiġhom biex ikomplu l-isforzi tagħhom waqt li ma jitbegħdux mill-ambjent ta' *l-għerf* fejn dak li jiksbu xjentifikament u teknoloġikament huwa msieħeb ma' dawk il-valuri filosofiċi u etiċi li huma manifestazzjoni karatteristika tal-persuna umana, li ma tista' qatt titwarrab. Ix-xjenzjat jaf sewwa li "ir-riċerka tal-verità", ukoll jekk limitata għal xi realtà tad-dinja jew tal-bniedem, ma tintemm qatt: imma dejjem turi xi ħaġa li hi aktar 'il fuq minn dak li jkun qed jiġi studjat, lejn dawk il-mistoqsijiet li jwasslu għall-Misteru."[131]

130. Ara Ġwann Pawlu II, Kost. ap. *Sapientia christiana,* (15 ta' April, 1979), 67-68.
131. Ġwann Pawlu II, Diskors fl-Università ta' Krakow, fis-600 sena ta' l-Alma mater Jallonica (8 Ġunju, 1997), 4.

107. Lil kulħadd nitlob biex iħares aktar fil-fond tal-bniedem, li Kristu salva fil-misteru tal-mewt tiegħu u tar-riċerka dejjem sejra tiegħu tal-verità u tat-tifsir. Ħafna sistemi filosofiċi, tqarrqu bih, u ġiegħluh jaħseb li hu sid assolut tiegħu nnifsu u għalhekk jista' jiddeċiedi hu stess dwar id-destin u l-ġejjieni tiegħu bla indħil ta' ħadd, jafda biss fih innifsu u fil-kapaċitajiet tiegħu. Mhux dan huwa l-kobor tal-bniedem. Dak li żgur iwassal għall-kobor sħiħ tal-bniedem hu biss l-għażla li jidħol fil-verità, huwa u jibni l-għamara tiegħu għad-dell ta' l-għerf u jgħammar fih. Hekk biss f'dan l-ambjent tal-verità, jista' jifhem l-iżvilupp sħiħ tal-libertà tiegħu u s-sejħa tiegħu għall-imħabba u l-għarfien ta' Alla bħala sħuħija kollha tiegħu nnifsu.

108. L-aħħar ħsieb tiegħi hu għal dik li l-Knisja fit-talb tagħha ssejħilha Tron ta' l-Għerf. Ħajjitha hi vera parabbola kapaċi titfa' dawl fuq ir-riflessjoni li għamilt hawn. Dan għaliex nistgħu naraw qbil perfett mal-vokazzjoni tal-Verġni Marija u l-filosofija vera. Kif il-Verġni Marija ġiet imsejħa biex toffri lilha infisha bl-umiltà u l-femminilità kollha tagħha, ħalli l-Verb ta' Alla jsir bniedem bħalna, hekk il-filosofija hi msejħa biex tagħti sehemha, raġjonevoli u kritiku lit-teoloġija li tkun għarfien effikaċi tal-fidi li jagħti kotra ta' frott. U kif Marija aċċettat it-tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabrjel mingħajr ma naqset xejn mil-libertà u l-umanità tagħha, hekk il-filosofija, hija u tilqa' s-sejħa li tiġiha mill-Evanġelju, ma titlef xejn mill-awtonomija tagħha imma tara li kull riċerka tagħha tikseb realizzazzjoni aktar għolja. Din il-verità kienu fehmuha sewwa l-irħieb ta' l-ewwel sekli tal-Knisja meta sejħu lil Marija "il-mejda intellettwali tal-fidi".[132] Fiha kienu jaraw x-xbieha tal-filosofija vera u kienu żguri li dmirhom kien *philosophari in Maria.*

Jalla it-Tron ta' l-Għerf tkun il-port żgur għal dawk kollha li ddedikaw ħajjithom għar-riċerka tal-għerf. Jalla il-mixja lejn l-għerf, li hu l-għan aħħari ta' kull xjenza, ikun ħieles minn kull tifixkil bl-interċessjoni ta' dik li nisslet il-Verità, għożżitha f'qalbha u tatha lill-umanità kollha għal dejjem.

Min Ruma, min San Pietru, fl-14 ta' Settembru 1998, festa ta' l-eżaltazzjoni tas-Salib, tas-sena 1998, fl-għoxrin sena tal-pontifikat.

**Joannes Paulus ppII**

132. "he noera' tes pisteos trapeza" psewdo-Epifanju, *Omelija f'ġieħ Santa Marija,* Omma Alla.

# Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II Għal Jum Il-Paċi

**1 ta' Jannar 1999**

## Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem: Is-sigriet tal-paċi vera

1. Fl-ewwel enċiklika tiegħi, *Redemptor hominis,* li ktibt kważi għoxrin sena ilu għall-irġiel u n-nisa ta' rieda tajba, kont ġa wrejt l-importanza tal-ħarsien tad-drittijiet umani. Il-paċi ssaltan meta dawn id-drittijiet ikunu mħarsin fis-sħuħija kollha tagħhom, waqt li l-gwerra tiġi mill-ksur tagħhom u mbagħad twassal għall-ksur ta' dawn id-drittijiet b'mod ukoll aktar gravi.

Fil-bidu ta' sena ġdida, l-aħħar waħda qabel il-Ġublew il-Kbir, nixtieq nieqaf darb'oħra fuq dawn id-drittijiet li huma ta' importanza liema bħalha għalikom ilkoll, irġiel u nisa ta' kull parti tad-dinja, u għalikom ukoll, responsabbli politiċi u mexxejja reliġjużi tal-popli, u għalikom fl-aħħarnett li tħobbu l-paċi u triduha tissaħħaħ fid-dinja kollha.[1]

Din hi l-konvinzjoni tiegħi, bi tħejjija għal Jum il-Paċi, li rrid naqsam magħkom ilkoll b'qalbi kollha: meta l-promozzjoni tad-dinjità tal-persuna tal-bniedem hi l-prinċipju li jmexxina u jispirana f'din il-ħaġa, meta t-tfittxija tal-ġid komuni hu l-impenn ewlieni, imbagħad jitqiegħdu pedamenti sodi li jibqgħu u li fuqhom tinbena l-paċi. Iżda meta d-drittijiet umani ma jkunux magħrufa jew jiġu mmaqdra, meta t-tfittix ta' nteressi personali inġustament imur kontra l-ġid komuni, imbagħad bilfors jinżergħu żrieragħ ta' instabbiltà, ta' ribelljoni u ta' vjolenza.

### Rispett għad-dinjità tal-bniedem, patrimonju ta' l-umanità

2. Id-dinjità tal-persuna umana għandha valur traxxendenti, li dejjem tingħaraf hekk minn kull min ifittex il-verità bis-sinċerità kollha. L-istorja kollha ta' l-umanità, fil-fatt, għandha tiġi mfissra fid-dawl ta' din il-verità. Kull persuna maħluqa fuq is-sura u x-xbiha ta' Alla (ara Ġen 1, 26-28) iddur għalhekk radikalment lejn il-Ħallieq tagħha, u hi f'relazzjoni li ma

taqta' qatt ma' dawk kollha li għandhom din id-dinjità. Il-promozzjoni tal-ġid ta' l-individwu tingħaqad għalhekk mal-ġid komuni, fejn id-drittijiet u d-dmirijiet isejħu u jsaħħu 'l xuxlin.

L-istorja ta' żminijietna wriet b'mod tassew traġiku l-perikolu li jseħħ meta tintesa l-verità dwar il-persuna umana. Għandi quddiemi l-frott ta' ideoloġiji bħall-marxiżmu, in-naziżmu, il-faxxiżmu, kif ukoll il-miti tas-superjorità ta' xi razza, tan-nazzjonaliżmu, tal-partikulariżmu etniku. Mhux inqas ħżiena, għalkemm mhux dejjem jidher il-ħażen tagħhom, huma l-effetti tal-konsumiżmu materjalistiku, fejn l-eżaltazzjoni ta' l-individwu u s-sodisfazzjon egoista ta' kull xewqa personali jsiru l-għan waħdani tal-ħajja. Meta dan, jitqiesu bla ebda importanza l-effetti ħżiena fuq l-oħrajn. Għall-kuntrarju, rridu ninsistu li qatt m'għandu jiġi njorat kull affront li jsir lid-dinjità tal-bniedem, ġej minn fejn ikun ġej, x'sura ikollu, u fejn iseħħ.

## Universalità u indivisibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem

3. Is-sena 1998 kienet il-ħamsin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. B'deliberazzjoni sħiħa ġiet marbuta maċ-"Charter" tal-Ġnus Magħquda, għax għandha l-istess ispirazzjoni. Id-Dikjarazzjoni għandha bħala introduzzjoni fondamentali l-affermazzjoni ta' l-għarfien tad-dinjità tal-membri kollha tal-familja umana kif ukoll il-fatt li kollha għandhom l-istess drittijiet li ma jistgħux jiċċaħdu minnhom; din hi l-bażi tal-libertà, tal-ġustizzja u tal-paċi fid-dinja[2]. Id-dokumenti internazzjonali l-oħra kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem li ħarġu wara, itennu din il-verità, huma u jagħarfu u jiddikjaraw li dawn id-drittijiet joħorġu mid-dinjità u l-valuri li għandha l-persuna tal-bniedem.[3]

Id-Dikjarazzjoni Universali hi ċara: tagħraf, u mhux tagħti, d-drittijiet li xxandar; fil-fatt dawn id-ddrittijiet huma parti mill-persuna tal-bniedem u mid-dinjità tiegħu. Minħabba f'dan ħadd ma jista' leġittimament iċaħħad minn dawn id-drittijiet bniedem ieħor, hu min hu, għax b'hekk ikun qed juża l-vjolenza kontra n-natura tiegħu. Il-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni għandhom l-istess dinjità. Għall-istess raġuni,dawn id-drittijiet għandhom x'jaqsmu ma' l-aspetti kollha tal-ħajja u ma' kull qagħda politika, soċjali, ekonomika u kulturali. Huma ħaġa waħda, u jfittxu bil-qawwa kollha l-promozzjoni ta' l-aspetti kollha tal-ġid tal-persuna u tas-soċjetà.

Tradizzjonalment id-drittijiet tal-bniedem jinġabru f'żewġ kategoriji wiesgħa ħafna: f'kategorija waħda jinġabru d-drittijiet ċivili u politiċi u fl-oħra dawk ekonomiċi, soċjali u kulturali. Aktar minn ftehim

internazzjonali wieħed, dawn id-drittijiet għalkemm mhux kollha bl-istess grad, joffru garanzija għal dawn iż-żewġ kategoriji; id-drittijiet tal-bniedem huma marbuin sewwa ma' xulxin, għax ifissru dimensjonijiet diversi ta' l-istess suġġett, jiġifieri tal-persuna. Il-promozzjoni sħiħa tal-kategoriji kollha tad-drittijiet tal-bniedem hi l-garanzija vera tal-ħarsien sħiħ ta' kull dritt.

Il-ħarsien ta' l-universalità u ta' l-indivisibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem hi essenzjali għall-bini ta' soċjetà ta' paċi u għal żvilupp sħiħ ta' individwi, popli u nazzjonijiet. Meta nsemmu din l-universalità u din l-indivisibbiltà, fil-fatt ma nkunux neskludu d-differenzi leġittimi li jista' jkun hemm fil-qasam kulturali u politiku ħa jseħħ kull dritt, sakemm jiġu rispettati kull darba l-gradi fissati mid-Dikjarazzjoni Universali għall-umanità kollha kemm hi.

Waqt li nżommu quddiem għajnejna dawn il-prinċipji fondamentali, irrid issa nsemmi xi drittijiet speċifiċi, li llum b'mod partikulari huma esposti għal ksur ftit jew wisq bid-dieher.

## Id-dritt għall-ħajja

4. L-ewwel fost dawn id-drittijiet hemm id-dritt fondamentali għall-ħajja. Il-ħajja tal-bniedem hi qaddisa u għandha tkun bla mittiefsa, mit-tnissil tagħha sat-tmiem naturali tagħha. "La toqtolx" hu l-kmandament ta' Alla li juri sa fejn wieħed jista' jasal, u 'l hemm minn d an mhux permess li wieħed imur. Il-qtil dirett u volontarju ta' bniedem innoċenti hu dejjem għemil immorali gravi."[4]

Id-dritt għall-ħajja għandu jibqa' dejjem bla mittiefes. Dan jitlob għażla pożittiva, għażla favur il-ħajja. L-iżvilupp ta' kultura f'dan is-sens tħaddan iċ-ċirkostanzi kollha ta' l-eżistenza u tiżgura l-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem f'kull qagħda. Kultura vera tal-ħajja, kif tagħti garanzija lid-dritt li wieħed jiġi fid-dinja meta għadu ma twelidx, hekk ukoll tħares lil min għadu jitwieled, b'mod partikulari t-trabi bniet, mill-infantiċidju. Bl-istess mod, tiżgura lil min għandu xi handicap, żvilupp skond il-kapaċitajiet tiegħu u lill-morda u lill-anzjani l-kura adattata.

Mill-iżviluppi li dan l-aħħar seħħu fil-qasam ta' l-inġinerija ġenetika, ħarġet sfida li tħasseb ħafna. Biex ir-riċerka xjentifika f'dan il-qasam tkun ta' qadi għall-persuna, kull pass 'il quddiem irid ikun imsieħeb ma' riflessjoni etika, li tispira normi ġuridiċi adattati għall-ħarsien ta' l-integrità tal-ħajja tal-bniedem. Il-ħajja qatt m'għandha titbaxxa u titqies biss bħala xi oġġett.

L-għażla tal-ħajja titlob it-twarrib ta' kull sura ta' vjolenza: tal-faqar u tal-ġuħ, li qed jolqtu tant u tant bnedmin, tal-ġlied bl-armi, tat-tixrid kriminali tad-drogi u tal-kummerċ ta' l-armi, tal-ħsarat bla ħsieb ta' l-ambjent naturali.[5] F'kull waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt għall-ħajja irid jiġi 'l quddiem, u mħares b'garanziji legali u politiċi f'waqthom, għaliex l-ebda offiża kontra d-dritt għall-ħajja u kontra d-dinjità ta' kull persuna individwali, ma tistax ma tkunx serja.

## Il-libertà reliġjuża, il-qalba tad-drittijiet tal-bniedem

5. Ir-reliġjon tifisser ix-xewqat l-aktar għoljin tal-persuna umana, tagħtih dehra tad-dinja, tmexxih fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn, u fl-aħħarnett toffrilu tweġiba għall-problema tat-tifsir veru ta' l-eżistenza fil-qasam kemm personali u kemm soċjali. Il-libertà reliġjuża hi għalhekk il-qalba tad-drittijiet tal-bniedem. Tant ma tistax tintmess li titlob li persuna għandu jkollha magħrufa l-libertà li tbiddel wkoll ir-reliġjon tagħha, jekk dan titolbu l-kuxjenza tagħha. Dan għaliex kull wieħed hu fid-dmir li jimxi skond il-kuxjenza tiegħu f'kull ċirkostanza u ma jistax ikun imġiegħel imur kontra tagħha.[6] Minħabba f'hekk ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jaċċetta bil-fors xi reliġjon partikulari, jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet.

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittjiet tal-Bniedem tagħraf li d-dritt għall-libertà reliġjuża jagħti wkoll id-dritt li wieħed juri t-twemmin proprju tiegħu kemm individwalment u kemm ma' oħrajn, fil-publiku u fil-privat.[7] Minkejja dan, għad hemm illum ukoll postijiet fejn id-dritt għal laqgħat bi skop ta' kult, jew m'humiex magħrufin jew huma limitati biss għall-membri ta' reliġjon waħda. Dan il-ksur gravi ta' wieħed mid-drittijiet l-aktar fondamentali tal-persuna joħloq tbatijiet kbar ħafna lil dawk li jemmnu. Meta stat jagħti statut speċjali għal xi reliġjon, dan m'għandux jiġri b'mod li jkun ta' ħsara għar-reliġjonijiet l-oħra, iżda hi ħaġa magħrufa sewwa li hemm nazzjonijiet fejn individwi, familji u gruppi ta' nies qed isofru diskriminazzjoni u huma mwarrbin minħabba r-reliġjon tagħhom.

Ma nistax ma nsemmix problema oħra marbuta indirettament mal-libertà reliġjuża. Xi drabi komunitajiet u popli ta' fehmiet u kulturi diversi jkabbru fosthom tensjonijiet dejjem jiżdiedu li, minħabba l-passjonijiet li jqanqlu, jispiċċaw fi ġlied kollu vjolenza. L-użu tal-vjolenza f'isem it-twemmin proprju tiegħek, hu tagħwiġ kbir ta' l-istess tagħlim tar-reliġjonijiet ewlenin. Kif tennew kemm-il darba ħafna mexxejja reliġjużi, jiena wkoll irrid intenni li l-użu tal-vjolenza qatt mhux se jsib ġustifikazzjonijiet reliġjużi serji u lanqas se jġib 'il quddiem it-tkabbir ta' sentiment reliġjuż veru.

## Id-dritt għat-tisħib

6. Kull ċittadin għandu d-dritt li jissieħeb fil-ħajja tal-komunità tiegħu: din hi konvinzjoni li llum kulħadd ġeneralment jaċċettaha, iżda dan id-dritt jiġi fix-xejn meta l-proċess demokratiku jitlef il-qawwa tiegħu permezz ta' favoritiżmi u ta' ħafna suriet ta' korruzzjoni, li mhux biss ifixklu l-ħidma leġittima tas-setgħa u lanqas iħallu lil kulħadd igawdi b'mod xieraq il-ġid u s-servizzi komuni. L-elezzjonijiet ukoll jistgħu jiġu manipulati biex jiżguraw ir-rebħa ta' xi partit jew ta' xi individwi; dan hu insult lid-demokrazija u jġib ħafna konsegwenzi serji, għax iċ-ċittadini, barra d-dritt, għandhom ukoll ir-responsabbiltà tat-tisħib: meta jiġu mfixkla f'dan jitilfu kull tama li jistgħu jissieħbu b'mod effikaċi, u jieħdu qagħda ta' nuqqas ta' interess. B'hekk isir pratikament impossibbli l-iżvilupp ta' sistema demokratika serja.

Dan l-aħħar ittieħdu għadd ta' miżuri biex jiżguraw elezzjonijiet serji f'dawk il-pajjiżi li qed ifittxu jeħilsu minn xi sura ta' totalitariżmu u jkollhom sistema demokratika. Għalkemm dawn l-inizjattivi huma ta' siwi u tajbin f'qagħda ta' emerġenza, m'għandhomx iwasslu biex ma jsir l-ebda sforz ħalli jinħolqu konvinzjonijiet fiċ-ċittadini kollha li jwasslu biex ikunu ċaħda sħiħa ta' kull manipolazzjoni tas-sistema demokratika.

In-nazzjonijiet u l-popli, fi ħdan il-komunità internazzjonali, għandhom id-dritt jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet li spiss ibiddlulhom sewwa s-sura tagħhom ta' ħajja. In-natura teknika speċifika ta' ċerti problemi ekonomiċi tħajjar ħafna biex id-diskussjoni ssir biss fi ħdan gruppi żgħar, iżda dan iġib miegħu l-perikolu li s-setgħa politika u finanzjarja tibqa' biss f'idejn numru limitat ta' gvernijiet u ta' gruppi ta' interessi. Ir-riċerka tal-ġid komuni nazzjonali u internazzjonali titlob li dan il-ġid ikun imħares bil-fatti, ukoll fil-qasam ekonomiku, u li jkollu sehem fid-deċiżjonijiet li jolqtuh.

## Sura tassew serja ta' diskriminazzjoni

7. Waħda mis-suriet l-aktar drammatiċi ta' diskriminazzjoni hi ċ-ċaħda lil gruppi etniċi u lil minoranzi nazzjonali d-dritt li jgħixu dak li huma. Din id-diskriminazzjoni aktarx issir jew billi dawn jinqerdu jew billi jiġu trasferiti bil-forza minn posthom, jew ukoll billi tiġi mdgħajfa l-identità etnika tagħhom hekk li ma jkunux jingħarfu aktar. Nistgħu nibqgħu siekta quddiem dawn id-delitti gravi kontra l-umanità? L-ebda sforz m'għandu jitqies żejjed meta jkun meħtieġ li jintemm għemil hekk ikrah

li ma jixraqx lill-persuna umana.

Sinjal pożittiv tar-rieda dejjem tikber ta' l-istati li jagħrfu r-responsabbiltà proprja tagħhom li jħarsu l-vittmi ta' dan l-għemil faħxi u fl-impenn li jaħsbu minn qabel għal dan il-ħarsien, hija l-Konferenza diplomatika tal-Ġnus Magħquda: b'deċiżjoni speċifika din il-Konferenza approvat l-istatut tal-Qorti Penali Internazzjonali, li trid tagħraf il-ħtijiet u tikkastiga lil min ikun responsabbli tad-delitt ta' ġenoċidju, ta' delitti kontra l-umanità, tad-delitti ta' gwerra u aggressjoni. Din l-istituzzjoni ġdida, jekk tkun mibnija fuq pedamenti ġuridiċi tajba, tista' tgħin bil-mod il-mod biex tiżgura mad-dinja kollha ħarsien effikaċi tad-drittijiet tal-bniedem.

## Id-dritt li tkun dak li int

8. Kull bniedem għandu fih kapaċitajiet li jistennew li jiġu żviluppati. dan hu meħtieġ biex il-personalità tiegħu tilħaq il-kobor sħiħ tagħha u wkoll biex isib postu fl-ambjent soċjali proprju tiegħu. Għal dan il-għan hi meħtieġa l-ewwelnett edukazzjoni xierqa għal dawk kollha li bdew ħajjithom fid-dinja: is-suċċess tagħhom fil-ġejjieni jiddependi minn dan.

Dwar dan, kif ma titħassibx tara li fil-pajjiżi l-aktar foqra tad-dinja l-okkażjoni ta' formazzjoni għall-bniedem fil-fatt qed jonqsu, speċjalment fejn tidħol l-edukazzjoni primarja? Dan xi drabi qed jiġri minħabba l-qagħda ekonomika tal-pajjiż, li m'għandux biex iħallas lill-għalliema. F'xi każijiet, jidher li hemm flus biżżejjed għall-proġetti ta' prestiġju jew għall-edukazzjoni sekondarja, iżda mhux għall-edukazzjoni primarja. Meta jkunu limitati l-okkażżjoni ta' formazzjoni, l-aktar għall-bniet, jinbnew strutturi ta' diskriminazzjoni kapaċi li jinfluwenzaw l-iżvilupp sħiħ tas-soċjetà. Id-dinja tispiċċa biex tkun maqsuma skond kriterju ġdid: minn-naħa, stati u individwi li għandhom teknoloġiji tassew minn ta' quddiem, u minn-naħa l-oħra pajjiżi u persuni b'tagħrif u ħila limitati ħafna. Wieħed jifhem malajr li dan ma jagħmilx ħaġ'oħra ħlief iżid d-differenzi ekonomiċi kbar li hemm mhux biss bejn Stat u ieħor, imma wkoll fl-istess Stat. L-edukazzjoni u l-formazzjoni professjonali jridu jkunu quddiem nett fil-programmi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u wkoll fil-programmi tat-tiġdid ta' l-ibliet u tal-kampanja tal-popli li ekonomikament marru ħafna 'l quddiem.

Dritt fundamentali ieħor, li minnu jiddependi t-tiksib ta' livell xieraq ta' ħajja, hu d-dritt għax-xogħol. Hemm xi mod ieħor biex taħseb għall-ikel, għall-ilbies, għad-dar, għall-ħarsien tas-saħħa u għal ħafna ħtiġijiet

kiefer tal-qagħad. Hu meħtieġ u urġenti li kulħadd u b'mod partikulari, min għandu f'idejh is-setgħa politika u ekonomika jagħmlu kull ma jistgħu biex isibu soluzzjoni għal din il-qagħda hekk ta' biki. Mhux biżżejjed li jkun hemm indħil meħtieġ ta' emerġenza fil-problema tal-qagħad, tal-mard u ċirkostanzi oħra bħalhom li ma jistgħux jiġu kontrollati individwalment.[8] Iżda jridu jinstabu mezzi biex kull min hu qiegħed ikun jista' jidħol għar-responsabbilitajiet proprji ta' l-eżistenza tiegħu, u jeħles minn qagħda ta' assistenza li tumiljah.

## Progress fis-solidarjetà ma kullimkien

9. Il-ġirja mgħaġġla biex ikun hemm l-istess sitemi ekonomiċi u finanzjarji mad-dinja kollha, twassal biex turi kemm hi urġenti l-ħtieġa li jkun stabbilit minn għandu jkun garanti tal-ġid komuni ta' kulħadd u jseħħu d-drittijiet ekonomiċi u soċjali. Is-suq ħieles waħdu ma jasalx għal dan għax hemm ħafna ħtiġijiet tal-bniedem li m'hemmx suq għalihom: "Qabel stess il-loġika tan-negozju xieraq u s-suriet tal-ġustizzja li jmexxuh, hemm ħaġa li hi tal-bniedem proprju għax hu bniedem minħabba d-dinjità għolja tiegħu."[9]

L-effetti tal-kriżijiet ekonomiċi u finanazjarji ta' dan l-aħħar laqtu bl-ikrah għadd bla qjies ta' persuni, li sabu ruħhom f'faqar mill-agħar. Ħafna kienu għadhom kemm waslu b'qagħda li kienet timliehom b'tamiet ta' faraġ għall-ġejjieni. Mingħajr l-ebda responsabbiltà min-naħa tagħhom raw dawn it-tamiet tagħhom kollha jispiċċaw fix-xejn b'effetti koroh fuqhom u fuq uliedhom. U kif ma nagħtux kas tat-tibdil fil-varjazzjonijiet tas-swieq finanzjarji? Hi meħtieġa dehra ġdida ta' progress fis-solidarjetà mad-dinja kollha ħa jkun hemm żvilupp sħiħ u sod tas-soċjetà b'mod li kull membru tas-soċjetà jiżviluppa l-kapaċitajiet kollha tiegħu mil-aħjar li jista'.

Minħabba f'din il-qagħda, nagħmel appell ħerqan lil dawk kollha li huma responsabbli għar-relazzjonijiet finanzjarji fuq il-livell tad-dinja, biex b'qalb kbira jinteressaw ruħhom fil-problema tad-dejn internazzjonali tan-nazzjonijiet foqra li qed joħloq tant tħassib. Xi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali dwar dan ħolqu inizjattiva konkreta li ħaqqha tkun apprezzata. Għalhekk nappella lil kull min hu mdaħħal f'din il-problema, speċjalment in-nazzjonijiet l-aktar sinjuri, biex jagħtu l-għajnuna meħtieġa tagħhom biex l-inizjattiva tirnexxi sewwa. Hu meħtieġ sforz qawwi u f'waqtu biex għas-sena 2000, kemm jista' jkun, nazzjonijiet joħorġu minn qagħda li ma jistgħux jissaportuha aktar. Id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet impenjati, jekk hemm ir-rieda li jseħħ il-ftehim, jien żgur li jwassal għal

qagħda li ma jistgħux jissaportuha aktar. Id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet impenjati, jekk hemm ir-rieda li jseħħ il-ftehim, jien żgur li jwassal għal soluzzjoni soddisfaċenti darba għal dejjem. B'dan il-mod, in-nazzjonijiet l-aktar imġarrba jkunu jistgħu jidħlu għal żvilupp li jibqa' dejjem sejjer, u l-elf sena li qed nistennew ikunu għalihom ukoll żmien ta' tama mġedda.

## Responsabbiltà dwar l-ambjent

10. Mal-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem hemm marbut id-dritt għall-ambjent b'saħħtu, għax juri kif iseħħu r-relazzjonijiet bejn l-individwu u s-soċjetà. Għadd to' normi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali dwar l-ambjent bil-mod il-mod qed jagħtu sura ġuridika lil dan id-dritt. Iżda n-normi ġuridiċi m'humiex biżżejjed. Il-perikoli ta' ħsarat kbar fl-art u l-baħar, fil-flora u l-fawna, fil-klima, jitolbu tibdil fil-fond fis-sura ta' ħajja tipika tal-konsumiżmu ta' llum, speċjalment fil-pajjiżi l-aktar għonja. U lanqas m'għandna nnaqsu l-importanza ta' periklu ieħor, għalkemm mhux hekk ikraħ: minħabba l-ħafna ħtiġijiet tagħhom, dawk li qegħdin jgħixu ħajja ta' faqar fil-kampanja qed jaslu biex iħaddmu l-art li għandhom aktar milli qatt tista' tiflaħ. Għalhekk trid tiġi 'l quddiem formazzjoni speċifika ta' dawn in-nies biex jitgħallmu jqabblu tajjeb it-tħaddim ta' l-art mal-ħarsien ta' l-ambjent.

Illum u l-ġejjieni tad-dinja jiddependu mill-ħarsien tal-ħolqien għax hemm relazzjoni dejjem sejra bejn il-persuna tal-bniedem u n-natura. L-aħjar mezz biex tħares il-ħolqien hu li tqiegħed il-ġid tal-bniedem fil-qalba tal-ħarsien ta' l-ambjent; b'dan il-mod titqanqal ir-responsabbiltà ta' kull wieħed għar-riżorsi tan-natura u għall-użu xieraq tagħhom.

## Id-dritt għall-paċi

11. Il-promozzjoni tad-dritt għall-paċi tiżgura b'xi mod ir-rispett tad-drittijiet ta' l-oħrajn għax jgħin fil-bini ta' soċjetà li fiha minflok relazzjonijiet ta' forza jidħlu relazzjonijiet ta' għajnuna lil xulxin ħa jiġi 'l quddiem il-ġid komuni. Il-ġrajjiet ta' llum juru sewwa kemm ma jirnexxix l-użu tal-vjolenza biex jinħallu problemi politiċi u soċjali. Il-gwerra teqred mhux tibni, iddgħajjef il-pedamenti morali tas-soċjetà u toħloq firdiet oħra u tensjonijiet li jibqgħu. Iżda l-aħbarijiet ikomplu jitkellmu fuq gwerer u ġlied bl-armi, b'vittmi bla għadd. Kemm-il darba il-Papiet ta' qabli u jiena stess tlabna biex tieqaf din il-ħruxija. Dan inkompli nagħmlu sakemm il-bnedmin jifhmu li l-gwerra hija l-falliment ta' kull umaniżmu veru.[10]

qed ikomplu jfittxu l-ftehim ukoll meta l-qagħda turi li ma tantx hu possibbli. Iżda fl-istess waqt kif ma nikkundannawx il-massakri li għadhom sejrin f'ħafna postijiet meta popli sħaħ jiġu mwarrba minn artijiethom u djarhom u l-biedja tagħhom meqruda? Quddiem dawn il-vittmi bla għadd nitlob lil dawk li huma responsabbli tan-nazzjonijiet u lill-bnedmin ta' rieda tajba biex jgħinu lil dawk kollha li jinsabu, speċjalment fl-Afrika, mġarrbin minn ġlied kiefer, xi kultant imqanqal minn interessi ekonomiċi minn barra l-pajjiż, u jgħinuhom biex dan il-ġlied jintemm. B'pass konkret f'din il-ħaġa hu żgur it-tneħħija tan-negozju fl-armi mal-pajjiżi fi gwerra u għajnuna lil dawk responsabbli minn dawn il-pajjiżi huma u jfittxu t-triq tad-djalogu. Din hi t-triq li tixraq lill-bniedem, din hi t-triq tal-paċi!

Il-ħsieb ħerqan tiegħi hu għal dawk li qed jgħixu u jikbru f'ambjent ta' gwerra u għal min ma jafx ħlief bi ġlied u vjolenza. Dawk li jibqgħu ħajjin ikomplu jġibu tul il-bqija ta' ħajjithom il-ġerħat ta' esperjenza hekk tal-biża; u xi ngħidu għas-suldati tfal? Nistgħu qatt naċċettaw li b'dan il-mod tinqered ħajja għadha kemm tibda? Imħarrġin biex joqtlu u spiss imġagħlin biex dan jagħmluh, dawn it-tfal ma jistgħux ma jkollhomx problemi kbar meta jiġu biex jidħlu fis-soċjetà ċivili. L-edukazzjoni tagħhom tkun imfixkla u titmewwet il-ħila tagħhom għax-xogħol: x'effetti koroħ għall-ġejjieni tagħhom! It-tfal jeħtieġu l-paċi: għandhom dritt għaliha.

Jiena u niftakar f'dawn it-tfal inżid ma' din it-tifkira dik tat-tfal vittmi tal-mini kontra l-bniedem u ta' armi oħra tal-gwerra. Minkejja l-isforzi kollha li saru biex jitneħħew dawn il-mini qed naraw issa paradoss li mhux ta' min jemmnu u kontra l-bniedem: konra r-rieda ċara tal-gvernijiet u popli li darba għal dejjem jispiċċa l-użu ta' din l-arma hekk kiefra għadhom qegħdin jitqiegħdu mini ukoll f'postijiet li diġà ġew imnaddfa minnhom.

Mezzi ta' gwerra qed jiġu mxerrdin ma' kullimkien bit tkattir bl-addoċċ u bla kontroll ta' armi żgħar u ħfief li sa fejn jidher għaddejjin bla xkiel minn naħa għall-oħra ta' fejn qed isir il-ġlied u hekk isaħħu l-vjolenza tul il-mixja tagħhom. Hu dmir il-gvernijiet li jkollhom mezzi adattati biex jikkontrollaw il-produzzjoni, il-bejgħ, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' dawn l-istrumenti tal-mewt. Hekk biss nistgħu bil-qawwa kollha negħlbu l-problema kollha kemm hi ta' traffiku kbir u llegali ta' l-armi tal-gwerra.

## Il-Kultura tad-drittijiet tal-bniedem hija responsabbiltà ta' kulħadd

12. Mhux possibbli hawn intawwal iktar id-diskors tiegħi, iżda rrid ngħid li l-ebda dritt ta' bniedem m'huwa żgur jekk wieħed ma jimpenjax ruħu li jħares id-drittijiet kollha. Meta wieħed jaċċetta l-ksur ta' xi wieħed

mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem bla ebda reazzjoni wieħed ikun qiegħed jipperikola d-drittijiet tal-bniedem b'mod universali, b'impenn serju għall-ħarsien tagħhom. Biss meta kultura tad-drittijiet tal-bniedem b'rispett sħiħ ta' kull tradizzjoni tkun parti sħiħa tal-wirt morali ta' l-umanità nkunu nistgħu nħarsu lejn il-ġejjieni bil-fiduċja kollha.

Fil-fatt kif jista' jkun hemm gwerra jekk kull dritt tal-bniedem huwa rispettat? Il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem hija t-triq l-iktar żgura biex ikun hemm relazzjonijiet aktar sodi bejn l-istati. Il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem ma tistax ma tkunx kultura ta' paċi. Kull ksur fih innifsu għandu fih iż-żerriegħa ta' xi ġlieda li jista' jkun hemm. Il-Papa ta' qabli, is-serv t'Alla Piju XII, fi tmiem it-tieni gwerra dinjija staqsa: "Meta poplu jsib ruħu mgħaffeġ mill-vjolenza min jista' jkollu kuraġġ li jwiegħed sigurtà lid-dinja kollha permezz ta' paċi li tibqa."[11]

Biex tiġi 'l quddiem kultura tad-drittijiet tal-bniedem li tolqot il-kuxjenzi tan-nies hi meħtieġa l-kollaborazzjoni ta' kull qawwa soċjali. Irrid hawn nagħmel riferenza għall-ħidma tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali hekk importanti għall-formazzjoni ta' l-opinjoni tan-nies u għalhekk jinfluwenzaw l-imġieba taċ-ċittadini. Kif tista' ma tgħidx li huma responsabbli tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem meta jfaħħru l-vjolenza li huma jġibu 'l quddiem! Hekk ukoll hu dmir li nagħtu tifħir lil dawk l-inizjattivi nobbli tad-djalogu u ta' solidarjetà li jseħħu permezz ta' messaġġi mxerrdin favur ftehim ma' xulxin u favur il-paċi.

## Żmien ta' għażla u żmien ta' tama

13. Il-millenju l-ġdid qiegħed fil-bieb u l-miġja tiegħu fil-qrib qed timla l-qlub ta' ħafna bit-tama ta' dinja iktar ġusta u solidali. Hi xewqa li tista', anzi, għandha sseħħ!

U, fid-dawl ta' dan, li b'mod partikolari nkellem lilkom, ħuti fi Kristu, li fil-partijiet kollha tad-dinja għażiltu bħala regola ta' ħajja l-Evanġelju: kunu ħabbara tad-dinjità tal-bniedem! Il-fidi tgħallimna li kull persuna ġiet maħluqa fuq is-sura u x-xbiha ta' Alla. Quddiem iċ-ċaħda tal-bniedem, l-imħabba tal-Missier tas-sema ma tonqos qatt: l-Imħabba tiegħu hi bla limiti. Bagħat lil Ibnu Ġesù biex jifdi lil kull persuna u jagħtiha d-dinjità sħiħa tagħha.[12] Quddiem din il-qagħda kif jista' jkun li nħallu lil xi ħadd barra minn ħsibijietna? Għall-kuntrarju għandna naraw lil Kristu f'dawk l-iktar fqar u l-iktar imwarrbin, u l-Ewkaristija, xirka tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, mogħtija lilna, timpenjna biex naqduhom.[13] Il-parabbola ta' l-għani li jibqa' dejjem bla isem u tal-fqajjar jismu Lazzru, turina b'mod ċar

"fil-kuntrasti kbar bejn għonja bla qalb u foqra bi ħtieġa kbira, Alla hu favur dawn ta' l-aħħar".[14] Magħhom aħna rridu nkunu.

It-tielet u l-aħħar sena ta' tħejjija għall-Ġublew hi l-pellegrinaġġ spiritwali lejn il-Missier: kull wieħed hu mistieden għall-mixja ta' konverżjoni vera li titlob li nħallu l-ħażin u nagħżlu t-tajjeb. Fuq l-għatba tas-sena elfejn, hu dmir tagħna li nħarsu, b'impenn ġdid, id-dinjità tal-foqra u ta' l-imwarrbin u nagħrfu bil-fatti d-drittijiet ta' dawk li m'għandhomx drittijiet, ngħollu leħinna għalihom aħna u ngħixu fil-milja kollha tagħha l-missjoni li Kristu ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu. Dan hu l-ispirtu tal-Ġublew li hu hekk fil-qrib.[15]

Ġesù għallimna nsejħu 'l Alla Missier *Abba* u hekk uriena kemm hi għolja r-relazzjoni tagħna miegħu. L-imħabba tiegħu hi bla qjies u għal dejjem għal kull persuna u għall-ġens kollu tal-bnedmin. Ifissru ħafna dawn il-kelmiet ta' Alla fil-ktieb tal-profeta Isaija:

"Tista' mara tinsa' t-tarbija tagħha  
u ma tħennx għal bin ġufha?  
Imqar jekk din tinsa'  
jien ma ninsik qatt!  
Ara! Naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja." (Is 49, 15-16).

Nilqgħu l-istedina biex nissieħbu f'din l-imħabba. Fiha u s-sigriet tar-rispett tad-drittijiet ta' kull mara u ta' kull raġel. Is-sebħ tal-millenju l-ġdid isibna lesti biex nibnu flimkien il-paċi.

Mill-Vatikan, 8 ta' Diċembru, 1998.

**Ioannes Paulus PP. II**

## Noti

1. Ara *Redemptor Hominis* (4 ta' Marzu, 1979), nr. 17.
2. Ara *Dikjarazzjoni Univesali tad-Drittjiet tal-Bniedem*. Preambolo, l-ewwel paragrafu.
3. Ara b'mod partikolar id-*Dikjarazzjoni ta' Vjenna* (25 ta' Ġunju, 1993). Preambolo, nr. 2.
4. Enċiklika *Evangelium Vitae* (25 ta' Marzu, 1995), nr. 57.
5. Ara *ibid.*, nr. 10.
6. *Dignitatis Humanae*, nr. 3.
7. Ara artiklu 18.
8. Ara *Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*, art. 25/1.
9. Enċiklika *Centesimus Annus* (1 ta' Mejju, 1991), nr. 34.

10. Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, nri. 2307-2317.
11. *Diskors lil-Kummissjoni tar-Rappreżentanti tal-Kungress ta' l-Amerka* (21 ta' Awissu, 1945).
12. Ara Enċiklika *Redemptor Homi· is* (4 ta' Marzu, 1979), nr. 13-14.
13. Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, nr. 1397.
14. *Diskors fl-Angelus tas-27 ta' Settembru, 1998.*
15. Ara *Tertio Millennio Adveniente* (10 ta' Novembru, 1994), nr. 49-51.

# Messaġġ tal-Papa Għall-Jum Il-Morda

**11 ta' Frar 1999**

Għeżież ħuti,

1. Il-Jum Dinji tal-Morda fil-11 ta' Frar ta' din is-sena, skond tradizzjoni li dejjem aktar qed tissaħħaħ, se jiġi ċċelebrat b'mod tassew solenni f'wieħed mis-Santwarji mportanti tal-Madonna.

L-għażla tas-Santwarju tal-Madonna ta' Harissa, fuq għolja ħdejn Bejrut, għandha ħafna tifsiriet għoljin minħabba l-post u ż-żmien. L-art fejn jinsab is-Santwarju hi l-art tal-Libanu li kif għedt drabi oħra hi "aktar minn pajjiż, għax hi messaġġ u xbieha għall-Lvant u għall-Punent" (Ruma 8 ta' Settembru 1989).

Mis-Santwarju ta' Harissa l-istatwa tal-Verġni Marija tħares lejn ix-xtut tal-Mediterran, hekk qrib l-art fejn kien jimxi Kristu "iħabbar il-bxara t-tajba tas-Saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu" (Mt 4, 23). Ftit il-bogħod hemm il-martri Kosma u Damjan li aċċettaw l-ordni ta' Kristu "li jħabbru s-Saltna ta' Alla u jfejqu" (Lq 9, 2) u qdew din il-missjoni b'qalb hekk kbira li stħoqqilhom jissejħu *anargyros* (tobba qaddisin): kienu jfejqu l-morda bla ħlas.

Is-sena 1999, bħala tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, hi dedikata lill-Knisja Universali u għal riflessjoni aktar għolja fuq Alla l-Missier. Fl-ewwel ittra tiegħu, l-Appostlu San Ġwann ifakkarna li Alla hu mħabba (4. 8. 16). Kif jista' jkun li riflessjoni fuq dan il-misteru ma jqanqalx fina l-virtù teologali ta' l-imħabba fiż-żewġ aspetti tagħha ta' mħabba ta' Alla u ta' mħabba għall-proxxmu?

2. Fid-dawl ta' dan, l-għażla preferenzjali mal-Knisja tal-foqra u ta' dawk li qed ibatu fil-ġisem u l-ispirtu tagħhom, tikseb il-karattru ta' mixja ta' konversjoni vera għall-Evanġelju, meta t-tieni millennju qed joqrob biex jispiċċa. Dan żgur iqanqal ħerqa akbar ħa sseħħ l-għaqda bejn il-popli kollha biex timbena ċ-ċiviltà ta' l-imħabba, (ara *Tertio Millennio Adveninete* 50-52) fuq l-eżempju ta' Omm Ġesù, "ix-xbieha perfetta ta' l-imħabba għal Alla u għall-proxxmu" (ibid. 54).

Hemm xi post aħjar mil-Libanu biex illum ikun simbolu ta' l-għaqda bejn l-insara u għall-laqgħa tal-ġnus kollha f'xirka ta' mħabba? Il-Libanu,

barra li hu post fejn komunitajiet Kattoliċi ta' tradizzjonijiet differenti u ħafna komunitajiet insara jgħixu flimkien, hu wkoll post fejn jiltaqgħu flimkien ħafna reliġjonijiet. Għalhekk il-Libanu jista' jkun laboratorju għall-bini ta' "ġejjieni ta' ħidma u ta' ħajja flimkien għall-iżvilupp uman u morali tal-popli" (Eżort. post-sinodali *Tama ġdida għal-Libanu* 93).

Il-Jum Dinji tal-Morda li se jsir proprju fil-Libanu, qed jistieden il-Knisja kollha tistaqsi lilha nfisha x'qadi qed tagħti lil-qagħda, li aktar minn kull qagħda oħra turi l-limiti u d-dgħufija tal-bnedmin, u titlob solidarjetà sħiħa bejniethom. B'dan il-mod, il-Jum isir mument privileġġjat għal relazzjoni mal-Missier u twissija f'waqtha dwar l-ewwel kmandament ta' l-imħabba: aħna lkoll mistennija nagħtu kont kif qed inħarsuh (ara Mt 25, 31-46). L-eżempju li għandu jqanqalna jagħtihulna Ġesù stess fil-figura tas-samaritan it-tajjeb, parabbola mportanti biex nifhmu sewwa l-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu (ara Lq 10, 25-37).

3. Il-Jum Dinji tal-Morda li ġej għandu mela jsib postu f'qagħda li twassalna biex inħossu sewwa d-dmir ta' l-imħabba, li għaliha l-laqgħa għar-riflessjoni, l-istudju u t-talb ma jistax ikun li ma tqanqalniex fis-Santwarju tal-Madonna ta' Harissa, iċ-ċentru tal-pellegrinaġġi tal-komunitajiet kollha ta' l-insara libaniżi mill-ħafna Knejjes, u wkoll minn Misilmin devoti. Minn dan tidher aktar ċara l-ħtieġa għall-għaqda li toħroġ mill-"ekumeniżmu ta' *ħidma*" li, fil-kura tal-morda, ta' dawk li qed ibatu, ta' l-imwarrbin, tal-foqra u ta' l-imċaħdin, hi tassew urġenti u hi t-triq l-inqas iebsa fil-mixja ekumenika, kif turina l-esperjenza. Minn din it-triq mhux biss nistgħu nfittxu għaqda sħiħa fost dawk kollha li jistqarru li huma nsara, imma wkoll nistgħu nagħtu bidu għal djalogu bejn ir-reliġjonijiet f'post bħal Libanu, fejn nies ta' twemmin reliġjuż differenti "għandhom flimkien għadd ta' valuri umani u spiritwali żguri", li jistgħu jwasslu wkoll " 'l hemm mid-differenzi jfissru ħafna bejn ir-reliġjonijiet" biex imbagħad naslu li nqisu l-ewwel dak li jgħaqqadna flimkien (Eżort. post-sinodali *Tama ġdida għall-Libanu*).

4. Ebda xewqa mill-qalb tal-bniedem ma toħroġ ħerqa hekk kbira daqskemm toħroġ xewqa għall-qawwa u s-saħħa. Għalhekk ma nistgħagbux jekk is-solidarjetà tal-bnedmin f'kull livell tista' u għandha tiżvilupa qabel xejn u bl-urġenza kollha fil-qasam tas-saħħa. Għalhekk "jeħtieġ isir stħarriġ serju u fil-fond dwar l-organizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa fl-istituzzjonijiet biex tassew ikunu postijiet ta' xhieda dejjem akbar ta' mħabba għan-nies" (ibid. 102).

Min-naħa l-oħra, it-tweġiba mistennija minn min qed ibati trid tkun adatta għall-qagħda ta' min se jirċeviha, fuq kollox id-don ta' simpatija,

ta' solidarjetà kollha mħabba, ta' dedikazzjoni mill-qalb, ukoll b'mod erojku.

Jalla l-kontemplazzjoni tal-misteru tal-paternità ta' Alla tkun ta' tama għal morda u skola ta' tħassib ħerqan għal dawk li jieħdu ħsiebhom.

5. Lill-*morda* ta' kull età u ta' kull kundizzjoni, lill-vittmi ta' kull xorta ta' tbatija, ta' kalamitajiet u ta' traġedji nistedinhom biex jintelqu f'idejn Alla l-Missier. Aħna nafu li l-ħajja hija don mogħti lilna minn Alla bħala l-ogħla sinjal ta' mħabba għalina, u tibqa' dejjem don ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi. L-għażliet responsabbli kollha tagħna, li xi kull tant ma ngħarfuhomx u m'humiex żguri minnhom minħabba l-limiti tagħna, għandhom isiru skond din il-konvinzjoni. Kliem is-Salmista jwettaq dan: *Ħalli xortik f'idejn il-Mulej u hu jgħinek u jwieżnek; hu qatt ma jħalli l-ġust jitfixkel* (Salm 54, 23).

Santu Wistin huwa u jfisser dan il-kliem jikteb: "X'qed iħasbek? X'qed jinkwietak? Dak li ħalqek, jieħu ħsiebek. Dak li ħa ħsiebek qabel bdejt teżisti, mhux se jieħu ħsiebek issa li int dak li riedek? Għax int fidil, issa int miexi fit-triq tal-ġustizzja. Forsi dak li jtella' x-xemx għat-tajbin u l-ħżiena, u jniżżel ix-xita għal min hu ġust u għal min mhux, mhux sejjer jieħu ħsiebek? Se jitilqek, jabbandunak, iħallik waħdek lilek li int ġust u tgħix fil-fidi? Għall-kuntrarju, jagħmillek il-ġid, jgħinek, jagħtik dak li teħtieġ hawn, iħarsek mit-tiġrib. Bid-doni li jagħtik ifarġek biex tibqa' sod; meta jeħodomlok ikun qed jikkoreġġik biex ma tintilifx; il-Mulej jieħu ħsiebek, tibżax. Dak li għamlek, iżommok; taqax minn idejn il-Ħallieq tiegħek; jekk taqa' min id dak li għamlek titfarrak; Rieda tajba tħallik tibqa' f'idejn min għamlek. Meta tintelaq fih taħsibx li hemm xi vojt bħallikieku se taqa' fih; taħsibx ħwejjeġ bħal dawn. Hu qal: Nimla s-sema u l-art, qatt m'hu se jonqsok; tonqsux għax tonqos lilek innifsek" (*Enarr in Psalmum* 39, 26-27).

6. Dawk li jaħdmu mal-morda – tobba, spiżjara, infermiera, kappillani, reliġjużi rġiel u nisa, amministraturi, voluntieri – imsejħin mill-vokazzjoni u l-professjoni tagħhom biex iħarsu u jaqdu l-ħajja tal-bniedem, nerġa nsemmilhom l-eżempju ta' Kristu; wara li ġie mibgħut mill-Missier bħala l-ogħla prova ta' mħabbtu, (ara Ġw 3, 16) għallem lill-bniedem "jagħmel dak li hu tajjeb bit-tbatija, u jagħmel it-tajjeb għal min ibati" u hekk wera sewwa xi tfisser it-tbatija fiż-żewġ aspetti tagħha (Ittra Appost. *Salvifici doloris*, 20).

Tgħallmu fl-iskola tat-tbatija kif tifhmu bi ħlewwa kollha mħabba it-tifsir għoli tal-misteru tat-tbatija. Jalla t-tbatija li tagħha intom xhieda tkun il-qies tat-tweġiba dedikata li intom mistennija li tagħtu. Intom u taqdu

dan is-servizz għal-ħajja kunu lesti tilqgħu l-kollaborazzjoni ta' kulħadd "għax il-problema tal-ħajja u l-ħarsien u l-promozzjoni tagħha m'humiex biss il-ħsieb tal-Knisja. Il-ħajja iva għandha valur qaddis u reliġjuż iżda bl-ebda mod dan mhu biss fit-tħassib ta' dawk li jemmnu (encikl. *Evangelium vitae* 191). U għax dawk kollha li jbatu jitolbu għajnuna, jaċċettawha minn għand kulħadd jekk tingħata bħala tweġiba ta' mħabba.

7. Lill-*komunità ekklesjali* nagħmel stedina ħerqana biex din is-sena tal-Missier tkun sena ta' mħabba ħajja, imħabba ta' ħidmiet li jimpenjaw sħiħ l-istituzzjonijiet kollha tal-Knisja. San Injazju ta' Antjokja kiteb lill-Efesin li l-imħabba hija t-triq għal għand Alla. Il-fidi u l-imħabba huma l-prinċipju u t-tmiem tal-ħajja; il-fidi hija l-prinċipju, l-imħabba t-tmiem. Il-virtujiet l-oħra jiġu warajhom waħda wara l-oħra, biex iwasslu lin-nies għal-perfezzjoni. Min-naħa tiegħu santu Wistin jgħallem: "Jekk, mela, ma tistax taqra l-kotba kollha ta' l-Iskrittura, wieħed wieħed, u lanqas tista' tiftaħ il-kotba kollha li fihom hemm il-Kelma ta' Alla, u lanqas tista' tasal għall-misteri kollha ta' l-Iskrittura fittex li jkollok l-imħabba għax minnha jiddependi kollox. B'dan il-mod tkun tgħallimt mhux biss dak li tgħallimt mill-Iskrittura, imma wkoll dak li ma rnexxilekx titgħallem minnha (*Sermo* 35, 2-3).

8. Jalla l-Verġni Marija, il-Madonna ta' Harissa, bl-eżempju sublimi tagħha tkun qrib dawk kollha li qed ibatu fil-Jum Dinji tal-Morda. Jalla tnebbah lil dawk kollha li jagħtu xhieda tal-fidi nisranija fil-qadi tal-morda; jalla tmexxi 'l kulħadd bl-id tagħha t'omm lejn id-Dar tal-Missier għajn tal-ħniena. Jalla dik li għasset fuq it-tbatijiet ta' qsim il-qalb tal-poplu tal-Libanu tqanqal fid-dinja t-tama li qed tiġi 'l quddiem f'dak il-pajjiż, fiduċja mġedda tal-qawwa ta' l-imħabba għall-fejqan, u bħal wlied mitlufa jalla tiġborhom ilkoll taħt il-mantell tagħha. Jalla l-millennju l-ġdid li hu fil-qrib, jagħti bidu għal żmien ta' fiduċja mġedda fil-bniedem, maħluq b'mod hekk ta' l-għaġeb mill-imħabba ta' Alla u li fl-imħabba biss isib it-tifsir ta' ħajtu u ta' xortih.

Ruma 8 ta' Diċembru 1998

**Joannes Paulus pp. II**

# Messaġġ tal-Papa Ġwann Pawlu II għar-Randan

## Il-Mulej jagħmel għall-popli kollha mejda (ara Is 25, 6)

Għeżież ħuti fi Kristu,

Ir-Randan li sejrin niċċelebraw hu rigal ieħor ta' Alla. Irid jgħinna nsibu n-natura tagħna ta' wlied, maħluqin u mġedda bi Kristu, mill-imħabba tal-Missier fl-Ispirtu s-Santu.

1. *Il-Mulej jagħmel għall-popli kollha mejda.* Dawn il-kelmiet li jridu jkunu l-qofol tal-messaġġ tar-Randan iħeġġuna l-ewwel nett biex nirriflettu fuq l-imħabba provvidenzjali tal-Missier tas-sema għall-bnedmin kollha. Din l-imħabba ġa dehret fil-ħolqien meta Alla "ħares lejn kull ma għamel u, ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen. 1, 31). Dan jitwettaq imbagħad fir-relazzjoni privileġġjata mal-poplu ta' Israel, li Alla għażlu bħala l-poplu tiegħu biex iġib 'il quddiem il-ħidma tas-salvazzjoni. F'Ġesù Kristu, fl-aħħarnett din il-ħerqa provvidenzjali tilħaq il-milja kollha tagħha: fih il-barka ta' Abraham tgħaddi għand il-ġnus kollha u aħna nirċievu wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu permezz tal-fidi (ara Gal 3, 21-40).

Ir-Randan hu żmien tajjeb ħafna biex nuru l-ħajr kollu tagħna lill-Mulej għall-għeġubijiet li għamel għall-ġid tal-bniedem fiż-żminijiet kollha ta' l-istorja u b'mod partikulari fil-fidwa, li minħabba fiha lanqas lil Ibnu stess ma ħelisha (ara Rum 8, 32).

L-għarfien tal-preżenza ta' Alla għas-salvazzjoni fil-ġrajjiet kollha tal-bnedmin, jimbuttana lejn il-konversjoni. Iġiegħelna nħossu li aħna lkoll maħbubin minn Alla u mbuttati għalhekk biex infaħħruh u nigglorifikawh. Għalhekk intennu ma' San Pawl: "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" (Ef 1, 3-4). Alla stess jistedinna għal mixja ta' penitenza, u ta' tisfija minn ġewwa biex inġeddu l-fidi tagħna. Ma jieqaf qatt isejħilna lejh u kull darba li nġarrbu r-rebħa tad-dnub fuqna jurina t-triq li se twassalna lura fid-dar tiegħu, fejn insibu dik il-ħerqa singulari għalina li urina fi Kristu, u hekk mill-imħabba li jurina l-Missier, joħroġ minna l-ħajr.

2. Il-mixja tar-Randan hi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid ta' Kristu, il-misteru tas-salvazzjoni tagħna. Tantiċipa dan il-misteru l-ikla li l-Mulej għamel mad-dixxipli tiegħu f'Ħamis ix-Xirka, meta offra lilu nnifsu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid. Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, kif ktibt fl-Ittra appostolika *Dies Domini*: "Kristu hu realment, sostanzjalment u dejjem preżenti ... u l-Ħobż tal-Ħajja jingħata bħala rahan tal-ħajja ta' dejjem" (n. 39).

L-ikla hi sinjal ta' ferħ għaliex tidher il-qawwa kollha ta' xirka ta' dawk li jieħdu sehem. Fl-Ewkaristija sseħħ dik l-ikla mħabbra mill-profeta Isaija għall-popli kollha (ara 25, 6). Fiha ma nistgħux ma narawx tifsira eskatoloġika. Il-fidi tgħidilna li l-misteru ta' l-Għid ġa seħħ fi Kristu, iżda għad irid iseħħ f'kull wieħed minna bil-qawwa kollha tiegħu. L-Iben ta' Alla bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja tana bħala don il-ħajja ta' dejjem, li għandha hawn, fil-misteru ta' l-Għid, il-bidu tagħha, iżda sseħħ b'mod definittiv fl-Għid ta' dejjem fis-sema. Ħafna minn ħutna għandhom il-ħila jistabru bil-qagħda miżera tagħhom, nieqsa mill-faraġ u mġarrba mill-mard, għaliex huma żguri li għad jasal għalihom il-jum li fih jidħlu għall-mejda ta' dejjem fis-sema. Hekk ir-Randan idawwar ħarsitna 'l hemm miż-żmien ta' issa, 'l hemm mix-xefaq tad-dinja lejn ix-xirka perfetta u eterna mat-Trinita Qaddisa.

Il-barka li nirċievu mingħand Kristu ġġarraf il-ħajt taż-żmien u tiftaħ il-bieb għal-tisħib definittiv fil-ħajja ta' Alla. "Hienja dawk mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf" (Apok 19, 9): ma nistgħux ninsew li ħajjitna f'dik l-ikla – antiċipata mis-sagrament ta' l-Ewkaristija – issib l-għan finali tagħha.

Kristu kisbilna mhux biss dinjità ġdida fil-ħajja tagħna fid-dinja, imma kisbilna fuq kollox id-dinjità ġdida ta' wlied Alla, imsejħin biex ikollna sehem mill-ħajja ta' dejjem tiegħu. Ir-Randan jistedinna nirbħu t-tentazzjoni li nqisu bħala definittiva l-ħajja tagħna f'din id-dinja u nagħrfu li "is-sema pajjiżna" (Fil 3, 20).

3. Meta nikkontemplaw din is-sejħa ta' l-għaġeb li l-Missier, fi Kristu, jagħmlilna, ma nistgħux ma nintebħux bl-imħabba li għandu għalina. Din is-sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir trid tgħinna biex nġeddu l-għarfien li Alla u l-Missier li fl-Iben il-għażiż tiegħu qed jagħtina l-istess ħajja tiegħu. Mill-ġrajja tas-salvazzjoni li jagħmel magħna u għalina nitgħallmu kif ngħixu l-imħabba b'ħeġġa ġdida mill-aqwa (ara Ġw 4, 10ss), virtù teologali li jien ridt li tiġi studjata fil-fond fl-1999 bl-ittra appostolika *Tertio Millennio Adveniente.*

L-esperjenza ta' l-imħabba tal-Missier twassal lin-nisrani biex ikun don

ħaj fil-qadi u solidarjetà ma' ħutu. Bla qies huma l-oqsma li fihom tul iż-żminijiet il-Knisja tat xhieda bil-kliem u bl-għemil ta' l-imħabba ta' Alla. Illum wkoll qed jinfetħu quddiemna wesgħat tassew kbar li fihom l-imħabba ta' Alla trid turi ruħha permezz tal-ħidmiet ta' l-insara. Il-faqar ġdid u l-kwistjonijiet kbar li qed iniktu tant qlub jistennew tweġib f'waqtu bil-fatti. Min hu waħdu, min jinsab imwarrab fit-tarf tas-soċjetà, min qed ibati l-ġuħ, min hu vittma tal-vjolenza, min tilef kull tama, għandu d-dritt li jħoss il-ħerqa tal-Knisja, it-tjieba tal-Missier tas-Sema, li sa mill-bidu tad-dinja, ħaseb f'kull bniedem biex jimlieh bil-barkiet tiegħu.

4. Ir-Randan jekk ngħixuh b'ħarsitna lejn il-Missier, isir għalina żmien speċjali ta' mħabba li turi ruħha bil-fatti permezz ta' għemejjel ta' ħniena korporali u spiritwali. Il-ħsieb imur b'mod speċjali lejn dawk li ma hemmx post għalihom fl-ikla tal-konsumiżmu ta' kuljum. Hemm ħafna "Lazzrijiet" li kuljum qed iħabbtu l-bibien tas-soċjetà: huma dawk kollha li m'humiex igawdu l-vantaġġi materjali li ġab il-progress. Għad hemm qagħdiet ta' miżerja li ma jistgħux ma jqanqlux il-kuxjenza tan-nisrani, u jfakkruh fid-dmir li jgħin minnufih jew personalment jew b'mod komunitarju.

Mhux lill-individwi biss qed tingħata l-okkażżjoni li juru li huma lesti jistiednu l-foqra biex jaqsmu magħhom qagħda tajba, imma wkoll l-istituzzjonijiet internazzjonali, il-gvernijiet tal-popli, iċ-ċentri direttivi ta' l-ekonomija tad-dinja għandhom jidħlu biex iħejju proġetti kuraġġużi għat-tqassim aħjar tal-ġid ta' l-art kemm fi ħdan kull pajjiż u kemm fir-relazzjonijiet bejn in-nazzjonijiet..

5. Ħuti, fil-bidu tal-mixja tar-Randan, qed nibgħatilkom dan il-messaġġ biex inqawwilkom qalbkom fit-triq tal-konversjoni li twassalkom għall-għarfien aħjar u dejjem aktar sħiħ tal-misteru ta' ġid li Alla għandu għalina. Marija, Omm il-Ħniena, tqawwina fil-mixi tagħna. Hija kienet l-ewwel li għarfet u laqgħet il-pjan ta' mħabba tal-Missier, emmnet u hi "l-imbierka fost in-nisa" (Lq 1, 42); obdiet fit-tbatija u hekk issieħbet, l-ewwel waħda, fil-glorja ta' wlied Alla.

Marija tfarraġna bil-preżenza tagħha; tkun għalina "sinjal sgur ta' tama" (*Lumen gentium* 68) u titlob għalina quddiem Alla biex mill-ġdid ixerred fuqna il-ħniena tiegħu.

Mill-Vatikan 15 ta' Ottubru 1998

**Ioannes Paulus PP. II**

# Messaġġ tal-Papa għal Jum iż-Żgħażagħ

### Ħadd il-Palm 1999

## Il-Missier iħobbkom (Ġw 16, 27)

1. Fil-ħsieb tal-Ġublew li hu hekk fil-qrib, is-sena 1999 trid twessa x-xefaq ta' dawk li jemmnu, skond il-qies ta' Kristu, il-qies tal-Missier li hu fis-smewwiet, li minnu ntbagħat Ġesù u li lejh reġa' lura (Ittra appostolika *Tertio Millennio Adveniente,* 49). Ma jistax ikun li tiċċelebra 'l Kristu u l-ġublew tiegħu mingħajr ma ddur, miegħu, lejn Alla, Missieru u Missierna (ara Ġw 20, 17). L-Ispirtu s-Santu wkoll jibgħatna għand il-Missier u għand Ġesù; la l-Ispirtu jgħidilna ngħidu "Ġesù hu l-Mulej" (ara 1 Kor 12, 3) biex jagħtina l-ħila li nitkellmu ma' Alla u nsejħulu "Abba! Missier!" (ara Gal 4, 6).

Għalhekk nistedinkom mal-Knisja kollha biex idduru lejn Alla l-Missier u tisimgħu b'ħajr u stgħaġib ir-rivelazzjoni ta' l-għageb ta' Ġesù: "Il-Missier iħobbkom" (Ġw 16, 27). Huma dawn l-erba' kelmiet li rrid nafdalkom bħala suġġet ta' l-XIV-il Ġimgħa Dinjija taż-Żogħżija. Għeżież żgħażagħ, ilqgħu l-imħabba li tiġi l-ewwel minn għandu (ara 1 Ġw 4, 19). Kunu dejjem żguri f'din il-ħaġa, għax hi biss li tagħti tifsir, qawwa u hena lill-ħajja: qatt ma se titbiegħed minnkom l-imħabba tiegħu, qatt ma se jiġi nieqes il-patt ta' sliem magħkom (ara Is 54, 10). Għandu miktub isimkom fil-qiegħ ta' idejh (ara Is 49, 16).

2. Fil-qalb tal-bniedem, għalkemm mhux dejjem tinħass u lanqas hi dejjem ċara, hemm xewqa kbira għal Alla, li San Injazju fisser b'dawn il-kelmiet hekk qawwija: "Ilma ħaj ifawwar fija u jgħidli 'Ejja għand il-Missier' " (*Ad. Romanos,* 7) "Mulej, urini s-sebħ tiegħek" qal Mosè fuq il-muntanja (Eż 33, 1). "Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (Ġw 1,18). Mela biżżejjed inkunu nafu l-Iben biex inkunu nafu l-Missier? Filippu ma kienx konvint minn dan minnufih. "Urina l-Missier", qal. U t-tweġiba li ngħatatlu tmur 'l hemm ħafna minn dak li konna nistennew: "Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għarftnix? Min ra lili, ra l-Missier" (Ġw 14, 8-11).

Wara l-Inkarnazzjoni hemm xbieha ta' bniedem li fiha nistgħu naraw lil Alla: "Emmnuni, jien fil-Missier, u l-Missier huwa fija," qal Ġesù, u

mhux biss lil Filippu imma lil dawk kollha li kienu se jemmnu (ara Ġw. 14, 11). Minn dak inhar, min jilqa' l-Iben ta' Alla, ikun jilqa' lil Dak li bagħtu (ara Ġw 13, 20). Iżda mbagħad "min jobgħodni, jobgħod ukoll lill-Missieri" (Ġw 1, 23) Minn dak iż-żmien kien possibbli li sseħħ relazzjoni ġdida bejn il-Ħallieq u l-maħluq, bejn l-iben u l-missier: lid-dixxipli li jridu jidħlu fil-misteri ta' Alla u qed jitolbu biex jitgħallmu kif jitolbu biex ikollhom għajnuna fil-mixi tagħhom, Ġesù wieġeb billi għallem il-*Missierna,* li "hu ġabra ta' l-Evanġelju kollu kemm hu" (Tertulljan, *De oratione,* 1). Il-Missierna jwettaq il-qagħda tagħna ta' wlied (ara Lq 11, 14). "Min-naħa, bil-kliem ta' din it-talba l-Iben il-Waħdieni jagħtina l-kliem li l-Missier tah: hu l-Għalliem tat-talb tagħna. Min-naħa l-oħra bħala l-Verb magħmul bniedem jagħraf fil-qalb tiegħu ta' bniedem l-ħtiġiet kollha tal-bnedmin u jurihomlna: hu l-Mudell tat-talb tagħna (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 2765).

L-Evanġelju ta' San Ġwann, huwa u jwaslilna x-xhieda diretta tal-ħajja ta' l-Iben ta' Alla jurina t-triq li twassalna għall-għarfien tal-Missier. L-invokazzjoni "Missier" hi s-sigriet, in-nifs, il-ħajja ta' Ġesù. Mhux hu forsi l-Iben il-waħdieni, il-kbir, il-maħbub, dak li lejħ kollox idur, li hu dejjem mal-Missier minn qabel il-ħolqien tad-dinja, imsieħeb miegħu fil-glorja? (Ġw 17, 5) Ġesù jirċievi mingħand il-Missier (ara Ġw 17, 2), il-Bxara li kellu jħabbar (ara Ġw 12, 49), il-ħidma li kellu jagħmel (ara Ġw 14, 3). L-istess dixxipli m'humiex tiegħu għax tahomlu l-Missier (ara Ġw 17, 9) biex iħarishom mill-ħażin, biex ma jintilfux.

Fis-siegħa li fiha l-Iben għadda għal għand il-Missier, it-"talba saċerdotali" tiegħu turina qalbu: "Missier, igglorifika lili għandek bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja" (Ġw 17, 5). Bħala l-Qassis il-Kbir u ta' dejjem, Kristu jimxi quddiem il-korteo twil bla qies tal-mifdijin. Il-kbir fost kotra kbira ta' aħwa, hu jwassal fuq għolja waħda n-ngħaġ kollha tal-merħla li xterdu, biex ikun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed (Ġw 10,16).

Bil-ħidma tiegħu l-istess relazzjoni ta' mħabba li hemm fi ħdan it-Trinità qaddisa tgħaddi fir-relazzjoni tal-Missier ma' l-umanità mifdija: "Il-Missier iħobbkom!" Kif jista' jiftiehem dan il-misteru ta' mħabba mingħajr il-ħidma ta'l-Ispirtu li l-Missier sawwab fuq id-dixxipli għat-talba ta' Ġesù? (ara Ġw 14, 15). L-inkarnazzjoni tal-Verb etern fiż-żmien u t-twelid għall-eternità ta' dawk kollha li jsiru ħaġa waħda miegħu bil-magħmudija ħadd qatt ma kien jobsorhom mingħajr il-ħidma ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja.

3. "Alla ħekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3, 16). Alla jħobb

id-dinja! u minkejja ċ-ċaħdiet kollha li tagħmel, jibqa' jħobbha sa l-aħħar. "Il-Missier iħobbkom" minn dejjem u għal dejjem: din hi t-tħabbira l-ġdida li qatt ma nstemgħet qabel, sempliċi ħafna u tħawwadna, bxara li l-bnedmin jafuha lill-Knisja" (ara Eżort. *Christifideles laici*, 34). jekk l-Iben ukoll kellu hu biss jgħidilna din il-kelma, kien ikun biżżejjed. "Araw, b'liema għożża ħabbna l-Missier: nistgħu nissejħu wlied Alla, u hekk aħna tassew" (1 Ġw 3, 1). M'aħniex iltiema, nistgħu nħobbu. Għaliex – u dan tafuh sewwa – wieħed ma jistax iħobb jekk ma jkunx maħbub.

Imma kif se nwasslu din il-bxara? Ġesù jurina t-triq: nisimgħu leħen il-Missier biex jgħallimna (Ġw 6, 45) u nħarsu l-kmandamenti (ara Ġw 14, 23). Dan l-għarfien tal-Missier imbagħad ikompli jikber: "Jiena għarrafthom ismek, u għad ngħarrafhulhom iżjed" (Ġw 17, 26) u din tkun ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li jwassalna għall-verità kollha (ara Ġw 16, 13).

Fi żmienna, il-Knisja u d-dinja jeħtieġu aktar minn dari "missjunarji" li jkunu jafu jħabbru bil-kliem u bl-għemil din iċ-ċertezza fondamentali li tfarraġ. Intom iż-żgħażagħ ta' llum u l-adulti tal-millennju l-ġdid, intom u tagħrfu dan, fittxu l-"formazzjoni" tagħkom fl-iskola ta' Kristu. Fil-Knisja u fl-ambjenti kollha li fihom tgħixu kuljum, kunu xhieda li jemmnukom ta' l-Imħabba tal-Missier. uruh fl-għażliet u l-qagħdiet tagħkom, kif tilqgħu n-nies u taqduhom, fil-ħarsien tar-rieda u tal-kmandamenti ta' Alla.

"Il-Missier iħobbkom". Din it-tħabbira ta' l-għageb tinżel fil-qalb ta' min jemmen li, bħala dixxiplu maħbub minn Ġesù, jmidd rasu fuq sider l-Imgħallem ħa jilqa' x-xewqat tiegħu: "Min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi" (Ġw 14, 21), għax "din hi l-ħajja ta' dejjem li jagħrfu lilek Alla waħdek veru u lil Ġesù Kristu li inti bgħatt" (Ġw 17, 3).

Il-ħafna suriet ta' paternità li magħhom tiltaqgħu fil-mixja ta' ħajjitkom jirriflettu l-imħabba tal-Missier. Ħsiebi jmur l-ewwel lejn il-ġenituri tagħkom li ssieħbu ma' Alla biex jagħtukom il-ħajja u jieħdu ħsiebkom: agħtuhom ġieħ (ara Es 20, 12) u wruhom ħajr. Ħsiebi jmur lejn is-saċerdoti u l-persuni konsagrati lill-Mulej li għalikom huma ħbieb, xhieda u għalliema tal-ħajja "għall-ġid u l-hena tagħkom fil-fidi" (Fil 1, 25). Ħsiebi jmur lejn l-edukaturi veri li bl-umanità tagħhom, bl-għerf u l-fidi tagħhom qed jgħinu b'mod ifisser ħafna għat-twelid nisrani tagħkom u għalhekk kollu kemm jixirqilkom bħala bnedmin. Għal kull waħda minn dawn il-persuni hekk ta' siwi għalikom fit-triqat kollha tal-ħajja tagħkom, roddu dejjem ħajr lil Alla.

4. Il-Missier iħobbkom! L-għarfien ta' din l-imħabba ta' Alla għalina ma

jistax ma jwassalx lil kull min jemmen biex, f'għaqda sħiħa ma' Kristu, il-Feddej tal-bniedem, jibda mixja ta' konversjoni vera. Hi l-qagħda adatta biex insibu mill-ġdid u niċċelebraw bil-ħerqa kollha is-sagrament tal-Penitenza fit-tifsir l-aktar għoli tiegħu (ara *Tertio Millennio Adveniente,* 50).

"Id-dnub hu abbuż ta' dik il-libertà li Alla ta lill-persuni li hu ħalaq biex ikunu jistgħu jħobbuh u jħobbu lil xulxin" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 387), hu ċ-ċaħda li tgħix il-ħajja ta' Alla mogħtija fil-magħmudija, hu li ma tħallix iħobbok Dak li hu l-Imħabba tassew: dan għax il-bniedem għandu s-setgħa tal-biża' li jfixkel lil Alla fir-rieda tiegħu li jagħti l-ġid kollu. Id-dnub li jaf il-bidu tiegħu mir-rieda ħielsa tal-persuna (ara Mk 7, 20) hu ksur ta' l-imħabba vera, jidrob in-natura tal-bniedem, iġib fix-xejn is-solidarjetà umana, u juri ruħu f'qagħdiet, kliem u għemil mimlijin egoiżmu (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 1849–1850). Hu fil-fond tal-qalb tal-bniedem li l-libertà tinfetaħ jew tingħalaq għall-imħabba. Din hi t-traġedja dejjem sejra tal-bniedem li spiss jagħżel il-jasar u joqgħod għall-biża', għall-kapriċċi, għall-imġiba żbaljata, u joħloq għalih allat li jaħkmuh, ideoloġiji li jġibu fix-xejn l-umanità. Naqraw fl-Evanġelju ta' San Ġwann: "Kull min jagħmel id-dnub, hu lsir tad-dnub" (Ġw 8, 34).

Ġesù jgħid lil kulħadd "Indmu, u emmnu fl-Evangelju" (Mk 1, 15). Fil-bidu ta' kull konverżjoni vera, hemm il-ħarsa ta' Alla fuq il-midneb. Hi ħarsa li tinbidel fi tfittxija mimlija mħabba, f'passjoni tas-salib, f'rieda ta' maħfra li, hija u turi lill-ħati li għadu u jibqa' stmat u maħbub, tirrivelalu t-taħwid li fih jinsab u tħeġġu biex jiddeċiedi li jibdel hajtu. Hu l-kas ta' Levi (ara Mr 2, 13-17), ta' Żakkew (ara Lq 19, 1-10), ta' l-adultera (ara Ġw 8, 1-11), tal-ħalliel it-tajjeb (ara Lq 23, 39-43), tas-Samaritana (ara Ġw 4, 1-30). "Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba. Ikun għalih innifsu xi ħadd li ma tifhmux, ħajja bla sens jekk l-imħabba ma tiġix rivelata lilu, jekk ma jippruvahiex u jagħmilha tiegħu, jekk ma jisseħibx fha bil-ħeġġa kollha" (Enċikl. *Redemptor hominis,* 10). Meta jagħraf u jduq lil Alla tal-ħniena u tal-maħfra il-bniedem jista' jgħix billi bla heda jdur lejn Alla u jikkonverti (ara Ittra Apost. *Dives in misericordia,* 13).

"Mur, u millum 'il quddiem tidnibx aktar" (Ġw 8, 11): il-maħfra tingħata bla ħlas iżda l-bniedem hu mistieden biex iwieġeb għaliha b'impenn serju ta' ħajja mġedda. Alla jafhom seewa l-ħlejjaq tiegħu. Jaf li l-manifestazzjoni dejjem akbar ta' l-imħabba tiegħu fl-aħħar tasal biex tqanqal fil-midneb l-istmerrija tad-dnub. Hu għalhekk li l-imħabba ta' Alla tidher fl-offerta dejjem sejra tal-maħfra.

X'tifsir għandha l-parabbola ta' l-iben il-ħali! Mill-mument li fih l-iben il-ħali jitlaq id-dar,missieru jgħix qalbu ttaqtaq: jistenna, jittama, iħares lejn l-orizzont. Jirispetta il-libertà ta' ibnu, imma jħoss għalih. U meta l-

iben jiddeċiedi li jerġa' lura, jilmħu mill-bogħod u jmur jiltaqa' miegħu, iħaddnu miegħu u kollu ferħan jordna: "Libbsulu ċ-ċurkett – sinjal tal-patt il-ġdid – ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu – sinjal tal-ħajja ġdida – libbsulu s-sandli f'riġlejh – sinjal tad-dinjità li reggħet inkisbet – u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab" (Lq 15, 11-32).

5. Qabel rega' lura għand il-Missier, Ġesù ried jafda lill-Knisja tiegħu il-ministeru tar-Rikonċiljazzjoni (ara Ġw 20, 23). Mela mhux biżżejjed indiema minn gewwa biss biex tinkiseb il-maħfra ta' Alla. Il-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla tinkiseb permezz tar-rikonċiljazzjoni mal-komunità ekklesjali. Għalhekk l-għarfien tal-ħtija seħħ permezz ta' ġest sagramentali konkret: indiema u stqarrija tad-dnubiet bil-fehma ta' ħajja ġdida, quddiem il-ministru tal-Knisja.

Iżda l-bniedem ta' llum, jaħasra, aktar ma jitlef is-sens tad-dnub, inqas jitlob il-maħfra ta' Alla: minn hawn gejjin il-ħafna problemi u l-ħafna diffikultajiet ta' żmienna. Din is-sena għalhekk nistedinkom issibu mill-ġdid il-ġmiel u l-għana tal-grazzja tas-sagrament tal-Penitenza, billi taqraw bl-attenzjoni kollha pass pass il-parabbola ta' l-iben il-ħali fejn mhux biss jidher id-dnub, imma wisq aktar tidher it-tjieba u l-ħniena ta' Alla. Intom u tisimgħu l-Kelma f'qagħda ta' talb ta' kontemplazzjoni, ta' stgħaġib u ta' ċertezza, għidu lil Alla: "Jien neħtiegek, jien nafda fik biex neżisti u ngħix. Int aqwa mid-dnub. Nemmen fis-seggħa tiegħek fuq ħajti, nemmen fil-ħila tiegħek li ssalvani, jien kif jien issa. Ftakar fija. Aħfirli!"

Ħares "ġewwa fik". Qabel il-ksur ta'xi liġi jew ta' xi regola morali, id-dnub hu għemil kontra Alla (ara Salm 50/51, 6), kontra l-aħwa, kontra tagħna nfusna. Ieqfu quddiem Kristu, l-Iben il-waħdieni tal-Missier, u eżempju għal ħutu kollha. Hu biss jurina kif għandna nkunu quddiem il-Missier, quddiem għajrna, quddiem is-soċjetà biex inkunu paċi magħna nfusna. Jgħidilna dan permezz ta' l-Evanġelju, li hu ħaġa waħda ma' Ġesù Kristu. Il-qies tal-fedeltà lejn wieħed hu l-qies tal-fedeltà lejn l-ieħor.

Ersqu bil-fiduċja kollha lejn is-sagrament tal-Qrar: bl-istqarrija tal-ħtijiet turu li tridu tagħrfu l-infedeltajiet tagħkom biex taqtgħuhom; tagħtu xhieda ta' konverżjoni u ta' rikonċiljazzjoni biex terġgħu ssibu l-qagħda ta' sliem u ta' kotra ta' ġid ta' l-ulied ta' Alla fi Kristu Ġesù; turu solidarjetà ma' l-aħwa, huma wkoll mġarrbin mid-dnub (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 1445).

Ilqgħu fl-aħħar b'ħajr l-assoluzzjoni mingħand is-saċerdot: hu l-waqt li fih il-Missier jgħid fuq il-midneb niedem il-kelma li tagħtih il-ħajja. "Dan ibni raga' għex!" l-Għajn ta' l-imħabba tagħti l-ħajja mill-ġdid u

tagħti l-ħila biex jintrebaħ l-egoiżmu u biex l-imħabba tingħata b'qawwa akbar.

6. "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. It-tieni jixbhu: Ħobb 'il għajrek bħalek innifsek. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-profeti" (Mt 22, 37-40). Ġesù ma jgħidx li t-tieni kmandament huwa l-istess ħaga bħall-ewwel, imm biss li "jixbhu". Iż-żewġ kmandamenti għalhekk ma jistgħux jinbidlu f'xulxin bħallikieku wieħed jista' jħares awtomatikament il-kmandament ta' l-imħabba ta' Alla billi jħares il-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu jew bil-maqlub tkun tħares il-kmandament ta' l-imħabba ta' Alla jekk tħares dak ta' l-imħabba ta-proxxmu. Iż-żewġ kmandamenti għandhom il-karattru proprju tagħhom, u t-tnejn iridu jkunu mħarsa. Iżda Ġesù jqegħdhom ma'xulxin biex juri b'mod ċar lil kulħadd li hemm rabta liema bħalha bejniethom: hu impossibbli tħares wieħed mingħajr ma tħares lill-ieħor. "L-għaqda bejniethom ma titħassar qatt u Ġesù ta xhieda għaliha bil-kliem u b'ħajtu: il-missjoni tiegħu tilħaq il-qofol tagħha fuq is-salib li jifdi, sinjal ta' l-imħabba li qatt ma tiġi nieqsa tiegħu għall-Missier u għall-umanità (Enċikl. *Veritatis splendor,* 14).

Biex wieħed jara jekk iħobbx tassew lil Alla, jeħtieġ jara bis-serjetà kollha, iħobbx il-proxxmu. U jekk irid iqies x'sura ta' mħabba għandu għal għajru, irid jistaqsi lilu nnifsu jekk tassew iħobbx lil Alla. Għaliex "min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?" (1 Ġw 4, 20), u "minn dan nafu li aħna nħobbu lil ulied Alla, jekk inħobbu lil Alla u nħarsu l-kmandamenti tiegħu" (1 Ġw 5, 20).

Fl-Ittra appostolika *Tertio Millennio Adveniente* ħeġġiġt lill-insara kollha biex juru b'mod aktar deċiż l-għażla preferenzjali tal-Knisja għall-foqra u l-imwarrbin (n. 51). Hi għażla "preferenzjali", mhux esklusiva. Ġesù jistedinna nħobbu l-foqra, għax jeħtieġu attenzjoni partikulari minħabba l-qagħda tagħhom miftuħa għal kull tiġrib. Huma – dan jafu kulħadd – dejjem aktar jiżdiedu, wkoll f'pajjiżi għonja, kif jgħidulhom – minkejja li l-ġid ta' l-art hu hemm għal kulħadd. Kull qagħda ta' faqar timpenja l-karità nisranija ta' kull wieħed u waħda minna. Iżda trid issir ukoll b'inpenn soċjali u politiku, għax il-problema tal-faqar fid-dinja ġej minn qagħdiet konkreti li jridu jiġu mibdulin minn irġiel u nisa ta' rieda tajba, bennejja taċ-ċiviltà ta' l-imħabba. Huma "strutturi tad-dnub" li ma jistgħux jintrebħu jekk mhux bil-kollaborazzjoni ta' kulħadd, billi kull wieħed ikun lest "jintilef" għall-ieħor flok jisfruttah, "jaqdih" flok jaħqru (ara Enċikl. *Sollicitudo rei socialis,* 38).

Għeżież żgħażagħ, nistedinkom b'mod partikulari biex toħolqu inizjattivi konkreti ta' solidarjetà u taqsmu dak li għandkom *ħdejn l-aktar foqra u magħhom*. Issieħbu b'qalb kbira f'xi wieħed mill-proġetti li f'ħafna pajjiżi ħafna żgħażagħ ta' mparkom huma npenjati fihom b'għemil ta' solidarjetà u ta' fraternità: hu mod kif troddu lill-Mulej fil-persuna tal-foqra xi ħaġa minn dak kollu li takom lilkom li intom aktar xxurtjati. U dan jista' jkun ukoll sinjal li jidher minnufih ta' għażla li tkunu għamiltu, dik li tindirzzaw ħajjitkom kollha lejn Alla u lejn l-aħwa.

7. Marija tiġbor fil-persuna tagħha l-misteru kollu tal-Knisja, hi "l-bint magħżula tal-Missier" (*Tertio Millennio adveniente,* 54) li laqgħet bil-libertà kollha u wieġbet b'dispożizzjoni sħiħa għad-Don ta' Alla. "Bint" il-Missier stħoqqilha ssir Omm Ibnu: "Ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq 1, 38). Hi Omm Alla, għax perfettament Bint il-Missier.

F'qalbha m'hemmx xewqa oħra ħlief dik li twettaq lill-insara fl-inpenn tagħhom li jgħixu bħala wlied Alla. Bħala Omm l-aktar ħelwa, tmexxihom bla heda lejn Ġesù biex fil-mixi tagħhom warajh jitgħallmu jgħożżu r-relazzjoni tagħhom mal-Missier tas-sema. L-istess kif ġara fit-tieġ ta' Kana, tistedinhom jagħmlu dak li jgħidilhom Kristu (ara Ġw 2, 5), għax taf li dn hi t-triq i twassal fid-dar ta' "Missier il-ħniena" (ara 2 Kor 1, 3).

L-XIV-il Jim taż-Żgħażagħ li din is-sena se jiġi ċċelebrat fil-Knejjes lokali hu l-aħħar wieħed qabel il-Ġublew il-Kbir. u għalhekk għandu importanza speċjali bħala tħejjija għas-Sena Mqaddsa tal-2000. Jien nitlob li tkun okkażżjoni għal kull wieħed u waħda minnkom għal laqgħa mill-ġdid mal-Mulej tal-ħajja u mal-Knisja tiegħu.

Nafda f'idejn Marija l-mixi tagħkom u nitlobha tħejji qlubkom biex tilqgħu l-grazzja ta' Alla l-Missier, biex tkunu xhieda ta' mħabbtu.

B'dawn il-ħsibijiet, bix-xewqa għalikom ta' sena għanja fil-fidi u f'impenn evanġeliku, minn qalbi nagħti l-barka appostolika tiegħi lilkom ilkoll.

Mill-Vatikan, 6 ta' Jannar 1999, solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej.

**Ioannes Paulus pp II**

# Messaġġ tal-Papa għat-XXVI Jum Dinji ta' Talb għal-Vokazzjonijiet

**25 ta' April, 1999**

## Il-Missier isejjaħ għall-ħajja ta' dejjem

Ħuti meqjuma fl-Episkopat

Ħuti għeżież fid-dinja kollha

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fil-25 ta' April 1999, fir-raba' Ħadd ta' l-Għid, hi stedina li ssir kull sena biex niftakru f'aspett fondamentali tal-ħajja tal-Knisja: is-sejħa għall-ministeru ordnat u għall-ħajja konsagrata.

Fil-mixja ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir, is-sena 1999, "trid twessa l-orizzont ta' dawk li jemmnu skond il-qjies ta' Kristu: il-qjies tal-Missier li hu fis-smewwiet (*Tertio Millennio Adveniente*, 49) u tistedinhom jaħsbu fuq il-vokazzjoni li hi fl-orizzont tassew ta' kull qalb tal-bniedem: il-ħajja ta' dejjem.

Hu proprju fid-dawl ta' dan li tidher l-importanza kollha tal-vokazzjoni għas-saċerdozju u għall-ħajja konsagrata, li bihom il-Missier tas-sema, li minnu tiġi "kull ħaġa tajba u kull don perfett" (Ġak 1, 17), ikompli jagħni l-Knisja tiegħu.

Minn qalbna joħroġ innu ta' radd il-ħajr: "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu" (Ef 1, 3) għad-don, ukoll f'dan is-seklu, li hu riesaq għat-tmiem tiegħu, ta' għadd bla qies ta' vokazzjonijiet għas-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja konsagrata fil-ħafna suriet tagħha.

Alla jkompli juri ruħu bħala Missier permezz ta' rġiel u nisa li mqanqlin mill-qawwa ta' l-Ispirtu, taw xhieda, bi kliemhom u b'għemilhom, xi kull tant saħansitra bil-martirju, tad-dedikazzjoni tagħhom bla qjies għall-qadi ta' ħuthom. Permezz tal-ministeru ordnat ta' l-Isqfijiet, tas-saċerdoti u tad-djakni, il-Missier jagħtina garanzija għal dejjem tal-presenza ta' Kristu l-Feddej (ara *Christifideles laici*, 22) u hekk ikabbar il-Knisja bil-qadi dedikat tagħhom fl-għaqda ta' ġisem wieħed u fil-varjetà ta' vokazzjonijiet, ministeri u karizmi.

Il-Missier sawwab l-Ispirtu tiegħu bil-kotra fuq l-ulied adottivi tiegħu, huwa u juri fil-ħafna suriet tal-ħajja konsagrata l-imħabba tiegħu ta'

Missier, li biha jrid iħaddan il-ġens kollu tal-bnedmin. L-imħabba tiegħu hi mħabba li taf tistenna bis-sabar u tilqa' bil-ferħ lil min kien tbiegħed 'il bogħod, li trawwem u tikkorreġi, li taqta' l-ġuħ ta' min hu mxennaq għall-imħabba. Ma jieqaf qatt juri t-tamiet tal-ħajja ta' dejjem, li jiftħu l-qalb għal kull tama, ukoll fost ħafna diffikultajiet, tbatija u mewt, speċjalment ta' dawk li jħallu kollox biex imorru wara Ġesù, u joffru lilhom infushom kollhom kemm huma ħa tiġi s-Saltna tiegħu.

Fl-1999, sena dedikata lill-Missier tas-sema, nixtieq nistieden lill-insara kollha biex jaħsbu fuq il-vokazzjonijiet għax-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja konsagrata, huma u jgħidu t-talba li l-Mulej innifsu għallimna għas-salvazzjoni tagħna.

## Missierna li inti fis-smewwiet

Meta aħna nsejħu lil Alla l-Missier, inkunu qed nistqarru li l-imħabba tiegħu hi għajn ta' ħajja. Fil-Missier tas-sema l-popli li huma msejħin biex ikunu wliedu jintebħu li ġew magħżulin "sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex ikunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" (Ef 1, 4). Il-Konċilju Vatikan II ifakkarna li Kristu *fir-rivelazzjoni tal-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu, juri kollu kemm hu l-bniedem fih innifsu u joħroġ għad-dawl is-sejħa għolja tiegħu* (*Gaudium et spes*, 22). Għall-persuna li temmen, il-fedeltà lejn Alla hi garanzija tal-fedeltà tiegħu lejh innifsu u, b'xi mod, is-sħuħija kollha kemm hi tal-pjan tiegħu għall-ħajja.

Kull vokazzjoni għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija, meta n-nisrani *jitwieled mill-Ispirtu s-Santu* (I Ġw 3, 5) u jiġi msieħeb fil-ġrajja tal-grazzja li wriet lil Ġesù f'xatt il-Ġordan bħala l-*iben għażiż* li fih il-Missier sab l-għaxqa tiegħu (ara Lq 1, 22). Il-Magħmudija hi l-għajn tal-frott kollu veru li tagħti kull vokazzjoni nisranija. Għalhekk jeħtieġ li bl-għaqal kollu nwasslu l-katekumeni u t-tfal biex jagħarfu mill-ġdid x'inhi l-Magħmudija u hekk iwaqqfu relazzjoni vera ta' wlied ma' Alla l-Missier.

## Jitqaddes ismek

Il-vokazzjoni li tkun *qaddis għax hu qaddis* (Lev 11, 44) isseħħ meta jingħata lil Alla l-ġieħ li jkun jistħoqqlu. Fi żmienna, li hu żmien sekolarizzat iżda wkoll imsaħħar mit-tfittix ta' dak li hu qaddis, hemm ħtieġa kbira ta' qaddisin li, huma u jagħtu l-ewwel post lil Alla f'ħajjithom, bil-ħeġġa kollha ta' qalbhom, juru bid-dieher il-presenza tiegħu kollha mħabba u provvidenzjali.

Il-qdusija, li hi don li għandna nitolbuh ta' spiss, hi t-tweġiba l-aktar għażiża u effettiva għall-ġuħ li għandha d-dinja llum tat-tama u tal-ħajja. Il-bnedmin iridu saċerdoti qaddisa u erwieħ konsagrati li jgħixu kuljum l-offerta tagħhom infushom lil Alla u lill għajrhom; missirijiet u ommijiet li bejn l-erba' ħitan ta' darhom jagħtu xhieda tal-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ, u hekk iqanqlu f'kull min miegħu jiltaqgħu x-xewqa li jħarsu l-pjan ta' Alla għall-familja; żgħażagħ li personalment sabu 'l Kristu u nġibdu minnu hekk li ħajru lil sħabhom biex iħabirku għall-kawża ta' l-Evanġelju.

## Tiġi saltnatek

Il-qdusija tfisser is-*Saltna ta' Alla* li Ġesù wera simbolikament bħala pranzu ta' ferħ bla qjies li għalih kulħadd hu mistieden, iżda jidħlu biss dawk lebsin *il-libsa tat-tieġ* tal-grazzja.

L-invokazzjoni *Tiġi saltnatek* tħeġġeġ għall-konversjoni u tfakkar li l-jum tal-bniedem fid-dinja jrid ikun jum li fih ma tieqaf qatt it-tfittxija kuljum tas-Saltna ta' Alla qabel kollox u fuq kollox. Din l-invokazzjoni tistedinna naħarbu mid-dinja tal-kliem fieragħ, biex, bis-sinċerità kollha, nilħqu l-inpenn li għalih qed isejħilna l-Mulej, minkejja kull diffikultà u kull tfixkil.

Meta nitolbu lill-Mulej u ngħidulu *Tiġi saltnatek*, inkunu qed nibnu, fost affarijiet oħra d-dar ta' Alla, aħna u ngħixu u naħdmu skond l-Evanġelju u nħobbu skond l-Evanġelju ta' Ġesù; fl-istess waqt inkunu qed nagħrfu li s-saltna hi *ż-żerriegħa żgħira* mimlija b'qawwa ta' ħajja li ħadd ma jista' jobsorha, imma dejjem f'qagħda li tiġi mwarrba u mgħaffġa.

Dawk li huma msejħin għas-saċerdozju jew għall-ħajja konsagrata jistgħu jilqgħu ż-żerriegħa tal-vokazzjoni, li Alla jiżra' f'qalbhom, bis-sinċerità u l-ġenerożità kollha. Il-Missier, huwa u sejħilhom biex jimxu wara Kristu, ħielsa minn kull irbit ieħor, jistedinhom biex ikunu appostli ferrieħa u ħielsa tas-Saltna. Meta jwieġbu bis-sinċerità kollha għal din is-sejħa, huma jsibu dak il-hena li qalbhom tant tixtieq.

## Ikun dak li trid int

Ġesù qal: "*L-Ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu*" (Ġw 4, 34). B'dan il-kliem Ġesù wera li l-pjan personali ta' l-eżistenza hu miktub fil-pjan provvidenzjali tal-Missier. Biex dan nagħrfuh, irridu mwarrbu tifsira żżejjed materjali tal-ħajja, u nraw f'Alla l-pedament u t-tifsira ta' l-istess eżistenza tagħna. Fuq kollox

il-vokazzjoni hi don ta' Alla: mhux aħna nagħżluha, imma niġu magħżulin; hi tweġiba għall-imħabba li jkun hemm qabel is-sejħa u tkun imsieħba magħha. Għal min joqgħod għar-rieda tal-Mulej, il-ħajja ssir ġid li ngħata, li minn natura tiegħu stess jinbidel f'offerta u don.

## Ħobżna ta' kuljum agħtina llum

Ġesù għamel ir-rieda tal-Missier l-ikel tiegħu ta' kuljum (ara Ġw 4, 34) u stieden lil tiegħu biex iduqu dan il-ħobż li jaqta' l-ġuħ ta' l-ispirtu, il-ħobż tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija.

Nitgħallmu, fuq l-eżempju ta' Marija, inħejju qalbna għat-tama, u nifthuha għall-imħabba bla qjies ta' Alla, li jagħtina li nifirħu bil-hena u l-ħajr. Għal dawk li jwieġbu bis-sinċerità kollha għall-istedina tal-Mulej, ir-riżq it-tajjeb u r-riżq tal-ħajja b'xi mod isiru suġġett ta' diskussjoni konfidenzjali ma' Alla l-Missier, u okkażjoni għall-għarfien dejjem sejjer ta' l-identità tagħhom ta' wlied maħbuba, imsejħin biex jissieħbu, bi dmir speċifiku u personali, fil-ħidma kbira għas-salvazzjoni tad-dinja, li bdiha Kristu u qed tkompliha l-Knisja.

## Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina

Il-maħfra u r-rikonċiljazzjoni huma don kbir li daħal fid-dinja meta Ġesù, mibgħut mill-Missier, ħabbar bid-dieher *is-sena tal-grazzja tal-Mulej* (Lq 4, 19). Sar *ħabib tal-midinbin* (Mt 11, 19), ta' ħajtu għall-*maħfra tad-dnubiet* (Mt 25, 28), u fl-aħħar bagħat lid-dixxipli tiegħu sa truf l-art iħabbru l-indiema u l-maħfra.

Alla, li jaf x'inhi d-dgħufija tal-bniedem, ħejja t-triq tal-ħniena u tal-maħfra għall-bniedem, biex tinqasam bejn tnejn: wieħed jinħafer u l-ieħor jaħfer, biex is-sinjali li juru, fil-ħajja mġedda tal-grazzja min huma tassew l-ulied veri tal-Missier tas-sema.

## La ddaħħalniex fit-tiġrib iżda eħlisna mid-deni

Il-ħajja tan-nisrani hi ħelsien dejjem sejjer mid-deni u d-dnub. Permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, is-setgħa ta' Alla u tal-qdusija tiegħu jingħataw b'qawwa ġdida li titwassal għal-libertà li tħobb, bir-rebħa tat-tajjeb.

Il-ġlieda kontra l-ħażen, li Kristu ġġiliedha bil-qawwa kollha, illum hi fdata lill-Knisja u lil kull nisrani skond il-vokazzjoni, il-kariżma u l-ministeru ta' kull wieħed. Hemm ħidma fondamentali fdata biss lil dawk li ġew magħżulin għall-ministeru ordnat, jiġifieri l-Isqfijiet, is-saċerdoti u djakni. Iżda għajnuna m'hemmx oħra bħalha, tingħata, barra minn oħrajn, mill-istituti ta' ħajja konsagrata li l-membri tagħhom "juru fil-konsagrazzjoni u fid-dedikazzjoni sħiħa tagħhom, il-presenza kollha mħabba u ħajja ta' Kristu, Dak li ġie konsagrat mill-Missier u mibgħut b'missjoni (*Vita consacrata*, 76).

Kif jista' jkun li ma nurux l-importanza tal-promozzjoni tal-vokazzjonijiet għall-ministeru ordnat u għall-ħajja konsagrata, li għandha tkun l-impenn sħiħ tal-Knisja kollha kemm hi u ta' kull nisrani? Il-Mulej ordnalhom biex *jitolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu* (Mt 9, 38).

Għax nafu dan, nitolbu lill-Missier tas-sema, li minnu tiġina kull ħaġa tajba, u ngħidulu:

Missier it-tjieba,
fi Kristu Ibnek
urejtna mħabbtek
u tajtna li nagħrfu
fir-rieda tiegħek
is-sinjal tal-wiċċ veru tiegħek.

Missier qaddis, int tistedinna biex inkunu qaddisin.
nitolbuk, tħalli qatt il-Knisja tiegħek
nieqsa minn ministri u appostli qaddisin
li bil-kelma u bis-sagramenti
juru t-triq għal-laqgħa miegħek.

Missier ħanin,
lil-umanità mitlufa
agħti rġiel u nisa, li,
bix-xhieda ta' ħajja mibdula,
skond ix-xbieha ta' Ibnek,
kollhom ferħana, jimxu fit-triq,
flimkien ma' ħuthom kollha,
lejn pajjiżna fis-sema.

Missierna
b'leħen l-Ispirtu qaddis tiegħek,
u b'fiduċja sħiħa fl-interċessjoni ta' Marija Ommna,
bil-ħrara kollha nitolbuk:
ibgħat fil-Knisja tiegħek
saċerdoti li jkunu xhieda qalbiena
tat-tjieba bla qjies tiegħek. Amen.

Mill-Vatikan, l-ewwel Ħadd ta' Ottubru 1998, tifkira ta' Santa Tereżà tal-Bambin Ġesù, Duttur tal-Knisja.

**Ioannes Paulus PP. II**

# Incarnationis Mysterium

## Bulla ta' Indizzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000

ĠWANNI PAWLU ISQOF
QADDEJ TAL-QADDEJJA TA' ALLA
SAĦĦA U BARKA APPOSTOLIKA
LILL-INSARA KOLLHA
MEXJIN LEJN IT-TIELET MILLENNJU

1. Il-Knisja, hija u tikkontempla l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla, qed tħejji ruħha biex taqsam l-għatba tat-tielet millennju. Qatt daqs illum ma nħossu l-ħtieġa li nagħmlu tagħna l-innu ta' tifħir u radd il-ħajr ta' l-Appostlu: "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu: li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu ... Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu; il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet, jiġifieri li kollox jinġabar taħt Ras waħda li hu Kristu, kull ma hu fis-sema u kull ma hu fl-art" (Ef 1, 3-5, 9-10).

Dan il-kliem jurina sewwa li f'Ġesù Kristu l-ġrajja tas-salvazzjoni tilħaq il-qofol tagħha u t-tifsir finali tagħha. Fih, aħna lkoll irċevejna "grazzja fuq grazzja" (Gw 1, 16), għax tħabbibna mal-Missier (ara Rum 5, 10; 2 Kor 5, 18).

It-twelid ta' Ġesù f'Betlehem m'hijiex ġrajja li titħalla għall-imgħoddi, issejjaħ lilu: żmienna u l-ġejjieni tad-dinja huma mdawwlin bil-preżenza tiegħu. Hu "il-Ħaj" (apok 1, 18), "dak li hu, u li kien, u għad irid jiġi" (Apok 1, 4). Quddiemu trid tiltewa kull irkoppa, fis-smewwiet, fuq l-art, u taħt l-art u kull ilsien jistqarr li Kristu hu l-Mulej (ara Fil 2, 10-11). Fil-laqgħa ma' Kristu, kull bniedem għandu jsib il-misteru ta' ħajtu.[1]

Kristu hu l-veru tiġdid li jisboq kull ma jista' jittama l-bniedem, u hekk se jibqa' għal dejjem, minn żmien għal żmien. L-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla u s-salvazzjoni li kisbilna bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-

imwiet huma l-kriterju veru li bih naraw is-siwi ta' kull ma jiġri fiż-żmien u ta' kull sforz li jsir biex il-ħajja tal-bniedem tkun aktar umana.

2. Il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 hu qrib tagħna ħafna. Sa mill-ewwel enċiklika tiegħi, *Redemptor hominis* ħarist lejn l-okkażżjoni tal-lum bil-ħsieb biss li nħejji lil kulħadd ħa joqgħod għall-ħidmiet ta' l-Ispirtu.[2] Il-Ġublew se jiġi ċelebrat fl-istess żmien f'Ruma u fil-Knejjes partikulari imxerrdin mad-dinja, u se jkollu żewġ ċentri: waħda, fil-Belt li l-provvidenza ta' Alla għażlet biex tkun is-sede tas-suċċessur ta' San Pietru, u l-oħra l-Art Imqaddsa, fejn l-Iben ta' Alla twieled bħala bniedem, u ħa l-ġisem minn Verġni jisimha Marija (ara Lq 1, 27). Bl-istess dinjità u bl-istess tifsir, il-Ġublew se jiġi ċelebrat mhux biss f'Ruma imma wkoll fl-Art li bir-raġun kollu tissejjaħ Mqaddsa għax hemm twieled u miet Ġesù. Dik l-Art, fejn dehret l-ewwel komunità nisranija, hi l-post fejn Alla wera lilu nnifsu lill-ġens tal-bnedmin. Hi l-Art Imwegħda li fasslet il-ġrajja tal-poplu Lhudi u hi wkoll meqjuma minn dawk li jħaddnu l-Islam. Jalla l-Ġublew iservi biex iġib 'il quddiem djalogu bejnietna biex aħna lkoll flimkien – Insara, Lhud, Misilmin – nagħtu lil xulxin sinjal ta' paċi f'Ġerusalemm.[3]

Żmien il-Ġublew għandu jwassalna għal dak il-kliem qawwi li Alla juża fil-pedagoġija tiegħu għas-salvazzjoni biex iwassalna għall-konversjoni u l-indiema. Dan hu l-bidu u l-fejqan tal-bniedem u l-kondizzjoni meħtieġa biex jikseb dak li bil-ħila tiegħu biss qatt ma kien se jikseb: il-ħbiberija ma' Alla u l-grazzja, il-ħajja soprannaturali li biss tista' twassal għat-tmiem tagħhom l-ogħla xewqat tal-qalb tal-bniedem.

Il-miġja tat-tielet Millennju twassal lill-komunità nisranija biex terfa' l-ħarsa tagħha ta' fidi ħa tħaddan magħha orizzonti ġodda hija u tħabbar is-Saltna ta' Alla. Hu importanti għalhekk li f'dan iż-żmien speċjali li nerġgħu lura b'fedeltà akbar għat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, li ta dawl ġdid lill-*ħidma missjunarja tal-Knisja,* minħabba l-ħtieġa ta' l-evanġelizzazzjoni llum. Fil-Konċilju, il-Knisja għarfet aktar fil-fond kemm il-misteru tagħha stess u kemm il-missjoni appostolika li fdalha l-Mulej. Dan l-għarfien jimpenja lill-komunità ta' l-insara biex jgħixu fid-dinja, huma u jagħrfu li għandhom ikunu "l-ħmira u, biex ngħid hekk, ir-ruħ tas-soċjetà tal-bnedmin, imsejħa biex tiġġedded fi Kristu u mibdula f'familja ta' Alla".[4] Biex dan l-impenn iseħħ tassew, il-Knisja trid iżżomm sħiħ l-għaqda tagħha u tikber fil-ħajja tax-xirka.[5] Il-Ġublew għandu jkun qawwa liema bħalha ħa jinkiseb dan il-għan.

Il-mixja ta' dawk li jemmnu lejn it-tielet Millennju bl-ebda mod ma hi mtaqqla mill-għeja li l-piż ta' elfejn sena jġibu magħhom. Għall-kuntrarju,

l-insara jħossu li tqawwew għax qed iwasslu lid-dinja d-dawl veru, Kristu l-Mulej. Hija u xxandar li Ġesù ta' Nazaret, veru Alla u bniedem perfett, il-Knisja tħabbar lill-ġnus kollha li jistgħu jkunu "divinizzati", u għalhekk aktar bnedmin.[6] Din hi t-triq waħdanija li tista' twassal lid-dinja biex issib il-vokazzjoni għolja tagħha u tiksibha kollha kemm hi fis-salvazzjoni mogħtija minn Alla.

3. Il-Knejjes partikulari li tul is-snin ta' tħejjija mill-qrib għall-Ġublew il-Kbir, wieġbu għall-Ittra tiegħi *Tertio Millennio Adveniente* b'talb, katekeżi u ħidma pastorali ta' ħafna suriet, qed iħejju ruħhom għal din iċ-ċelebrazzjoni li se twassal il-Knisja kollha għall-żmien ġdid ta' grazzja u missjoni. Il-Ġublew li issa hu hekk fil-qrib qed iqanqal u jqawwi l-interess ta' dawk li qed ifittxu sinjali li jgħinuhom jagħarfu ħjiel tal-preżenza ta' Alla fi żmienna.

Is-snin ta' tħejjija għall-Ġublew tqegħdu taħt il-ħarsien tat-Trinità Qaddisa: bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, lejn Alla l-Missier. Il-mixja tal-fidi għandha kemm il-bidu u kemm it-tmiem tagħha fil-misteru tat-Trinità u fl-aħħar naslu biex naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ għal dejjem ta' dejjem. Meta niċċelebraw l-Inkarnazzjoni, ħarsitna tmur fuq il-misteru tat-Trinità. Ġesù ta' Nazaret, li wriena l-Missier, temm ix-xewqa moħbija fil-qalb tal-bniedem li jagħraf lil Alla: dak li l-ħolqien żamm bħala siġill minqux fih minn id Alla l-Ħallieq u li l-Profeti ta' l-imgħoddi ħabbru bħala wegħda, ġie rivelat minn Kristu.[8]

Ġesù jirrivelalna l-wiċċ ta' Alla "li jaf jagħder u hu ħanin" (Ġak 5, 11) u bil-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu għarrafna l-misteru ta' l-imħabba li hi t-Trinità. Hu l-Ispirtu ta' Kristu li jaħdem fil-Knisja u fl-istorja: irridu nisimgħu lilu biex nagħarfu s-sinjali taż-żminijiet ġodda u biex it-tama tat-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja dejjem aktar tħeġġeġ qlub l-insara. Is-Sena Mqaddsa għalhekk trid tkun innu dejjem sejjer ta' radd il-ħajr lit-Trinità Qaddisa, Alla l-Għoli. Hawn għandna l-għajnuna ta' l-estru poetiku ta' San Girgor Nazjanzenu, it-Teologu:

Glorja lil Alla l-Missier
u lil Ibnu, is-sultan ta' l-univers,
Glorja lill-Ispirtu
li jistħoqqlu kull tifħir u kollu qdusija:
It-Trinità hi Alla waħdu
li ħalaq u mela kollox
is-smewwiet u l-ħlejjaq tas-sema,
l-art u l-ħlejjaq ta' l-art,

il-baħar, ix-xmajjar u n-nixxiegħat
mal-ħlejjaq ta' l-ilmijiet,
li jagħti l-ħajja lil kollox bl-Ispirtu tiegħu,
biex il-ħlejjaq kollha
jistgħu jgħannu t-tifħir tal-Ħallieq għaref tagħhom
li waħdu jagħti l-ħajja u jżomm lil kull ħaj.
Jalla l-ħlejjaq kollha li għandhom ir-raġuni,
aktar mill-oħrajn kollha,
dejjem jiċċelebrawh bħala Sultan kbir u Missier maħbub.[9]

4. Jalla dan l-innu lit-Trinità għall-Inkarnazzjoni ta' l-Iben jitlissen għalenija minn dawk kollha li ġew mgħammdin u għandhom l-istess fidi fil-Mulej Ġesù. Jalla l-karattru ekumeniku tal-Ġublew ikun sinjal konkret tal-mixja l-aktar f'dawn l-aħħar għaxriet ta' snin, li għamlu l-Knejjes differenti u l-Komunitajiet ekklesjali ... Biss jekk nagħtu widen għal dak li qed jgħid l-Ispirtu, inkunu nistgħu nuru viżibilment f'xirka sħiħa il-grazzja ta' wlied adottivi li toħroġ mill-magħmudija: aħna lkoll ulied Missier wieħed. Is-sejħa ta' sfida ta' l-Appostlu qed tidwi għalina wkoll illum: "Ġisem wieħed u ruħ waħda l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd b'kulħadd, u f'kulħadd" (Ef 4, 4-6). Nagħmlu tagħna kliem San Irinew: wara li rcevejna l-Kelma ta' Alla bħala xita mis-sema, ma nistgħux inħallu lilna nfusna nuru lid-dinja xbieha ta' art bil-għatx; u lanqas qatt ma nistgħu nippretendu li aħna ħobża waħda jekk ma nħallux id-dqiq mxerred jingħaqad ħaġa waħda bl-ilma li ssawwab fuqna".[10]

Kull sena ta' Ġublew hi qisha stedina għal festa ta' tieġ. Mill-Knejjes differenti u mill-komunitajiet ekklesjali kollha tad-dinja, ħa nħaffu lkoll għall-festa li qed titħejja; ħa nġibu magħna kull ma ġa jgħaqqadna u b'ħarsitna biss fi Kristu ejjew nikbru fl-għaqda li hi frott ta' l-Ispirtu. Id-dmir ta' l-Isqof ta' Ruma bħalissa, bħala suċċessur ta' San Pietru, hu li jinsisti aktar bl-istedina tiegħu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew, biex l-elfejn anniversarju tal-misteru ċentrali tal-fidi nisranija inħossuha bħala mixja ta' rikonċiljazzjoni u sinjal ta' tama vera għal dawk kollha li jħarsu lejn Kristu u l-Knisja tiegħu, "is-sagrament ta' l-għaqda intima ma' Alla u ta' l-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin".[11]

5. F'kemm tifkiriet storiċi jfakkarna l-Ġublew! Nistgħu nitakru fis-sena 1300 meta l-Papa Bonifazju VIII, biex jilqa' x-xewqa tal-poplu ta' Ruma,

bis-solennità kollha ta bidu għall-ewwel Ġublew fl-istorja. Reġa' qajjem it-tradizzjoni antika li tingħata kotra ta' maħfra u sliem lil kull min iżur il-Bażilka ta' San Pietru fil-Belt eterna u ried "jagħti maħfra ta' dnubiet mhux biss kotrana, imma wkoll sħiħa".[12] Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Knisja dejjem iċċelebrat Ġublewijiet bħala mixjiet li jfissru ħafna li jwasslu għall-milja ta' Kristu.

L-istorja turina b'liema entużjażmu l-Poplu ta' Alla għex il-Ġublewijiet, għax kien jarahom bħala żmenijiet meta l-istedina ta' Kristu għall-konversjoni tinħass aktar fil-fond. F'din l-esperjenza twila saru abbużi u kien hemm nuqqas ta' ftehim, iżda x-xhieda ta' fidi ħajja u ta' mħabba sinċiera kienu dejjem aqwa. Xhud li hu ta' eżempju għalina kien San Filippu Neri li, fil-Ġublew tas-sena 1550, waqqaf "il-karità Rumana" bħala sinjal li jidher ta' merħba lill-pellegrini. Nistgħu ntennu ġrajja twila ta' qdusija jekk nitkellmu fuq l-esperjenzi tal-Ġublewijiet u fuq il-ħafna frott ta' konversjoni li l-grazzja tal-maħfra ħolqot f'tant insara.

6. Tul il-pontifikat tiegħi kelli x-xorti li nħabbar fl-1983 il-Ġublew straordinarju tal-1940 sena mill-Fidwa tal-bniedem. Dan il-misteru, li seħħ bil-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja tal-Mulej Ġesù, hu tifkira ta' ġrajja li kellha l-bidu tagħha fl-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla. Il-Ġublew li ġej, għalhekk, jixraqlu jissejjaħ Kbir, u l-Knisja trid turi x-xewqa ħerqana tagħha li tħaddan magħha lil dawk kollha li jemmnu biex toffrilhom il-ferħ tar-rikonċiljazzjoni. Mill-Knisja kollha jitla' innu ta' tifħir u ta' radd il-ħajr lill-Missier, li fil-kobor bla qjies ta' mħabbtu, tana fi Kristu li nkunu "ċittadini flimkien ma' qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla" (Ef 2, 19). Fl-okkażjoni ta' din il-festa kbira hemm stedina għal dawk li jħaddnu reliġjonijiet oħra u għal dawk li huma 'l bogħod ħafna mit-twemmin f'Alla, biex jaqsmu magħna l-ferħ tagħna. Bħala fil-familja kollha tal-bnedmin ejjew naqsmu flimkien l-għatba tal-millennju l-ġdid li se jitlob minna lkoll sforz u responsabbiltà kbira.

Għalina li nemmnu s-sena tal-Ġublew se turina l-importanza tal-Fidwa li seħħet bil-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Wara din il-Mewt ħadd ma jista' jinfired mill-imħabba ta' Alla (ara Rum 8, 2) jekk mhux b'tort tiegħu. Il-grazzja tal-ħniena qiegħda hemm għal kulħadd biex dawk kollha li tħabbu mal-Mulej, ukoll "isalvaw permezz tal-ħajja tiegħu" (Rum 5, 10).

Għalhekk niddekreta li *l-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 jibda lejlet il-Milied 1999*, bil-ftuħ tal-bieb imqaddes fil-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan, ftit sigħat qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni li għandha ssir f'Ġerusalemm u f'Betlehem u l-ftuħ tal-bieb imqaddes tal-Bażilki patrijarkali l-oħra ta' Ruma. Fil-Bażilka ta' San Pawl, il-bieb imqaddes jinfetaħ it-Tlieta, 18 ta'

Jannar, meta jibda l-Ottavarju għall-għaqda ta' l-insara, biex b'dan il-mod jitwera sewwa l-karattru ekumeniku distintiv ta' dan il-Ġublew.

Niddekreta wkoll li fil-Knejjes partikulari l-Ġublew jibda fil-jum qaddis tal-Milied tal-Mulej Ġesù, b'liturġija Ewkaristika solenni, presjeduta mill-Isqof djoċesan fil-Kattidral, u fil-Konkattidral fejn l-Isqof djoċesan jiddelega lil xi ħadd biex jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni. Għaliex ir-rit tal-ftuħ bil-bieb imqaddes hu rit proprju tal-Bażilka tal-Vatikan u tal-Bażilki Patrijarkali l-oħra ta' Ruma, jaqbel li l-ftuħ tal-Ġublew f'kull djoċesi jibda bi *statio* f'xi knisja biex minnha mbagħad issir purċissjoni lejn il-Kattidral, b'qima liturġika tal-Ktieb ta' l-Evanġelji, u qari ta' parti mill-Bulla skond id-direttivi tar-"Ritwal għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir fil-Knejjes Partikulari".

Jalla l-Milied tas-sena 1999 ikun għal kulħadd festa kollha dwal, il-bidu ta' esperjenza ta' grazzja u ta' ħniena ta' Alla, li tkompli sejra *sa kemm tagħlaq is-sena tal-Ġublew nhar l-Epifanija tal-Mulej Ġesù fis-6 ta' Jannar, 2001*. Jalla l-insara kollha jilqgħu l-istedina ta' l-anġli li bla heda jħabbru: "Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin kollha li fihom Alla jsib l-għaxqa tiegħu" (ara Lq 2, 14). B'hekk żmien il-Milied ikun il-qalb tħabbat tas-Sena Mqaddsa, hija u tagħti lill-ħajja tal-Knisja kotra ta' doni ta' l-Ispirtu s-Santu għall-evanġelizzazzjoni ġdida.

7. L-Istitut tal-Ġublew, tul il-ġrajja kollha tiegħu stagħna b'sinjali li jagħtu xhieda ta' fidi u jkattru d-devozzjoni tal-poplu nisrani. L-ewwel fost dawn is-sinjali hu l-*pellegrinaġġ* li hu marbut mal-qagħda tal-bniedem, li lest iqies ħajtu bħala mixja. Mit-twelid sal-mewt, il-qagħda ta' kull individwu hi dik ta' *homo viator* (vjaġġatur). L-Iskrittura min-naħa tagħha spiss tagħti xhieda tat-tifsir speċjali li għandu t-tluq lejn postijiet imqaddsa. Kien hemm it-tradizzjoni fost l-Israelin li jmorru pellegrinaġġ lejn il-belt fejn kienet tinżamm l-Arka tal-Patt, jew biex iżuru s-santwarju ta' Bethel (ara Mhal 20, 18), jew is-santwarju ta' Silo fejn instemgħet it-talba ta' Anna, omm Samwel. Ġesù wkoll, huwa u joqgħod minn rajh għal dak li kienet titlob il-liġi, mar ma' Marija u Ġużeppi f'pellegrinaġġ lejn il-belt imqaddsa ta' Ġerusalemm (ara Lq 2, 41). Il-ġrajja tal-Knisja hija rakkont ħaj ta' pellegrinaġġ li għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Il-vjaġġ lejn il-belt ta' San Pietru u San Pawl, lejn l-Art Imqaddsa, lejn is-santwarji antiki u ġodda dedikati lill-Madonna u lill-Qaddisin: dan huwa l-għan ta' għadd bla qjies ta' nsara li jmantnu b'dan il-mod id-devozzjoni tagħhom.

Il-pellegrinaġġi dejjem kellhom sehem ifisser ħafna fil-ħajja ta' l-insara, għalkemm kellhom suriet kulturali differenti tul iż-żminijiet. Pellegrinaġġ hu tifkira personali tan-nisrani fil-mixi tiegħu wara Kristu l-Feddej: hu għemil ta' axetiżmu prattiku, ta' ndiema għad-dgħufija tal-bniedem, ta' għassa dejjem sejra fuq in-nuqqasijiet ta' dak li jkun, ta' tħejjija minn

ġewwa għall-bidla tal-qalb. B'sahriet, sawm u talb, il-pellegrin jimxi 'l quddiem tul it-triq tal-perfezzjoni nisranija, huwa u jitħabat biex isir, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, "raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu, u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (Ef 4, 13).

8. Barra s-sinjal tal-pellegrinaġġ, hemm is-sinjal tal-*bieb imqaddes,* li nfetah għall-ewwel darba fil-Bażilka tas-Salvatur fil-Lateran fis-sena tal-Ġublew tal-1423. Dan il- bieb ifakkarna fil-mogħdija mid-dnub għall-grazzja li kull nisrani hu msejjaħ biex jagħmel. Ġesù qal: "Jiena l-bieb" (Ġw 10, 7) biex jurina b'mod l-aktar ċar li ħadd ma jista' jmur għand il-Missier jekk mhux bih. Il-fatt li Ġesù jgħid li huwa bieb jixhed li hu waħdu s-Salvatur mibgħut mill-Missier. Triq waħda hemm li tiftah berah id-dħul għall-ħajja ta' xirka ma' Alla: dan hu Ġesù, it-triq assoluta u waħdanija li twssal għas-salvazzjoni. Għalih biss jista' jingħad il-kliem tas-Salmista fit-tifsir sħiħ kollu tiegħu: "Dan hu bieb il-Mulej: il-ġusti jidħlu minnu" (Salm 118, 20).

Int u taħseb fuq il-bieb, tkun qed tiftakar fir-responsabbiltà li għandu kull nisrani li jaqsam l-għatba tiegħu. Tgħaddi minn dan il-bieb ifisser li int qed tistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej; tkun qed issaħħaħ il-fidi tiegħek fih biex ikollok il-ħajja ġdida li tana. Hi deċiżżjoni li tissopponi libertà fl-għażla u qlubija wkoll li tħalli xi ħaġa warajk, sgur li dak li ksibt huwa l-ħajja ta' dejjem (ara Mt 13, 44-46). Hu b'dan l-ispirtu li l-Papa jkun l-ewwel wieħed li jgħaddi mill-bieb imqaddes fil-lejl bejn 24 u l-25 ta' Diċembru 1999. Il-Papa huwa u jgħaddi minn fuq l-għatba, ikun juri lill-Knisja u lid-dinja l-Evanġelju Mqaddes, l-għajn ta' ħajja u ta' tama għat-tielet Millennju li ġej. Kristu jwassalna aktar fil-fond fil-Knisja, Ġismu u Għarusa tiegħu. B'dan il-mod naraw x'għana ta' tifsir għandu kliem San Pietru meta jikteb li, magħqudin ma' Kristu, aħna wkoll ninbnew bħall-ġebel ħaj f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, bix noffru sagrifiċċji li jogħġbu lil Alla (1 Piet 2, 5).

9. Sinjal distintiv ieħor, magħruf sewwa mill-insara, hi l-indulġenza, li hi wieħed mil-elementi kostitutivi tal-Ġublew. L-indulġenza turina l-milja tal-ħniena tal-Misier, li joffri lil kulħadd l-imħabba tiegħu, imfissra l-aktar bil-maħfra tad-dnubiet. Normalment Alla il-Missier jagħti l-maħfra permezz tas-Sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni. Meta wieħed, ħieles u jaf x'qed jagħmel, iċedi quddiem dnub gravi, ikun fil-fatt jinfired mill-ħajja ta' grazzja ma' Alla ikun qed iwarrab lilu nnifsu mill-qdusija li għaliha hu msejjaħ. Il-Knisja, irċeviet mingħand Kristu s-setgħa li taħfer f'ismu (ara Mt 6, 19; Ġw 20, 23), hi fid-dinja l-preżenza ħajja ta' l-imħabba ta' Alla li jitbaxxa lejn kull dgħufija tal-bniedem biex iħaddnu bil-ħniena

tiegħu. Hi proprju bil-ministeru tal-Knisja li Alla jxerred il-ħniena tiegħu fil-Knisja b'dak id-don għażiż li minn żminijiet l-imgħoddija dejjem issejjaħ "indulġenza".

Is-Sagrament tal-Penitenza jagħti lill-midneb "okkażżjoni oħra għall-konversjoni u jikseb il-grazzja tal-ġustifikazzjoni"[15], miksuba bis-sagrifiċċju ta' Kristu. Huwa u jistqarr dnubietu, in-nisrani jikseb tassew il-maħfra u mill-ġdid jista' jieħu sehem fl-Ewkaristija bħala sinjal li reġa' sab ix-xirka mal-Missier u mal-Knisja. Iżda, mill-ewwel żminijiet il-Knisja kienet dejjem konvinta fuq li konvinta li l-maħfra, mogħtija minn Alla minn rajh, titlob bħala konsegwenza vera bidla fil-ħajja, il-qerda bil-mod il-mod tal-ħażen li jkun hemm ġewwa, u tiġdid fis-sura tal-ħajja. L-azzjoni sagramentali kollha tkun imsieħba ma' għemil eżistenzjali, b'tindif sħiħ mill-ħtija, u dan hu proprju dak li jissejjaħ penitenza. Il-maħfra ma tfissirx li dan l-għemil eżistenzjali issa sar żejjed, anzi kiseb tifsir, jiġifieri ġie milqugħ u aċċettat.

Il-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla ma tfissirx li ma baqax aktar effetti tad-dnub li minnhom wieħed irid jissaffa. Hu proprju f'din il-ħaġa li l-indulġenza tikseb l-importanza tagħha għax tfisser "id-don sħiħ tal-ħniena ta' Alla"[16]. Bl-indulġenza, il-midneb jirċievi l-maħfra tal-kastig fiż-żmien li jkun ħaqqu għad-dnubiet li tagħhom inħafret il-ħtija.

10. Id-dnub għax joffendi l-qdusija ta' Alla u l-ġustizzja ta' Alla u jistmerr il-ħbiberija personali ta' Alla mal-bniedem, għandu żewġ effetti. L-ewwelnett jekk hu dnub gravi iġib miegħu ċ-ċaħda tax-xirka ma' Alla, u għalhekk it-telfa ta' kull sehem fil-ħajja ta' dejjem. Iżda lill-midneb niedem Alla, fil-ħniena tiegħu, jaħfirlu d-dnub gravi tiegħu u l-piena eterna li hemm marbuta miegħu.

Imbagħad, "kull dnub, dak venjali wkoll, ifisser rabta m'hijiex sewwa mal-ħlejjaq li trid tissaffa jew f'din id-dinja jew wara l-mewt fil-qagħda li tissejjaħ Purgatorju. Din it-tisfija teħles minn dik li nsejħulha "l-piena taż-żmien" għad-dnub[17], u din it-tpattija tneħħi kull ma jista' jfixkel xirka sħiħa ma' Alla u ma' l-aħwa.

Ir-Rivelazzjoni tgħallimna wkoll li n-nisrani m'huwiex waħdu fit-triq tal-konversjoni. Fi Kristu u bi Kristu, ħajtu hi marbuta b'rabta misterjuża tal-ħajja ta' l-insara kollha fl-għaqda soprannaturali tal-Ġisem mistiku. Dan iġib fost l-insara bdil ta' l-għaġeb ta' doni spiritwali, b'hekk li l-qdusija ta' wieħed tkun ta' ġid wisq aqwa mil-ħsara li d-dnub jagħmel lill-oħrajn. Hemm nies li jħallu warajhom kotra bla qjies ta' mħabba, ta' tbatija mġarrba sewwa, uta' safa u ta' verità, li timpenja u saħħaħ lill-oħrajn. Din hi l-verità tal-"vigarjat" li fuqu hu mibni l-misteru kollu ta' Kristu. L-imħabba bla qjies tiegħu ssalvana lkoll. Iżda hi parti wkoll mill-

kobor ta' l-imħabba ta' Kristu li ma jħalliniex biss nirċievu u ma nagħtu xejn, imma jseħibna miegħu wkoll fil-ħidma salvifika tiegħu, u speċjalment fil-Passjoni tiegħu. Dan jingħad f'dik is-silta magħrufa ta' l-Ittra lil-Kolosin: "jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu, għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1, 24).

Din il-verità għolja hi mfissra b'mod ta' l-għaġeb f'silta mill-Ktieb ta' l-Apokalissi, fejn il-Knisja hi mxebbħa ma' għarusa liebsa għażel fin li jgħammex l-għajnejn. San Ġwann jgħid: "L-għażel fin ifisser l-għemejjel tajba tal-Qaddisin" (Apok 19, 8). Fil-fatt, fil-ħajja tal-Qaddisin, l-għażel fin li jgħammex l-għajnejn hu minsuġ biex isir lbies tal-ħajja ta' dejjem.

Kollox ġej mingħand Kristu, u għax aħna tiegħu, kull ma hu tagħna ikun tiegħu wkoll u jikseb qawwa ta' fejqan. Dan irridu nfissru meta nitkellmu fuq "it-teżori tal-Knisja", li huma l-għemejjel tajba tal-Qaddisin. Meta titlob biex tirbaħ indulġenza int tidħol f'xirka spiritwali u għalhekk tinfetaħ kollok kemm int lejn l-oħrajn. Fis-saltna spiritwali ħadd ma jgħix għalih innifsu biss. U l-ħsieb sabiħ tas-salvazzjoni ta' ruħek hu ħieles mill-biża' u mill-egoiżmu biss meta hu ħsieb ukoll tas-salvazzjoni ta' l-oħrajn. Din hi l-verità tax-xirka tal-Qaddisin, il-misteru tal-"ħajja vigarja, ta' talb bħala mezz ta' għaqda ma' Kristu u l-Qaddisin. Jeħodna miegħu biex miegħu ninsġu l-libsa bajda ta' l-umanità l-ġdida, il-libsa ta' għażel fin li bih imlibbsa l-Għarusa ta' Kristu.

Id-duttrina ta' l-indulġenzi mela turina l-ewwelnett "kemm hu ħażin u morr li tkun tlaqt lill-Mulej Alla tiegħek" (ara Ġer 2, 19). L-insara, meta jirbħu xi indulġenza jifhmu li bil-ħila tagħhom ma jkunux kapaċi jagħmlu tajjeb il-ħażen li jkunu għamlu lilhom infushom bi dnubiethom u wkoll lill-komunità kollha tagħhom, u għalhekk jitqanqlu għal xi għemil ta' umiltà li jsalvahom.[18] Barra dan il-verità dwar ix-xirka tal-Qaddisin li tgħaqqad lil dawk kollha li jemmnu ma' Kristu u ma' xulxin, turina kemm kull wieħed minna jista' jgħin lill-oħrajn – ħajjin u mejtin – ħa jkunu dejjem aktar magħqudin mal-Missier tas-sema.

Jiena u nqies dawn ir-raġunijiet duttrinali u nipprova nifhem x'inhu l-ħsieb tal-Knisja-Omm, niddekreta li tul is-sena kollha tal-Ġublew, l-insara kollha, imħejjijin kif hu xieraq, ikunu jistgħu jiksbu kotra ta' frott bl-użu ta' d-don ta' l-indulġenza, skond id-direttivi li hemm mehmuża ma' din il-Bulla.

11. Dawn is-sinjali ilhom żmien twil jagħmlu parti miċ-ċelebrazzjoni tradizzjonali tal-Ġublewijiet. Il-Poplu ta' Alla mhux se jonqos li jagħraf sinjali oħra tal-ħniena ta' Alla taħdem waqt il-Ġublew. Fl-Ittra Apostolika tiegħi *Tertio Milennio Adveniente* ssuġġerejt xi sinjali li jistgħu jgħinu

lill-insara jgħixu l-grazzja eċċezzjonali tal-Ġublew b'ħeġġa liema bħalha.[19] Infakkarhom hawn fil-qosor. L-ewwelnett, is-sinjal *tat-tisfija tal-memorja*: din hi sejħa għal kulħadd biex juri kuraġġ u umiltà ħalli jagħraf l-iżbalji li saru minn dawk li kellhom jew għandhom l-isem ta' nsara.

Min-natura tagħha stess, is-Sena Mqaddsa hi żmien li fih aħna msejħin għall-konversjoni. Din kienet l-ewwel tħabbira li għamel Ġesù li tfisser ħafna u li hi marbuta mal-ħtieġa tat-twemmin: "Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba" (Mk 1, 15). L-ordni mogħti minn Kristu joħroġ mill-għarfien tal-fatt li "żmien huwa mitmum" (Mk 1, 15). It-tmiem taż-żmien ta' Alla hu stedina għal-konversjoni li l-ewwelnett hi frott tal-grazzja. Hu l-Ispirtu ta' Alla li jimbotta lil kull wieħed minna biex "nidħlu fina nfusna u nagħarfu l-ħtieġa u nerġgħu lura f'dar Missierna" (ara Lq 15, 17-20). L-eżami tal-kuxjenza hu għalhekk wieħed mill-mumenti deċisivi tal-ħajja: iqiegħed lil kull wieħed wiċċ imb'wiċċ ma' ħajtu, u hekk jagħraf kemm huma 'l bogħod l-għemejjel tiegħu mill-ideal li hu fassal għall-ħajtu.

Il-ġrajja tal-Knisja hi ġrajja ta' qdusija. It-Testment il-Ġdid jgħid li din hi l-marka ta' l-imgħammdin: huma "qaddisin", daqskemm huma konsagrati għall-qima ta' Alla waħdu, mifrudin kif huma mid-dinja, li hi taħt is-setgħa tal-ħażin. Fil-fatt din il-qdusija tidher mhux biss fil-ħajja tal-Qaddisin u l-Beati magħrufin mill-Knisja, imma wkoll fil-ħajja ta' kotra bla għadd ta' rġiel u nisa mhux magħrufin li ħadd ma jista' jgħoddhom (ara Apok 7, 9) ... Ħajjithom hi xhieda ta' l-Evanġelju u qed juru lid-dinja sinjal li jidher li l-perfezzjoni hi possibbli. Iżda rridu nammettu li l-istorja ssemmi wkoll ġrajjiet li huma xhieda kontra l-Kristjaneżmu. Minħabba r-rabta li torbotna flimkien fil-Ġisem mistiku aħna lkoll, għalkemm mhux personalment responsabbli, u mingħajr ma nindaħlu fil-ġudizzju ta' Alla li, waħdu jagħraf kull qalb, aħna mgħobbijin bl-iżbalji u l-ħtijiet ta' dawk li ġew qabilna. Iżda aħna wkoll, ulied il-Knisja, dnibna u ma ħallejniex l-Għarusa ta' Kristu tiddi bil-ġmiel kollu tagħha. Dnubna fixkel il-ħidma ta' l-Ispirtu fil-qlub ta' ħafna nies. Il-fidi dgħajfa tagħna waslet lil ħafna biex jaqgħu fl-apatija u tbegħdu minn laqgħa tassew ma' Kristu.

Bħala suċċessur ta' San Pietru nitlob biex f'din is-sena ta' grazzja u ta' ħniena, il-Knisja qawwija bil-qdusija li tirċievi mingħand Sidha, tinżel għarkobbtejha quddiem Alla titlob maħfra għad-dnubiet ta' issa u ta' l-imgħoddi ta' wliedha kollha. Kulħadd dineb – m'hemmx bniedem li ma dinibx quddiem Alla (fara I Slat 8, 46). Ntennu u ngħidu bla biża' ta' xejn "Dnibna" (Ġer 3, 25), iżda ejjew inżommu ħajja fina ċ-ċertezza li "fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-ħajja" (Rum 5, 20).

It-tgħannieqa li l-Missier għandu għall-midinbin niedma li jmorru għandu hi li l-aqwa premju għall-għarfien umli ta' ħtijietna u tal-ħtijiet

ta' l-oħrajn, għarfien mibni fuq il-konvinzjoni li hemm rabta liema bħalha li tgħaqqad flimkien il-membri kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu. L-insara huma mistiedna jistqarru quddiem Alla u quddiem dawk li offendew b'għemilhom il-ħtijiet li għamlu. Ħa jagħmlu dan mingħajr ma jistennew xejn bi tpattija, imma mqawwijin biss "mill-imħabba li ssawwbet fi qlubna" (Rum 5, 5). Fl-istess waqt mhux se jonqsu nies sinċieri lesti biex jammettu li fil-ġrajjiet ta' issa u ta' l-imgħoddi seħħu ġrajjiet ta' twarrib, inġustizzja u persekuzzjoni kontra wlied il-Knisja.

Jalla ħadd f'din is-sena tal-Ġublew ma jkun irid iżomm ruħu 'l bogħod mit-tgħannieqa tal Missier. Jalla ħadd ma jġib ruħu bħall-iben il-kbir tal-parabbola ta' l-Evangelju li ma riedx jidħol id-dar biex jifraħ (ara Lq 14, 25-30). Jalla l-ferħ tal-maħfra ikun aktar qawwi u aktar kbir mir-riżentiment. L-Għarusa tiddi quddiem għajnejn id-dinja bil-ġmiel u l-qdusija li jiġu mill-grazzja ta' Alla. Għall-elfejn sena l-Knisja kienet il-benniena fejn il-Madonna tqiegħed il-Binha Ġesù u tħallih għall-adorazzjoni u għall-kontemplazzjoni tal-ġnus kollha. Jalla l-umiltà ta' l-Għarusa twassal biex tiddi aktar l-glorja u l-qawwa ta' l-Ewkaristija li tiċċelebra u tgħożż f'qalbha. Fix-xbihat tal-Ħobż ikkonsagrat u ta' l-Inbid, Kristu Ġesù, irxoxt u glorifikat, id-dawl tal-ġnus kollha (ara Lq 2, 32) jirrivela r-realtà li dejjem tibqa ta' l-Inkarnazzjoni. Jibqa' ħaj u tassew fostna biex imantni lill-insara bil-Ġisem u d-Demm tiegħu.

Inħarsu mela lejn il-ġejjien. Alla ħanin ma jagħtix kas tad-dnubiet li tagħhom aħna wrejna tassew sogħba (ara Is 38, 17). Issa qed jagħmel ħaġa ġdida u fl-imħabba li taħfer iħabbrilna minn qabel smewwiet ġodda u art ġdida. Għalhekk, biex ikun hemm impenn imġedded ta' xhieda nisranija fid-dinja tal-millennju li ġej ħa tissaħħaħ il-fidi, tikber dejjem aktar it-tama u l-imħabba.

12. Sinjali tal-ħniena ta' Alla li hi meħtieġa sewwa llum hu s-sinjal ta' l-*imħabba* li jiftħilna għajnejna għall-ħtiġijiet tal-foqra u l-imwarrbin. Din hi l-qagħda li qed tolqot taqsimiet kbar tas-soċjetà u qed titfa dell tal-mewt fuq popli sħaħ. Il-ġens kollu tal-bnedmin għandu llum quddiemu suriet ġodda ta' jasar u aktar fini mis-suriet ta' l-imgħoddi: għal ħafna popli il-libertà hi kelma li ma tfisser xejn. Xi nazzjonijiet, dawk l-aktar fqar, huma mġarrbin bi djun hekk kbar li prattikament hu mpossibbli li jħalsuhom. Hi ħaġa ċerta għalhekk li ma jistax ikun hemm progrss tassew jekk tonqos kooperazzjoni effettiva bejn il-popli ta' kull ilsien, razza, nazzjonalità u reliġjon. L-abbużi tas-setgħa li jiġu meta xi wħud jaħkmu fuq oħrajn, iridu jispiċċaw: dawn l-abbużi huma dnub u inġustizzja. Kull min hu ħsiebu li jaħżen biss teżori fuq l-art (ara Mt 6, 19) "mhux għani quddiem Alla" (Lq 12, 21).

Jeħtieġ ukoll tinħoloq kultura ġdida ta' solidarjetà u kooperazzjoni internazzjonali fejn kulħadd – u l-aktar in-nazzjonijiet sinjuri u s-settur privat – jaċċettaw ir-responsabbiltà ħa jkun hemm sura ekonomika li taqdi lil kulħadd. Ma għandux jitkompla jitħalla għal għada il-jum li fih il-fqajjar Lazzru jkun jista' joqgħod bilqiegħda ħdejn l-għani għall-istess pranzu kbir u ma jkunx aktar mġiegħel jiekol il-frak li jaqa' minn fuq il-mejda (ara Lq 16, 19-31). Il-faqar kbir hu sura ta' vjolenza, mrar u skandlu; Hu għalhekk ħidma ta' ġustizzja u ta' paċi kull sforz biex tqaċċtu mill-għeruq.

Il-Ġublew hu sejħa oħra għall-konversjoni tal-qalb permezz ta' bidla fil-ħajja. Hu twissija għal kulħadd li għandhom jagħtu importanza sħiħa mhux lill-ġid ta' l-art għax dan m'hux ta' Alla, jew lill-ħakma tal-bniedem jew lid-dritt li jaħkem, għax l-art hi ta' Alla u tiegħu biss: "l-art hi tiegħi u intom qiskom frustieri jew qegħdin miegħi" (Lev 25, 23). Jalla din is-sena ta' grazzja tmiss il-qalb ta' dawk li għandhom f'idejhom ix-xorti tal-ġnus tad-dinja.

13. Sinjal tal-verità ta' l-imħabba nisranija, sinjal għal kull żmien imma jfisser ħafna fi żmienna, hu *t-tifkira tal-martri.* Ix-xhieda tagħhom m'għandhiex tintesa. Huma dawk li xandru l-Evanġelju billi offrew ħajjithom għall-imħabba. Il-martri, speċjalment dawk ta' żmienna, huma sinjal ta' dik l-imħabba li tiġbor flimkien il-valuri l-oħra kollha. Il-ħajja tal-martri hi rifless tal-kliem ta' l-għaġeb li l-Mulej tenna minn fuq is-salib: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23, 34). Min jemmen u qies sewwa l-vokazzjoni nisranija tiegħu, li tħaddan ukoll dak li tgħid ir-Rivelazzjoni dwar il-possibbiltà tal-martirju, ma jistax iwarrbu mill-orizzont ta' ħajtu. Elfejn sena mit-twelid ta' Kristu huma mmarkati mill-presenza li qatt ma ġiet nieqsa tal-martri.

Dawn il-mitt sena li waslu biex jintemmu jafu b'ħafna martri, l-aktar minħabba n-nażismu, il-komuniżmu u l-ġlied razzjali u tribali. Nies minn kull qasam tas-soċjetà batew minħabba l-fidi tagħhom, u ħaslu b'demmhom il-fedeltà tagħhom lejn Kristu u l-Knisja jew bil-kuraġġ kollu ġarrbu snin twal fil-ħabsijiet u ċaħdiet ta' kull xorta għax ma ridux jċedu quddiem ideoloġija li saret ħakma dittatorjali bla ħniena. Psikoloġikament, il-martirju hu l-aqwa prova tal-verità tal-fidi għax il-fidi biss tista' tagħti wiċċ uman ukoll lil mewt l-aktar kiefra, u turi ġmielha wkoll fost persekuzzjonijiet mill-aktar ħorox.

Mimlijin bil-grazzja, tul is-sena tal-Ġublew li ġej, inkunu nistgħu b'qawwa inlissnu innu ta' radd il-ħajr lill-Missier, aħna u nkantaw: *Te Martyrum candidatus laudat exercitus* (il-qtajja tal-martri rebbieħa kollhom

bjuda). Iva, din hija l-ġemgħa ta' dawk li "l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf" (Apok 7, 14). Il-Knisja għalhekk f'kull naħa tad-dinja trid tibqa' marbuta max-xhieda tal-martri u tgħożż it-tifkira tagħhom. Jalla l-poplu ta' Alla, imwettaq fil-fidi bl-eżempju ta' dawn il-qalbiena ta' kull żmien, ilsien u nazzjon, jaqsam l-għatba tat-tielet millennju. Fi qlub il-fidili, jalla l-ammirazzjoni għall-martirju tagħhom tkun imsieħba max-xewqa li jkunu bħalhom, bil-grazzja ta' Alla, jekk ikollhom l-okkażżjoni.

14. Il-ferħ tal-Ġublew ma jkunx sħiħ jekk ma nħarsux lejn Dik li b'ubbidjenza sħiħa għar-rieda tal-Missier, tat-twelid fil-ġisem lill-Iben ta' Alla għax-salvazzjoni tagħna. Għal Marija "iż-żmien li teħles" (Lq 2, 6) waslilha f'Betlehem u mimlija bl-Ispirtu tat lid-dinja l-ewwel imwieled tal-ħolqien ġdid. Imsejħa biex tkun Omm Alla sa mill-ewwel mument tat-tnissil virġinali tagħha Marija għexet il-milja tal-maternità tagħha u waslitha għall-qofol tagħha fuq il-Kalvarju ħdejn is-salib. Hemm, b'don tassew ta' l-għaġeb ta' Kristu, hi saret Omm il-Knisja u wriet lil kulħadd it-triq li twassal għand Binha.

Mara tas-skiet, dejjem lesta biex tisma', kollha ħlewwa f'idejn Alla, il-Verġni Marija ġiet imsejħa "hienja" minn żmien għal żmien, għax għarfet l-għeġubijiet li seħħu fiha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. In-nazzjonijiet qatt ma jegħjew jitolbu lill-Verġni Marija bħala Omm il-ħniena u dejjem isibu kenn taħt il-ħarsien tagħha. Jalla hi li ma' Ġesù Binha u San Ġużepp l-għarus tagħha, marret f'pellegrinaġġ lejn it-tempju qaddis tal-Mulej, tmexxi l-passi tal-pellegrini kollha fis-sena tal-Ġublew. Jalla tul ix-xhur li ġejjin tinterċedi għall-poplu kollu ta' Alla biex ikollu kotra ta' grazzja u ta' ħniena huwa u jifraħ bl-elfejn sena mit-twelid tas-Salvatur.

Jalla it-tifħir tal-Knisja jitla' quddiem Alla l-Missier fl-Ispirtu s-Santu għad-don tas-salvazzjoni fi Kristu l-Mulej, issa u għal dejjem.

Minn Ruma, minn San Pietru, fid-29 ta' Novembru 1998, l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent fis-sena tal-Mulej 1998, il-21 sena tal-pontifikat.

**Ioannes Paulus PP. II**

## Noti

1. Kost. pastorali *Gaudium et spes, 22.*
2. Enċilk. *Redemptor hominis,* 1.

3. Ara Ittra app. *Redemptionis anno* (20 ta' April, 1984).
4. Kost. past. *Gaudium et spes,* 40.
5. Ara Itrra app. *Tertio Milolennio Adveniente,* (10 ta' Novembru, 1994), 28.
6. Ara Kost. Past. *Gaudium et spes,* 41.
7. Ara *Tertio Millennio Adventiente,* (10 ta' Novembru, 1994), 39-44.
8. Ara Kost. domm. *Dei Verbum,* 2 u 4.
9. *Poemi dommatici, XXXI Hymnus aliaus.*
10. Ara *Adversus haereses,* III.
11. Kost domm. *Lumen gentium,* 1.
12. Bulla *Antiquorum Habet* (22 ta' Frar, 1300).
13. Ara *Tertio Millennio Adveniente* (10 ta' Novembru 1994), 33.
14. Ara Eżort. post-sonodali *Reconciliatio et paenitentia* (2 ta' Diċembru, 1984), 28-34.
15. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1446.
16. Ara Bulla *Aperite portas Redemptori* (6 ta' Jannar, 1983), 8.
17. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1472.
18. Pawlu VI Kost. app. *Indulgentiarum doctrina* (1 ta' Jannar, 1967), 9.
19. Ara *Tertio Millennium Adveniente* (10 ta' Novembru, 1994), 25-26.29-30, 36).

# Kundizzjonijiet għar-Rebħ ta' l-Indulġenza tal-Ġublew

*Dan id-digriet, li jwettaq ir-rieda tal-Papa mfissra fil-Bulla ta' indizzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, u bil-fakultajiet mogħtija mill-istess Papa il-Penitenzjerija Appostolika qed igħid x'għandha tkun id-dixxiplina li trid tkun imħarsa għar-rebħ ta' l-indulġenzi tal-Ġublew.*

L-insara kollha, imħejjijin sewwa, jistgħu jgawdu, tul il-Ġublew kollu, id-don ta' l-indulġenza skond in-normi li ġejjin.

Waqt li l-indulġenzi mogħtijin b'mod ġenerali jew b'reskritt speċjali jibqgħu jgħoddu, tul il-Ġublew il-Kbir, irridu niftakru li l-indulġenza tal-Ġublew tista' tiġi applikata wkoll għall-erwieħ tal-mejtin: offerta bħal din hi eżempju liema bħalu ta' mħabba soprannaturali, bis-saħħa tar-rabta li, fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu, tgħaqqad flimkien lill-insara li għadhom mixjin f'din id-dinja ma' dawk li ġa temmew il-mixja tagħhom fuq l-art. Ir-regola ta' l-indulġenza plenarja li tista' tintrebaħ darba biss f'ġurnata tibqa' wkoll tul is-sena kollha tal-Ġublew.[1]

Il-qofol tal-Ġublew huwa l-laqgħa ma' Alla l-Missier permezz ta' Kristu s-Salvatur preżenti fil-Knisja u b'mod speċjali fis-Sagramenti. Għalhekk il-mixja kollha tal-Ġublew, imħejjija bħala pellegrinaġġ, għandha l-bidu tagħha u t-tmiem tagħha fis-Sagramenti tal-Penitenza u ta' l-Ewkaristija, il-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, is-sliem tagħna u r-rikonċiljazzjoni tagħna: din hija l-laqgħa li tbiddilna u tħejjina għad-don ta' l-indulġenza għalina u għall-oħrajn.

Wara ċelebrazzjoni xierqa ta' qrara sagramentali li bħala regola, skond il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika u tal-Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes tal-Lvant trid tkun individwali u sħiħa, kull nisrani wara li jkun ħares il-kondizzjonijiet kollha, jista' jikseb jew japplika l-indulġenza plenarja tul ċertu perijodu ta' żmien, ukoll kuljum, minħajr ma jkollu għalfejn jerġa' jqerr. Iżda jixraq li l-insara jirċievu spiss il-grazzja tas-Sagrament tal-Penitenza biex jikbru fil-konversjoni u s-safa tal-qalb.[2] It-tisħib fl-Ewkaristija, li hu meħtieġ għar-rebħ għall-indulġenzi kollha, proprjament għandu jseħħ fl-istess jum li fih isir l-għemil kollu preskritt.[3]

Dawn iż-żewġ elementi ewlenin iridu jkunu mseħbin, l-ewwelnett, b'xhieda ta' xirka mal-Knisja li tintwera permezz tat-talb skond il-fehmiet tal-Papa, u wkoll b'għemejjel ta' karità u ta' penitenza, skond l-indikazzjonijiet li ġejjin: dawn l-għemejjel iridu juru li kien hemm tassew konversjoni tal-qalb li għaliha twassal ix-xirka ma' Kristu fis-Sagramenti.

Kristu hu tassew il-maħfra tagħna u t-tpattija ta' dnubietna (ara I Ġw 2, 2). Meta isawwab fi qlub l-insara l-Ispirtu s-Santu, li hu "l-maħfra tad-dnubiet kollha"[4] imexxi kull individwu lejn il-laqgħa kollha fiduċja ta' l-Iben mal-Missier ta' kull ħniena. Minn din il-lqgħa joħroġ impenn għal konversjoni u tiġdid, għax-xirka ekklesjali u l-imħabba, lejn ħutna kollha.

Imwettqa wkoll għall-Ġublew li ġej in-norma li biha l-konfessuri, għal dawk li huma impediti leġittimament, jistgħu jibdlulhom il-ħidmiet preskritti u l-kondizzjonijiet meħtieġa.[5] Il-monaċi u s-sorijiet tal-klawsura, il-morda u dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux iħallu darhom, f'lok jagħmlu viżta lil xi knisja jistgħu iżuru l-kappella ta' darhom, u jekk lanqas dan ma hu possibbli, jistgħu jirbħu l-indulġenza billi jingħaqdu spiritwalment ma' dawk li qed jagħmlu l-għemejjel preskritti u billi joffru lil Alla t-talb, t-tbatijiet u d-dwejjaq tagħhom. L-għemejjel prskritti li l-insara jridu jagħmlu biex jirbħu l-indulġenza huma dawn:

1 F'*Ruma* jridu jmorru pellegrinaġġ f'waħda mill-Bażilki Patrijarkali, jiġifieri il-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan, l-Arċibażilka tas-Salvatur fil-Lateran, il-Bażilka ta' Santa Maria Maggiore, u l-Bażilka ta' San Pawl fit-triq ta' Ostja u hemm jissieħbu fil-Quddiesa jew f'ċelebrazzjoni liturġika oħra bħat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum jew Għasar, jew f'xi devozzjoni popolari (bħal Via Sagra, ir-Rużarju, l-Innu Akhat istos f'ġieħ il-Verġni Marija); barra dan, jistgħu jżuru, bħala grupp jew individwalment, waħda mill-erba' Bażilki jgħaddu xi żmien ta' adorazzjoni ewkaristika u meditazzjoni, li jagħalqu bil-Missierna, bil-professjoni tal-fidi (Kredu), u talba lill-Verġni Marija. Ma l-erba' Bażilki, għall-okkazzjoni speċjali tal-Ġublew il-Kbir qed jiżdiedu wkoll il-Bażilka ta' Santa Croce in Gerusalemme, il-Bażilka ta' San Lorenzo in Verano, is-Santwarju tad-Divino Amore, u l-Katakombi.

2. *Fl-Art Imqaddsa* jistgħu iżuru, bl-istess kondizzjonijiet, il-Bażilka tal-Qabar tal-Mulej f'Ġerusalemm, il-Bażilka tat-Twelid f'Betlehem, u l-Bażilka tat-Tħabbira ta' l-Anġlu f'Nazaret.

3. *F'territorji ekklesjastiċi oħra* jekk isir pellegrinaġġ lejn il-kattidral jew lejn xi Knisja oħra, indikata mill-Ordinarju tal-post għar-rebħa ta' l-indulġenza tal-Ġublew, u hemm jieħdu sehem f'xi ċelebrazzjoni liturġika jew xi ċelebrazzjoni popolari imsemmijin aktar 'il fuq għal Ruma; barra dan, jistgħu jżuru, bħala grupp jew individwalment, il-Kattidral jew Santwarju, indikat mill-Ordinarju, u hemm jgħaddu xi żmien jimmeditaw, u jtemmu l-meditazzjoni bil-Missierna, professjoni tal-fidi, u talba lill-Verġni Marija.

4. *F'kull imkien* jekk iżuru lil ħuthom f'xi ħtieġa jew f'xi tiġrib (il-morda, il-ħabsin, l-anzjani waħedhom, d-diżabilitati, eċċ.) qishom sejrin pellegrinaġġ għand Kristu li jidher fihom, (ara Mt 25, 34-36) u jħarsu l-istess kondizzjonijiet spiritwali u sagramentali u jgħidu t-talb preskritt. L-insara sgur ikunu jridu jirripetu dawn iż-żjajjar tul is-Sena Mqaddsa għax f'kull okkażżjoni jkunu qed jirbħu indulġenza plenarja, iżda darba biss fil-ġurnata.

L-indulġenza tal-Ġublew tista' tintrebaħ ukoll b'għemil li b'mod prattiku u ġeneruż ifisser sewwa l-ispirtu penitenzjali li, biex ngħidu hekk, hu l-qofol tal qalba tal-Ġublew. Fost dan l-għemil hemm iċ-ċaħda għall-ġurnata ta' l-użu ta' ħaġa m'hux meħtieġa (nuqqas ta' tipjip, jew ta' xorb; sawm jew astinenza skond il-prinċipji ġenerali tal-Knisja u n-normi stabiliti mill-Konferenzi Episkopali), jew għotja ta' flus lill-foqra, kontribuzzjoni għall-għajnuna ta' xi opra ta' natura reliġjuża jew soċjali (għat-tfal abbandunati, għaż-żgħażagħ bi problemi, għall-anzjani foqra, għall-barranin f'ħafna pajjiżi, fejn qed ifittxu kondizzjonijiet aħjar ta' ħajja; l-offerta ta' parti mill-ħin ħieles għal xi ħidma ta' ġid għall-komunità u suriet oħra ta' ħidma li jitolbu sagrifiċċju personali.

Minn Ruma, mill-Penitenzjerija Appostolika, fid-29 ta' Novembru 1998, l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.

**William Wakefield Kard. Baum**
*Penitenzjarju Maġġuri*

**+ Luigi di Magistris**
*Reggent*

## Noti

1. *Enchiridion Indulgentiarum* (1986), Num. 21/1.
2. *Ibid.* Num. 23/1-2.
3. *Ibid.* Num. 23/3.
4. "Quia ipse est remissio omnium peccatorum". Missal, Talba fuq l-offerti, tas-Sibt wara s-VII Ħadd ta' l-Għid.
5. Ara *Enchiridion Indulgentiarium,* n. 27.
6. Ara *ibid.* Grant 14.

# Il-ħsara u l-imwiet bid-droga

## STQARRIJA TA' L-ARĊISQOF TA' MALTA U L-ISQOF TA' GĦAWDEX

Il-ħsara u l-imwiet li d-droga qed tikkaġuna fil-gżejjer tagħna qed inisslu tħassib dejjem akbar. Kull mewt ta' persuna minħabba d-droga jew f'ċirkustanzi li jnisslu s-suspett tal-preżenza tagħha, iġġibna wiċċ imb'wiċċ malħerba li d-droga qed tagħmel fost iż-żgħażagħ għeżież tagħna, id f'id ma' problemi oħra bħalma huma t-tipjip, l-alkoħol, *gambling* u sewqan perikoluż.

Imnikktin ħafna minn din il-ħsara, aħna nħossu li mill-ġdid għandna nagħmlu appell qawwi lil kulħadd, għal prekawzjonijiet u rimedji sodi.

Inħeġġu, l-ewwelnett, liż-żgħażagħ infushom għas-sens ta' responsabbiltà, kif ukoll biex jifthu għajnejhom u joqgħodu 'l bogħod minn dak kollu li fil-verità iħassrilhom saħħithom u jipperikolalhom ħajjithom waqt li jixorbilhom flushom.

Inħeġġu wkoll lill-ġenituri biex jagħtu leħen qawwi lit-tħassib u l-biża' ġustifikat tagħhom dwar ir-riskji li qed ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom l-ulied meta joħorġu fil-beraħ tas-soċjetà. Inħeġġuhom ukoll biex ma jgħejjewx jinsistu għal protezzjoni soda u serja ta' l-ulied minn dak kollu li jħassar il-moħħ u l-qalb.

Inħeġġu anke lil min jipprovdi d-divertiment biex iqiegħed dejjem issaħħa tal-persuna qabel il-qligħ.

Inħeġġu fuq kollox lill-awtoritajiet ċivili u lir-rappreżentanti kollha tal-poplu biex iwettqu flimkien il-miżuri kollha meħtieġa ħalli filwaqt li żżgħażagħ jibqa' jkollhom fejn jirrikrejaw irwieħhom, jitrażżan dak kollu li fosthom jista' jiżra' id-deni, l-għelt u l-ħerba.

L-adulti ta' llum ninsabu fid-dover li lill-ġenerazzjonijiet li għadhom telgħin mhux biss niggwidawhom, imma wkoll nipproteġuhom bis-serjetà. Ħadd ma jista' jfarfar din ir-responsabbiltà minn fuq spallejh. Ħadd ma jista' jkun dgħajjef. Il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem għandhom jiġu l-ewwel. Xejn ma jista' jieħu posthom.

Hemm bżonn nifhmu lkoll li wasal iż-żmien li s-soċjetà tagħna tgħid "daqshekk" quddiem il-ħsara li qed issir fost iż-żgħażagħ, spiss imrewħa mill-ilpup tal-flus u s-swieq tagħhom.

**Ġużepi Merċieca**
*Arċisqof ta' Malta*

**Nikol Ġ. Cauchi**
*Isqof ta' Għawdex*

# Conferentia Episcopalis Melitensis

## DIGRIET

Wara li qisna l-ħtiġijiet speċjali ta' dawk fost Ħutna li huma milqutin mil-kundizzjoni magħrufa bħala Ċelijakija f'dak li jmiss it-Tqarbin tagħhom bl-Ewkaristija Mqaddsa.

Wara li studjajna bir-reqqa l-aħħar direttivi mogħtija mil-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi bl-Ittra tad-19 ta' Ġunju 1995 lill-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali;

Biex ngħinu mill-aħjar li nistgħu, dejjem skond it-tagħlim tal-Knisja, lil dawn Ħutna biex jersqu b'aktar faċilità lejn it-Tqarbin Imqaddes, qegħdin nagħtu dawn in-normi u direttivi li għandhom jibdew jiġu mħarsa minn kulħadd, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, b'reqqa u fedeltà, b'effett immedjat.

1. Kull pesuna li tinstab li hi soġġetta għall-kondizzjoni Ċelijaka, wara li tiġi ċertifikata bħala tali minn Speċjalista f'dan il-qsam, tista' tippresenta, personalment jew permezz tal-kappillan tagħha, talba individwali lill-Isqof Djoċesan tagħha biex jingħatalha l-permess tuża ostji speċjali li fihom il-gluten ikun imnaqqas ('low-gluten hosts').

2. F'każ ta' minorenni, it-talba tista' ssir mill-ġenituri jew mill-persuni li t-tfal huma fdati f'idejhom.

3. L-applikazzjoni għandha tkun dejjem akkompanjata minn Ċertifikat mediku, mogħti minn Speċjalista f'dan il-kamp. Iċ-Ċertifikat għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ispeċjalista dwar l-użu ta' l-ostji speċjali fil-każ individwali. Fejn iħoss il-ħtieġa, l-Ispeċjalista għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-frekwenza ta' dan l-użu.

4. Il-permess jingħata bil-miktub mill-Ordinarju tal-post. Il-permess ikun fih il-kundizzjonijiet ġenerali u partikulari, skond il-każ, li jridu jiġu mħarsa mill-individwu li jingħata l-permess.

5. Fil-kundizzjonijiet ġenerali għandu dejjem ikun hemm li jibqgħu mħarsa d-direttivi mogħtija, jew li għad jistgħu jingħataw, mis-Santa Sede u minn Awtoritajiet kompetenti oħra tal-Knisja. Fost dawn hemm li:

a) L-ostji speċjali ma jistgħux ikunu dawk li minnhom il-gluten ikun tneħħa kollu, peress li dawn mhumiex meqjusa bħala materja valida għall-Ewkaristija, imma biss dawk li fihom il-gluten ikun biss tnaqqas, b'mod li jkun fihom ammont biżżejjed biex ikun jista' jsir il-ħobż, ma jkunx hemm żieda ta' materjali barranin, u li l-proċess li bih ikunu saru dawn l-ostji ma jbiddilx in-natura tal-ħobż;

b) L-ostji li jintużaw iridu jkunu ġew approvati mill-Ordinarju tal-post, li jrid jara li l-kundizzjonijiet imsemmija jkunu ġew imħarsa;

c) Il-permess jingħata biss sakemm il-persuna tibqa' milquta mill-kundizzjoni ta' Ċelijakija, u sakemm Speċjalista f'dan il-qasam ma jindikax li fil-każ individwali ma jkunx hemm kontro-indikazzjonijiet mediċi.

6. Il-persuna li tingħata dan il-permess, jew il-ġenituri jew kuraturi tagħha, għandha tkellem lill-Kappillan jew iċ-Ċelebrant u turih dan il-permess u titolbu jipprovdilha l-faċilitajiet kollha biex tkun tista' tagħmel użu minnu.

7. Il-Kappillani u s-Saċerdoti huma mfakkra fl-obbligu pastorali u kanoniku (kan. 843) gravi li għandhom, korrispondenti għad-dritt fondamentali ta' l-Insara li jirċievu minn għand ir-Rgħajja tagħhom l-għajnuniet li jinħtieġu mill-ġid spiritwali tal-Knisja (kan. 213), li jilqgħu b'imħabba lil dawn l-aħwa bi bżonnijiet speċjali u jgħinuhom mill-aħjar li jistgħu.

Mogħti mis-Sede tal-Konferenza Episkopali ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Ottubru 1998.

**Ġużeppi**
President tal-Konferenza Episkopali Maltija.

**C. Muscat**
*Segretarju*

# Konferenza tal-Caritas dwar Il-Familja

MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

## Il-Ġejjien tal-Familja Maltija

Nistgħu ngħidu li għaddejjin minn żmien meta, bl-użu ta' riċetti foloz dwar il-libertà u l-pluraliżmu, hawn min qed jipprova jħajjar il-poplu tagħna jqiegħed fil-ġemb it-teżor tal-valuri li jagħmluh dak li hu, biex minflokhom iħaddan imġibiet jew stili ta' ħajja bħal dawk li nsibu f'kulturi fejn is-sens ta' Alla ddgħajjef ħafna jew qed jgħib.

Dan qed jiġri wkoll, forsi b'mod iżjed serju, rigward il-familja. Ninnotaw, per eżempju, li d-diskors li nisimgħu dwar il-familja m'għadux dejjem fuq familja kif iridha Alla, imma fostna hawn ukoll min jitkellem favur mudelli tal-familja li tfasslu mill-bniedem u li mhumiex skond ir-rieda ta' Alla.

Huwa għalhekk importanti li jkollna riflessjonijiet fuq il-familja bħalma qed isir f'din il-Konferenza, b'enfasi fuq il-bżonn ta' mixja *Id f'Id Lejn il-Millennju.*

### Il-wirt tal-familja

Jekk inħarsu lejn il-familja tagħna, insibu ħafna tajjeb. Ta' dan għandna għax nirringrazzjaw lill-Mulej. Il-fatt innifsu li l-maġġoranza l-kbira tal-miżżewġin tagħna għadhom jemmnu fi żwieġ Sagramentali bejn raġel wieħed u mara waħda sal-mewt, iqawwi l-qalb u jnissel tama kbira. Iżda jekk irridu nippriservaw dan il-wirt, li tant hu importanti biex is-soċjetà tagħna tkun tista' verament tħares lejn il-ġejjieni b'fiduċja, irridu niddefenduh u naħdmu biex nippriservawh id f'id.

Kull konsiderazzjoni serja dwar il-ħarsien tal-familja trid tibda mill-għarfien li l-familja hija istituzzjoni ta' importanza massima, li hija l-bażi tas-soċjetà, u li għan-nazzjon tirrappreżenta ġid insostitwibbli.

Hu b'din il-konvinzjoni li l-Knisja tħares lejn l-effetti soċjali negattivi ta' sitwazzjonijiet bħalma huma dawk tad-divorzju u l-koabitazzjoni. Id-divorzju u l-koabitazzjoni huma ħżiena mhux biss għaliex huma kontra

l-Liġi ta' Alla, imma wkoll għaliex inisslu deni kbir għall-istess familja u wkoll għas-soċjetà.

## Id-deni tat-tifrik fil-familja

L-esperjenzi qarsa ħafna ta' pajjiżi oħrajn għandha tiftħilna għajnejna.

Dan l-aħħar, per eżempju, Mr. Patrick Tobin, fl-indirizz tiegħu bħala Chairman lill-Konferenza tal-Kapijiet ta' l-iskejjel fl-Ingilterra qal li għall-ulied, it-tifrik fiż-żwieġ huwa theddida ikbar u iktar insidjuża mid-drogi jew l-alkoħol. Mr. Tobin appella biex il-Gvern Ingliż jaħdem aktar għal dik li sejjaħ bħala r-rijabilitazzjoni tal-familja fil-ħajja tal-pajjiż.

F'pajjiżna, kif turi riċerka tal-Caritas li ġiet ippubblikata dan l-aħħar, diġà għandna problemi kbar minħabba d-droga u l-alkoħol fost l-adolexxenti tagħna. Allaħares nagħmlu l-iżball li, flok nikkonċentraw dejjem iżjed fuq it-tisħiħ tal-familja u tal-kapaċità tal-ġenituri li jagħtu formazzjoni stabbli u xiehda morali soda lil uliedhom, nibdew nifokaw l-enerġiji tagħna fuq mudelli taż-żwieġ u tal-familja li jistgħu jitfgħuna f'baħar ta' inkwiet ġdid.

## Prijorità liż-żwieġ u l-familja

Kif insista l-Papa Ġwanni Pawlu II meta ftit ilu ltaqa' ma' grupp ta' politiċi u leġiżlaturi Ewropej li ħadu sehem f'laqgħa organizzata mill-Kunisll Pontifiċju għall-Familja (*23 ta' Ottubru 1998*), il-mexxejja politiċi u soċjali, kif ukoll dawk li jridu jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-istituzzjoni taż-żwieġ u lill-familja jridu jagħtuhom prijorità.

Il-Papa saħaq li l-familja "ma tistax titqiegħed fuq l-istess livell ta' għaqda jew unjoni sempliċi."

Din it-twissija tal-Papa hija importanti ħafna. Hija twissija ta' missier, li tgħodd għalina wkoll. Għalhekk, nagħmlu sew jekk nagħtu widen għaliha, iżjed u iżjed fi żmien meta fostna qed jinbet diskors fuq 'x'għandu jew m'għandux isir dwar il-każi ta' koppji li jgħixu flimkien mingħajr ma jiżżewġu, jiġifieri l-koabitazzjoni.

Il-mexxejja tas-soċjetà ċivili jridu jsibu u jibnu l-kundizzjonijiet meħtieġa għan-natura speċifika taż-żwieġ.

Ġwanni Pawlu II għamilha ċara li, filwaqt li jrid ikun hemm rispett għal-libertà leġittima tal-persuni, jekk forom oħrajn ta' relazzjonijiet bejn

il-bnedmin jintqiesu bħala ekwivalenti għaż-żwieġ u jiġu legalizzati, din tkun deċiżjoni gravi li tista' biss tkun ta' preġudizzju għall-istituzzjoni konjugali u tal-familja. Jekk ikun hemm liġijiet mibnija mhux fuq il-prinċipji tal-liġi naturali imma fuq ir-rieda arbitrarja ta' bnedmin, li jagħtu l-istess statut ġuridiku lil forom oħrajn ta' ħajja flimkien, maż-żmien dan iġib il-ħsara.

Kif qal il-Papa, id-dinjità tal-persuna u tal-familja qatt ma jistgħu jiġu subordinati għal elementi politiċi jew ekonomiċi biss jew, wisq agħar, għal sempliċement fehmiet ta' gruppi ta' pressjoni li huma inevitabbli.

## Is-sens ta' direzzjoni

Is-sens ta' direzzjoni tagħna fir-rigward tal-familja jrid jagħti attenzjoni sħiħa lill-ġid komuni.

Il-koppji u l-familji li jiltaqgħu mal-problemi rridu ninteressaw irwieħna fihom, inħobbuhom u nieħdu ħsiebhom. Irridu ngħinuhom bl-aħjar mod possibbli. Irridu nieqfu magħhom u nħabirku biex intaffulhom u jekk jista' jkun inneħħulhom l-uġiegħ tagħhom.

Is-soċjetà trid tħabrek biex lil dawk li jsibu rwieħhom sfruttati, imsawta, maħqura u forsi wkoll abbandunati mill-*partner* tagħhom, tiddefendihom u tħarsilhom drittijiethom.

Is-soċjetà trid tipproteġi wkoll lill-ulied. Trid tara li ma jkunx hemm tfal innoċenti li jispiċċaw vittmi ta' għemil irresponsabbli ta' min suppost irabbihom b'mod xieraq.

Dan kollu jrid isir fi kwadru li jħares l-ogħla ġid ta' kulħadd, li minnu nifsu jitlob impenn favur żwiġijiet stabbli u familji magħquda.

L-ogħla ġid komuni jitlob żwiġijiet u familji mibnijin fuq valuri sodi. Jitlob żwiġijiet ta' għaqda u mħabba dejjiema, imsaħħin mis-sens ta' ġenerożità u s-sens ta' saġrifiċċju. Jitlob familji li fihom l-ulied ikunu assigurati minn formazzjoni tajba u kontinwa, li tingħata lilhom mill-ġenituri flimkien, dejjem leali lejn xulxin.

Il-ħidma għal dan irridu nwettquha lkoll flimkien, kulħadd skond ir-responsabbiltajiet tiegħu.

Il-Knisja għandha l-missjoni tagħha. L-Istat għandu r-rwol tiegħu. Iżda quddiemnett irid ikun hemm il-familji nfushom.

Il-familji jridu jkunu protagonisti.

Iridu jkunu huma l-ewwel li jirsistu u jinsistu biex il-familja Maltija tal-

ġejjieni, tal-Millenju l-ġdid, tkun familja verament b'saħħitha, skond ir-rieda ta' Alla.

Biex dan iseħħ, il-familja trid tkun knisja domestika, jiġifieri familja li fid-dar tagħha t-talb ikollu l-ewwel post.

Alla qatt ma jiċħadna mill-għajnuna tiegħu.

*Grand Hotel Les Lapins, Ta' Xbiex*
*31 ta' Ottubru 1998.*

# Festa ta' Kristu Re 1998

MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

## Impenn għal konverżjoni

Ftit ġimgħat oħra, nidħlu fis-sena li se twassalna għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn.

L-1999 se tkun sena li fiha l-Knisja qed tħeġġiġna nirriflettu fuq Alla l-Missier.

Hija l-aħħar sena minn tlieta ta' tħejjija li fihom l-ewwel għamilna riflessjoni fuq Ġesù Kristu, imbagħad fuq l-Ispirtu s-Santu u issa fuq l-Ewwel Persuna tat-Trinità Mqaddsa.

### Mħabba bla qies

Il-ħajja nisranija kollha, jgħidilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Appostolika *Tertio Millennio Adveniente*, qisha pellegrinaġġ lejn id-Dar tal-Missier, li tiegħu kuljum nagħrfu dejjem aktar l-imħabba bla qies għal kull bniedem maħluq u, b'mod partikolari, għall-"iben il-ħali".

Il-parabbola ta' l-Iben il-ħali hija parabbola sempliċi, imma qawwija ħafna.

L-imġiba u l-għemil tal-missier fil-parabbola, li juru x'kien iħoss f'qalbu għal ibnu, jgħinuna naraw fiha s-suriet kollha tal-ħniena tal-Missier Alla kif jidħru fil-kotba tal-Patt il-Qadim minsuġin flimkien f'sura ġdida, aktar sempliċi u aktar għolja.

Missier l-iben il-ħali juri ruħu fidil għan-natura tiegħu ta' missier u fidil għall-imħabba lejn ibnu. Imħabba toħroġ mill-istess natura tiegħu ta' missier. Hija mħabba li, kien kbir kemm kien kbir in-nuqqas ta' l-iben, iġġiegħel lill-missier jibqa' jħobbu u jistennieh jerġa' lura fi ħdanu.

### Idoli foloz

Fil-Provvidenza tiegħu, elfejn sena ilu l-Mulej għoġbu jagħni lil artna bil-Messaġġ tal-Vanġelu ta' Ibnu l-Waħdieni, imwassal u mxandar lil missirijietna minn San Pawl.

Il-ġrajja ta' ġensna hija minsuġa mal-wirt ta' valuri li nsibu fil-Bxara t-Tajba. Ġenerazzjoni wara l-oħra, il-poplu tagħna fittex li jibni l-ġejjieni tiegħu fuq il-pedament sod u solidu tal-ħajja Nisranija. Madankollu, l-istampa fiha wkoll it-tbajja' tagħha. Fiha l-marki koroh ta' tpartit ta' valuri nsara mgħoddija lilna mill-Mulej, ma' idoli foloz offerti lilna mid-dinja.

Dawn l-idoli huma dak kollu f'ħajjitna li l-imħabba tagħna għalih tkun ikbar mill-imħabba tagħna għal Alla. Huwa dak kollu li fir-realtà jsir is-sid tagħna u jagħmilna lsira tiegħu.

L-idoli jistgħu jkunu xbihat ta' glorja, poter, dominanaza, flus, proprjetà, lussu, sess, libertinaġġ. Jistgħu jkunu wkoll stili ta' ħajja u għajxien miftumin mil-Liġi ta' Alla, proposti lilna f'mudelli tal-ħajja b'għeruq fil-permessività, individwaliżmu u mġiba maqtugħa mill moralità u mir-responsabbiltà.

Ħarsa lura lejn il-kwadru tal-ħajja fil-gżejjer tagħna kif issawwar fil-medda tas-snin turina li dawn l-idoli għandhom is-segwaċi tagħhom f'pajjiżna wkoll.

Dawn huma idoli li jġibu diżordni u tħarbit mhux biss fl-imġiba tal-bniedem ma' Alla, imma wkoll mal-proxxmu. Huma idoli li jġibu kull forma ta' gwaj. Huma idoli li jnisslu firda, inkwiet u ħsara.

## Ħsara mifruxa

Hekk jiġri meta bejn il-miżżewġin isseħħ l-infedeltà; meta persuna tkun tabbuża minn persuna oħra vulnerabbli għall-pjaċiri sesswali tagħha; meta l-bniedem jinqabad fix-xbieki tal-pornografija u jibda jittratta lill-bniedem bħallikieku kien oġġett.

Hekk jiġri meta bejn l-aħwa jinbet disgwid fuq wirt; meta bejjiegħa ta' prodotti jew servizzi jisolħu ħajjin lill-klijenti tagħhom; meta wieħed jislef lill-imġarrab b'imgħax goff; meta l-ħaddiem jiġi sfruttat fuq ix-xogħol; meta min jaħdem jonqos milli jaqdi dmiru tajjeb; meta mhux kollox isir sew f'għażla ta' nies għal kuntratti jew impjiegi, promozzjonijiet, trasferimenti eċċ.; u meta jseħħu diskriminazzjonijiet, inġustizzji jew korruzzjoni.

Hekk jiġri meta r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin jaqilgħu daqqiet koroh minħabba manipulazzjoni, gideb, qerq, ingann, vendikazzjonijiet u forom oħrajn ta' deni kbir.

Meta minflok iħaddem it-talenti u l-opportunitajiet li jagħtih Alla b'imħabba u ġenerożità, il-bniedem jintelaq f'ħajja mtajra, egoista u rresponsabbli, huwa jinqata' minn Alla u jissogra li jegħreq fil-ħażen tiegħu stess.

## Żmien ta' konverżjoni

Is-sena ta' qabel il-miġja tal-Millenju l-ġdid għandha tkun għalina lkoll okkażjoni speċjali għal eżami veru tal-kuxjenza tagħna individwali u bħala soċjetà.

Għandha tkun sena ta' ndiema li fiha nfittxu li nissaffew mit-tbajja' tad-dnubiet tagħna individwali u soċjali.

Għandha tkun sena li fiha *nifhmu* verament il-bżonn li nirritornaw għad-dinjità vera li Alla l-Missier irriserva għal kull bniedem, hu min hu u hu fejn hu.

Għandna nilqgħu l-istedina tal-Papa Ġwanni Pawlu II biex matul l-1999 nimpenjaw irwieħna li nimxu b'serjetà lejn konverżjoni vera, l-ewwelnett biex ninħelsu mid-dnub u wkoll biex nagħżlu dak li hu tajjeb, kif imfisser lilna mill-valuri etiċi li nsibu fil-liġi naturali kif imwettqa fl-Evanġelju.

Alla l-Missier iħobbna lkoll. Iħobb lil kull iben ħali. Huwa lest juri mħabbtu ma' kull sura ta' miżerja li jista' jġarrab il-bniedem u l-aktar ma' dik il-miżerja morali li huwa d-dnub.

Bħalma jispjega l-Papa fl-Enċiklika tiegħu *Għani fil-Ħniena,* il-bniedem li miegħu ssir ħniena bħal din ma jħossx ruħu mċekken, iżda jħoss li reġa' qam u nstab.

Dan hu ferħ li juri li, minkejja kollox, jiġri x'jiġri fil-ħajja tal-bniedem hemm ġid li jibqa' sħiħ: l-iben, ukoll jekk ikun ħali għall-aħħar, jibqa' iben missieru.

Il-qofol tal-verità tal-konverżjoni qiegħed hawn.

Nitolbu lill-Mulej jgħinna lkoll nirrikonċiljaw irwieħna miegħu u bejnietna, ħalli nkunu nistgħu ngawdu bis-sħiħ mill-fidwa li kisbilna Kristu Sultan, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, elfejn sena ilu.

*Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar*
*Il-Ħadd, 22 ta' Novembru, 1998*

# Messaġġ tal-Milied 1998 minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Alla Veru u Bniedem Perfett

Għeżież ħuti Maltin u Għawdxin,

Nixtieqilkom ilkoll il-Milied it-Tajjeb.

Din is-sena l-Milied qed niċċelebrawh proprju lejlet il-bidu tas-sena li se twassalna għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn. Din hija okkażjoni speċjali li timliena b'ferħ kbir, għaliex se nfakkru għeluq l-elfejn sena minn meta l-Iben Waħdieni ta' Alla sar bniedem bħalna biex jifdina mill-jasar tad-dnub u jikseb għall-bniedem il-ħelsien sħiħ tiegħu.

Huwa għalhekk xieraq li nitħeġġu dejjem iżjed bl-ispirtu veru tal-Milied biex minn qalbna nilqgħu l-għajnuna tiegħu u nħossu li t-twelid ta' Ġesù f'Betlehem huwa ġrajja dejjem ġdida, li tiġġedded mal-ħajja ġdida ta' kull bniedem biex turih is-sens ta' ħajtu u twasslu biex jikseb il-veru hena li kulħadd jixtieq u jixxennaq għalih: Ġesù Bambin veru Alla u veru Bniedem.

Huwa xieraq ukoll li, f'din ir-riflessjoni, naraw kif nistgħu nħejju rwieħna b'mod xieraq ħalli l-miġja tal-Millennju l-ġdid ssibna bnedmin ġodda denji tal-Fidwa li kisbilna Ġesù, Alla veru u Bniedem Perfett.

### L-era ta' l-għażla

Id-dinja ta' żmienna mhux dejjem tgħinna nifhmu u ngħożżu tassew din il-verità dwar il-bniedem. Mhux dejjem tgħinna nagħrfu li l-veru dawl li juri u jagħti l-vera ħajja lill-bniedem huwa l-Mulej Ġesù.

Illum qed ngħixu fl-era tas-*supermarkets.*

Qed ngħixu fi żmien meta kull min jixtieq, jista' jmur f'dawn is-swieq kbar u jagħżel il-prodott li jrid hu mill-ixkafef tagħhom.

Qed ngħixu f'ambjent fejn din il-kwalità ta' għażla totalment libera skond il-gosti u l-aptiti ta' dak li jkun, qed tiġi proposta saħansitra f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon.

Qed ngħixu f'realtà fejn in-nisrani jrid jiddeċiedi li jew iħalli lilu nnifsu

jiġi ggwidat mill-Ispirtu ta' Alla u jimxi tassew skond it-tagħlim ta' Ibnu l-Waħdieni, inkella jissaħħar wara t-tlellix tas-*supermarket* ta' reliġjonijiet ġodda u tagħlim differenti li nsibu fid-dinja ta' llum.

Kull min irid jgħix tassew skond l-imħabba u l-verità ta' Ġesù Bambin, is-Salvatur Waħdieni tad-Dinja, ma jistax jissogra li jaqa' fin-nassa li jqis ir-reliġjonijiet bħallikieku dawn huma kollha l-istess u li minnhom jista' jagħżel dak li l-iktar ikun komdu għalih. Ma jistax jirriskja li jaqa' fl-iżball kbir li jpartat ir-reliġjon Nisranija, li ġejja mingħand Alla nnifsu u twasslet lilna minn Ibnu l-Waħdieni, ma' xi reliġjon li tkun ġejja biss mill-bniedem.

Huwa Ġesù, u Ġesù biss, it-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

## Il-libertà tal-kuxjenza

Tissemma ħafna l-libertà tal-kuxjenza.

Din il-libertà hija wieħed mill-ikbar drittijiet tal-bniedem. Fuq dan ma jsita' jkun hemm ebda dubju.

Irridu *nifhmu*, però, li leħen il-kuxjenza mhux sempliċement bħallikieku xi ħadd ikellmek f'widnejk dwar x'inhu tajjeb jew x'inhu ħażin. Lanqas ma hu sempliċement x'inħossu jew x'jgħidlina l-istint.

Il-kuxjenza hija l-ġudizzju li aħna rridu nagħmlu b'responsabbiltà dwar x'inhi l-aħjar ħaġa li nistgħu nagħżlu f'sitwazzjoni partikolari.

Hawnhekk jidħol Alla.

Meta l-bniedem jiġi biex jiddeċiedi kif se jfassal ħajtu u fuq liema valuri se jimxi, il-bniedem ikun irid jiddeċiedi jekk jgħidx 'iva' jew 'le' lil Alla. Ikun irid jagħżel jew li jimxi skond ir-rieda ta' Alla u hekk jimpenja ruħu għal dak li hu tajjeb u veru, inkella li jagħmel li jrid u li jogħġbu. Ikun irid jew jaċċetta l-imħabba li Alla għandu għalina lkoll u li Alla jrid minna lkoll, jew jiċħadha. Dan hu li tfisser il-libertà tal-kuxjenza tal-bniedem.

## It-tagħlim tal-Knisja

Issib min jgħid li huwa jrid jimxi skond ir-rieda ta' Alla imma ma jħossx li għandu jisma' mill-Knisja.

Il-Papa u l-Isqfijiet ma jimponu rwieħhom fuq ħadd. Iħallu lil kulħadd fil-libertà li jagħżel għalih innifsu. Jibqa' l-fatt, però, li hemm raġuni fundamentali għaliex min irid jimxi wara Kristu jrid jagħti każ tat-tagħlim tal-Papa u l-Isqfijiet.

Din ir-raġuni mhix marbuta mat-tagħlim, l-għerf jew kwalitajiet umani li jista' jkollhom dawn il-mexxejja tal-Knisja. Ir-raġuni hija li t-tagħlim tal-Papa u ta' l-Isqfijiet huwa bbażat totalmet fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu, li tahom il-missjoni li jgħallmu lil kulħadd f'ismu, waqt li wegħdhom l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Programm Pastorali li l-Knisja f'Malta nidejna, wara ħafna konsultazzjoni, biex jiggwidana fil-mixja tagħna lejn is-Sena Elfejn hu minsuġ ma' din il-missjoni.

B'dan il-programm, qed infittxu li nwasslu lil kulħadd il-Bxara t-Tajba li "Alla hekk ħabb id-dinja li taha lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma intilifx, iżda jkollu l-ħajja" (Ġw. 3, 15).

It-tama tagħna, quddiemnett tiegħi bħala Ragħaj Spiritwali, hija li dan il-Programm Pastorali jgħinna nikbru dejjem iżjed bħala Knisja Familja li tagħti xiehda ħajja ta' komunjoni, solidarjetà u servizz.

## Festa ta' mħabba u rikonċiljazzjoni

Qalbi qawwija minn din it-tama, jiena nitlob lill-Mulej biex dan il-Milied ikun għalina lkoll festa ta' mħabba li tkun togħġob tassew u f'kollox lil Ġesù Bambin, kif ukoll esperjenza ta' tiġdid, konverżjoni u rikonċiljazzjoni l-ewwelnett ma' Alla u wkoll bejnietna.

Nawgura lil kulħadd, mill-qalb, Milied mogħni bil-ferħ veru u qaddis li joffrilna Ġesù Tarbija.

Dan nixtieqU b'mod speċjali:

- lit-tfal, li tant jinħtieġu l-imħabba sħiħa tal-ġenituri flimkien, f'familja magħquda;
- liż-żgħażagħ, li quddiem l-isfidi u t-tlajja' tal-ħajja, irridu noffrulhom ħafna komprensjoni u għajnuna, waqt li nipproteġuhom minn kull sfruttament u taħsir;
- lill-ġenituri, li jinħtieġu kull appoġġ possibbli biex ikollhom dejjem il-qawwa li jibqgħu dejjem leali lejn xulxin;
- lill-azjani, lill-morda u lill-persuni b'diżabilità, li Ġesù Tarbija joffrilhom il-konfema ta' l-imħabba ta' Alla għal kulħadd;
- u lill-emigranti u lir-refuġjati, li mbegħdin minn art twelidhom spiss ikunu jiddependu ħafna mis-solidarjetà tal-proxxmu.

Nixtieq il-Milied it-Tajjeb b'mod speċjali wkoll lill-aħwa li jinsabu fil-ħabs u lill-familji tagħhom, lill-vittmi tal-vjolenza jew ta' l-inġustizzja, lill-imġarrbin, lil min iħossu waħdu jew imwarrab, u lil kull min b'xi mod għandu qalbu mtaqqla.

Jalla Ġesù Tarbija jieqaf magħhom ilkoll u jagħtihom il-faraġ, il-wens u s-sliem qaddis tiegħu.

Mill-ġdid, il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd.

**Ġużeppi Mercieca**
*Arċisqof ta' Malta*

# Messaġġ tal-Milied lill-Emigranti mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Lura fl-Imħabba ta' Alla

Għeżież ħutna emigranti,

It-twelid tal-Messija hu l-ġrajja ċentrali ta' l-istorja tal-bniedem.

Għaldaqstant, inħoss li hija ħaġa sabiħa ħafna li fil-Milied, bħala Ragħaj Spiritwali tal-poplu nisrani f'Malta, jiena naqsam magħkom mhux biss l-awguri għal festi tajba, imma wkoll ftit riflessjonijiet fuq l-imħabba bla tarf li Alla l-Missier wera lejn kull wieħed u waħda minna meta bagħat lil Ibnu l-Waħdieni fid-dinja biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub.

### Wirt nisrani

Jiena konvint li l-maġġoranza l-kbira tagħkom, l-emigranti tagħna, meta mortu tfittxu x-xogħol u ġejjieni aħjar f'pajjiżi oħrajn, ħadtu magħkom wirt importanti ħafna: il-wirt ta' valuri nsara.

Ħafna u ħafna minnkom komplejtu tħaddnu l-wirt tal-Fidi Kattolika b'għożża kbira. Għalikom kien wirt li għenkom ħafna biex tibqgħu tagħrfu t-triq it-tajba meta sibtu rwieħkom f'nofs kulturi, stili ta' ħajja u modi ta' għajxien spiss maqtugħin mir-rieda vera ta' Alla. Kien ukoll wirt li għenkom tibqgħu tapprezzaw l-għaqda tal-familja, tant li ħafna għadhom jagħmlu minn kollox biex iżuru lil qrabathom f'dawn il-gżejjer, jew biex jilqgħu fosthom il-ġenituri tagħhom u lil ħuthom fl-art fejn qed jgħixu.

Ħafna minnkom ħadtu magħkom ukoll id-drawwiet reliġjużi Maltin.

Tieħu gost taqra dwar l-impenn ta' l-emigranti tagħna, f'diversi postijiet, biex jibnu knejjes, uħud minnhom b'ġebel meħud minn Malta; dwar il-ħeġġa tagħhom li jibqgħu jipprattikaw ir-reliġjon Kattolika bl-istess mod li kienu jipprattikawha f'art twelidna; dwar l-imħabba li biha l-emigranti kontu jew għadkom tiċċelebraw ċerti festi reliġjużi, fosthom il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fl-Eġittu; u dwar il-mod kif l-emigranti wassaltu d-drawwiet tal-Milied Malti tista' tgħid f'kull rokna tad-dinja.

Il-Knisja f'Malta tifraħ ħafna meta tiftakar li, permezz tagħkom l-emigranti, hija għenet biex tissaħħaħ il-Knisja f'artijiet kbar, bħalma hija l-Awstralja.

Kulħadd ħa gost jisma' lil Monsinjur Arċisqof George Pell, ta' Melbourne, jistqarr li l-akbar għadd ta' saċerdoti barranin li għandu fl-arċidjoċesi tiegħu huma Maltin – tletin b'kollox – li wħud minnhom trabbew fl-Awstralja.

Dan kollu hu tajjeb u sabiħ. Madankollu, b'uġiegħ ta' qalb ikollna nammettu li hemm aħwa emigranti li, għal raġuni jew oħra, forsi minħabba t-toqol tal-problemi li ltaqgħu magħhom, inħakmu jew inġarru minn kurrenti li ħaduhom 'il bogħod minn dawn il-valuri.

Hemm min tfixkel u spiċċa jfittex il-wens fi ħdan xi movimenti jew gruppi li t-tagħlim tagħhom mhux it-tagħlim veru ta' Kristu, li hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

Hemm min f'ħajtu għażel triq li xellfitlu jew għarrqitlu l-ħbiberija tiegħu ma' Alla u mal-proxxmu.

Hemm min għamel għażliet li ġabulu ħafna konsegwenzi koroh, li forsi nawwrulu jew telfulu wkoll l-għaqda mal-familja tiegħu.

Fid-dgħufija tiegħu, il-bniedem ġieli jagħmel l-iżball li jibdel l-għana tal-ħbiberija tiegħu ma' Alla l-Missier, mal-faqar ta' l-idoli foloz li tħajjarna għalihom id-dinja, bħalma huma flus, poter, konsum, individwaliżmu u ħajja laxka maqtugħa mir-responsabbiltà.

Il-bniedem ġieli jiġrilu bħall-Iben il-Ħali tal-prabbola, li minkejja li f'dar missieru kellu kull ma kellu bżonn, ġiegħel lil missieru jagħtih sehmu minn ġidu, biex mar iberbaq kollox f'ħajja mtajra li wasslitu fil-miżerja.

Mill-banda l-oħra, il-bniedem jaf li, l-istess bħal fil-każ ta' l-Iben il-Ħali, fil-ħniena bla tarf tiegħu Alla l-Missier jibqa' dejjem lest li jilqa' lura fi ħdanu u fil-ħajja tiegħu lill-bniedem niedem. Jibqa' dejjem lest li jagħtih l-imħabba u l-fedeltà tiegħu.

## Bnedmin ġodda

Il-Milied minnu nnifsu jħeġġiġna biex, kien x'kien l-imgħoddi tagħna, inqawwu qalbna mill-grazzja u l-maħfra li joffrilna Alla l-Missier, biex nimpenjaw irwieħna li nsiru bnedmin ġodda.

Kull Milied joffrilna l-opportunità li ninbidlu f'xhieda ġodda u sħaħ tal-valuri tal-Vanġelju.

F'dan il-Milied, però, din l-istedina tikseb qawwa akbar, għaliex ir-riflessjoni tagħna fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla qed

nagħmluha fi żmien meta qed inħejju rwieħna biex nitilgħu l-għatba tat-Tielet Millennju.

Meta ssemmi l-Millennju ħafna nies jaħsbu l-ewwel f'monumenti u ċelebrazzjonijiet speċjali u eċċezzjonali. Hwejjeġ bħal dawn hemm post għalihom ukoll, dment li kollox isir bl-ekwilibriju, is-sens u l-galbu meħtieġ.

Għan-nisrani, però, il-mixja lejn il-Ġublew il-Kbir għandha sinjifikat ferm usa u ferm iżjed qawwi minn hekk.

Għan-nisrani, it-tħejjija għall-Ġublew hija l-ewwelnett okkażjoni speċjali għal eżerċizzju ta' indiema dwar nuqqasijiet umani, ta' tħejjija ġewwiena għal bidla sinċiera tal-qalb, għal konverżjoni vera u rikonċiljazzjoni ġenwina ma' Alla u mal-proxxmu.

L-istedina li nixtieq nagħmlilkom f'dan il-Milied hija proprju li, bi tħejjija għall-miġja tat-Tilet Millennju, tfittxu li tiskopru mill-ġdid il-wirt ta' valur nsara li ħadtu magħkom meta sifirtu minn art twelidna, biex hekk tinbnew u tissaħħu dejjem iżjed fl-imħabba ta' Alla.

Jalla Ġesù Bambin jgħinna lkoll biex nikbru dejjem iżjed kemm fil-paċi tagħna ma' Alla kif ukoll ma' l-oħrajn.

Mill-ġdid, il-Milied it-Tajjeb lill-emigranti kollha, kif ukoll lill-familji tagħkom.

**Ġużeppi Mercieca**
*Arċisqof ta' Malta*
Milied 1998

# Ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Paċi 1999

MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

**KonKattidral ta' San Ġwann, 31 ta' Diċembru 1991**

## Paċi bil-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem

Nixtieq li, f'isimkom ukoll, nirringrazzja lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għall-Messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji tal-Paċi.

F'dan il-messaġġ, il-Papa jistieden lil kull raġel u mara ta' rieda tajba, lir-responsabbli politiċi u mexxejja reliġjużi tal-popli, biex jaħdmu ħalli l-Millennju l-ġdid, li huwa fil-qrib, ikun jista' jimla tassew lil qlubna bit-tama ta' dinja aktar ġusta u solidali.

Il-Papa qed jiżgurana li din it-tama mhix fiergħa. Anzi, għandha sisien. Għandha sisien jekk, bħala tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn, aħna nilqgħu l-istedina li nikkonvertu tassew billi nħallu l-ħażin u nagħmlu t-tajjeb. Għandha sisien għaliex Alla Missierna jista' u jrid jgħinna biex ikollna dinja aktar ġusta u solidali. L-imħabba ta' Alla għalina ma tonqos qatt u hija bla limiti.

Biex jgħinna nemmnu f'din l-imħabba tiegħu lejna, permezz tal-Profeta Isaija l-Mulej qalilna hekk:

"Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha,
u ma tħennx għal bin ġufha?
Imqar jekk din tinsa
jien ma ninsiek qatt!
Ara! Naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja." (Is. 49, 15-16).

### Id-dinjità tal-bniedem u l-ġid komuni

Fil-messaġġ tiegħu, il-Papa jtennilna li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa s-sigriet tal-paċi vera. Dan it-tagħlim insibuh ukoll fl-ewwel Enċiklika tiegħu, *Redemptor Hominis,* li ħarġet kważi 20 sena ilu.

Ġwanni Pawlu II qed itenni li biex ikollna dinja aktar ġusta u solidali, biex ikollna l-paċi vera, jeħtieġ li nirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. Hija l-kultura tad-drittijiet tal-bniedem li twassal għal paċi vera. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem iġib 'il quddiem ir-rispett u l-promozzjoni tad-dinjità tal-persuna u jsaħħaħ l-impenn favur il-ġid komuni.

Meta dan ir-rispett jonqos, ma jiġix magħruf, jew jiġi mkasbar, inkella meta l-ġirja għall-interessi individwali tirbaħ fuq il-ġid komuni, tinżergħa ż-żerriegħa ta' l-instabilità, ir-ribelljoni u l-vjolenza.

Il-verità sħiħa dwar il-bniedem jagħtihielna biss Alla. Huwa Alla li ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu nnifsu u għanieh b'dinjità ta' valur tranxendenti. Din id-dinjità titlob ir-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Il-bnedmin kollha għandhom l-istess dinjità u kollha għandhom l-istess drittijiet fundamentali, li ebda bniedem ieħor ma jista' jiċħadhomlhom. Dan ir-rispett u għożża għad-drittijiet tal-bniedem huwa l-bażi tal-libertà, il-ġustizzja u l-paċi fid-dinja.

L-istorja ta' żmienna turina tajjeb xi ħsara traġika tista' tfeġġ u tikber meta jkun hemm min jinsa jew iwarrab din il-verità dwar il-bniedem. Il-frott qares u ħażin li taw ideoloġiji bħalma huma l-Marxiżmu, in-Nażiżmu u l-Faxxiżmu, kif ukoll miti bħalma huma s-superjorità razzjali, in-nazzjonaliżmu u l-esklussiviżmu etniku, huma fatti koroh fl-istorja tal-bniedem li jeħtieġ li nitgħallmu minnhom ilkoll ħalli nwarrbuhom darba għal dejjem.

## Il-ħsara tal-materjaliżmu u l-egoiżmu

Ħsara xejn inqas, għalkemm mhux dejjem b'mod ovvju, huma l-effetti tal-kultura tal-konsumeriżmu materjalista, ta' l-eżaltazzjoni ta' l-individwu, tas-sodisfazzjon egoistiku, u ta' aspirazzjoni personali. Din il-kultura dieħla sewwa fostna, tant li dawn l-affarijiet saħansitra ġieli qed isiru l-iskop aħħari fil-ħajja.

Meta l-bniedem iħares lejn il-ħajja b'dan il-mod, jiġrilu li l-effetti negattivi li jkun hemm fuq l-oħrajn jibda jqishom bħallikieku m'għandhom ebda rilevanza. Madankollu, irid jingħad u jibqa' jingħad li ma jista' jiġi injorat l-ebda affront lid-dinjità tal-bniedem. Jiġru meta jiġru, jiġru fejn jiġru, ikun xi jkun is-sors jew il-forma tagħhom, affronti bħal dawn il-bniedem irid jieqfilhom.

Fi żmien meta numru forsi dejjem akbar ta' aħwa Maltin qed jiddakkru minn stilil ta' ħajja u modi ta' għajxien neqsin mill-għożża vera tad-dinjità

tal-bniedem maħluq xbieha ta' Alla, xotti mis-sens ta' responsabbiltà u lealtà fl-imġiba mal-proxxmu, u dgħajfa fl-impenn għall-ħarsien u t-tmexxija 'l quddiem tal-ġid komuni, nagħmlu sewwa jekk nirriflettu u nisħqu fuq dan fostna wkoll.

Nistaqsi: Ikun jgħożż id-dinjità tal-bniedem, ikun jaħdem għall-ġid komuni, meta għall-qligħ faċli tal-flus bħal bit-tixrid tad-droga, inkella wara l-paraventu ta' divertiment jew rikreazzjoni, wieħed jirriskja s-saħħa jew il-mewt ta' ħuħ?

## Drittijiet speċifiċi

Tradizzjonalment, id-drittijiet tal-bniedem huma miġburin f'żewġ kategoriji wesgħin Fuq naħa hemm id-drittijiet politiċi u ċivili, waqt li fuq in-naħa l-oħra hemm id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

Fil-messaġġ tiegħu, il-Papa jidentifika ċerti drittijiet speċifiċi li, fid-dinja ta' żmienna, jidhru li huma esposti b'mod partikolari għal xi forma ta' vjolazzjoni.

Ġwanni Pawlu jisħaq l-ewwelnett favur id-dritt fundamentali għall-ħajja u jfakkar li l-ħajja umana hija sagra u invjolabbli mit-tnissil sat-tmiem naturali tagħha. Id-dritt għal-ħajja għandu jibqa' dejjem bla mittiefes. Il-Papa jgħid li mill-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fil-qasam ta' l-inġinerija ġenetika, ħarġet sfida li tħasseb ħafna. Biex ir-riċerka xjentifika f'dan il-qasam tkun ta' qadi għall-persuna, kull pass 'il quddiem irid ikun imsieheb ma' riflessjoni etika, li tispira normi ġuridiċi adattati għall-ħarsien ta' l-integrità tal-ħajja tal-bniedem. Il-ħajja qatt m'għandha titbaxxa u titqies biss bħala xi oġġett.

Il-Papa jemfasizza wkoll id-dritt għal-libertà reliġjuża bħala l-qalb tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hekk, persuna għandu jkollha magħrufa l-libertà li tbiddel ukoll ir-reliġjon tagħha, jekk il-kuxjenza ta' dik il-persuna tkun titlob dan. Persuna għandu jkollha d-dritt li turi t-twemmin proprju tagħha kemm individwalment, kif ukoll ma' oħrajn, fil-privat u fil-pubbliku.

Il-Papa jemfasizza wkoll id-dritt li ċ-ċittadini jieħdu sehem fil-ħajja tal-komunità. Dan id-dritt, madankollu, jista' jiġi fix-xejn jekk ikun hemm il-favoritiżmu u l-korruzzjoni. Meta jiġri dan, l-iżvilupp ta' sistema demokratika serja jsir prattikament impossibbli.

Il-Papa jemfasizza wkoll il-bżonn ta' edukazzjoni adekwata biex kull bniedem ikun jista' jiżviluppa l-abbiltajiet li jitwieldu miegħu. Ġwanni Pawlu II hawnhekk jemfasizza l-importanza kbira ta' l-edukazzjoni

primarja bħala edukazzjoni xierqa għal dawk kollha li bdew ħajjithom fid-dinja. Il-Papa jilmenta dwar dawk il-każi fejn ikun hemm flus biżżejjed għal proġetti ta' prestiġju jew għall-edukazzjoni sekondarja, iżda mhux għall-edukazzjoni primarja.

Il-Papa jemfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi sodisfatt id-dritt tal-bniedem għax-xogħol, biex ikun jista' jikseb livell xieraq ta' għajxien. Ġwanni Pawlu II ifakkar fil-problema tal-qagħad li hemm f'ħafna pajjiżi. Huwa jħeġġeġ lil kull min għandu setgħa politika u ekonomika biex isibu soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni.

Meta jitkellem fuq is-solidarjetà meħtieġa biex ikun jista' jinkiseb tassew il-progress tal-bnedmin kollha, il-Papa jagħmel appell qawwi lil kull min fid-dinja għandu si responsabbiltà fir-relazzjonijiet dwar il-flus, biex isir sforz sinċier ħalli tinstab soluzzjoni għall-problema kerha tad-dejn internazzjonali tal-ġnus l-iżjed fqar.

Ġwanni Pawlu II ifakkar ukoll li t-tmexxija 'l quddiem tad-dinjità tal-bniedem għandha rabta qawwija mad-dritt għal ambjent b'saħħtu. Jeħtieġ inżommu quddiem għajnejna li llum u l-ġejjieni fid-dinja jiddependi mill-ħarsien tal-ħolqien. Għalhekk, hija r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna li nirrispettaw ir-riżorsi tan-natura billi nużawhom b'mod xieraq. Dan jista' jsir meta nqegħdu l-ġid tal-bniedem fil-qalba tal-ħarsien ta' l-ambjent.

Apparti d-drttijiet li jien qed insemmi f'dan il-messaġġ tiegħi, il-Papa jitkellem ukoll dwar numru ta' drittijiet oħrajn. Il-fatt li jien minhix qed insemmi d-drittijiet kollha li jitkellem dwarhom il-Papa, ma jfissirx li hemm xi drittijiet li mhumiex importanti għall-ħarsien tal-paċi. Kif tenna l-Papa, l-ebda dritt tal-bniedem ma huwa żgur jekk wieħed ma jimpenjax ruħu li jħares id-drittijiet kollha. Kull ksur, fih innifsu jkollu ż-żerriegħa ta' xi ġlied li jista' jkun hemm.

## Leħinna fix-xena internazzjonali

Nixtieq ninkuraġġixxi lir-rappreżentanti kollha tal-poplu tagħna biex, imħeġġin minn kliem il-Papa, jaħtfu kull okkażjoni li jkollhom fil-fora internazzjonali biex isemmgħu leħinhom favur dak kollu li jgħin għat-tqassim ġust tal-ġid tad-dinja, u biex jissaħħaħ il-ħarsien tal-wirt naturali tal-bnedmin kollha.

Aħna poplu żgħir fid-daqs. Iżda proprju għaliex aħna poplu li żgur ma jistax ikun ta' xi theddida għal ħaddieħor, leħinnha jista' jkollu

influwenza pożittiva sostanzjali meta, magħqudin, intambru favur dak li jibni s-solidarjetà u l-ġustizzja fost il-bnedmin u li, allura, jiżra' u jkabbar il-paċi.

It-triq l-aktar żgura għal relazzjonijiet aktar sodi li jibnu l-paċi hija l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem. U din il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem, bil-kollaborazzjoni ta' kull qawwa soċjali, hija r-responsabbiltà ta' kulħadd. Fuq quddiem, però, hemm dawk kollha li għandhom influwenza akbar fuq il-formazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u fuq l-imġiba tan-nies.

Il-Mass Media għandhom rwol ta' importanza massima. Huma għandhom jitħeġġu dejjem iżjed fil-kontribut tagħhom favur inizjattivi nobbli ta' djalogu u ta' solidarjetà, billi jisħqu bla heda fuq il-bżonn tal-ftehim mutwu u l-paċi.

Il-paċi tista' ssirilha ħafna ħsara jekk il-Mass Media, filwaqt li jaħtu l-ispazju kollu meħtieġ biex kulħadd ikollu ċans isemma' leħnu u juri fehmtu, jonqsu milli jassiguraw bla heda li kollox isir b'responsabbiltà, f'rispett lejn id-dinjità tal-bniedem u l-ġid komuni.

## Il-paċi fostna

Il-poplu tagħna jgħożż ħafna l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

Meta nħarsu lura lejn il-ġrajja tal-poplu tagħna nsibu li xi ftit xewk kellna aħna wkoll. Madankollu, fir-realtà aħna poplu determinat li l-esperjenza jħares lejha biex jitgħallem minnha u hekk jissaħħaħ l-għożża u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

Dan hu tajjeb. Juri li fhimna x'inhu s-sigriet għall-bini ta' paċi vera.

Ikun sabiħ ħafna jekk kull wieħed u waħda minna, kulħadd skond ir-responsabbiltà tiegħu fil-ħajja, nistinkaw b'sinċerità biex dawn is-sisien insaħħuhom.

Bl-għajnuna ta' Alla, il-paċi hija dejjem possibbli.

*KonKattidral ta' San Ġwann*
*Il-Ħamis, 31 ta' Diċembru 1998*

# Messaġġ ta' l-Arċisqof fl-Okkażjoni tal-50 sena tar-Rivista FARAĠ

Ħamsin sena ilu, l-Azzjoni kattolika, b'inizjattiva ta' Mons. Dun Mikiel Azzopardi, bdiet toħroġ ir-rivista "FARAĠ" biex issaħħaħ aktar il-ħidma favur il-morda mibdija s-sena ta' qabel bid-diskorsi darba fil-ġimgħa lill-morda minn fuq ir-Redifusion. Din il-ħidma għadha sejra sa llum u f'dawn il-ġranet qed jiġu mfakkra l-ħamsin sena ta' din ir-rivista li toħroġ kull tliet xhur u qed isservi bħala ħolqa bejn il-morda kollha u twasslilhom messaġġ ta' faraġ fit-tiġrib tal-mard tagħhom.

Il-mard dejjem iġib miegħu ħafna tiġrib, dwejjaq, niket u qtigħ il-qalb: il-marid jiddependi f'kollox minn oħrajn u spiss iħoss ruħu waħdu għax ma hemm ħadd li qed jieħu ħsiebu biżżejjed u dan iżidlu d-dwejjaq li jġiblu l-mard. Hu jkun kull mument jistenna xi kelma ta' faraġ biex tqawwilu qalbu u tgħinu jilqa' bis-sabar it-tiġrib tal-marda tiegħu. Hu għalhekk li l-morda jkunu jistennew kull tliet xhur ir-rivista tagħhom il-FARAĠ.

L-Azzjoni Kattolika Maltija ħaqqha kull tifħir għax baqgħet tkompli l-ħidma li nbdiet ħamsin sena ilu b'inizjattiva ta' Dun Mikiel Azzopardi, u jien inħoss li hu dmir tiegħi mbierek din l-inizjattiva u nawguralha li tkompli sejra 'l quddiem u tissaħħaħ aktar għall-ġid tal-morda tagħna. Il-Mulej żgur ibierek din l-inizjattiva u jagħti kull għajnuna lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma mpenjati f'din il-ħidma.

Illum, 17 ta' Ottubru, 1998, jum il-Ġurnata Missjunarja.

**Ġużeppi Mercieca**
*Arċisqof ta' Malta*

# Messaġġ ta' l-Arċisqof f'għeluq il-mitt sena tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' "St. Patrick's School"

Mitt sena ilu bdiet isseħħ il-ħolma tas-sur Fons Marija Galea li ħadem ħafna biex jara s-Salesjani f'Malta ħa jieħdu ħsieb it-tfal subien iltiema jew ta' familji foqra li ħadd ma kien hemm min jieħu ħsiebhom. Għall-bniet ġa kienu twaqqfu xi istituti, iżda għas-subien biss qrib is-seklu l-ieħor beda jsir xi ħaġa; bejn wieħed u l-ieħor fl-istess żmien l-ewwel twaqqaf l-Istitut San Ġużepp, imbagħad "St. Patrick's School".

Saru kuntatti mas-Salesjani f'Turin u fil-Kurja għad hemm il-korrispondenza mal-Beatu Mikiel Rua; frott ta' din il-korrispondenza kienet il-wasla tas-Salesjani f'Malta, li ma damux ma għamlu l-għeruq tagħhom f'pajjiżna bil-ħidma tagħhom fost it-tfal u ż-żgħażagħ, bl-oratorji festivi u l-iskejjel tagħhom; mill-iskola tagħhom f'tas-Sliema ħarġet vokazzjoni li hi ta' ġieħ għas-Soċjetà Salesjana kollha: il-Ven. Nazzareno Camilleri.

Illum is-Salesjani għandhom biex jifirħu bl-anniversarju tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' l-ewwel skola li fetħu f'Malta u li tat bidu għal tant opri oħra għall-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ fl-ispirtu ta' San Ġwann Bosco.

Minn qalbi nixtieqilkom li l-Mulej iseddaq il-ħidma kollha tagħkom fostna u fid-dinja kollha biex tagħtu edukazzjoni u formazzjoni tassew nisranija lit-tfal u liż-żgħażagħ li tiltaqgħu magħhom kontinwament, u b'rahan ta' għajnuna mis-sema nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

Illum 3 ta' Diċembru, 1998, tifkira ta' San Franġisk Saverju.

**Ġużeppi Mercieca,**
*Arċisqof ta' Malta.*

# Messaġġ ta' l-Arċisqof f'Għeluq l-Elfejn sena tas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Ġovanna Antida Thouret

Il-Knisja li hi f'Malta ma tistax ma tifraħx flimkien mas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Ġovanna Antida Thouret għeluq il-mitejn sena tal-fondazzjoni ta' l-Istitut tagħhom f'Besançon fil-11 ta' April 1799. Is-Sorijiet ta' Santa Antida ġew Malta aktar minn mitt sena ilu, u l-Gvern minnufih fdalhom tliet skejjel żgħar fil-Baħrija, fl-Imtaħleb u f'Birżebbuġa flimkien ma' l-orfanatrofju tiegħu, li dak iż-żmien kien jinsab fil-Belt. Aktar tard ġew imsejħa biex jieħdu ħsieb ta' l-Istitut Vincenzo Bugeja u tal-Konservatorju ta' l-Isqof f'Għawdex. Iżda l-aqwa ħidma li għaliha ssejħu kienet fl-isptarijiet u fid-djar ta' l-anzjani. Fil-bidu tas-seklu għoxrin fetħu skola kbira għall-bniet f'Ħal Tarxien.

Il-ħidma tas-Sorijiet ta' Santa Antida qatt ma naqset fostna u lanqas naqsulhom il-vokazzjonijiet. Illum is-Sorijiet tal-Karità Maltin mhux biss issibhom fil-kunventi li għadhom f'Malta, imma wkoll imxerrdin mad-dinja fil-Pakistan, fl-Eġittu, fiċ-Ciad, fis-Sudan, fl-Istati Uniti u fil-Paraguay, u ftit ukoll fil-Casa Madre f'Ruma ħdejn il-bażilka ta' Santa Maria in Cosmedin.

Il-ħidma ta' Santa Ġovanni Antida bdiet f'Besançon fl-eqqel tar-Rivoluzzjoni Franċiża u b'ħafna qtigħ il-qalb bdiet tgħallem id-duttrina it-tfal, tieħu ħsieb il-foqra u tagħti edukazzjoni nisranija f'dar żgħira li servietha bħala skola. Ma damux ma nagħqdu xebbiet oħra magħha ħa jaqdu dan l-għemil ta' mħabba fost l-imwarrbin min-nies. Il-ħsieb li kien imexxihom, li kien imexxi lil Santa Antida, kien "Alla biss" – DIO SOLO. Alla biss kien il-ħsieb waħdani li kien imexxihom, u għadu imexxihom illum wkoll fid-ħidma kollha tagħhom.

Hu għalhekk il-Knijsa li hi f'Malta ma tistax ma tifraħx mas-Sorijiet tal-Karità minħabba l-ħafna ġid li għamlu u qed jagħmlu f'pajjiżna. Dan Santa Ġovanna Antida tagħrfu mis-sema, għax riedet li wieħed mill-mirakli meħtieġ għall-kanonizzazzjoni tagħha jsir f'Malta fl-Isptar Ċentrali.

Fil-kappella ta' l-Isptar kienet qed issir ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr għall-beatifikazzjoni ta' Santa Antida fit-23 ta' Mejju 1926; għaċ-ċelebrazzjoni kienu preżenti s-sorijiet kollha flimkien mal-Madre li kienet ilha żmien fuq karrozzella, mingħajr ma tista' tiċċaqlaq. F'daqqa waħda,

fost l-istgħaġib ta' kulħadd, qamet bil-wieqfa u ssieħbet mas-Sorijiet trodd ħajr lil Alla. Il-professuri li kienu jaħdmu fl-Isptar dak iż-żmien kienu tal-fehma li l-fejqan ta' Suor Paola kien miraklu u ċ-ċertifikati tagħhom ġew aċċettati mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin.

Santa Ġovanni Antida żgur qed tħares lejn il-ħidma ta' wliedha fostna u tberikha; bit-talb tagħha żgur qed tieqaf magħhom biex ikomplu l-ħidma tagħhom f'pajjiżna, ikollhom għadd sabiħ ta' vokazzjonijiet u jagħtu xhieda ħajja ta' l-imħabba ta' Alla għal kull min hu mġarrab mill-hemm tad-dinja.

Mat-talb tas-Sorijiet f'dawn il-ġranet irrid inżid it-talb tiegħi lil Santa Ġovanna Antida, u b'rahan ta' kull barka mis-sema nagħti lilhom u lil dawk kollha li fosthom qed jaqdu l-missjoni tagħhom, il-barka pastorali tiegħi.

Illum 9 ta Jannar 1999, festa tal-Magħmudija tal-Mulej.

**Ġużeppi Mercieca,**
*Arċisqof ta' Malta.*

**Ċirkolari Numru 373**

# Ġurnata Missjunarja 1998

Il-Ġurnata Missjunarja din is-sena sejra tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru.

Il-messaġġ tal-Papa għal dan il-Jum ifakkarna nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex isaħħaħ fina l-fidi u biex Hu jkompli joħloq qawmien missjunarju kbir fil-Knisja. Sinjali sbieħ ta' dan il-qawmien huma l-kariżmi li l-Ispirtu jqassam lil għadd kbir ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi volontarji li jiddedikaw ħajjithom jew snin twil f'servizz missjunarju.

Aħna l-Maltin inħobbu ħafna l-ħidma missjunarja tal-Knisja. Inħobbu ngħinu kemm bit-talb u s-sagrifiċċji, kif ukoll bl-offerti tagħna. Jisraq li fil-Ġurnata Missjunarja nitolbu b'aktar ħeġġa għall-missjunarji u għall-ħidma tagħhom. Għalhekk hu rakkomandat li, ħlief għall-każ ta' Quddies għal xi okkażjoni speċjali, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 17 u 18 ta' Ottubru, tiġi ċelebrata dejjem il-Quddiesa għall-Evanġelizazzjoni tal-Ġnus.

Fil-Quddies kollu ta' l-istess ġranet, fil-knejjes kollha għandha ssir il-ġabra għall-missjonijiet. Inħeġġu lil kulħadd biex infissru l-imħabba tagħna għal Alla u għall-ħidma missjunarja tal-Knisja bil-ġenerosità tagħna kemm f'din il-ġabra fil-knejjes kif ukoll fl-għotjiet fil-boroż jew envelopes li jitqassmu fi djarna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 6 ta' Ottubru 1998.

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

**Mons. Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Ċirkolari Numru 374**

# Anniversarju tal-Papa

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, jaħbat l-20 anniversarju mill-elezzjoni tal-Qdusija Tiegħu l-Papa bħala Ragħaj tal-Knisja Universali, u nhar il-Ħamis, 22 ta' dan, mill-bidu uffiċċjali tal-ħidma tiegħu.

F'dawn l-anniversarji, aħna lkoll inkunu rridu nuru b'mod speċjali l-imħabba, l-fedeltà u r-rispett tagħna lejn il-Papa. Dan nagħmluh billi niftakru fih u fl-intenzjonijiet tiegħu aktar mis-soltu fit-talb tagħna u forsi wkoll b'xi sagrifiċċji li noffru. Nitolbu b'mod partikulari biex il-Mulej ikompli jagħnih bi qdusija, ħeġġa, dehen u saħħa biex ikun jista' jaqdi l-missjoni kbira tiegħu għall-gorja t'Alla u għall-ġid tagħna bħala Knisja u tal-bnedmin kollha.

B'dan il-ħsieb, Monsinjur Arċisqof jixtieq iwassal lis-saċerdoti u lill-membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata l-istedina tal-Kardinal Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kleru biex nhar is-16 ta' Ottubru joffru l-Ewkaristija u l-Liturġija tas-Sigħat skond l-intenzjonijiet tal-Papa.

Għal nhar il-Ħamis, 22 ta' Ottubru, imbagħad, Monsinjur Arċisqof:

1. Jirrakkomanda ħafna li tiġi ċċelebrata l-Quddiesa ta' l-Anniversarju tal-Papa (ara *Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa,* p. 414); u li r-Rużarju jingħad skond l-istess fehma.

2. Jordna li jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes u, fejn hu possibbli, tittella' l-bandiera tal-Papa.

3. Irid li waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika li ssir fil-knejjes ta' l-Arċidjoċesi jsir talb speċjali għall-bżonnijiet tal-Papa u skond l-intenzjonijiet tiegħu.

Fl-istess ġurnata tat-22 ta' Ottubru, fis-6.00 ta' filgħaxija, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, se tiġi ċċelebrata Quddiesa għall-Papa. Għal din il-Quddiesa hu mistenni li jkun preżenti wkoll in-Nunzju l-ġdid f'Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Luigi Gatti. Monsinjur Arċisqof jixteiq jistieden lis-saċerdoti u reliġjużi li jkunu liberi minn impenji pastorali oħra biex jikkonċelebraw f'din il-Quddiesa. Jixtieq jistieden ukoll lill-membri l-oħra ta' l-Istituti ta' Ħajja Konsagrata, lill-

membri ta' għaqdiet u movimenti kattoliċi u lill-membri l-oħra tal-Knisja biex jieħdu sehem fiha.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 7 ta' Ottubru 1998.

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

**Mons. Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Ċirkolari Numru 375**

# Ġabra għall-Iskejjel tal-Knisja

Bħal kull sena, il-Knisja qegħda tappella għall-ġenerosità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-Iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 14 u 15 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

# Talb għax-Xita

Peress li beda jinħass nuqqas ta' xita, u sakemm jibqa' jinħass dan in-nuqqas, minn meta tasal din **iċ-Ċirkolari** fit-Talba tal-Fidili fil-quddies tibda tingħad l-invokazzjoni "Agħtina, Mulej, xita fejjieda f'waqtha, biex artna ma ċċaħħadniex mill-frott tagħha.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 28 ta' Ottubru 1998.

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

**Mons. Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Ċirkulari Numru 376**

# Festa ta' Kristu Re, 1998

Il-festa ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru.

Il-motto magħżul din is-sena mill-Kumitat Organizzattiv tal-FORUM tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi biex jiggwidana fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa hu: **"Il-Mixja lejn Alla l-Missier"**.

Dan il-motto jkompli jgħin lill-Knisja f'Malta tħejji ruħha skond ix-xewqa tal-Qdusija Tiegħu l-Papa għaċ-ċelebrazzjoni tat-tielet elf sena ta' l-era nisranija. Skond ix-xewqa tal-Papa, matul is-sena 1999 għandna nwaqqfu l-ħarsa tagħna fi spirtu ta' talb, riflessjoni, konversjoni u mħabba speċjali fuq Alla l-Missier u fuq il-mixja tagħna lejh matul ħajjitna kollha, bħala Missierna "li kuljum nagħrfu dejjem aktar l-imħabba tiegħu bla qies għal kull bniedem, u b'mod partikulari għall-iben il-ħali". (Ittra Apostolika *Tertio Millennio Adveniente,* n. 49).

Iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani tal-festa ta' Kristu Re din is-sena se jsiru fil-Parroċċi ta' Wied il-Għajn, Żabbar u Fgura b'dan il-programm:

1. **Il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru, fl-4.30 p.m.: Laqgħa ta' talb għas-saċerdoti u membri ta' Istituti ta' ħajja konsagrata fil-knisja parrokkjali ta' Marsascala.**
2. **Is-Sibt, 21 ta' Novembru, fit-3.00 p.m.: Tibda mixja ferrieħa tat-tfal fil-Fgura.**
3. **Il-Ħadd, 22 ta' Novembru fit-3.00 p.m.: tibda l-Mixja ta' Fidi minn qasam tad-Djar ta' Ħaż-Żabbar sa quddiem il-Knisja Parrokkjali. Wara l-mixja, Monsinjur Arċisqof se jagħmel diskors u wara ssir ċelebrazzjoni ewkaristika. Immedjatament wara li tispiċċa l-funzjoni tiġi ċċelebrata Quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.**

Monsinjur Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis, 19 ta' dan.

# Jum l-Emigranti u Refuġjati

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Novembru, se jiġi ċċelebrat Jum l-Emigranti u Refuġjati.

Fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 14 u 15 ta' dan, għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Mulej, ħares u għin li ħutna emigranti u refuġjati fil-ħtiġijiet tagħhom tar-ruħ u tal-ġisem."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Novembru 1998.

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

**Mons. Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Ċirkolari Numru 377**

# Jum il-Karità 1999

Nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar 1999, b'inizjattiva tal-Kunsill tas-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità (CARITAS), fl-Arċidjoċesi tagħna se niċċelebraw Jum il-Karità.

Bi tħejjija għal dan il-Jum, fil-knejjes li fihom is-soltu nhar ta' Ħamis ssir Adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija, xieraq li nhar il-Ħamis, 21 ta' dan, għal din l-adorazzjoni jintużaw it-testi taċ-Ċelebrazzjoni li qed jintbagħtu ma' din iċ-Ċirkulari.

Fl-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 23 u 24 ta' Jannar, se ssir il-ġabra għall-ħidmiet u Djar ta' Karità li l-Knisja għandha f'Malta. Fl-istess ġranet fil-knejjes kollha se jkun hemm kaxxi li fihom jistgħu jitqegħdu ikel u oġġetti oħra utli biex jtiqassmu fid-Djar tal-Knisja għat-Tfal, għaż-Żgħażagħ u għall-Persuni bi bżonnijiet speċjali, skond kif qed jiġi indikat lil kull Parroċċa.

Parti simbolika minn dawn l-offerti, flimkien mal-flus miġbura, se jingħataw mill-Kappillani u rappreżentanti minn kull Kunsill Pastorali Parrokkjali lil Monsinjur Arċisqof, li jilqagħhom f'isem Kristu u ħutna fil-bżonn, waqt Quddiesa li se jiċċelebra fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, nhar il-Ħamis, 4 ta' Frar 1999 fis-6.00 p.m.

Il-flus miġbura mbagħad jitqassmu biex jiġu megħjuna, skond fejn l-aktar ikun hemm ħtieġa, id-diversi Djar u ħidmiet ta' Karità li l-Knisja f'Malta hi mpenjata fihom. Fost dawn hemm id-***Djar li jilqgħu tfal u żgħażagħ bla dar jew bla familja li tieħu ħsiebhom; is-Servizzi tal-CARITAS MALTA; id-dar tal-Providenza; id-djar għall-Anzjani; is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika; u l-ħidma tas-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu għar-Refuġjati.***

Nappellaw għall-ġenerosità ta' ħutna fil-Fidi biex jgħinu lil dawn id-Djar u Ħidmiet ta' Karità biex ikomplu jaqdu l-missjoni sabiħa tagħhom. Dan iżjed u iżjed f'din l-aħħar sena ta' tħejjija għat-tielet millenju tal-Kristjaneżmu, li l-Papa jixtieqna niddedikawha l-aktar għall-ħsieb fuq Alla Missierna, għani fil-ħniena, u ngħixuha l-aktar bit-tħaddim tal-virtù ta' l-imħabba.

Il-Mulej ibierek u jippremja kull sagrifiċċju li nagħmlu biex infissru b'mod prattiku l-imħabba tagħna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 1 ta' Jannar 1999.

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

**Annetto Depasquale**
*Isqof Awżiljarju*
*Vigarju Ġenerali*

# Kjarifika dwar Pronunzjamenti ta' l-Arċisqof

F'kummenti mxandra fi *It-Torċa* tal-Ħadd, 4 ta' Ottubru 1998, l-Onor. Dr. Alfred Sant, Mexxej tal-Malta Labour Party, kiteb li "meta l-Arċisqof tkellem dwar ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali ma kienx kredibbli". Dr. Sant kiteb ukoll li ma jafx li sar xi sforz serju min-naħa ta' Mons. Arċisqof biex jikkritika l-attakki bla qies, "personali u ta' intrasiġenza", li saru fi żmien il-gvern immexxi minnu.

L-Uffiċċju Stampa tal-Kurja ta' l-arċisqof jixtieq jiċċara dan li ġej:

Matul dawn l-aħħar sentejn kienu diversi l-okkażjonijiet li fihom Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca tkellem – kif jagħmel dejjem kull meta jħoss il-bżonn – dwar il-ħtieġa ta' mġiba korretta bejn gvern u oppożizzjoni, kif ukoll ta' relazzjonijiet tajba bejn il-politiċi.

F'dawn l-okkażjonijiet, Mons. Arċisqof appella biex bejn gvern u oppożizzjoni jkun hemm relazzjonijiet ta' komplimentarjetà li twassal għal kollaborazzjoni organika; biex bejn ir-Rappreżentanti tal-Poplu ma jkunx hemm klima ta' antagoniżmu, imma jaħdmu flimkien; u biex ir-Rappreżentanti tal-Poplu joffru eżempju ħaj ta' rispett u mħabba lejn xulxin.

F'dawn l-aħħar sentejn ukoll, b'riferenza għat-tensjoni politika, Mons. Arċisqof appella għal-karità u mħabba fil-kliem li nindirizzaw lil xulxin u dwar xulxin biex jissaħħaħ is-sens ta' korrettezza u ta' rġulija f'xulxin; għall-ekwilbriju meħtieġ biex ma nikkargawx irwieħna għal xulxin bir-riskju li nifthu mill-ġdid xi feriti li jkunu għalqu; u biex inkunu nies maturi, kapaċi nikkontrollaw lilna nfusna, nafu sa fejn għandna naslu, kif ukoll realisti u konkreti fi kliemna u f'għemilna.

L-enfasi ta' Mons. Arċisqof fuq l-onestà, l-integrità u r-rispett fl-impenn politiku saret ukoll fl-Ittra Pastorali li Mons. Mercieca u Mons. Isqof Nikol Cauchi ħarġu flimien f'Awissu li għadda, dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.

Dawn li ġejjin huma siltiet minn messaġġ differenti, f'erba' okkażjonijiet uffiċjali f'dawn l-aħħar sentejn, li fihom Mons. Arċisqof tkellem dwar elementi li jibnu jew iħarsu r-rikonċiljazzjoni:

- **5 ta' Diċembru 1996:** F'messaġġ fil-Quddiesa fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Parlament, Mons. Arċisqof tkellem dwar il-bżonn li r-rappreżentanti

tal-Poplu jagħrfu "li r-relazzjonijiet bejn gvern u oppożizzjoni jridu jkunu relazzjonijiet ta' komplimentarjetà li, f'sistema demokratika, għandha twassal għal sura ta' kollaborazzjoni organika." Mons. Mercieca semma wkoll li bejn ir-Rappreżentanti tal-Poplu m'għandux ikun hemm klima ta' antagoniżmu u li huma jridu jaħdmu flimkien, kulħadd skond ir-rwol tiegħu, għall-ogħla ġid tal-poplu kollu. qal ukoll: "Il-poplu Nisrani tagħna jħeġġiġkom biex fid-dibattiti u r-relazzjonijiet ta' bejnietkom tkunu għalih eżempju ħaj ta' rispett u mħabba lejn xulxin, minsuġin ma' sens għoli ta' dinjità, maturità, integrità u lealtà."

■ **29 ta' Settembru 1997:** F'diskors fl-okkażjoni taċ-Ċelebrazzjoni tat-23 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qal hekk: "Bħala Isqof tagħkom u għalikom nitnikket ħafna quddiem is-sitwazzjonijiet li jġħibu l-firda u l-inkwiet fil-familji, fil-parroċċi u fil-pajjiż. Jiġuni f'moħħi, fost oħrajn, it-tilwim fil-familji minħabba infedeltajiet, differenzi fuq wirt, inbix b'telefonati anonomi eċċ.; il-pika bejn partitarji ta' każini f'ċerti parroċċi u l-għemil ta' għajb li din il-pika ġġib magħha; u t-tensjoni minħabba l-politika partiġġjana. Il-fatt li din it-tensjoni politika tidher li qed terġa' terfa' rasha, jinkwetani ħafna. Intenni l-appell tiegħi biex nuru karità u mħabba fil-kliem li nindirzzaw lil xulxin u dwar xulxin, ħalli hekk insaħħu l-fiduċja fis-sens ta' korrettezza u ta' rġulija ta' xulxin. M'hemmx triq oħra jekk irridu verament naslu għall-verità u nimxu flimkien lejn l-ogħla ġid komuni."

■ **23 ta' Novembru 1997:** Fil-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qal li "bħalissa, il-poplu tagħna għaddej minn żmien li jitlob minna lkoll, kulħadd skond ir-rwol u r-responsabbiltà li għandu, li ninġabru flimkien biex magħqudin nagħrfu nimxu fit-triq li twassalna għall-ħarsien tal-ġid komuni." Mons. Arċisqof mbagħad tkellem dwar is-serenità, l-ekwilibriju, l-umiltà u l-imħabba meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet tajba. Huwa qal: "L-ekwilibriju, li minnu nnifsu jfisser sens ħaj ta' bilanċ, ibegħdna mill-estremiżmu, mit-tentazzjoni li nikkargaw irwieħna għal xulxin, u mir-riskju li nifthu mill-ġdid xi feriti li jkunu għalqu. L-ekwilibriju jibnina f'nies maturi, kapaċi nikkontrollaw lilna nfusna, nafu sa fejn għandna naslu, kif ukoll realisti u konkreti fi kliemna u għemilna. L-ekwilibriju jgħinna wkoll inkunu flessibbli, inkluż fil-ġudizzju tagħna, biex b'hekk nevitaw ir-riskju li flok nibnu fuq it-tajjeb li jkun jeżisti, nispiċċaw biex nibdew inħottuh."

■ **20 ta' Awissu 1998:** Fl-Ittra Pastorali dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Nikol Cauchi kitbu li l-votant "għandu jħabrek biex it-tmexxija tal-pajjiż tiġi fdata f'idejn politiċi onesti u integri li jkunu qed jipproponu programmi verament tajbin u ta' ġid għall-ġejjieni tal-poplu kollu li jkunu se jirrappreżentaw. Għandu jirsisti wkoll biex l-appoġġ tiegħu jagħtih lill-politiċi li, akkost ta' sagrifiċċji personali, is-sejħa tagħhom għall-politika jsarrfuha bla heda f'ħidma b'riżq il-bniedem sħiħ, skond ir-rieda tal-Ħallieq. Aħna nixtiequ u nirrikkmandaw li kollox isir b'sens ta' rispett lejn xulxin u kif jixraq lil pajjiż matur. Din l-osservanza tal-liġi trid tinżamm kemm waqt l-elezzjoni, kif ukoll qabel u wara."

# Stqarrija dwar ix-xandir u l-Knisja

## Appell għas-sens ta' responsabbiltà

F'dawn l-aħħar snin, kienu diversi l-okkażjonijiet li fihom preżentaturi, kummentaturi jew parteċipanti fi programmi tar-radju jew tat-televiżjoni wrew preġudizzju, jew kienu ngusti, mal-Knisja u t-tagħlim tagħha. Kien hemm ukoll każi fejn individwi nqdew bil-pożizzjoni tagħhom biex, kultant sistematikament, jiżirgħu d-dubju u d-disgwid dwar il-Knisja u tagħlimha, inkella jippruvaw inawru l-fiduċja fl-awtorità tal-Knisja.

Dan l-aħħar, din l-esperjenza qarsa kompliet tieħu xejra għall-agħar b'tip ieħor ta' abbuż mil-libertà ta' l-espressjoni. Ġara li numru ta' individwi qed jinqdew bi programmi *live* tar-radju fejn is-semmiegħa jistgħu jittelefonaw u jgħidu dak li jridu, biex iperrċu qlajjiet foloz u malafami kontra saċerdoti u reliġjużi, biex jattakkaw u jippruvaw joskuraw lill-Knisja, u biex ikesksu lill-insara ħalli ma jgħinux lill-Knisja fil-ħidma tagħha.

Kien hemm każi fejn saru kjarifiki biex titwassal il-verità u tonqos il-ħsara. Madankollu, il-mewġa ta' l-akkużi bla bażi u l-attakki ngusti ma waqfux. Saħansitra kien hemm min tħalla jtenni u jisħaq fuq ċerti allegazzjonijiet mhux veri u totalment qarrieqa, minkejja li dawn diġà kienu miċħuda uffiċjalment.

Il-Knisja ma tibżax mill-kritika. Għall-kuntrarju, il-Knisja tgħożż il-kritika meta din tkun serja, ġenwina u kostruttiva.

Il-Knisja tagħraf ukoll li mhux impossibbli li xi saċerdoti jew reliġjużi individwali, fid-dgħufija umana tagħhom jgħidu jew jagħmlu affarijiet li ma jkunux denji tal-missjoni tagħhom jew li jistgħu jħawdu li xi wħud.

L-Awtoritajiet tal-Knisja jiddiżapprovaw kull aġir simili u jfakkru lil dawk konċernati li aġir bħal dan iqiegħed fuq spallejhom responsabbiltà kbira. Madankollu, ukoll jekk ikun hemm xi saċerdoti jew reliġjużi li jonqsu jew jidhru li qed jonqsu fil-qadi tajjeb tal-missjoni tagħhom, dan bl-ebda mod ma jiġġustifika li ssir xi forma ta' kampanja mfami kontra s-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-Knisja.

L-Awtorità tal-Knisja, filwaqt li juru d-dispjaċir kbir tagħhom dwar kull abbuż li jsir mil-libertà fix-xandir, ikun ta' liema forma jkun u jagħmlu min jagħmlu, jappellaw lil kulħadd għal sens ta' prudenza, responsabbiltà, korrettezza, ekwilibriju u lealtà.

Jappellaw ukoll li kull min għandu xi responsabbiltà fir-rigward tax-xandir f'pajjiżna biex jieħu l-miżuri kollha li hemm bżonn għal-ħarsien sħiħ u bla heda tal-verità, l-etika u l-liġijiet.

Għandu jkun assigurat li kull min juża xi mezz tax-xandir jirrispetta l-verità, il-ġustizzja, id-drittijiet u d-dinjità tal-proxxmu.

# Iċċarat il-Każ dwar Taħditiet fuq l-Aids fl-Iskejjel Privati

Il-każ dwar taħditiet minn rappreżentanti tal-*Malta Medical Students Association* (MMSA) lil studenti fis-*Sixth Forms* ta' l-Iskejjel tal-Knisja dwar il-prevenzjoni kontra l-AIDS ġie ċċarat f'laqgħa li saret illum (9 ta' Diċembru 1998) bejn delegazzjoni tas-Segretarjat tal-Knisja għal-Edukazzjoni Kattolika u dlegazzjoni ta' l-MMSA, fil-Kurja ta' l-Arċisqof.

Id-delegazzjoni tas-Segretarjat sostniet li l-Knisja hija favur li l-istudenti fl-iskejjel tagħha jkunu mgħallma dwar il-marda ta' l-AIDS u l-prevenzjoni kontriha, kif fil-fatt ilhom jiġu mgħallma. Hija spjegat lid-delegazzjoni ta' l-MMSA il-mod li bih il-Knisja tistenna li l-istudenti fl-iskejjel tagħha jkunu mgħallma dwar l-AIDS, biex jiġi rispettat it-tagħlim tal-Knisja. Il-pożizzjoni tas-Segretarjat ġiet imfissra f'nota ppreżentata lid-delegazzjoni ta' l-MMSA. Din in-nota hija annessa ma' din l-istqarrija.

Id-delegazzjoni ta' l-MMSA stqarret li hija tifhem il-pożizzjoni tal-Knisja. Stqarret ukoll li l-MMSA kienet u tibqa' lesta li tirrispetta din il-pożizzjoni tal-Knisja fil-kuntatti tagħha ma' l-istudenti fl-Iskejjel tal-Knisja. Id-delegazzjoni fissret li l-ħsieb ta' l-MMSA hu li tmexxi kampanja ta' għarfien xieraq dwar il-prevenzjoni kontra l-AIDS. Nota dwar il-pożizzjoni ta' l-MMSA hija annessa wkoll.

Iż-żewġ delegazzjonijiet qablu li dan l-iżvilupp jippermetti li l-MMSA tiftaħ mill-ġdid il-kuntatti tagħha ma' l-Iskejjel tal-Knisja dwar laqgħat mill-MMSA fuq il-prevenzjoni kontra l-AIDS, għall-istudenti *Sixth Formers* f'dawn l-iskejjel.

Is-Segretarjat kien rappreżentat minn Fr. Dominic V. Scerri O.P., Delegat ta' l-Isqfijiet, li kien akkumpanjat mis-Sur Charles Buttigieg, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja ta' l-Arċisqof.

Id-delegazzjoni ta' l-MMSA kienet immexxija mis-Sur David Paul Galea, President.

Din l-istqarrija għall-Istampa qed tinħareġ miż-żewġ delegazzjonijiet flimkien.

**Annessi:** *In-nota tas-Segretarjat Edukazzjoni Kattolika, u dik ta' l-MMSA, dwar il-pożizzjoni tagħhom rigward il-prevenzjoni kontra l-AIDS.*

# LAQGĦA BEJN DELEGAZZJONIJIET TAS-SEGRETARJAT EDUKAZZJONI KATTOLIKA U L-MALTA MEDICAL STUDENTS ASSOCIATION

## Il-pożizzjoni tas-Segretarjat dwar il-prevenzjoni kontra l-AIDS

### Premessa

Is-segretarjat Edukazzjoni Kattolika jaqbel u jrid li l-istudenti fl-iskejjel tal-Knisja jkunu mgħarrfa u edukati dwar il-ħerba li ġġib l-AIDS, u kif din il-marda tista' tgħaddi minn persuna għal oħra. Is-Segretarjat jinkuraġġixxi liż-żgħażagħ biex ikunu jafu bil-perikli tal-marda ta' l-AIDS u kif din tista' tittieħed. Jinkuraġġihom ukoll biex dawn il-perikli jżommuhom dejjem quddiem għajnejhom u biex ikunu maturi u responsabbli ħalli ma jaqgħux f'dawn il-perikli.

### Il-mod tat-tagħlim

L-Iskejjel tal-Knisja ilhom jużaw ir-riżorsi interni tagħhom u riżorsi oħrajn biex ikun żgurat li l-istudenti jingħataw tagħrif u formazzjoni adekwata dwar is-sesswalità u dwar mard li jittieħed, bħalma hija dik ta' l-AIDS.

L-edukazzjoni li jagħtu l-Iskejjel tal-Knisja dwar il-prevenzjoni kontra l-AIDS trid tkun, neċessarjament, mibnija fuq it-tagħlim tal-Knisja.

Is-Santa Sede tinsisti li hija bl-ebda mod ma taqbel ma' l-użu tal-kondom fi programmi ta' prevenzjoni kontra l-HIV/AIDS.

Il-Knisja ssostni li l-unika edukazzjoni vera u sigura għall-prevenzjoni ta' l-AIDS hija dik li twassal biex ma jkunx hemm atti sesswali barra miż-żwieġ u li jkun hemm il-fedeltà fiż-żwieġ.

Is-sess barra miż-żwieġ hu dejjem dnub. F'dan il-kontest, min jagħmel is-sess mingħajr ma jieħu prekawzjoni kontra t-tixrid tal-mard, quddiem Alla jkun qed jagħmel ħażin ukoll għax ikun qed jissogra li jkabbar il-konsegwenzi ħżiena tad-deċiżjoni tiegħu fuq il-bnedmin. B'danakollu, min juża l-kondom waqt is-sess, ukoll jekk dan jagħmlu biex inaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard, ma jkunx ineħħi l-ħażin ta' għemilu.

## Tagħlim komplimentari

Is-Segretarjat Edukazzjoni Kattolika m'għandu ebda oġġezzjoni li l-kapijiet ta' l-iskejjel tal-Knisja, jekk iħossu l-bżonn u l-utilità, jikkomplimentaw l-edukazzjoni li huma diġà qed joffru lill-istudenti b'taħditiet minn assoċjazzjonijiet bħall-Malta Medical Students Association, sakemm ikun hemm garanzija li l-istudenti jiġu nkuraġġuti jimxu skond it-tagħlim tal-Knisja u ma ssirx promozzjoni għall-użu ta-kondom.

## Stedina

L-istedina tal-Knisja hija li naqbdu t-triq tal-mixja tagħna lejn il-Missier, bil-kuraġġ kollu, kemm fid-deċiżjoni iebsa li naqbdu t-triq d-dejqa li tieħu għall-ħajja, kif ukoll li meta niżbaljaw nagħrfu l-kobor tal-ħniena ta' Alla billi nduru lejh b'kuraġġ.

| | |
|---|---|
| **Fr. Dominic V. Scerri O.P.** | **Charles Buttigieg** |
| *Delegat* | *Public Relations Officer* |

## IL-POŻIZZJONI UFFIĊĊJALI TAL-*MALTA MEDICAL STUDENTS' ASSOCIATION* DWAR I-KAMPANJA TA' PREVENZJONI KONTRA L-AIDS

Bħala membru ta' l-*International Federation Medical Students' Associations*, il-*Malta Medical Students' Associations* (MMSA) ħasset il-bżonn li tipparteċipa attivament fil-Kampanja Dinjija Kontra l-AIDS. Dan speċjalment fid-dawl tan-nuqqas kbir ta' edukazzjoni li jeżisti f'dan il-pajjiż.

Għal din il-kampanja, l-MMSA qed taħdem id f'id mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa bħala rappreżentanti tal-UNAIDS f'Malta. Din is-sena l-kampanja ta' l-MMSA iffukat primarjament fuq studenti Universitarji u tas-Sitt Klassi. L-MMSA tikkonsidra dan bħala l-ewwel pass fil-ħolqien ta' kuxjenza nazzjonali fuq is-suġġett ta' l-AIDS u l-prevenzjoni tagħha.

L-għan ewlieni ta' din il-kampanja huwa li noħolqu kuxjenza soċjali u kultura informata permezz ta' l-edukazzjoni.

Il-kampanja ta' l-MMSA qatt ma nkoraġġiet sess irresponsabbli. L-MMSA dejjem saħqet li l-uniku mod kif tista' tkun ċert mija fil-mija li ma teħux l-AIDS minn attività sesswali huwa billi tastjeni.

Madankollu, l-MMSA hija konxja mill-fatt li mhux kulħadd huwa lest li jastjeni u huwa f'dawn il-każijiet ta' sess każwali li l-kondom jista' jkun mezz ta' prevenzjoni.

L-għan ewlieni li l-MMSA hija s-saħħa tan-nies, iżda dejjem qagħdet attenta li ma toffendi l-morali ta' ħadd.

Għalkemm il-kwistjoni kienet dwar l-użu ta' kondoms, il-kampanja ta' l-MMSA kienet tikkonċerna kull tip ta' tixrid ta' l-HIV. Dan jinkludi t-tixrid tal-virus permezz ta' siringi infettati fl-abbuż tad-drogi, li f'ħafna pajjiżi Mediterranji hija l-forma ewlenija ta' infezzjoni b'dan il-virus.

L-MMSA ħadmet biex tinseġ kultura ta' solidarjetà lejn nies infettati mill-marda ta' l-AIDS billi għamlet ċar li l-kuntatt soċjali ma' nies infettati bil-virus ta' l-HIV ma jpoġġi lil ħadd fir-riskju. Dan għamlitu biex titnaqqas l-emarġinazzjoni ta' dawk in-nies li għandhom il-marda ta' l-AIDS.

L-MMSA dejjem baqgħet miftuħa għad-diskussjoni ma' kulħadd.

**Il-*Malta Medical Students' Association* hija kburija bix-xogħol li sar f'din il-kampanja u tisħaq li se tkompli fl-għan tagħha li tkun minn ta' quddiem fil-promozzjoni tas-Saħħa Pubblika.**

**David Paul Galea**
*President tal-Malta Medical Students' Association*

**Gianfranco Spiteri**
*Medical Education and Public Health Officer – MMSA*

# Il-Kurja u l-Programm *Xarabank*

Fid-dawl ta' dak li ntqal u sar fil-programm *Xarabank* li xxandar fuq TVM ilbierah, il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru 1998, il-Kurja ta' l-Arċisqof tixtieq tispjega dan li ġej:

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 1998, rappreżentant tat-Tim ta' *Xarabank* ikkuntattja bit-telefon lill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja ta' l-Arċisqof u stiednu biex hu stess, jew xi ħadd ieħor mill-Kurja, jieħu sehem fil-programm *Xarabank* li kien se jixxandar nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru 1998.

Ir-rappreżentant tat-Tim ta' *Xarabank* spjega li f'dan il-programm partikolari kienu se jiġu diskussi "Il-każ tal-Girgenti" u "Ir-rwol tal-Knisja fil-Politika".

Nhar l-Erbgħa stess, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja bagħat lir-rappreżentant tat-Tim ta' *Xarabank* tweġiba li fiha kitiblu hekk:

"Min-natura tagħhom dawn huma suġġetti serji, delikati u sensittivi ħafna.

"Bħala linja ta' prinċipju aħna m'għandna ebda diffikultà nieħdu sehem fi programmi televiżivi jew xort'oħra li jiddiskutu suġġetti bħal dawn. Madankollu, ma nħossux li programm tat-tip ta' *Xarabank* joffri l-ambjent adatt u meħtieġ biex dawn is-suġġetti partikolari jkunu jistgħu jiġu diskussi bil-kalma, is-serenità u l-galbu meħtieġa.

"Dwar il-każ tal-Girgenti, nitolbok tippermettili nfakkrek li l-pożizzjoni ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi għadha l-istess bħalma ġie ddikjarat fi Stqarrija għall-Istampa maħruġa fis-6 ta' Novembru 1991.

"Nikkwota: 'Il-Kurja ttenii li d-dehriet li Ġuża Mifsud tallega li tagħmlilha l-Madonna, għadhom ma ġew bl-ebda mod approvati mill-Awtorità tal-Knisja f'Malta. Il-Kurja ttenni wkoll li għalhekk, pellegrinaġġi, devozzjonijiet u diskorsi b'konnessjoni ma'dawn id-dehriet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala awtorizzati mill-Awtorità Ekkleżjastika u l-istess Awtorità ma tista' tidħol bl-ebda mod responsabbli għalihom.' "

Kopja ta' din it-tweġiba ntbagħtet lill-Kap Eżekuttiv tal-PBS Ltd., fl-istess jum.

L-Awtoritajiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof jħossu li l-mod kif żvolġa l-programm konċernat ta' *Xarabank* jikkonferma kemm dan it-tip ta' programm mhux mezz adattat biex jiġu diskussi ċerti suġġetti.

# Il-Programm Pastorali tal-Knisja F'Malta

## Rapport dwar x'sar s'issa

Is-Segreterija Pastorali tal-Knisja ħejjiet rapport dwar x'sar s'issa fil-kwadru tal-Programm Pastorali *Lejn is-Sena Elfejn Bħala Familja,* li ġie mniedi f'Ġunju li għadda:

1. Fix-xhur li għadew, Dun Anton Gouder, is-Segretarju Pastorali ltaqa' separatament ma' Kunsilli fi ħdan il-Knisja, ma' mexxejja ta' għaqdiet u movimenti reliġjużi, u ma' operaturi pastorali fil-parroċċi, bil-ħsieb li kull taqsima tal-Knisja tkun tista' tagħraf aħjar ir-rwol tagħha fil-kuntest tal-Programm Pastorali. Il-laqgħat saru fil-qafas tal-mira bażika tal-Programm, li jitlob il-formazzjoni tal-membri tal-Knisja bħala komunità ta' Dixxipli ta' Kristu; ix-xhieda tagħhom fil-ħajja, relazzjonijiet, ħidma u kliem; u l-komunikazzjoni ma' kull Malti jew Maltija fl-ambjenti tagħhom.

   Enfasi importanti ħafna li qed issir f'din il-ħidma hija fuq it-twettiq tat-tiġdid u l-aġġornament meħtieġa mis-Segretarjati biex jingranaw u jintegraw il-ħidma tagħhom mal-prijoritajiet tal-Programm Pastorali, li l-azzjoni prinċipali tiegħu hija mibnija fuq il-prijorità ta' Knisja Familja mill-aspetti ta' l-evanġelizzazzjoni, il-liturġija u l-komunjoni.
2. Sar tibdil biex il-Knsill Presbiterali jkun aktar jirrifletti l-ko-responsabbiltà u l-parteċipazzjoni tal-membri eletti. Saru wkoll l-elezzjonijiet għar-rappreżentanti tas-saċerdoti. It-tibdil kellu effett pożittiv ħafna, għaliex il-persentaġġ ta' dawk li vvutaw tela' għal 65 fil-mija. Fl-elezzjonijiet li saru tliet snin qabel, dan il-persentaġġ kien 45 fil-mija.
3. Qed tiġi organizzata aħjar il-Pastorali fl-iskejjel. Kull skola se jkollha grupp ta' għalliema mpenjati fl-appostolat li flimkien mar-*Religious Counsellor* jagħti servizz pastorali lill-istudenti u lill-għalliema. F'dan l-eżerċizzju pparteċipaw il-Parroċċi u l-Għaqdiet u l-Movimenti. Il-ħidma qed tkun koordinata mis-Segreterija Pastorali u mill-Moviment ta' l-Għalliema ta' l-Azzjoni Kattolka Maltija. Il-proġett se jibda fl-iskejjel post-primarji ta' l-Istat.

4. Saret ħidma għal strutturi aktar effettivi fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija; Segretarjat għall-Katekeżi; Kummissjoni Djoċeżana tad-Djar tat-Tfal, Uffiċċju għal Turiżmu Reliġjuż, Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ u Kummissjoni Djoċesana Familja.
5. Is-Segretarju Pastorali fil-ħidma tiegħu issa għandu l-għajnuna ta' Dun Joe Galea Curmi, li sar Assistent Segretarju Pastorali quddiemnett biex jikkonċentra fuq is-Sinodu Djoċesan li hemm il-ħsieb li jiġi ċċelebrat fil-ġejjieni. Sinodu Djoċesan ifisser ġrajja pstorali unika fejn il-poplu ta' Alla, jiġifieri l-lajċi, il-persuni ta' ħajja konsagrata u l-kleru jwiegbu għas-sejħa ta' l-isqof tagħhom biex isir dixxerniment komunitarju tal-mixja tal-Knisja lokali. L-ewwel passi qed jiġu diskuss mad-Delegati ta' l-Arċisqof, fil-Kunsill Presbiterali u fil-Kunsill Pastorali Djoċesan.
6. Prijorità oħra tal-Programm Pastorali hija l-familja. L-inizjattivi li ttieħdu s'issa fir-rigward tal-familja jinkludu tiġdid fil-kors ta' tħejjija li jsir fi ħdan il-Knisja għal tfajliet Maltin li jkunu se jiżżewġu ma' rġiel mhux Maltin; bini ta' servizz ta' għajnuna pastorali lill-Kattoliċi Maltin li jiżżewġu ma' barranin mhux Kattoliċi; u tisħiħ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja.

   Din il-Kummissjoni qed taħdem flimkien mal-Kappillani u l-Kummissjonijiet Parrokkjali Familja biex twessa' l-pastorali tal-familja qabel iż-żwieġ u wara ż-żwieġ, kif ukoll fost familji bi żwieġ ma' persuni ta' reliġjonijiet differenti jew bi żwieġ ċivili biss.
7. Suġġerimenti oħra li tfasslu u qed jiġu żviluppati għall-formazzjoni ta' l-operaturi pastorali jinkludu pjan biex l-irtiri li s-saċerdoti jkollhom regolarment, jingħataw forma ġdida li tiġbor flimkien is-saċerdoti li jkunu mpenjati fl-istess parroċċa u taħdem ħalli l-formazzjoni tagħhom tkun waħda kontinwata.

# Persuni Milqutin miċ-Ċeljakija se jkunu jistgħu Jitqarbnu b'Ostji Speċjali

Il-Konferenza Episkopali Maltija ħarġet normi u direttivi ġodda għall-użu ta' ostji speċjali għat-Tqarbin fl-Ewkaristija Mqaddsa ta' dawk il-persuni li huma milqutin mill-kundizzjoni magħrufa bħala Ċelijakija.

Kull persuna li tinstab li hi soġġetta għall-kundizzjoni Ċelijaka, wara li tiġi ċertifikata bħala tali minn Speċjalista f'dan il-qasam, se tkun tista' tippreżenta, personalment jew permezz tal-Kappillan tagħha, talba individwali lill-Isqof tad-djoċesi tagħha biex jingħatalha l-permess tuża ostji speċjali li fihom il-gluten ikun imnaqqas (*low-gluten hosts*).

F'każ ta' minorenni, it-talba ssir mill-ġenituri jew mill-persuni li t-tfal huma fdati f'idejhom.

Il-kundizzjoni Ċelijaka hija forma ta' allerġija għall-*proteina* gluten li tinsab fid-dqiq tal-qamħ.

Persuni milqutin minn din il-kundizzjoni jsofru ħsara għal saħħithom u jistgħu jipperikolaw ħajjithom jekk jieklu ħobż li fih il-gluten.

Il-ħobż li jiġi kkonsagrat fil-Quddies huwa magħmul mid-dqiq tal-qamħ, ikun fih din il-*proteina*.

In-normi u d-direttivi l-ġodda huma maħsubin biex jgħinu, mill-aħjar possibbli, biex il-persuni milqutin mill-kundizzjoni Ċelijaka jkunu jistgħu jersqu b'aktar faċilità lejn it-Tqarbin Imqaddes.

Dawn il-persuni sa llum setgħu jitqarbnu bl-Inbid Ikkonsagrat.

Hu maħsub li f'qasir żmien il-Kurja ta' Malta u dik ta' Għawdex joħorġu ċirkolari b'aktar dettalji dwar kif jitqegħdu fil-prattika dawn in-normi tal-Konferenza Episkopali.

# Stqarrija dwar Assoċjazzjoni Ġdida tan-Nisa

Fil-Mass Media lokali dan l-aħħar tħabbar it-twaqqif ta' grupp ġdid imsejjaħ Assoċjazzjoni Spiritwali ta' Nisa Progressivi (*Progressive Women's Spiritual Association*), li hu stabbilit ukoll f'diversi pajjiżi oħra.

L-awtorità tal-Kurja ta' l-Arċisqof iħossu li għandhom jinfurmaw lill-membri tal-Knisja li dan il-grupp huwa ta' l-Ananda Marga.

Ananda Marga hija organizzazzjoni bi kwalitajiet bħal tal-moviment *New Age.*

It-tagħlim u l-filosofija ta' l-Amanda Marga li ma jaqbilx ma' dak nisrani jinkludi dan: li Alla huwa enerġija universali impersonali u kulħadd jista' jsir "alla" bl-isforzi tiegħu nnifsu; għal Ananda Marga ma jeżistix salvatur, lanqas Ġesù bħalma nafuh aħna; u r-ri-inkarnazzjoni hija waħda mill-pilastri tat-twemmin ta' l-Ananda Marga.

Il-membri ta' l-Ananda Marga jużaw il-meditazzjoni u r-reċtar ta' mantra sigrieta fil-mixja tagħhom biex isiru "alla".

# Nomini Ġodda

Dun Lawrenz Zammit, arċipriet il-Furjana
Dun Martin Cardona, kappillan San Ġiljan
Dun Pawl Fenech, kappillan il-Ħamrun (San Gejtanu)
Dun Pawl Camilleri, rettur żona ta' l-Ibraġ
Dun Tony Agius, Moviment ta' Kana (assistent direttur)
Mons. G. Pace, Kummissjoni Kateketika (kateketi ta' l-adulti)

## Eżempju ta' omelija

L-Ewwel Ħadd tar-Randan

# IT-TENTAZZJONIJIET TAL-MULEJ

*Fil-Quddies kollu llum tinqara l-pastorali ta' l-Isqfijiet għar-Randan, għalhekk qabel il-qari tal-pastorali għandu jkun hemm intervent qasir biex jiġi mfisser lill-ġemgħa l-ħsieb tal-Liturġija ta' llum.*

Kull l-ewwel Ħadd tar-Randan il-Knisja tħabbrilna l-misteru tat-tentazzjonijiet tal-Mulej fid-deżert fejn kien mar għal erbgħin jum qabel jibda l-missjoni tiegħu għax-xandir tal-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni. Din is-sena mhux se jitħabbrulna biss it-tentazzjonijiet tal-Mulej, imma se nkunu nafu wkoll b'liema mod il-Mulej wiegeb għat-tentazzjonijiet tax-xitan ħa nkunu nafu aħna wkoll kif inwieġbuh meta jġarrabna.

Ix-xitan jittantana b'ħafna modi, iżda t-tentazzjonijiet kollha tiegħu nistgħu narawhom fi tliet tentazzjonijiet tal-Mulej. Ix-xitan iħajjarna biex ngħaddu ħajjitna nixxalaw u niddevertu, fl-ikel u x-xorb żejjed, bla ebda ħsieb għas-salvazzjoni ta' ruħna; imma Ġesù jfakkarna li "mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma minn kull kelma li toħroġ minn fomm Alla".

Ix-xitan iġarrabbna billi jġiegħelna nafdaw iżżejjed fil-ħila tagħna biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub wkoll jekk nfittxu l-okkażjonijiet kollha li fihom żgur nidinbu. Dan nagħmluh minħabba s-suppervja tagħna, li hi l-għerq ta' kull dnub: kienet is-suppervja li wasslet lil Adam u lil Eva biex jieklu mill-frotta tas-siġra tat-tajjeb u l-ħażin ħa jkunu daqs Alla jafu t-tajjeb u l-ħażin, kif issuġġerilhom ix-xitan. Iżda meta nafdaw biss fil-ħila tagħna inkunu qisna nisfidaw lil Alla, biex jeħlisna mit-tiġrib li fih naqgħu ħtija tagħna. Għalhekk Ġesù jgħidilna: "La ġġarrabx 'il-Mulej Alla tiegħek".

Fl-aħħar mill-aħħar kull meta aħna 'l Alla nħalluh fil-ġenb u nafdaw biss fil-ħila tagħna, nkunu qed nagħmlu allat lilna nfusna, u kull ma aħna u kull ma għandna u kull ma hemm madwarna; għalhekk Ġesù jfakkarna li lil Alla biss għandna naduraw u lilu biss naqdu.

Id-dnub insibuh fina u madwarna, iżda ma għandniex għax naqtgħu qalbna: għax jekk id-dnub kotor u qed joktor dejjem aktar fid-dinja, kotrot fuq li kotrot aktar il-grazzja permezz tal-fidwa li kisbilna l-Mulej Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu – magħqudin ma' Ġesù, id-dnub ma jista' qatt jaħkimna, nistgħu nirbħuh u nżommuh 'il bogħod minna.

It-Tieni Ħadd tar-Randan

# GĦALFEJN IR-RANDAN – IT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ

## *X'inhu r-Randan*

Ir-Randan hu żmien ta' tħejjija għall-festa ta' l-Għid waqt li tfakkarna fit-tħejjija dejjem sejra tagħna għal meta l-Mulej isejħilna biex nirċievu mingħandu l-premju tal-ħajja ta' dejjem.

Żmien ir-Randan, għaliex hu żmien ta' tgħakkis u ta' penitenza narawh iebes, tqil, u żgur ma nidħlux għalih kieku ma jqanqalniex il-ħsieb tal-ferħ bla qjies imxerred ma' kullimkien fid-dinja li se nħossu mat-tħabbira tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet fil-lejl qaddis ta' l-Għid bid-daqq tal-qniepen, bil-kant ferrieħi ta' l-Hallelujah li nkunu ilna ma nisimgħuh tul ir-Randan kollu.

Is-sitt ġimgħat tar-Randan narawhom twal iżżejjed kieku l-Knisja ma ttaffilniex it-toqol tagħhom, l-ewwel bit-tħabbira tal-misteru tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fit-Tieni Ħadd tar-Randan u mbagħad fir-Raba' Ħadd tar-Randan, tistedinna bid-daqq ta' l-orgni u t-tiżjin ta' l-altar bil-fjuri waqt li nifirħu lil Ġerusalemm – il-Knisja – u naqbżu bil-ferħ aħna lkoll li qsamna is-swied il-qalb magħha.

## *Bħal Abraham*

Żmien ir-Randan hu għalhekk għalina żmien ta' taħriġ biex intejbu ħajjitna f'din id-dinja u nogħġbu 'l Alla ħalli meta tasal il-mewt jagħtina l-premju tal-ħajja ta' dejjem. Ħajjitna fid-dinja hija bħal dik ta' Abraham, wara li laqa' s-sejħa ta' Alla biex iħalli 'l pajjiżu, 'il ġensu u jitlaq għall-għonq it-triq mingħajr ma jkun jaf fejn sejjer, biex jagħmlu missier ta' kotra kbira ta' ġnus, biex fih ikunu mberkin il-ġnus kollha ta' l-art. Abraham għadda minn ħafna provi: saħansitra Alla talbu jissagrifikalu sa l-iben il-waħdieni tiegħu biex jippruvah – iżda Abraham qatt ma naqas mill-fedeltà lejn il-Mulej għax kellu qalbu qawwija bil-wegħdiet li Alla kien għamillu u kien żgur li Alla l-wegħdiet kien se jżommhom. Aħna wkoll

għandna l-wegħdiet ta' Alla, għax lilna wkoll Alla sejħilna b'sejħa qaddisa mhux għal xi għemil tajjeb li għamilna imma għall-kobor tal-ħniena tiegħu għalina, skond il-grazzja mogħtija lilna fi Kristu Ġesù, li qered il-mewt u wriena d-dawl tal-ħajja u ta' l-immortalità permezz ta' l-Evanġelju. Nitgħallmu għalhekk minn Abraham biex ma nonqsu qatt mil-fedeltà tagħna lejn il-Mulej.

## *Ir-Randan neħtieġuh kull sena*

Aħna bnedmin dgħajfa, spiss ninsew il-wegħdiet ta' Alla u nonqsu mill-fedeltà tagħna lejh; għalekk neħtieġu li kull sena jiġi r-Randan għalina biex kull sena noħorġu mill-ħajja tagħna ta' kuljum u nfittxu nersqu lejn il-Mulej billi nissaffew mit-tinġis kollu tagħna. Is-sawm, is-sagrifċċji, iċ-ċaħdiet li nagħmlu tul ir-Randan inħossuhom iebsin ħafna għalina, imma l-ħsieb tal-ferħ ta' l-Għid għandu iqawwilna qalbna, Anzi għandu jqawwilna qalbna l-ħsieb li wara li tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja aħna għad ingawdu hena bla qies fis-sema pajjiżna, fejn ma jkunx hemm iżjed niket, u biki, u taħbit, u xejn minn dan.

Il-ħajja tagħna fid-dinja, għandna nqishuha Randan dejjem sejjer, qalbna qawwija li meta din il-hajja tintemm, isseħħ għalina dik it-trasfigurazzjoni li t-tliet Appostli raw iseħħ f'Ġesù għal ftit mumenti fuq it-Tabor. Alla ried li it-tliet Appostli tiegħu jagħtihom ħjiel tal-glorja tiegħu biex iqawilhom qalbhom kontra t-tiġrib li kienu se jgħaddu minnu fit-tiġrib tal-passjoni tiegħu. Lilna kul sena fil-bidu tar-Randan imqaddes, iħabbrilna l-misteru tat-Trasfigurazzjoni tiegħu biex iqawwilna qalbna ħa naċċettaw is-slaleb kollha tal-ħajja tagħna f'din id-dinja, ħalli mgħobbijin bihom nimxu wara Ġesù ħa naslu għall-glorja miegħu fis-sema. Għal dan iservi r-Randan kull sena għalina.

It-Tielet Ħadd tar-Randan

# IS-SAMARITANA

## *L-Evanġelju tat-tlett iħdud li ġejjin*

Fit-tlett iħdud li ġejjin se jitħabbrulna tliet ġrajjiet mill-Evanġelju ta' San Ġwann, li l-Knisja tul iż-żminijiet dejjem rabtithom maċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tat-twelid ġdid fi Kristu, tas-sagrament tal-Magħmudija; huma tliet ġrajjiet kbar tal-Mulej li l-Knisja tara fihom l-għeġubijiet li jseħħu meta bniedem jitgħammed fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu biex jgħix ħajja ġdida fi Kristu. Dawn it-tliet ġrajjiet li huma l-ġrajja tas-Samaritana, il-miraklu ta' l-agħma mit-twelid u l-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru mill-imwiet. Dawn it-tliet ġrajjiet, b'mod jew ieħor juruna x'seħħ fina meta tgħammidna.

## *Il-ġrajja tas-Samaritana*

Il-ġrajja tas-Samaritana tħabbrilna li fil-Magħmudija nfetħet għalina għajn ta' l-ilma ħaj li jwassal sal-ħajja ta' dejjem. Dan narawh mill-kliem li qal Ġesù lis-Samaritana li kienet marret timla l-ilma mill-bir ta' Ġakobb, u Ġesù talabha tagħtih x'jixrob; u hi stagħġbet għax Lhudi kien qed ikellem lilha Samaritana, meta l-Lhud u s-Samaritani ma kinux ikellmu lil xulxin. Hu qalilha li kellu ilma ieħor, ilma li min jixorbu ma jkollu għatx qatt. Il-mara ma fehmitx x'ried jgħidilha Ġesù iżda meta ħabbrilha l-ħajja ħażina li kienet qiegħda tgħix, għajnejha infetħu u emmnet fi kliemu u saret appostlu tiegħu man-nies ta' beltha.

## *L-ilma ħaj li jwassal għall-ħajja ta' dejjem*

X'inhu dan l-ilma ħaj li jwassal sal-ħajja ta' dejjem li fuqu tkellem Ġesù lis-Samaritana? Huwa l-grazzja qaddiesa, il-grazzja santifikanti li tissawwab fi qlubna fil-Magħmudija tagħna, biex tnaddafna minn kull tinġis tad-dnub qadim tan-nisel, terfagħna mill-miżerja li fiha nkunu minħabba dan id-dnub, u tagħtina d-dinjità li nissejħu u nkunu tassew ulied Alla, aħwa ma' Kristu, u werrieta flimkien miegħu tas-saltna tas-sema.

## *Don ta' l-għaġeb*

Il-bidla kbira li ssir fina bil-Magħmudija hija don tassew ta' l-għaġeb, wisq aktar ta' l-għaġeb mid-don li Alla ta lil-Lhud fid-deżert wara li ordna lil Mosè iħabbat bil-bastun tiegħu blata samma biex minnha joħroġ gelgul ta' ilmijiet ħalli l-Lhud ma jgergrux iżjed kontra Alla li ħariġhom mill-jasar ta' l-Eġittu biex iwassalhom lejn art imwegħda u jagħmilhom il-poplu proprju tiegħu. Din il-ġrajja tal-Lhud fid-deżert jgħidilna San Pawl, hi ta' tagħlim għalina, għax il-blata samma li minnha ħarġu gelgul ta' ilmijiet hija xbieha ta' Kristu u mil-ġenb minfud tiegħu, mejjet fuq is-salib, ħareġ demm u ilma, is-sagramenti tal-Knisja, il-Magħmudija u l-Ewkaristija, il-Magħmudija li ssawwab fina kotra ta' grazzji biex ngħixu ħajja ġdida fi Kristu, ħajja li nżommuha sħiħa fit-tisħib fl-Ewkaristija mqaddsa. Fi kliem ieħor il-ġrajja tal-Lhud fid-deżert meta Mosè ħarġilhom l-ilma mill-blat, għandha rabta liema bħalha mal-ġrajja tas-Samaritana, li lilha Ġesù kellimha fuq l-ilma ħaj – bħal dak tal-blata samma – li jwassal għall-ħajja ta' dejjem.

## *Il-grazzja ta' l-imħabba*

Dan l-ilma jħabbar l-kotra tal-grazzja li l-Mulej jsawwab fi qlubna aħna li twelidna mill-ġdid fi Kristu. Dan tħabbarulna wkoll kliem San Pawl fit-tieni qari ta' llum. L-Appostlu mhux biss ifakkarna li ninsabu fis-saltna tal-grazzja minħabba f'Ġesù Kristu, imma jgħidilna wkoll li dak li għamel Kristu għalina kien għemil ta' mħabba liema bħalu. Wieħed, jgħidilna San Pawl, bilkemm imut għal wieħed tajjeb, imma Kristu laqa' l-mewt għalina l-midinbin, biex jurina l-kobor ta' mħabbtu għalina: minn fuq is-salib tana, kif rajna l-mezz biex nitwieldu mill-ġdid fih, u San Pawl ikompli jgħidilna, li mhux tana twelid ġid, imma sawwab ukoll fi qlubna l-imħabba tiegħu, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna. Riedna nitwieldu mill-ġdid biex inkunu nixbhuh f'kollox, f'imħabbtu għalina wkoll. Mela bħala nsara, imwieldin mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, aħna rridu ngħixu fl-imħabba ta' Alla u ta' ħutna tul ħajjitna kollha biex meta jasal il-waqt intemmu t-tamiet killha tagħna u niksbu l-glorja ta' Alla.

Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

# L-AGĦMA MIT-TWELID

## *Konna mexjin fid-dlam tad-dnub*

Bil-miraklu ta' l-agħma mit-twelid, il-Knisja llum tħabbrilna aspett ieħor ta' dak li seħħ fina meta tgħammidna fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu u ħlisna mid-dlamijiet tad-dnub u bdejna mexjin fid-dija tad-dawl ta' Kristu. Hu proprju dan l-aspett li seħħ fina bil-Magħmudija li trid tħabbrilna l-Knisja llum.

Konna poplu mexjin fid-dlamijiet tad-dnub u fid-dell tal-mewt, iżda fil-Magħmudija tagħna idda fuqna d-dawl ta' Kristu; ġejna imdawwlin minn Kristu biex nagħrfu l-ħwejjeġ moħbija tas-saltna tas-smewwiet u erġajna ntbaħna bil-vokazzjoni vera tagħna, vokazzjoni li konna tlifna bid-dnub tan-nisel. Meta ġejna fid-dinja konna bħall-agħma mit-twelid ta' l-Evanġelju ta' llum: kif Kristu wara li dilek għajnejh l-agħma bi ftit tajn u bagħtu jinħasel fl-għadira ta' Siloam, hekk fil-Magħmudija tagħna l-Mulej permezz tal-ministru tiegħu ġie jiltaqa' magħna biex jagħtina ħasil ġdid bl-ilma li bil-barka tiegħu kien mimli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. U kif l-agħma mit-twelid wara li nħasel fl-għadira ta' Siloam beda jara, aħna wkoll wara li ssawwab fuqna l-ilma tal-Magħmudija bdejna naraw il-ħwejjeġ tas-sema, jiġifieri ġejna mdawwlin biex bil-fidi u l-imħabba li ssawwbu fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu bdejna naraw il-ħwejjeġ moħbija tas-Saltna tas-sema – ġejna tassew imdawwlin – photozontes kif il-Knisja ta' l-ewwel żminijiet kienet issejjaħ l-insara ġodda – l-imdawwlin.

## *Imdawwlin mill-Mulej*

Hawn il-Knisja trid tfakkarna f'dak li jgħidilna Missierna San Pawl biex turina x'jistenna Alla minna bħala l-imdawwlin mill-Mulej. Konna darba dlam, ifakkarna San Pawl, għaliex konna taħt il-jasar tad-dnub, li jadallam il-fehmiet tagħna u ma jħalliniex naraw il-verità sħiħa; imma bil-Magħmudija sirna dawl fil-Mulej. Aħna għalhekk għandna d-dmir li nimxu bħala wlied id-dawl. Dan x'ifisser? Ikompli jgħidilna San Pawl li aħna, bħala wlied id-dawl għadna nfittxu kull ma hu tjieba, kull ma hu

ġustizzja u kull ma hu sewwa, ħa nogħġbu dejjem lil Alla bl-imġiba kollha tagħna. Dan ifisser li rridu nżommu ruħna 'l bogħod mill-għemejjel tad-dlamijiet, minn kull għemil ta' mistħija. Sa kemm għadna f'din id-dinja, ix-xitan jipprova jqarraq bina u jurina sbieħ l-għemejjel tad-dlamijiet biex iħajjarna nagħmluhom, iżda ma għandniex għax naqtgħu qalbna jekk nagħtu widen għat-twissija li qed jagħmlilna San Pawl: "Stenbaħ li inti rieqed u qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu": fi kliem ieħor ma nintelqu qatt, imma nkunu dejjem għassa fuqna nfusna biex ma nerġgħux lura għall-ħajja tad-dnub, biex ma nwarrbux minna d-dawl ta' Kristu, imma kollna ħeġġa nimxu t-triq li għandna quddiemna sa ma naslu fis-sema pajjiżna.

## *Magħżulin għal Alla*

Alla għażilna għalih bħalma kien għażel lil David, biex ikun is-sultan tal-poplu tiegħu. X'wassal lil Alla biex għażel lil David, l-iċken wieħed fost ulied Ġesse li missieru xejn ma qiesu biex jippreżentah lil Samwel, li kien talab lil Ġesse jurih lil uliedu għax il-Mulej kien għażel wieħed minnhom bħala sultan ta' Iżrael? Ebda wieħed minn ulied Ġesse ma għażel Samwel għalkemm kienu rġiel qalbiena u jarmu s-saħħa. Għalhekk Samwel staqsa kienx għad fadal xi wild ieħor. "Iva," qallu Ġesse, "hemm iż-żgħir li qiegħed fl-għalqa jirgħa n-ngħaġ." "Sejjaħlu," qal Samwel, "għax dan hu dak li għażel il-Mulej." Alla għażel lil David għax kien żagħżugħ skond il-qalb ta' Alla, imma mbagħad meta kien sultan David għamel dnubiet iżda, għaraf ukoll jindem u jitlob maħfra. F'David għandna naraw lilna nfusna. Alla għażilna għalih u tana twelid ġdid fih fil-Magħmudija għax ħabbna b'imħabba speċjali; iva, kemm-il darba inqasna li nwieġbu bl-imħabba tagħna, għall-imħabba li wriena Kristu, imma, bħal David, għarafna inwieġbu għall-imħabba ta' Kristu bl-indiema u s-sogħba tagħna kull darba li żbaljajna; għalhekk Alla ħabbna kif ħabb lil David u meta jasal il-waqt se jagħtina l-premju tal-ħajja ta' dejjem, jekk nibqgħu dejjem fidili għal kull ma wegħdnih fil-Magħmudija tagħna.

Il-Ħames Ħadd tar-Randan

# IL-QAWMIEN TA' LAZZRU MILL-IMWIET

## *It-tħabbira ta' Eżekjel*

Fiż-żewġt iħdud li għaddew rajna l-ewwel li bil-Magħmudija tinfetaħ fina għajn ta' ilma li jwassal għall-ħajja ta' dejjem, jiġifieri fil-Magħmudija tissawwab fina kotra bla qies ta' grazzji tas-sema; imbagħad rajna ukoll li l-Magħmudija toħroġna mid-dlamijiet tad-dnub u tad-dell il-mewt biex nimxu fid-dija tad-dawl ta' Kristu. Illum se naraw aspett ieħor ta' dak li tagħmel fina l-Magħmudija: konna mejtin għal Alla, imma l-Magħmudija tatna ħajja ġdida fil-Mulej.

Dan ħabbarulna l-profeta Eżekjel fl-ewwel qari ta' llum. Il-profeta intbagħat minn Alla fost il-Lhud eżiljati 'l bogħod minn pajjiżhom biex iħabbrilhom li Alla se jerġa' jqajjem is-saltna ta' Iżrael, se jtemm l-eżilju tal-poplu tiegħu, se jagħtihom ħajja ġdida. Dan il-profeta ħabbru bid-dehra ta' wied miżgħud b'għadam niexef qoxqox; għall-kelma ta' Alla dak l-għadam kollu reġa' ħa l-ħajja u mbagħad il-profeta jfisser id-dehra u jgħid bil-kliem ta' l-ewwel qari ta' llum: il-Mulej se jiftaħ l-oqbra tal-poplu tiegħu, se jerġa joħroġkom biex jagħtikom ħajja ġdida: "Inqiegħed ruħi fikom u terġgħu tieħdu l-ħajja u nagħtikom il-mistrieħ f'artkom".

Dan il-qawmien tal-poplu ta' Alla ta' żmien il-Patt il-Qadim wara eżilju kiefer hu xbieha tal-qawmien għall-ħajja ġdida li jseħħ fil-Magħmudija. L-imgħammdin kollha, qabel il-Magħmudija, kienu poplu miexi fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, iżda idda fuqu id-dawl tal-Mulej, għax ingħatalna tifel – tweldilna iben li hu l-Prinċep tas-sliem, Alla setgħan, Sultan glorjuż, li bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja tana ħajja ġdida, biex kif Hu miet u rixoxta għalina hekk aħna wkoll immutu għad-dinja tad-dnub biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida. Fil-Magħmudija, jgħidilna San Pawl, aħna nindifnu ma' Kristu fil-mewt tiegħu, biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida.

## *Il-qawmien mill-imwiet*

Il-Mulej Ġesù biex iħabbrilna l-miraklu li jseħħ f'kull Magħmudija, kemm-il darba ta l-ħajja lill-mejtin; l-Evanġelji jsemmulna l-qawmien ta'

bin l-armla ta' Najn, il-qawmien ta' bint Ġajru, u l-aktar il-qawmien ta' ħabibu Lazzru. Il-ħajja li l-Mulej tahom huwa kienet l-istess ħajja li kienu jgħixu fid-dinja, ħajja li kellhom itemmuha aktar tard, iżda l-qawmien tagħhom hu xbieha ta' qawmien ieħor aktar għoli li seħħ fil-Magħmudija, qawmien għall-ħajja ġdida li tilħaq il-milja tagħha meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja, jiġifieri meta mmutu għal din id-dinja biex ngħixu fil-ħajja ta' dejjem.

## *Il-ħajja ta' dejjem*

Ġesù ried jinqeda bil-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru, biex iħabbrilna verità mill-aktar għolja, u dan għamlu bil-kliem li qal lil Marta oħt Lazzru, meta qaltlu li huwa ma kienx imut kieku Ġesù kien magħhom, iżda Ġesù weġibha: "Jiena hu l-qawmien u l-ħajja, min jemmen fija ma jmut qatt, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem". Hija din il-ħajja li nirċievu fil-Magħmudija, u li aħna fid-dmir li ngħożżuha bħala l-aktar ħaġa għażiża li għandna. Għal dan jiswa ħafna l-kliem li jgħidilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum: "Din il-ħajja nistgħu nitilfuha jekk ngħixu skond il-ġisem u mhux skond l-ispirtu". Fil-Magħmudija tagħna l-Ispirtu ssawwab fi qlubna biex inkunu ta' Kristu. Hu l-Ispirtu li jagħtina l-ħajja ġdida li ksibna fil-Magħmudija, u kif l-Ispirtu qajjem lil Kristu mill-imwiet, l-ewwel wieħed fost dawk li raqdu r-raqda tal-mewt, hekkdan l-istess Spirtu li għad iqajjem lilna għall-ħajja ta' dejjem, mhux minnufih, iżda fit-tmiem ta' kollox, meta Kristu jerġa' jiġi b'setgħa u qawwa kbira, imdawwar bl-anġli kollha tiegħu, biex jagħmel ħaqq mid-dinja, u jagħti l-premju ta' dejjem lil dawk kollha li tul ħajjithom fuq l-art għexu dejjem bit-tama tad-dehra tiegħu fil-glorja.

Ħadd il-Palm

# IL-PASSJONI TAL-MULEJ

*Għalkemm il-qari tal-Passjoni tal-Mulej illum itawwal xi ftit il-Quddiesa, dan ma jfissirx li m'għandhiex issir omelija qasira biex jiġi mfisser il-misteru li qed jiġi ċelebrat, għalhekk wara li jintemm il-qari tal-Passju jaqbel li jingħad il-ħsieb li ġej jew ieħor bħalu:*

Biċ-ċelebrazzjoni ta' llum qed infakkru żewġ ġrajjiet tal-Mulej, jew aħjar ġrajja li għandha żewġ aspetti, id-daħla trijonfali ta' Kristu f'Ġerusalemm fost l-għajat ta' ferħ tat-tfal tal-Lhud u l-passjoni li sofra l-Mulej f'Ġerusalemm għas-salvazzjoni tad-dinja. Id-daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm niċċelebrawha fil-bidu tal-Quddiesa b'purċissjoni jew introjtu solenni, waqt li mbagħad il-Quddiesa kollha hi ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Passjoni.

Ġesù daħal Ġerusalemm bħala sultan rebbieħ, iżda r-rebħa tiegħu kellha seħħ permezz tal-passjoni kiefra li ġarrab: kif jgħidilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum Ġesù ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib; ried jidher quddiemna bħala l-Qaddej ta' Jahweh li, skond il-profeta Isaija, ma ħebiex wiċċu mit-tagħjir u ta dahru għal dawk li kienu jsawtuh. Din kienet ir-rieda tal-Missier biex bih il-ġens midneb tal-bnedmin jerġa' jinħabb ma' Alla li ħalqu. Ġesù għadda mit-tiġrib kbir tal-passjoni tiegħu biex kiseb l-isem fuq kull isem u l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, jagħarfuh bħala l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier.

Fil-qari tal-Passjoni llum naraw kif Kristu ċekken lilu nnifsu sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. U hawn tieqaf illum it-tħabbira tal-Knisja biex tħejjina fil-ġranet li gejjin ngħixu ma' Kristu t-tiġrib kollu tal-passjoni tiegħu. Wara dan imbagħad il-Knisja, bħallum tmint ijiem, turina kif Alla għollih u tah l-isem fuq kull isem, għaliex matul il-lejl qabel il-Ħadd li ġej, aħna se naraw lil Kristu ħiereġ mill-qabar rebbieħ u glorjuż fuq id-dnub u l-mewt.

Il-ġrajja ta' Kristu f'dawn il-ġranet tilħaq il-qofol tagħha u naraw marbutin flimkien f'dawn il-ġranet il-kenosis – l-umiljazzjoni – ta' Kristu fuq is-salib bejn żewġ ħallelin u l-glorifikazzjoni tiegħu fi-qawmien tiegħu mill-imwiet – dan hu l-misteru kbir tal-fidi tagħna li aħna nemmnu u nistqarru quddiem id-dinja.

Ħadd il-Għid il-Kbir

# DAN HU L-JUM LI GĦAMEL IL-MULEJ

Matul il-lejl li għadda il-Knisja kienet tishar ħdejn il-qabar tal-Mulej, tistenna li jseħħ dak li kemm-il darba ħabbar il-Mulej lill-Appostli tiegħu meta qalilhom li kien jeħtieġ li jitla' Ġerusalemm biex hemm jingħata f'idejn il-Lhud li jaqtgħuhielu għall-mewt, iżda – żied jgħid – wara tlett ijiem jerġa jqum mill-imwiet.

## *Il-lejl qaddis ta' l-Għid*

Waqt li kienet tistenna li jseħħ dan il-misteru, il-Knisja, mwettqa fit-tama tagħha bl-istedina tad-djaknu biex il-ħolqien kollu jifraħ għax kien wasal biex jintemm iż-żmien ta' l-eżilju bogħod minn Alla, bis-sabar kollu qagħdet tistenna tisma' tidwi madwarha l-għajta tar-rebħa: Hallelujah, hija u timmedita l-ġrajjiet ewlenin li seħħu fl-istorja tad-dinja u wasslu għat-tmiem il-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla. Il-Knisja immeditat il-misteru tal-ħolqien tad-dinja u ta' l-ewwel bniedem, immeditat il-waqgħa tal-bniedem li ried ikun daqs Alla imqarraq mix-xitan; rat kif Alla beda jħejji l-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tal-bniedem bis-sejħa ta' Abraham u fis-sagrifiċċju ta' ibnu li Alla talbu rat x-xbieha ta' Alla l-Missier li offra lil Ibnu għas-salvazzjoni tad-dinja; immeditat wkoll il-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu, ħelsien li seħħ fis-sħuħija tiegħu meta l-Lhud qasmu l-baħar tal-qasab u bdew mexjin lejn l-art imwegħda, u f'din il-ġrajja rat il-ħelsien tal-bniedem mill-jasar tad-dnub u t-twelid tiegħu mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu miexi lejn is-sema pajjiżna; u immeditat ukoll kliem il-profeti mibgħutin minn Alla biex iżommu sħiħa fost il-poplu magħżul ta' Alla t-tama tal-ħelsien mill-jasar tad-dnub. Dan għamlet il-Knisja hija u tishar tistenna t-tħabbira li Kristu qam mill-imwiet, u minn fomm il-Knisja kollha ħarġet l-għajta tar-rebħa: Hallelujah, hallelujah.

## *Ix-xhieda ta' l-Appostli*

Il-ferħ ta' dak il-lejl qaddis kompla jitkattar tul il-jum tal-Ħadd u matul il-ġimgħa kollha ta' l-Għid bi kliem l-evanġelisti l-Knisja turina li Ġesù

qam tassew mill-imwiet. Ġesù, meta rxoxta, ma deherx fost il-folol tan-nies li kienu jmorru warajh biex jisimgħu minn għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem, imma ried jidher biss lill-Appostli u lil xi ftit dixxipli tiegħu, biex iwettaqhom fil-fidi tagħhom fih ħalli mbagħad ikun xhieda tal-qawmien tiegħu quddiem id-dinja.

Fl-Evanġelju ta' llum għandna x-xhieda ta' żewġ appostli tal-Mulej, San Pietru u San Ġwann. Meta xi nisa marru l-Ħadd filgħodu kmieni qabel is-sebħ ħdejn il-qabar u sabuh vojt u dehra ta' anġlu ħabbrilhom li Ġesù kien tassew qam mill-imwiet, dawn in-nisa marru ġirja jagħtu l-aħbar lill-appostli; iżda dawn ma emmnuhomx, hasbu kliem dawk in-nisa bħala tewdin; iżda Pietru u Ġwanni marru jiġru lejn il-qabar – daħal l-ewwel San Pietru, u warajh San Ġwann, u dan meta ra x'kien hemm fil-qabar ra u emmen.

L-istess ġralhom dak in-nhar filgħaxija żewġ dixxipli li kienu sejrin Għemmaus: Ġesù iltaqa' magħhom fit-triq iżda ma għarfuhx; fisrilhom l-Iskrittura u baqgħu għajnejhom magħluqa – għarfuh meta qagħad fuq il-mejda magħhom u qasam il-ħobż,u ġirja waħda marru mill-ġdid Ġerusalemm jagħtu l-aħbar lill-Appostli li kienu għadhom kemm raw il-Mulej fosthom waqt li kienu bil-bibien magħluqa minħabba l-biża' tal-Lhud.

## *Kif se niċċelebraw il-Għid tal-Mulej*

Dawn il-fatti għandhom iwetquna fil-fidi tagħna fi Kristu rxoxt; għalhekk nistaqsu, kif se nuruh dan? Jgħidulna t-tieni qari ta' llum.

Jekk intom irxuxtajtu fi Kristu – u aħna rxuxtajna fi Kristu fil-Magħmudija tagħna meta ndfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex inqumu għall-ħajja ġdida – aħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema u mhux fuq dawk ta' l-art jekk tridu tidħlu miegħu fil-ħajja ta' dejjem meta jerġa' jiġi b'setgħa u qawwa kbira ma' l-anġli kollha tiegħu. Fi kliem ieħor, agħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art li Alla takom, biex tagħmlu l-ġid lil kulħadd u mhux biex tagħmluh l-alla tagħkom. Kunu għaġna ġdida, jgħidilna San Pawl, fl-ittra oħra, warrbu minnkom il-ħmira tal-qerq u tal-ħażen biex tkunu ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa. Fi kliem ieħor, San Pawl qed jgħidilna biex ngħixu skond l-ispirtu u mhux skond il-ġisem; biex inwarrbu minna l-għemejjel tal-qerq u tal-ħażen u nfittxu biss dak li hu verità ġustizzja u sliem.

Hu hekk biss li nkunu niċċelebraw kif jixraq il-misteru tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, jekk irridu li, meta jasal il-waqt, aħna wkoll nirxuxtaw ma' Kristu fil-ħajja ta' dejjem.

It-Tieni Ħadd ta' l-Għid

# TMINT IJIEM WARA

## *Tmint ijiem*

L-Evanġelju ta' llum iħabbrilna dak li ġara tmint ijiem wara li Ġesù qam mill-imwiet, filgħaxija waqt li d-dixxipli kienu miġburin flimkien fiċ-Ċenaklu, bil-bibien magħluqa minħabba l-biża' tal-Lhud. Dak inhar filgħaxija l-Appostli kollha kienu miġburin flimkien; kien hemm ukoll San Tumas, imlaqqam it-Tewmi, li nhar Ħadd il-Għid filgħaxija ma kienx fiċ-Ċenaklu meta Ġesù deher fosthom. Tumas ma riedx jemmen li Kristu kien irxoxta u quddiem kulħadd stqarr li jekk ma jmissx b'idejh il-marki tal-pjagi ma kienx se jemmen li sħabu kienu tassew raw 'il Kristu rxoxt. Tmint ijiem wara għalhekk Ġesù reġa deher fost l-Appostli u l-ewwel ħaġa li għamel kien li juri li San Tumas li hu kien tassew qam mill-imwiet. Qallu "Newwel sebgħek 'il hawn u ara il-pjagi, ġib idek u daħħalha f'ġenbi; qis li ma tonqosx mill-fidi, imma emmen." U quddiem dik id-dehra ta' Ġesù rxoxt, San Tumas emmen, u stqarr il-fidi tiegħu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi". U Ġesù kompla jgħidlu, b'ċanfira ħelwa: "Emmint għax rajt, imma henjin dawk li ma rawx u emmnu".

## *In-nuqqas ta' fidi ta' San Tumas b'tifsira għalina*

Ġesù ppermetta dan in-nuqqas ta' fidi fid-dixxiplu tiegħu minħabba fina biex jgħidilna li m'hemmx għalfejn naraw 'il Kristu rxoxt b'għajnejna, biex nemmnu li hu tassew qam mill-imwiet. San Tumas ra bl-għajnejn tal-ġisem lil Kristu rxoxt quddiemu, ra s-sinjali tal-passjoni tal-Mulej, mess l-pjagi b'idejh u emmen li Kristu kien qam mill-imwiet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. San Tumas emmen mhux għax ra b'għajnejh lil Kristu rxoxt, imma emmen f'dak li kien ħabbar Ġesù lill-Appostli meta kellimhom fuq i-passjoni li kellu jsofri f'Ġerusalemm. Il-fidi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Alla; il-fidi hi dwar veritajiet li ma nistgħux naslu għalihom bir-raġuni tagħna, imma emmnuhom minħabba l-awtorità ta' Dak li jħabbarhomlna, għax nafu u aħna żguri li hu la jqarraq u lanqas jista' jitqarraq. Hu għalhekk li Ġesù qal: "Henjin dawk li ma rawx u

emmnu". Hu mal-fidi fi Kristu rxoxt li huma marbutin id-dmirijiet tagħna bħala nsara, bħala mgħammdin. Ir-raġuni tagħna, li biha aħna nuru li aħna bnedmin ħielsa u responsabbli, hi don li Alla ta lin-natura tagħna, iżda bir-raġuni tagħna biss ma naslux biex nifhmu għaliex Ġesù kellu jbati passjoni l-aktar ħarxa u mewt mill-aktar kiefra biex niksbu l-ħelsien ta' wlied Alla: hu biss bil-fidi li nistgħu naslu biex nifhmu dan u nemmnuh. L-hena tagħna hu li bis-slaleb tal-ħajja u l-mewt biss nistgħu nidħlu fil-glorja ta' dejjem: irridu nsallbu 'l ġisimna bil-ġibdiet u x-xewqat kollha tiegħu biex immutu għad-dnub u ngħixu ħajja ġdida fi Kristu u ma' Kristu u bi Kristu rxoxt. Dan ried ifisser Ġesù meta lil Sant Tumas qallu: "Henjin dawk li ma rawx u emmnu".

## It-tagħlim ta' San Pietru

U dan hu l-qofol tat-tagħlim ta' San Pietru fit-tieni qari ta' llum: il-veritajiet li fuqhom ikellimna San Pietru llum, la darba smajnihom, nistgħu nifhmuhom, iżda ma konniex inkunu nafuhom kieku ma ġewx rivelati lilna. San Pietru qalilna li aħna ninsabu taħt il-ħarsien ta' Alla, u dan m'għandux jaqtalna qalbna jekk tul ħajjitna rridu ngħaddu minn ħafna provi, minn ħafna tiġrib, minn ħafna nkwiet. Din hi t-triq tas-salvazzjoni: irridu ngħixu fuq l-art, mgħobbijin bis-slaleb tagħna, mexjin wara Kristu, li daħal fil-glorja wara l-mewt tiegħu fuq is-salib. Bir-raġuni tagħna dan ma nifhmuhx; trid tkun il-fidi tagħna li tgħidilna li wara li ngħaddu mill-provi ta' din il-ħajja, aħna nistgħu niksbu t-tifħir u l-glorja u l-ġieħ meta Ġesù jerġa' jiġi b'setgħa u glorja kbira biex jagħtina l-premju tal-wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax u ma jintemmx u jibqa' għal dejjem fis-saltna tas-smewwiet. Dan iseħħ għalina bi Kristu li għalkemm jinsab fostna aħna ma narawhx, imma nafu li hu dejjem magħna biex iwettaqna fil-mixi tagħna lejh, anzi hu miexi magħna fi triqtna lejn is-sema. Hi l-fidi tagħna li tiżgurana b'dan, b'din il-verità, li timliena b'ferħ liema bħalu għax nafu li miegħu għad niksbu l-għan tal-fidi tagħna s-salvazzjoni ta' ruħna.

## Kif se jseħħ dan fina

Biex dan iseħħ żgur għalina, irridu ngħixu l-istess ħajja li kienu jgħixu l-ewwel insara ta' Ġerusalemm: l-imġiba kollha tagħhom kienet il-frott tal-fidi ħajja li kellhom, li waslithom biex jaqsmu kull ma kellhom

bejniethom skond il-ħtieġa ta' kulħadd taħt it-tmexxija ta' l-Apostli qaddisa fal-Mulej. Kienu qalb waħda u ferħana, imorru kuljum fit-tempju jitolbu, u jfaħħru lil Alla u jiċċelebraw l-Ewkaristija fi djarhom.

Iż-żminijiet ta' llum huma differenti għal kollox miż-żminijiet ta' l-ewwel insara ta' Ġerusalemm, iżda l-ħajja li kienu jgħixu huma nistgħu ngħixuha aħna wkoll. Kif? billi nżommu l-għaqda ta' l-imħabba bir-rabta tas-sliem, billi nkunu qalb waħda u ruħ waħda bejnietna, f'impenn ta' solidarjetà u ta' għajnuna għall-aħwa f'xi ħtieġa, billi kull ma nagħmlu naħsbu u ngħidu ikunu imqanqlin minn fidi ħajja fil-Mulej Ġesù, li ta ħajtu għalina, biex aħna bħalu nissagrifikaw ruħna għal ħutna fil-bżonn f'kelma waħda billi fil-prattika ngħixu fl-imħabba ta' xulxin – dan jista' jseħħ biss jekk il-fidi tagħna hi qawwija, għax temmnu tassew fi Kristu, u rridu nkunu nixbhuh fis-sentimenti kollha tiegħu ta' ħniena, ta' maħfra, ta' mogħdrija u fuq kollox ta' mħabba.

It-Tielet Ħadd ta' l-Għid

# GĦARFUH FIL-QSIM TAL-ĦOBŻ

## *Nhar l-Għid filgħaxija*

L-Evanġelju ta' llum jħabbrilna dak li ġara dak inhar li Ġesù qam mill-imwiet, filgħaxija meta ltaqa' ma' żewġ dixxipli li kienu sejrin lrjn ir-raħal ta' Għemmaws jiddiskutu u jitħaddtu bejniethom fuq dak li kien ġara Ġerusalemm f'dawk il-ġranet. Ġesù ngħaqad maż-żewġ dixxipli, iżda huma ma għarfuhx, anzi ċanfruh għax staqsiehom għaliex kienu hekk imħassbin huma u jitħaddtu bejniethom. Iż-żewġ dixxipli stagħġbu jisimgħuh jistaqsihom x'ġara, u qalulu... "Int biss il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx kif il-qassisin il-kbar tal-poplu kkundannaw għall-mewt raġel ġust li fih konna nittamaw ħafna, u issa, dalgħodu, xi nisa li marru ħdejn il-qabar tiegħu ħasduna meta ġew jgħidulna li dehra ta' anġli ħabbritilhom li kien qam mill-imwiet." Ġesù ċanfarhom bil-ħlewwa għax ma setgħux jemmnu fl-aħbar li ġabulhom in-nisa li marru ħdejn il-qabar u beda jfissrilhom l-Iskrittura biex jurihom li dak kollu li seħħ f'Ġerusalemm f'dawk il-ġranet kien kollu ġie mħabbar mill-profeti. Baqgħu ma fehmu xejn, iżda malli waslu Għemmaws talbuh jibqa' magħhom għax il-lejl kien daħal sewwa, u qagħad fuq il-mejda magħhom u ħa l-ħobż, qal barka fuqu, u qasmu u tahulhom: imbagħad għajnejhom infetħu u għarfuh fil-qsim tal-ħobż, iżda ma rawhx aktar, u b'ġirja waħda reġgħu lura Ġerusalemm biex jħabbru lill-Appostli li lil Ġesù kienu ltaqgħu miegħu fit-triq ta' Għemmaws, u l-Appostli ħabbrulhom li Ġesù kien għadu kemm deher fosthom ukoll.

## *Id-dehriet ta' Ġesù wara li qam mill-imwiet biex iwettaq l-Appostli fil-fidi*

Dawn kienu l-ewwel dehriet ta' Ġesù wara li qam mill-imwiet, dehriet li seħħu kemm-il darba tul l-erbgħin jum li Ġesù dam fid-dinja qabel reġa' lura għand il-Missier; baqa' fost l-Appostli biex iwettaqhom fil-fidi tagħhom bil-qawmien mill-imwiet, għax kienet verità li ma tantx kienet tinżlilhom – xi wħud minnhom kienu għadhom jiddubitaw kienx tassew qam mill-imwiet dak inhar li rega' lura għand il-Missier.

Kien meħtieġ li Ġesù jwettaq lill-Appostli fil-fidi tagħhom tal-qawmien tiegħu mill-imwiet għax din kellha tkun il-qofol tal-Bxara t-tajba li kellhom iwasslu sa truf l-art kollha; fuq dan il-misteru hi mibnija l-fidi kollha tagħna, u kieku Ġesù ma qamx tassew mill-imwiet, fiergħa tkun il-fidi tagħna, jgħidilna San Pawl, u aħna nkunu l-aktar disgrazzjati fost il-bnedmin għax inkunu qed nibnu l-fidi kollha tagħna fuq ħrafa. Iżda Kristu qam tassew mill-imwiet, u l-Knisja kollha, tul kull żmien dejjem tat xhieda għal din il-verità, u eluf ta' nsara taw xhieda għaliha saħansitra bit-tixrid ta' demmhom, imwettqin bit-tagħlim ta' l-Appostli u b'dak tas-suċċessuri tagħhom tul iż-żminijiet, sa l-aħħar taż-żmien.

Il-verità tal-qawmien mill-imwiet kienet imħabbra fil-Kotba mqaddsa tal-Patt il-Qadim kif urew l-Appostli fix-xandir tagħhom, u kif jgħidilna l-ewwel qari ta' llum mid-diskors li għamel San Pietru nhar Għid il-Ħamsin lill-folla kbira ta' nies li nġabret ħdejn iċ-Ċenaklu araw x'ġara: kien niżel l-Ispirtu s-Santu fuqhom, biex wettaqhom fil-fidi ta' Kristu rxoxt ħalli jkunu xhieda tiegħu sa truf l-art tul iż-żminijiet kollha.

Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, jgħidilna San Pietru fit-tieni qari ta' llum jurina x'siwi kbir kellu għas-salvazzjoni tad-dinja: "kontu mifdijin, jgħidilna l-Appostlu, mill-jasar tax-xitan mhux bd-deheb u l-fidda, imma bid-demm għażiż ta' Kristu mxerred għalina fuq is-salib; miet għalina, ħaruf bla tebgħa u bla ħtija, biex aħna l-ħatjin neħilsu minn kull ħtija u nsaħħu fil-fidi u nkattru t-tama tagħna f'Alla, u nitkebbsu b'imħabba liema bħalha għal Ġesù l-Feddej tagħna."

## *L-ikla ta' Għemmaws u l-Ewkaristija*

Il-ġrajja ta' Għemmaws turina kif dan jista' jseħħ għalina. F'Għemmaws Ġesù tenna dak li kien għamel fiċ-Ċenaklu, awl il-lejl qabel miet għalina: iċċelebra l-Ewkaristija, is-sagrifiċċju tal-Liġi l-ġdida, xbieha u tiġdid tas-sagrifiċċju li offra darba għal dejjem fuq is-salib. Il-ġesti kollha li għamel fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli, il-ġesti li jagħmel waqt l-ikla f'Għemmaws maż-żewġ dixxipli, il-ġesti kollha li għamel is-saċerdot huwa u jġedded fil-Quddiesa is-sagrifiċċju tal-Kalvarju taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, kollha għandhom l-istess tifsira: it-tifkira u tiġdid tas-sagrifiċċju tas-salib, li bih seħħet is-salvazzjoni tagħna u li Ġesù ried li din it-tifkira iġġedded tul iż-żminijiet kollha għas-salvazzjoni tagħna.

Ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid

# JUM TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET

## *Il-messaġġ tal-Papa*

Tul dawn l-aħħar sitta u tletin sena, il-Knisja ta' kull sena tistieden lil-poplu nisrani kollu biex jitlob għal-vokazzjonijiet: din, jgħidilna l-Papa fil-messaġġ ta' din is-sena għall-Jum ta' Talb għall-vokazzjonijiet, hi stedina biex inqisu sewwa aspett mill-aktar fondamentali tal-ħajja tal-Knisja: il-problema tal-vokazzjonijiet għall-ministeru saċerdotali u għall-ħajja konsagrata. Il-vokazzjoni hi dejjem don ta' Alla, u f'din is-sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena d-dieħla, sena dedikata lill-Missier jixraq ħafna li nroddu ħajr lill-Missier li minnu tiġi kull ħaġa tajba u kull don perfett, x'hemm aktar ta' siwi, x'hemm aktar perfett mid-don tal-vokazzjonijiet li l-Missier qatt ma jieqaf jagħti lill-Knisja u lid-dinja?

Alla nnifsu jridna nitolbu għall-vokazzjonijiet, mhux għax hu ma jafx bil-ħtieġa li għandha l-Knisja għall-ħafna vokazzjonijiet, imma jridna nitolbu għalihom biex nifhmu l-ħtieġa tagħhom, ħtieġa li għandna nħossuha dejjem aktar meta nħarsu madwarna u naraw l-għadd tan-nies dejjem jikber waqt li l-għadd tas-saċerdoti u tal-persuni kkonsagrati dejjem qiegħed jonqos. Għalhekk Ġesù jgħidilna, mhux illum biss imma kuljum: Itolbu lil sid il-ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu, għax il-ħsad kbir imma l-ħaddiema ftit.

## *Mhux kulħadd iwieġeb għas-sejħa ta' Alla*

Mhux kull min Alla jsejjaħ iwieġeb għas-sejħat tiegħu: xi wħud jagħmlu bħaż-żagħżugħ għani ta' l-Evanġelju, li kien jgħix ħajja tajba, iżda ma kellux il-kuraġġ iħalli kollox u jmur wara Ġesù, għax qalbu kienet marbuta mal-ġid tad-dinja. Ħafna sejħat tal-Mulej jintilfu għax dawk li jissejħu jew jaqtgħu qalbhom, jew isibu min ifixkilhom u ma jħallihomx iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej, jew għax ikollhom fehma żbaljata dwar it-tħaddim tal-ministeru saċerdotali u l-mod ta' għixien ta' ħajja konsagrata. Alla jsejjaħ

biex dawk li jsejjaħ jaqduh fejn hi l-aktar meħtieġa l-missjoni tagħhom – għas-saċerdot u għall-persuna konsagrata parroċċa hi d-dinja kollha, kull fejn hemm ħtieġa ta' saċerdoti u ta' persuni konsagrati; permezz ta' l-Isqof, il-Mulej juri lis-saċerdot, lill-persuna konsagrata fejn irid jaqdi l-missjoni tiegħu, f'pajjiżu jew bogħod minn pajjiżu fost ġnus oħra li jeħtieġu x-xhieda ta' ħajja nisranija, li għandhom bżonn ragħajja skond il-qalb ta' Alla biex imexxuhom lejn il-mergħat ta' dejjem.

## *Ir-ragħaj it-tajjeb*

Hu proprju għalhekk li l-Knisja għażlet dan il-Ħadd tal-Ragħaj it-tajjeb bħala Jum ta' Talb għall-vokazzjonijiet. Kristu hu r-ragħaj it-tajjeb li jaf in-ngħaġ tiegħu kollha, u lesti jagħti ħajtu għalihom. Hemm ħafna ngħaġ li m'humiex fil-merħla tiegħu, u jixtieqhom fiha biex ikun hemm merħla waħda u ragħaj wieħed – għalhekk ma jieqaf qatt jistieden ħafna qlub ġenerużi biex jaħdmu miegħu taħt it-tmexxija tiegħu bħala ragħjja u għassiesa ta' l-erwieħ, biex mad-dinja kollha kullimkien il-ġnus kollha ta' l-art jitolbu biex jitqaddes l-isem ta' Alla tiġi s-saltna tiegħu, u dejjem isseħħ ir-rieda tiegħu, is-salvazzjoni ta' kulħadd. Għall-bnedmin kollha, jgħidilna San Pietru llum, Ġesù bata u miet: ma għamel ebda dnub, ebda qerq ma kien hemm fih, imma tgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd sa fuq is-salib biex il-bnedmin kollha imutu għad-dnub u jgħixu għall-ġustizzja.

Biex dan iseħħ Ġesù jagħżel u jibgħat il-ministri ordnati tiegħu, biex iħabbru lid-dinja l-imħabba bla qies tal-Missier u jistiednu l-bnedmin kollha għall-indiema; jibgħat il-persuni konsagrati biex bl-imġiba kollha ta' ħajjithom dedikata kollha kemm hi għal-qadi ta' Alla f'ħuthom il-bnedmin jagħtuhom xhieda tal-ħajja oħra ta' hena, imħabba u sliem.

## *It-talba li l-Mulej għallimna*

F'dan il-jum ta' talb għall-vokazzjonijiet, nilqgħu l-istedina tal-Papa biex nimmeditaw it-talba li l-Mulej innifsu għallimna għas-salvazzjoni tagħna: il-meditazzjoni ta' din it-talba żgur turina kemm hi meħtieġa l-qdusija mhux biss fis-saċerdoti u l-persuni konsagrati, imma f'kull nisrani. Id-dinja llum mhux biss teħtieġ saċerdoti qaddisin u persuni li jikkonsagraw ħajjithom kollha għas-servizz ta' Alla, imma teħtieġ ukoll missirijiet u

ommijiet kapaċi jagħtu xhieda tal-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u teħtieġ ukoll żgħażagħ – xebbiet u ġuvintur – li jafu min hu Kristu u ġew imsaħħrin minnu. Jalla sseħħ din il-ħtieġa tad-dinja ta' llum, biex it-tielet elf sena li hi hekk qrib tagħna tkun millennju ta' barka, ġid u sliem għad-dinja kollha fl-għaqda tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Ħames Ħadd ta' l-Għid

# ĠENS MAĦTUR SAĊERDOZJU QADDIS

## *Il-ministeru ordnat u l-ħajja konsagrata*

Il-Ħadd li għadda il-Knisja kollha talbet lil Sid il-ħsad biex ibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu, għax il-ħsad kbir imma l-ħaddiema ftit. Tlabna b'mod speċjali biex ma jonqos qatt fil-Knisja l-ministeru ordnat u l-ħajja konsagrata, iżda llum irridu naħsbu wkoll f'dawk kollha li l-Mulej isejjaħ biex jaħdmu fil-ħsad tiegħu mingħajr ma jkunu ministri konsagrati jew nies li ħaddnu l-beatitudnijiet evanġeliċi, ħa jgħixu ħajja kollha kemm hi konsagrata għall-qadi tal-Mulej.

Fil-Knisja ta' Kristu hemm ħafna ministeri, hemm ħafna ħidmiet li jwasslu għall-bini tal-Knisja ta' Kristu fid-dinja. Dawn il-ministeri u dawn il-ħidmiet l-Ispirtu s-Santu jqassamhom kif irid hu għall-kobor tal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja.

L-ewwel qari ta' llum hu fuq l-għażla ta' l-ewwel seba djakni tal-Knisja: ġew magħżulin minn Alla biex jaqdu ministeru ta' għajnuna lill-Appostli fix-xandir ta' l-Evanġelju u fil-ħsieb tal-foqra u ta' l-imsejknin. Il-missjoni ta' l-Appostli u l-missjoni tad-djakni għadna narawha fil-Knisja fil-ministeru ta' l-isqfijiet, tas-saċerdoti u tad-djakni. Dawn il-ministri ma jagħżlux lilhom infushom għal dan il-ministeru, imma jsejħilhom il-Mulej, jagħżilhom u jaħtarhom u jibgħathom fid-dinja jkomplu l-missjoni tiegħu.

Iżda l-Mulej ma jsejjaħx biss għal-ministeru ordnat, isejjaħ ukoll għall ħajja konsagrata, jiġifieri jsejjaħ ħafna qlub ġenerużi lesti biex iħallu kull ma għandhom ħa jaqdu biss lill-Mulej f'ħuthom fil-bżonn jew f'ħajja ta' ċaħda u ta' penitenza bi tpattija għal ħtijiet tad-dinja.

## *Ministri oħra*

Imma la dawk imsejħin għall-ministeru ordnatu u lanqas dawk imsejħin biex jgħixu ħajja konsagrata ma huma l-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu. Lil dawn ukoll il-Mulej isejħilhom biex jagħtu xhieda tiegħu bil-ħajja li

huma jgħixu kuljum fid-dinja, jaqdu d-dmirijiet tagħhom bħala bnedmin, bħala missirijiet u ommijiet, bħala ulied U l-missjoni tagħhom hija li jinbnew f'dar spiritwali, f'tempju tal-Mulej, fejn ikunu bħal ġebel ħaj, ħalli joffru vittmi spiritwali li jogħġbu lil Alla b'Ġesù Kristu. Fi kliem ieħor San Pietru qed jistedinna biex ngħixu ħajjitna f'rabta sħiħa mal-Mulej Ġesù aħna u nagħmlu għemil ta' ġid ma' ħutna l-bnedmin, l-aktar dawk f'xi ħtieġa, biex hekk infaħħru lil Alla. Il-ħidma ta' l-insara kollha fi Kristu, San Pietru jxebbaħ ma' bini ta' dar spiritwali li tagħha Kristu hu l-gebla tax-xewka, jiġifieri li Kristu bil-grazzja u l-ħidma tiegħu jżomm l-għaqda bejn dawk kollha li huma tiegħu. U kif meta bini mhux mibni sewwa, il-ġebla li torbot il-binja tiġġaraf u toqtol lil kull min ikun ġewwa, hekk Kristu jagħmel ħaqq lil dawk kollha li wara li għażlu li jimxi warajh jiċħduh. Iżda dan mhux se jiġri lilna jekk ma nonqsux mill-fedeltà tagħna lejh, jekk inkunu tassew għalih ġens maħtur, saċerdozju regali, nazzjon qaddis, poplu miksub biex inxandru l-għeġubijiet ta' dak li sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb

## *Id-dgħufija tagħna*

Aħna nifhmu sewwa dan id-dmir tagħna, nifhmu li qatt ma għandna nonqsu mill-fedeltà tagħna len Kristu l-Mulej, iżda fl-istess ħin nħossu li aħna bnedmin dgħajfa u malajr nistgħu nonqsu minn din il-fedeltà tagħna. Iżda meta jiġuna ħsibijiet bħal dawn tad-dgħufija tagħna, il-Mulej iqawwilna qalbna u jgħidlna... "Tħallux qalbkom titħawwad, emmnu f'Alla u emmnu fija wkoll. Tonqsu qatt mill-fedeltà tagħkom lejja biex meta nerġa niġi b'setgħa u qawwa kbira neħodkom miegħi fil-mergħat ta' dejjem." Aħna nemmnu f'dan il-kliem tal-Mulej, u nafdaw fl-għajnuna tiegħu biex ma nintrebħu qatt mit-tiġrib tax-xitan li jipprova jbegħdna mit-triq li twassalna fis-sema pajjiżna.

## *Kristu huwa t-triq*

It-triq hija Kristu nnifsu, kif hu stess stqarr lill-Appostli meta talbuh jurihom it-triq li twassalhom fid-dar tal-Missier tas-sema. "Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja" qalilhom. Kristu huwa t-triq li twassal fis-sema pajjiżna: rabta sħiħa biss ma' Kristu tgħinna nirbħu it-tfixkil kollu li miegħu niltaqgħu fil-mixi tagħna f'din id-dinja; huwa t-triq waħdanija li twassalna

fis-sema pajjiżna għax hu biss għandu l-verità li ssalva, dik il-verità li hu rrivelalna meta kien fostna fid-dinja u li ħalla f'idejn il-Knisja biex twassalha sa truf l-art kollha, ħalli l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħha. Imwettqin fil-verità mħabbra minn Kristu u mxandra mill-Knisja aħna resqin lejn il-ħajja ta' dejjem, lejn Ġesù li hu l-ħajja tagħna. F'din id-dinja stess aħna magħqudin ħaġa waħda miegħu, jekk inkunu fidili għas-sejħat tiegħu, iżda din l-għaqda mal-ħajja li hu Kristu, tilħaq il-milja tagħha fil-glorja tas-smewwiet, li aħna lkoll b'tama qawwija meta jasal il-waqt għad niksbuha fil-milja kollha tagħha.

Is-Sitt Ħadd ta' l-Għid

# IL-WEGĦDA TA' L-ISPIRTU S-SANTU

## *Il-wegħda ta' Ġesù*

Ġesù, waqt l-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata għalina, huwa u jkellimhom ħabbrilhom li kien sejjer lura għand il-Missier, iżda ma kienx se jħallihom iltiema għax kien se jibgħatilhom Difensur ieħor li jibqa' dejjem magħhom sa l-aħħar taż-żmien. Id-Difensur li wiegħed Ġesù lill-Appostli kien l-Ispirtu s-Santu li kellu jfakkarhom f'kull ma kien irrivelalhom il-Mulej tul it-tliet snin li kienu miegħu u li kellu jieqaf magħhom fit-tiġrib li kienu se jġarrbu minħabba fih: "Itellgħukom quddiem is-slaten u l-imħallfin ta' l-art minħabba fija", qalilhom Ġesù, "u tiġu mixlija minħabba għemilkom; jistaqsukom u jgħarblukom fuq it-tagħlim tagħkom, iżda f'dak il-waqt mhux intom tkunu twieġbu għall-akkużi li jsriulkom, imma jkun l-Ispirtu s-Santu li jitkellem permezz tagħkom." U żied jgħidlhom ukoll li kien jeħtieġlu jerġa' lura għand il-Missier għax hekk biss kien jista' jibgħatilhom l-Ispirtu s-Santu li wegħedhom.

L-Appostli irċevew l-Ispirtu s-Santu wara li Ġesù qam mil-imwiet u reġa' lura għand il-Missier; irċevewh għaxart ijiem wara t-tlugħ tal-Mulej fis-sema, ħamsin jum wara l-festa ta' l-Għid il-Kbir, nhar Għid il-Ħamsin, il-Pentekoste, li kienet ukoll festa kbira għal-Lhud.

Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli ġabet bidla kbira fihom; ma baqgħux aktar bnedmin beżżiegħa, imma bil-kuraġġ kollu ħarġu fost in-nies iħabbrulhom li Ġesù kien il-Messija mħabbar mill-profeti, u wettqu x-xhieda tagħhom bit-tixrid ta' demmhom.

## *L-Ispirtu s-Santu niżel fuq il-Knisja*

L-Ispirtu s-Santu ma niżilx biss fuq l-Appostli, imma niżel fuq il-Knisja kollha, u kienu l-Appostli li bit-tqegħid ta' idejhom taw l-Ispirtu s-Santu lil dawk kollha li twieldu mill-ġdid, bdew jgħixu ħajja ġdida fi Kristu, permezz tal-Magħmudija. Dan għamluh l-Appostli waqt il-ħidma kollha

tagħhom għax-xandir ta' l-Evanġelju; dan narawh fl-ewwel qari ta' llum. Wieħed mis-seba' djakni li kienu għażlu l-Appostli biex jgħinuhom fil-missjoni tagħhom kien Filippu. Folol kbar f'belt tas-Samarija, kienu jmorru jisimgħuh u kien hemm ferħ kbir fost in-nies minħabba l-ħidma tiegħu. U meta l-Appostli semgħu x'kien qed isir fis-Samarija bagħtu lil San Pietru u lil San Ġwann biex iwettqu fil-fidi lil dawk li laqgħu t-tħabbira tal-bxara t-tajba li waslilhom Filippu. Iżda mbagħad meta l-Appostli staqsew lil dawk in-nies kinux rċevew l-Ispirtu s-Santu, dawn wieġbu li lanqas qatt ma kienu semgħu biss. Għalhekk l-Appostli qiegħdu idejhom fuqhom u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.

Dan il-ġest tat-tqegħid ta' l-idejn għamluh kemm-il darba l-Appostli biex jagħtu l-Ispirtu s-Santu lil min ikun tgħammed; u baqgħu l-istess is-suċċessuri tagħhom sa llum u se jibqgħu jagħmlu dan sa l-aħħar taż-żmien biex hekk iseħħ kliem il-Mulej lil Appostli meta wegħedhom li jibgħatilhom l-Ispirtu s-Santu.

## *L-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu u l-ħarsien tal-Kmandamenti*

Ġesù rabat l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu mal-ħarsien tal-kmandamenti, ħarsien imqanqal mill-imħabba ta' Kristu: "Jekk tħobbuni tħarsu l-kmandamenti tiegħi"; mbagħad kompla jgħidilhom, "Min iħobbni, Missieri jħobbu, u jiena nħobbu u nuri lili nnifsi lilu u jiena nkun fih". Ġesù b'dan il-kliem ħabbar x'kienet se tkun il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja: bih jitqaddsu dawk li jemmnu, bih jingħaqdu ma' Ġesù u jkunu ħaġa waħda miegħu, bih jkollhom sehem mill-istess ħajja ta' Alla. U dan kollu seħħ wara li Ġesù qam mill-imwiet. Dan fissru Ġesù meta qalilhom li mhux se jarawh aktar bniedem bħalhom, imma għad jerġgħu jarawh għax huwa jgħix, imqajjem mill-imwiet b'ġisem igglorifikat bis-sebħ tas-sema, dak is-sebħ li għad ikun ukoll tagħhom jekk jibqgħu fih, kif hu fil-Missier.

## *Dmir tagħna*

Dan għad iseħħ għalina lkoll jekk nibqgħu dejjem fidili fil-qadi ta' Alla,kif wegħednih fil-Magħmudija tagħna; aħna fid-dmir li nżommu din il-wegħda tagħna b'radd ta' ħajr għal dak kollu li għamel il-Mulej għas-salvazzjoni tagħna: konna nies inġusti, ngħixu fil-ħażen, iżda hu ressaqna lejn Alla bil-mewt tiegħu fil-ġisem u kisbilna l-ħajja ġdida fir-ruħ. Hu

dmir tagħna għalhekk, jgħidilna San Pawl, li nżommu safja l-kuxjenza tagħna biex ħadd ma jmaqdar 'il Kristu minħabba l-imġiba ħażina tagħna. Għalhekk bħala il-magħżulin ta' Kristu, mimlijin b'tama sħiħa fil-wegħdiet tiegħu, inkunu nistgħu nagħtu tweġiba xierqa lil dawk kollha li jitolbuna kont ta' l-imġiba tagħna. Id-dinja ma tifhimx għax in-nisrani veru lest jilqa' bis-sabar kull tiġrib li jiġi fuq, jissagrifika ruħu u jagħmel penitenzi għat-tpattija tad-dnubiet tiegħu u ta' l-oħrajn – tasal biex tifhem dan jekk nagħtuha sodisfazzjon ta' din l-imġiba tagħna, imġiba li m'hijiex ħaġ'oħra ħlief il-qima lejn Kristu il-Mulej, qima li nuruha billi infitxu li kunu dejjem xebh ma' Kristu f'ħajjitna fid-dinja.

Is-Seba' Ħadd ta' l-Għid

# TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA

## *Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi*

Meta l-Knisja tiċċelebra l-misteri tas-salvazzjoni tagħna, meta tfakkar fil-liturġija tagħha l-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja tal-Mulej bħala bniedem fid-dinja, ma tkunx tagħmel tifkira ta' ġrajja li seħħet elfejn sena ilu u xejn aktar. Il-Knisja tfakkar il-ġrajjiet tal-Mulej mhux bħala ġrajjiet li seħħu darba fl-imgħoddi mbiegħed, imma tgħixhom fil-milja kollha tagħhom kull sena, kull darba li tiċċelebrahom. Għalhekk illum il-Knisja mhux qed tħabbrilna li elfejn sena ilu, minn fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, barra Ġerusalemm, Ġesù ittieħed minn fost l-Appostli u rega' lura għand il-Missier, waqt li l-Appostli baqgħu jħarsu 'il fuq miblugħin, sakemm żewġ anġli ġabuhom f'sensihom u reġgħu lura Ġerusalemm jaraw x'se jiġri, kif kien sejjer iseħħ kull ma qalilhom il-Mulej huma u mexjin miegħu minn Ġerusalemm sa fejn l-għolja taż-żebbuġ.

## *Tħabbira ta' ġrajja biex ngħixuha mill-ġdid*

Dan kollu smajnieh mill-ewwel qari tal-Quddiesa, iżda dan il-qari ġie mħabbar lilna mhux bħala ġrajja ta' l-imgħoddi, imma ġie mħabbar lilna biex nerġgħu ngħixuh flimkien mal-Knisja kollha. Il-Knisja qed tistedinna llum nissieħbu ma' l-appostli huma u mexjin ma' Ġesù attenti għal dak li kien qed jgħidilhom. Bħalhom nistaqsu lil Ġesù meta kien se jwaqqaf mill-ġdid is-saltna ta' Iżrael. Iva, il-mistoqsija tagħna ma għandhiex l-istess tifsira li kellha fi ħsieb l-Appostli, Il-ħsieb tagħna dwar it-twaqqif tas-saltna ta' Iżrael huwa ieħor; aħna rridu nkunu nafu meta l-Knisja se toħroġ rebbieħa fuq is-setgħat tal-ħażen, meta se jintemmu il-persekuzzjonijiet, meta l-ġustizzja u s-sliem se jħaddru fuq l-art. It-tweġiba li jagħtina Ġesù hi dik l-istess li ta lill-Apostli "M'hijiex biċċa tagħkom li tkunu tafu l-jum u ż-żmien li l-Missier żamm fis-setgħa tiegħu, iżda intom wara li tirċievu l-Ispirtu s-Santu kunu xhieda tiegħi quddiem id-dinja". Fi kliem ieħor Ġesù qiegħed jgħidilna li ma noqogħdux inħabblu rasna dwar meta se jseħħu l-wegħdiet kollha tiegħu – iseħħu żgur, iżda meta jrid Alla l-Missier; min-naħa tagħna aħna biss fid-dmir li nobdu l-

kmandament tal-Mulej, dak il-kmandament li ta lill-Appostli qabel tela' fis-sema, kmandament li tħabbrilna fl-Evanġelju ta' llum. Dak li Ġesù qal lill-Appostli fuq l-għolja taż-żebbuġ qed jgħidu lilna; qalu lilna waqt il-qari ta' l-Evanġelju: "Morru fid-dinja kollha għallmu lill-ġnus kollha, għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien; ara jiena magħkom sa l-aħħar taż-żmien."

## *L-ordni tal-Mulej*

L-ordni tal-Mulej hu ċar biżżejjed: qed isejħilna biex nagħtu xhieda tiegħu quddiem id-dinja, biex, kif smajna l-Ħadd li għadda, nagħtu sodisfazzjon tat-tama tagħna lil kull min jistaqsina fuqha. B'liema mod se nagħmlu dan? Mhux kulħadd għandu s-sejħa għall-ħidma missjunarja, mhux kulħadd hu msejjaħ biex ikun saċerdot jew reliġjuż, imma kulħadd hu msejjaħ biex jagħti xhieda għal Kristu. Kif? F'dawn l-aħħar snin il-Knisja għażlet is-seba' Ħadd ta' l-Għid bħala Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali, biex twassalna ha nintebħu kemm dawn il-mezzi huma adatti biex aħna nobdu l-ordni tal-Mulej li nkunu xhieda tiegħu quddiem id-dinja u nwasslu l-bnedmin kollha għall-ubbidjenza tal-fidi. Huma mezzi li d-dehen u l-għaqal tal-bniedem sab biex itejjeb dejjem aktar ir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom u jsaħħaħ l-għaqda u l-paċi fosthom. Iżda dawn il-mezzi jistgħu jisfaw ta' ħsara jekk jintużaw ħażin, jekk jintużaw minn nies bla skrupli li moħħhom biss biex iġibu 'l quddiem l-interessi tagħhom, meta ma għandhomx il-ħsieb ukoll li jxerdu l-ħażen. Għalhekk hu meħtieġ għassa dejjem sejra biex dawn il-mezzi ma jkunux ta' ħsara, imma ta' għajnuna għall-ekukazzjoni ta' kulħadd f'dak li hu tajjeb u qaddis, u fil-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ ħa jkunu nies onesti, sinċieri u solidali mal-bnedmin kollha, speċjalment ma' dawk fil-bżonn.

Bħala nsara aħna lkoll, u speċjalment dawk li huma mpenjati b'xi mod jew ieħor fil-qasam tal-mass media, aħna fid-dmir li nagħmlu użu tajjeb minn dawn il-mezzi ħa jkunu f'idejna strumenti għax-xandir ta' l-Evanġelju, għat-tħabbira ta' ċiviltà ta' mħabba, għal tkattir ta' spirtu ta' solidarjetà ma' kull min qed ibati fid-dinja. Meta nkunu qed nagħmlu dan l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huwa mezz li bih inkunu nobdu l-ordni li qed jagħtina l-Mulej illum ħa nkunu appostli tiegħu fil-millennju l-ġdid li dalwaqt jasal fostna.

It-Tmien Ħadd ta' l-Għid

# GĦID IL-ĦAMSIN

## *Ngħixu l-misteru tal-fidi*

Bħall-Ħadd li għadda, illum ukoll il-Knisja tridna ngħixu magħha mill-ġdid il-misteru ta' Għid il-Ħamsin. Dak li seħħ fiċ-Ċenaklu nhar l-ewwel Għid filgħaxija seħħ fil-Magħmudija tagħna, u jseħħ kull darba li niltaqgħu mal-Mulej għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. F'kull laqgħa miegħu l-Mulej jagħtina l-paċi tiegħu biex tkun dejjem magħna ħalli mbagħad qabel ninfirdu minn xulxin u kull wieħed u waħda minna jmur jaqdi l-ħidma tiegħu ta' kull jum fid-dinja, insellmu lil xulxin u jixtiequ lil xulxin il-paċi tal-Mulej u ta' Kristu.

Nhar l-ewwel Għid, Ġesù wara li ta l-paċi tiegħu lill-Appostli qalilhom ukoll: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom. Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Lil dawk li taħfulhom dnubithom, ikunu maħfura, lil dawk li żżommuhomlhom, ikunu miżmuma". Aħna l-Ispirtu s-Santu rċevejnih fil-Magħmudija tagħna u rċevejna s-siġill tad-don tiegħu fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni: kliem Ġesù fl-Evanġelju ta' llum ifakkarna f'dan u jistedinna nħossu fina l-qawwa kollha ta' l-Ispirtu s-Santu biex naqdu l-ordni tal-Mulej li nkunu xhieda tiegħu fid-dinja, b'mod speċjali meta aħna naħfru lil min hu ħati għalina.

## *Għid il-Ħamsin*

Dak li ġara fiċ-Ċenaklu nhar l-ewwel Għid il-Ħamsin, jiġri mill-ġdid kull darba li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u b'mod speċjali qed jiġri llum, f'dan il-waqt li fih il-Knisja qiegħda tgħix mill-ġdid il-misteru ta' Għid il-Ħamsin. Miġburin għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa aħna bħall-Appostli magħqudin f'xirka waħda ta' mħabba nistennew id-dehra tal-kbir Alla u Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Mhux se narawh kif rawh l-Appostli meta deherilhom wara li qam mill-imwiet, imma se ningħaqdu ħaġa waħda miegħu fit-tqarbin imqaddes, u dan bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li bla heda jissawwab fina, kif wegħedna l-Mulej. Dan għaliex lil kull wieħed minna, kif jgħidilna San Pawl, ġiet

mogħtija lilna d-deħra ta' l-Ispirtu s-Santu mhux għall-ġid tagħna biss, imma għall-ġid tal-komunità tagħna kollha.

### *Tgħammidna fi Spirtu wieħed*

L-Ispirtu s-Santu mogħti lilna b'mod solenni fil-Konfermazzjoni jibqa' jingħatalna tul ħajjitna kollha biex jgħaqqadna flimkien bil-qawwa ta' dik l-imħabba li ssawwbet fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna. Aħna lkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed jgħidilna San Pawl biex inkunu ġisem wieħed, il-Ġisem mistiku ta' Kristu; dan l-Ispirtu aħna nżommuh dejjem ħaj fina jekk nixorbu minn Spirtu wieħed, kif jgħid San Pawl. Dan iseħħ għalina meta t-tisħib tagħna fil-misteri qaddisa jilħaq il-qofol tiegħu fit-tqarbin, meta ningħaqdu u nsiru ħaġa waħda ma' Kristu, hekk li nkunu nistgħu ngħidu ma' San Pawl: "Ngħix jien, mma mhux jien, għax jgħix fija Kristu". Din ukoll hi ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. U dan jurina kemm kien minnu kliem Ġesù meta kif smajna l-Ħadd li għadda, li mhux se jħallina ltiema mma se jagħtina Difensur ieħor li jibqa' magħna għal dejjem, l-Ispirtu qaddis tiegħu, biex aħna ngħixu dejjem mal-Missier bi Kristu fl-Ispirtu s-Santu.

### *Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu*

L-Ispirtu s-Santu hu dejjem magħna, Spirtu ta' verità u ta' qawwa, Spirtu ta' qdusija u għaqda, Spirtu ta' mħabba, ġustizzja u sliem: hu jfarraġna fin-niket kollu tagħna, hu jdawwal id-dlamijiet ta' ruħna biex naraw tiddi għalina l-verità ta' Alla, jqawwina fid-dgħufija tagħna, u jdawwalna bid-dija tad-dawl tiegħu, inaddafna minn kull tebgħa ta' dnub, irattab l-ebusija ta' qalbna, iħeġġiġna f'kull ħidma ta' ġid u mħabba. Nitolbuh għalhekk illum u dejjem bil-ħeġġa kollha ta' qalbna u ngħidulu: "Ejjew, Spirtu Qaddis, ejja imla l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek. Amen, hallelujah".

Id-Disgħa Ħadd tas-Sena

# IT-TRINITÀ QADDISA

## *Il-misteru tat-Trinità*

Issa li l-Knisja temmet iċ-ċelebrazzjoni għal din is-sena tal-ġrajjiet ewlenin tal-misteru tas-salvazzjoni, se tistedinna tul il-ġimgħat li ġejjin, bħala tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, biex nimmeditaw fuq dak li għamel u għallem il-Mulej Ġesù tul it-tliet snin tal-ħajja pubblika tiegħu fl-Art Imqaddsa. Iżda qabel dan il-Knisja tistedinna biex magħha niċċelebraw żewġ misteri kbar tal-fidi tagħna, il-misteru tat-Trinità Qaddisa u l-Misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Il-misteru tat-Trinità Qaddisa hu l-misteru kbir tal-fidi tagħna, li ġie mgħarraf lill-bnedmin biss fil-milja taż-żminijiet, u ġie rivelat minn Ġesù nnifsu u fdat lill-Apostli biex iħabbruh lid-dinja kollha. Kien Ġesù li rrivela l-misteru meta ħabbar li hu u l-Missier kienu ħaġa waħda u li kull min jara lilu kien jara l-Missier ukoll u kliem ieħor bħal dan. San Pawl ukoll fl-ittri tiegħu ikellimna fuq il-misteru moħbi tul iż-żminijiet u li issa hu ġie magħżul biex ixandru lid-dinja. Iżda la l-kliem tal-Mulej dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-Missier u dwar l-Ispirtu s-Santu li hu wiegħed lill-Appostli, lanqas kliem San Pawl dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità ma jfissrulnix il-misteru kif insibuh imniżżel fil-Katekiżmu jiġifieri li Alla hu wieħed, iżda hemm Tliet Persuni f'Alla wieħed, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, tliet Persuni magħżulin minn xulxin ndaqs fil-kobor, għalkemm din il-verità tidher ċara fil-Kotba tat-Testment il-Ġdid, u fil-ħjiel li jagħtuna l-Kotba tat-Testment il-Qadim, speċjalment il-Kotba ta' l-Għerf.

## *It-tħabbira tal-misteru fil-liturġija*

Il-liturġija tal-Knisja hija u tiċċelebra dan il-misteru ma tħabbrilniex il-misteru kif insibuh fil-katekiżmu, għalkemm il-prefazju tal-festa jersaq xi ftit għall-kliem tiegħu. Il-liturġija tal-Knisja tħabbrilna l-misteru bil-mod kif insibu fil-kotba mqaddsa u mbagħad, imqawwijin bil-fidi u mmexxijin mill-Knisja nagħrfu il-misteru, li l-Knisja tħabbru lilna, hija u tiċċelebrah. Tgħidilna li tul iż-żmien kollu tat-Testment il-Qadim, Alla ta xi ħjiel tal-misteru, iżda ġie rivelat biss fis-sħuħija kollha tiegħu fit-Testment il-Ġdid,

u l-Knisja permezz tal-qari mill-Kotba Mqaddsa tħabbar il-misteru lill-poplu ta' Alla ta' kull żmien.

## *It-tħabbira tal-kobor ta' Alla*

Jekk nieħdu s-siltiet li l-Knisja tħabbrilna llum fil-festa tat-Trinità Qaddisa naraw kif dan il-misteru kbir ġie mħabbar minn Alla lid-dinja. Nieħdu l-qari ta' din is-sena, l-ewwel qari hu mill-Ktieb ta' Esodu. F'dan l-ewwel qari m'hemmx imsemmi il-misteru tat-Trinità, imma hemm biss it-tħabbira tal-kobor ta' Alla. Alla hu hekk kbir li bniedem qaddis jogħġob lil Alla bħal Mosè, ma setax jarah, biss semgħu jgħidlu li hu Alla li jagħder u jaħfer, tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u ħniena, dejjem lest jaħfer il-ħtijiet ta' poplu rasu iebsa, jekk sogħbien u niedem jitlob ħniena. Quddiem ir-rivelazzjoni tat-tjieba u l-ħniena ta' Alla aħna ma nistgħux ħlief imberkuh u nfaħħruh u nsebbħuh fuq kollox u dejjem.

## *It-tħabbir tal-misteru*

Il-qari mill-Ittra ta' San Pawl lill-Korintin u l-Evanġelju ta' San Mattew iħabbrulna l-misteru għax isemmu t-Tliet Persuni: San Mattew jurina li l-opra tas-salvazzjoni tagħna hi opra ta' Alla, u jgħidilna li, bi kliem li jista' jifhmu l-bniedem, it-Tliet Persuni kellhom sehem fl-opra tal-Fidwa ta' Alla wieħed. Alla l-Missier bagħat lil Ibnu fid-dinja mhux biex jagħmel ħaqq minnha imma biex bih issalva u l-bniedem li jemmen dan jikseb il-ħajja ta' dejjem. L-Ispirtu s-Santu sa hawn ma jissemmiex iżda minn kliem ieħor ta' Ġesù, l-aktar mill-kliem fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli, nafu li d-don tat-twemmin u l-ħajja ta' dejjem jinkisbu bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fina li bħala Difensur tagħna mibgħut minn Ġesù jieqaf magħna tul il-mixi tagħna fid-dinja lejn is-sema pajjiżna. Dan jurih ċar ħafna San Pawl bit-tislima li biha jagħlaq l-ittra tiegħu lill-Kolossin: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll". Fi kliem ieħor San Pawl qed jgħid lill-Korintin li Alla se jkun dejjem magħhom bil-grazzji tiegħu, bl-imħabba tiegħu u bid-don ta' l-għaqda li żżommhom marbutin ma' xulxin u ma' Alla b'rabta liema bħalha li tegħleb kull firda li jista' jġib il-Ħażin fost il-bnedmin.

Aħna u nroddu ħajr lil Alla li għoġbu jirrivelalna l-misteru tal-ħajja intima tiegħu, jiġifieri l-misteru tiegħu ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni nitolbu lilu li hu Alla ta' l-imħabba u s-sliem jibqa' dejjem magħna tul ħajjitna kollha.

L-Għaxar Ħadd tas-Sena

# IL-MISTERU TAL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ

Ir-Rivelazzjoni tal-misteru tat-Trinità qaddisa kien għemil li wriena l-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, għax Alla ried jirrivela l-ħajja intima tiegħu u jurih li hu verament imħabba fih innifsu. Il-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej hu wkoll rivelazzjoni ta' l-imħabba ta' Alla għalina: Alla l-Missier bagħat lil Ibnu fid-dinja għas-salvazzjoni tagħna u wara li temm il-missjoni tiegħu ta' fidwa għall-bniedem u reġa' lura għand il-Missier, riedu b'għemil ta' l-għaġeb jibqa' mal-poplu li kiseb għalih biex ikun ikel u xorb għalih fil-mixi tiegħu lejn is-sema, li bi Kristu, infetħet mill-ġdid għall-bniedem.

## *Il-kobor tal-misteru ewkaristiku*

Kliem San Pawl fit-tieni qari ta' llum, jurina l-kobor tal-misteru li l-Knisja qed tiċċelebra llum, il-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, l-Ewkaristija. X'inhi għalina l-Ewkaristija? Hi s-Sagrament ta' l-għaqda bejnietna u ma' Alla. Nimmeditaw ftit flimkien kliem San Pawl. X'jgħidilna: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex xirka mad-demm ta' Kristu? u l-ħobża li naqsmu m'hijiex xirka mal-ġisem ta' Kristu?" X'ifisser dan il-kliem? Qed iħabbrilna l-qofol tal-misteru ta' l-Ewkaristija li sseħħ waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, waqt il-Quddiesa: meta Kristu fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli, meta s-saċerdot huwa u jqaddes jgħid fuq il-kalċi bl-inbid it-talba tal-barka, it-talba ewkaristika li matulha jingħad u jsir dak li għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla, l-inbid ma jibqax inbid, imma jibidel fid-demm ta' Kristu; l-istess ħaġa ngħidu għall-ħobża ewkaristika, l-ostja: ma tibqax aktar ħobż, imma tinbidel fil-ġisem ta' Kristu; u meta aħna nitqarbnu nirċievu 'l Kristu kollu kemm hu fina u jgħaqqadna miegħu u jibdilna fih. U mhux dan biss iseħħ, għaliex magħqudin ma' Kristu, ningħaqdu lkoll flimkien f'xirka waħda ta' mħabba. U dan jgħidulna San Pawl ukoll: aħna li nieħdu sehem minn ħobża waħda – il-ħobża ewkaristika li hi dejjem waħda, aħna nsiru lkoll ġisem wieħed fi Kristu lkoll kemm aħna.

## *Kliem il-Mulej*

Dan l-għemil ta' l-għaġeb li jseħħ fina kull darba li nissieħbu fl-Ewkaristija u nieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej jseħħ minħabba dak li qal Ġesù lin-nies wara l-miraklu tat-tkattir ta' ftit ħobżiet u żewġ ħutiet. Kliem Ġesù mhux biss ifisser kliem San Pawl, iżda jgħidilna ukoll li l-Ewkaristija tagħtina r-rahan tal-ħajja ta' dejjem. San Pawl jgħidilna li fl-Ewkaristija nsiru xirka mal-ġisem u d-demm ta' Kristu. Dan Ġesù jfissru meta jgħidilna ġismu hu ikel tassew u demmu huwa xorb tassew, huwa l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, il-ħobż li huwa ġismu għall-ħajja tad-dinja. Iżda Ġesù jkompli jgħid li meta aħna nieklu ġismu u nixorbu demmu jkollna l-ħajja ta' dejjem u hu jqajjimna fl-aħħar jum biex jagħtina l-premju ta' dejjem – fi kliem ieħor qed jgħidilna li l-Ewkaristija hija rahan għalina tal-ħajja ta' dejjem: biha tinżera fina l-qawwa li twassalna għall-qawmien mill-imwiet wara li tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja.

## *Il-Manna, xbieha ta' l-Ewkaristija*

Ġesù jkompli jiżgurana bil-qawwa ta' l-Ewkaristija, meta jgħidilna li hu biss huwa l-ħobż tassew li niżel mis-sema. Il-Lhud fil-vjaġġ tagħhom fid-deżert wara l-ħelsien mill-Eġittu, tul l-erbgħin sena tal-mixi tagħhom, qatt ma naqsilhom il-ħobż mis-sema li kienu jsejħulu manna, għax ma kinux jafu x'inhu. Iżda l-manna ma kinitx il-ħobż tassew li niżel mis-sema, kienet biss xbieha u simbolu tal-ħobż tassew li niżel mis-sema. Il-Lhud fid-deżert kielu l-manna, imma lkoll mietu u ma daħlux fl-Art imwegħda minħabba r-ras iebsa tagħhom, imma minn jiekol il-ħobż tassew li niżel mis-sema jgħix għal dejjem. Din wegħedna Kristu, li kull nhar ta' Ħadd, fil-jum tiegħu, jistedinna għall-ikla miegħu, biex iqassmilna l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, ġismu għall-ħajja ta' dejjem; jistedinna, jekk irridu, ningħabru kuljum madwar il-mejda tiegħu, għax irid li l-mejda ewkaristika tkun għalina l-qofol ta' ħajjitna. Inroddulu ħajr għax fil-kobor bla qies ta' mħabbtu għalina ried iħallilna tifkira għażiża tiegħu, billi jkun ikel ta' ruħ, jimliena bil-grazzji tiegħu u jagħtina r-rahan tal-ħajja ta' dejjem.